# IS-SEBA'
# KNEJJES
# TA'
# L-ASJA MINURI

**(Rivelazzjoni 2—3)**

**Minn**
**George Ebejer**

# IL-KTIEB TA’ RIVELAZZJONI

## IS-SEBA’ KNEJJES TA’ L-ASJA MINURI
## (Rivelazzjoni 2—3)

## INTRODUZZJONI

It-Testment il-Ġdid huwa mimli bl-ittri: Wieħed-u għoxrin mis-sebgħa-u għoxrin ktieb fit-Testment il-Ġdid huma ittri lill-knejjes u individwi. Kollha huma espressjo-nijiet ta’ l-imħabba u l-kura tal-Mulej għall-poplu Tiegħu. L-aħħar ittri li Hu kiteb jinsabu fil-ktieb li aħna qegħdin nistudjaw: il-Ktieb ta’ Rivelazzjoni. F’kapitli 2 u 3, aħna nsibu seba’ ittri minn Ġesù lill-kon-gregazzjonijiet fl-Asja Minuri.

Xi wħud tħassbu għaliex l-ittri huma nklużi fil-ktieb. Hekk kif naraw il-glorja ta’ Ġesù f’kapitlu 1, aħna nkunu lesti għall-kburija u l-ġmiel tas-sme-wwiet f’kapitli 4 u 5. Minflok, aħna naqraw dwar il-ħtija ta’ knejjes f’kapitli 2 u 3. Xi wħud issuġġerew li l-ittri kienu miżjuda aktar wara fil-ktieb, imma xhieda tal-manuskritti tindika li dawn kienu parti minn Rivelazzjoni mill-bidu.

Għaliex l-ittri *huma* nklużi fil-Ktieb ta’ Rivelazzjoni? X’valur kellhom dawn għall-Kristjani fl-ewwel seklu, u x’valur għandhom illum? F’din il-lezzjoni, aħna sejrin inwieġbu dawn il-mistoqsijiet u oħrajn bħalhom, hekk kif aħna nippreparaw biex inħarsu lejn is-seba’ ittri fid-dettall.

Il-Ktieb ta’ Rivelazzjoni kien ittimbrat minn ħafna nies bħala li huwa impossibbli li wieħed jifhmu. Iżda dan mhux il-każ. Għalkemm huwa diffe-renti ħafna fin-natura u fil-kontenut tiegħu, dan jista’ u għandu jkun mifhum mill-bniedem illum. Rivelazzjoni 1:3 jgħid,

> “*Imbierek dak li jaqra u dawk li jisimgħu l-kliem ta’ din il-profezija u jħarsu dak li hemm miktub, għax iż-żmien qorob!*”

**Rivelazzjoni jista’ jkun mifhum!** Dan jista’ jkun sors ta’ tama, ispirazzjo-ni, fidi u kuraġġ għall-Kristjani ta’ kull ġenerazzjoni.

Sezzjoni waħda ta’ dan il-ktieb sabiħ, iżda, hija qawwija ħafna u relevanti għalina fuq l-ewwel qari tagħha. L-ewwel tliet kapitli ta’ Rivelazzjoni jittrat-taw bil-viżjoni tal-bidu ta’ Ġwanni ta’ Kristu f’nofs il-kandelabri tad-deheb. Kristu qiegħed jidderieġi lil Ġwanni biex jikteb ittri lis-seba’ knejjes fl-Asja Minuri. Dan hu n-nazzjon tat-Turkija llum. Qabel ma tkompli taqra dan l-istudju, jekk jogħġbok aqra l-ewwel it-tliet kapitli tal-Ktieb ta’ Rivelazzjoni.

Biex nifhmu aħjar dawn l-ittri, aħna neħtieġu li nkunu nafu xi ħaġa dwar iż-żminijiet li fihom kiteb Ġwanni. Il-persekuzzjoni Rumana kienet żdiedet ħafna għalhekk kważi kien impossibbli li tkun Kristjan. Il-Kristjani kienu mitfuha fil-ħabs, jew mibjuha fl-iskjavitù. Xi wħud kienu sfurzati biex iħallu x-xogħolijiet tagħhom, fejn kienu jsibu lilhom infushom li ma jistgħux

iżommu lill-familji tagħhom. Ħafna kienu maqtula għaliex kienu dixxipli ta' Kristu. Kien hemm it-tentazzjoni kustanti li wieħed iħalli l-fidi tiegħu biex jeħles minn din it-tbatija. Kien hemm ukoll it-tentazzjoni, jekk mhux li jwarrbu għal kollox il-Kristjaneżu, biex għallanqas jagħmlu kompromess dwar il-fidi tagħhom u jaduraw lil l-Imperatur flimkien ma' li jqimu lil Alla. Ġwanni huwa mqabbad biex jikteb lil dawn il-qaddisin fi tbatija, biex iħeġġ-iġhom ħalli jkomplu fil-fedeltà tagħhom b'ħarsa lejn il-vittorja tagħhom ta' l-aħħar. Huma jkunu ppremjati jekk jibqgħu fidili lejn il-Mulej. Ġwanni jgħid,

> "*Għad jagħmlu gwerra lill-Ħaruf, u l-Ħaruf joħroġ rebbieħ fuqhom, għax hu Sid is-sidien u Sultan is-slaten, flimkien ma' dawk li huma miegħu msejħin u magħżulin u fidili*" (Riv. 17: 14).

Hekk ukoll, int u jien inkunu vittorjużi fuq il-persekuzzjonijiet kollha jekk aħna nibqgħu fidili sat-tmiem.

## L-ISKOP SPJEGAT

Dawn l-ittri jwettqu bosta skopijiet. Fl-ewwel post, dawn jgħinu biex jagħmlu l-ktieb prattiku. Mingħajr l-ittri, l-isfida f'kapitlu 1:3, biex "tisma'" u "tħares" il-ħwejjeġ miktuba tkun tfisser wisq anqas, għaliex kapitli 2 u 3 fihom aktar kmandi diretti mill-kumplament tal-ktieb kollu miġbur flimkien.

It-tieni, l-ittri jipprovdu transizzjoni mill-viżjoni tal-Mulej igglorifikat għall-viżjonijiet f'kapitli 4 sa 22. Il-messaġġi lill-knejjes jiffokaw fuq tliet modi:

| | Il-kondizzjonijiet ta' dak iż-żmien | |
|---|---|---|
| Il-viżjoni ta' Kristu (Kapitlu 1) | Ittri (Kapitli 2; 3) | Il-bqija ta' Rivelazzjoni (Kapitli 4-22) |

(1) Huma jħarsu *lura* għall-kapitlu 1. Fil-bidu ta' kull ittra, aħna għandna deskrizzjoni ta' Kristu, u ġeneralment din hija meħuda mill-viżjoni tal-ftuħ (Ta' min iżomm f'moħħu, kif diġa rajna fil-lezzjonijiet ta' introduzzjoni, li Rivelazzjoni oriġinarjament kien indirizat "lis-seba' knejjes fl-eżistenza dak iż-żmien." Ħalli nerġa' nenfasizza li dawn is-seba' knejjes kienu attwalment jeżistu fiż-żmien l-appostlu Ġwanni u *mhux* jirrappreżentaw seba' epoki tal-knisja). (2) Huma jħarsu *madwar* il-kondizzjonijiet fiż-żmien Ġwanni. Fil-qalba ta' kull ittra, aħna nħossu għal dawk iż-żminijiet, għaliex Ġesù indirizza l-isfida unika ta' kull kongregazzjoni. (3) Huma jħarsu *'l quddiem* għal kapitli 3 sa 22. Il-konklużjonijiet ta' l-ittri fihom wegħdiet li jantiċipaw temi

mal-bqija tal-ktieb (Il-konnessjonijiet ta' xi wegħdiet għall-bqija ta' Rivelazzjoni huma ovvji; konnessjonijiet oħrajn huma inqas ovvji. Il-biċċa l-kbira tal-konnessjonijiet ikunu murija hekk kif aħna nistudjaw kull ittra). Per eżempju, l-ittra lill-knisja ta' Efesu għandha wegħda dwar li tiekol mis-siġra tal-ħajja (Riv. 2:7), u aħna naqraw dwar is-siġra tal-ħajja fl-aħħar kapitlu (Riv. 22:2). Dawk li "jirbħu" f'Sardi kienu mwiegħda li huma jkunu "mlibbsa ħwejjeġ bojod" (Riv. 3:5); f'kapitlu 7 aħna naqraw dwar "il-kotra kbira" wieqfa rebbieħa "quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbies abjad" (Riv. 7:9).

L-aktar importanti, dawn l-ittri kienu essenzjali għat-twettiq ta' l-iskop kollu ta' Kristu fil-ktieb: Hu xtaq li jfarraġ lill-Kristjani batuta u biex jippreparahom għall-persekuzzjoni akbar; Hu ried li jassigurahom li, fit-tmiem, it-tajjeb jirbaħ. Qabel ma Hu kien jista' jagħmel dan, mis-toqsija kellha tkun imwieġba: *Kienu huma lesti* għall-maltempata li kienet riesqa? Il-Mulej ma jistax ibierek nies ribellużi u diżubbidjenti (bħala eżempju ara Ġożwè 7:1-26). Qabel mal-Mulej ikun jista' jagħti lill-knejjes faraġ, Hu kien jeħtieġ li jagħtihom prova. Imbagħad ikun jista' jikkonfermahom fis-saħħiet tagħhom, jikkorreġihom fid-dgħufijiet tagħhom, u jfarraġħom fil-biżgħat tagħhom.

L-iskop primarju ta' l-ittri, mela, kien biex *jipprepara* lill-kongregazzjonijiet għall-konflitt li kien hemm quddiemhom. Qabel ma nispiċċaw nistudjaw dawn l-ittri, aħna naraw li huma jistgħu jgħinuna wkoll biex inkunu ppreparati aħajr għall-battalji spiritwali li aħna nħabbtu wiċċna magħhom.

## IL-MUDELL MURI

Mhuwiex iebes biex tara mudell fl-ittri: Kollha jibdew b'mod jixxiebaħ, l-istess kliem dwar li tisma' dejjem huma qrib it-tmiem, u kollha għandhom wegħdiet għal dak li "jirbaħ." Madankollu, il-kobor kollu ta' dan il-mudell jista' ma jkunx ovvju immedjatament. Biex ikun ta' għajnuna għalik biex tqabbel l-ittri, it-tabella murija aktar wara kienet ipprovduta għalik biex tistudjaha u tara fejn jinsab kull element.

B'xi eċċezzjonijiet, kull ittra għandha seba' elementi: (1) tislima, (2) deskrizzjoni ta' Ġesù, (3) rakkomandazzjoni tal-kongregazzjoni kollha, (5) twissija u theddida, (6) twiddiba, u (7) wegħda.

*It-tislima* hija bażikament l-istess f'kull ittra ("lill-anġlu tal-knisja ta' [ċertu belt] ikteb"), u hekk hija *t-twiddiba* ("Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes"). Kif rajna, tnejn mill-elementi jorbtu mal-bqija tal-ktieb: Fil-biċċa l-kbira ta' l-ittri, *id-deskrizzjoni ta' Ġesù* hi meħuda mill-viżjoni f'kapitlu 1, u *l-wegħdiet* huma mwassa' f'sezzjonijiet aktar lura tal-ktieb. Għalhekk il-varjazzjonijiet maġġuri fl-ittri jiġu f'sezzjonjiet (3), (4), u (5). Fuq it-tabella, innota speċjalment li tnejn mill-knejjes m'għand-homx *rikkmandazzjoni*, waqt li tnejn mill-knejjes m'għandhomx *kundanna* —u

għalhekk ebda *twissija*. Kif sejrin naraw, dawn id-differenzi huma sinjifikanti.

**IL-MESSAĠĠI TA' ĠESÙ LIS-SEBA' KNEJJES**

| | Efesu | Smirna | Pergamu | Tijatira | Sardi | Filadelfja | Laodikija |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tislija | 2:1 | 2:8 | 2:12 | 2:18 | 3:1 | 3:7 | 3:14 |
| Deskrizzjoni ta' Ġesù | 2:1 | 2:8 | 2:12 | 2:18 | 3:1 | 3:7 | 3:14 |
| Rikkman-dazzjoni | 2:2, 3, 6 | 2:9, 10 | 2:13 | 2:19 | | 3:8-10 | |
| Kundanna | 2:4 | | 2:14, 15 | 2:20-23 | 3:1, 2 | | 3:15, 17 |
| Twissija u Theddida | 2:5 | | 2:16 | 2:21-25 | 3:2, 3 | | 3:16, 18, 19 |
| Twiddiba | 2:7 | 2:11 | 2:17 | 2:29 | 3:6 | 3:11, 13 | 3:22 |
| Wegħda | 2:7 | 2:11 | 2:17 | 2:26-28 | 3:5 | 3:10, 12 | 3:20, 21 |

Karratteristika oħra għandha tkun murija rigward il-format: Fl-ewwel tliet ittri, it-twiddiba tinsab qabel il-wegħda, waqt li fl-aħħar erbgħa tinsab qabel it-twiddiba. Kif semmejna qabel, listi ta' sebgħa f'Rivelazzjoni spiss huma magħmula minn gruppi ta' tlieta u erbgħa (jew erbgħa u tlieta). Rivelazzjoni mhuwiex taħwida ta' xeni mhux relatati kif jemmnu xi wħud; ma hemm xejn bl-addoċċ dwaru.

Biex tikseb benefiċċju sħiħ mill-istudju tagħna dwar is-seba' ittri, studja sewwa r-riferenzi fuq it-tabella. Kif inti taqra l-versi, osserva d-differenza fis-sekwenza. Ir-rikkmandazzjoni tal-knisja ta' Efesu tibda f'versi 2 u 3, imma din hija kompluta f'vers 6. Int issib varjazzjonijiet minuri bħal din il-forma minn ħin għal ħin fl-ittri.

## IL-PUNTI EŻAMINATI

Wara li tkun studjajt it-tabella, int ikollok idea sħiħa ta' l-ittri qabel ma aħna nistudjawhom fid-dettall. Tinsiex il-viżjoni ta' Ġesù miexi fost il-knejjes, eżaminahom, u ppreparahom għat-taqbida li hemm quddiem. X'lezzjonijiet taħseb int li huma kienu jeħtieġu?

Kull ittra għandha nota distinta—kelma waħda li tnigges jew frażi li tisfida li tiġbor il-messaġġ tagħha kollu. Jekk aħna ngħaqqdu flimkien dawn in-noti differenti, ikollna deskrizzjoni tajba tas-seba' punti ta' dak li Kristu jrid fil-knisja Tiegħu llum.

Xi kliem tal-qofol għal kull knisja huma: Il-knisja ta' Efesu kienet teħtieġ li tmur lura għall-ewwel *imħabba* tagħha (Riv. 2:4); il-knisja ta' Smirna kell-ha tlesti għat-*tbatija* (Riv. 2:10); il-knisja f'Pergamu kienet teħtieġ li tieqaf

għall-*verità* (Riv. 2:14, 15); il-knisja ta' Tijatira kienet teħtieġ *qdusija* akbar (Riv. 2:20); il-knisja ta' Sardi kienet nieqsa mill-*ġenwinità* (Riv. 3:1); il-knisja ta' Filadelfja kienet imħeġġa biex tieħu vantaġġ mill-opportuni-tajiet għall-*evanġelizzazzjoni* (Riv. 3:8a); u l-knisja ta' Laodikija kienet ikkund-annata għan-nuqqas ta' *dedikazzjoni* (Riv. 3:15). Jekk aħna ngħaqqdu dawn is-seba' karatteristiċi f'kongregazzjoni waħda—imħabba, tbatija, verità, qdusija, ġenwinità, evanġelizzazzjoni, u dedikazzjoni —aħna jkollna kom-munità ideali tal-poplu ta' Alla.

Kif ngħaddu matul l-ittri, wieħed ikun impressjonat bit-tagħlim prattiku għall-knisja tal-lum. Aħna *neħtieġu* lezzjonijiet li jinsabu f'dawn l-ittri lis-seba' knejjes ta' l-Asja.

## KONKLUŻJONI

Inkwiet kien jinsab fit-triq tal-Kristjani fl-Asja Minuri. Inkwiet jistenna lilna wkoll. Dan jista' jew ma jistax ikun l-istess xorta ta' nkwiet li l-Krist-jani ta' l-Asja Minuri esperjenzaw, imma dan xorta jkun ta' prova għalina. Ġesù ried lil dawk il-Kristjani tal-bidu biex ikunu lesti għall-maltempati tal-ħajja; għalhekk Hu eżaminahom b'reqqa kbira biex b'hekk ikun jista' jiż-viluppa l-qawwiet tagħhom u jikkorrieġi d-dgħufijiet tagħhom. Ftakar: Il-Mulej ma jistax ibierek nies ribellużi u diżubbidjenti.

Il-Mulej ukoll irid *lilna* li nkunu lesti għal kull ma jista' jinqala'. Il-prepar-azzjoni għadha tiddependi fuq tliet fatturi: evalwazzjoni onesta tas-saħħiet u d-dgħufijiet tagħna, l-iżvilupp tas-saħħiet tagħna, u l-korrezzjoni tad-dgħufi-jiet tagħna.

Kull wieħed minna jeħtieġ li jistaqsi lilu nnifsu: "Ninsab jien lest jew lesta għall-battalji tal-ħajja?"; "X'neħtieġ jien biex nipprepara lili nnfisi għal dawk il-battalji?"; "Ninsab jien lest biex nagħmel dak kollu li jeħtieġ?" Alla jbierkek f'dik l-isfida!

F'paġni li ġejjin għandna żewġ mapep, waħda li turi l-Gżira ta' Patmos li minnha Ġwanni kiteb l-ittri u mappa oħra li turi s-siti tas-seba' knejjes bid-distanzi bejniethom u l-popolazzjoni, bejn wieħed u ieħor, ta' kull waħda.

## IS-SITI TAS-SEBA' KNEJJES TA' L-ASJA BID-DISTANZI BEJNIETHOM U L-POPOLAZZJONI TA' KULL WAĦDA

| **Distanzi** | **Kilometri** |
|---|---|
| Minn: Żmirna għal Pergamu | 96 |
| Pergamu għal Tijatira | 87 |
| Tijatira għal Żmirna | 100 |
| Żmirna għal Sardi | 107 |
| Sardi għal Filadelfja | 45 |
| Filadelfja għal Laodikija | 127 |
| Laodikija għal Hierapolis | 13 |
| Hierapolis għal Efesu | 226 |
| Efesu għal Kusadasi | 19 |
| Efesu għal Iżmir | 75 |

**IL-POPOLAZZJONI FIL-PREŻENT**

1. TIJATIRA ………………………….. 60,000
2. EFESU (SELCUK) ………………… 10,000
3. ŻMIRNA (IŻMIR) …………………. 2,000,000
4. PERGAMU ………………………… 40,000
5. SARDI (SALHILI) ………..…….. 30,000
6. FILADELFJA ……………..…….. 20,000
7. LAODIKIJA (DENIZILI) ………….. 80,000

# IL-KNISJA TA' EFESU

**(Rivelazzjoni 2:1-7)**

## IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

## L-ITTRA LILL-KNISJA F'EFESU

**(Rivelazzjoni 2:1-7)**

*"Lil l-anġlu tal-knisja ta' Efesu ikteb: Dawn il-ħwejjeġ jgħid dak li jżomm is-seba' kwiekeb f'idu l-leminija, li jimxi f'nofs is-seba' kandelabri tad-deheb. Naf l-opri tiegħek, u t-taħbit tiegħek, u s-sabar tiegħek, u kif ma tiflaħx għall-ħżiena: u int ġarrabt lil dawk li jgħidu li huma appostli, u mhumiex, u sibthom giddieba: u batejt, u kellek is-sabar, u tħabatt minħabba ismi, u ma għejjejtx. Imma għandi dan kontra tiegħek: li int ħallejt l-ewwel imħabba tiegħek. Ftakar mela minn fejn int imwaqqa', u indem, u għamel l-opri ta' qabel; inkella niġi malajr għalik, u nneħħi l-kandelabru tiegħek minn postu, jekk ma tindimx. Imma għandek dan: li int tobgħod l-opri tan-Nikolajin, li nobogħdu jien ukoll. Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes: lil min jirbaħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja, li hi f'nofs il-Ġenna ta' Alla."*

## IL-KNISJA B'INKWIET TAL-QALB

Wara introduzzjoni għal Ġesù Kristu, is-Sultan vittorjuż, il-ktieb ta' Rivelazzjoni jibda b'ittri lis-seba' knejjes fl-Asja. Bla dubju seba' huma magħżula biex ikunu r-reċipjenti ta' ittri ndividwali minħabba s-sinjifikat tan-numru seba' fil-moħħ Lhudi. In-numru seba' kien iġorr miegħu l-idea ta' ħaġa kompluta. Dawn is-seba' knejjes fl-Asja Minuri huma rappreżentattivi tad-diversi stadji ta' kobor li minnhom tgħaddi l-knisja f'kull ġenerazzjoni.

L-ittri huma ndirizzati direttament lis-seba' knejjes u mhux lill-knisja universali. Imma t-tagħlim li hemm fihom japplika għall-knisja universali!

L-ittri lis-seba' knejjes isegwu mudell. Kull waħda tibda b'introduzzjoni għall-belt, ir-reċipjent, u għal Kristu, l-Awtur. It-tieni, jekk xi ħaġa hija tajba dwarhom, il-Mulej ifaħħar dik it-tjubija. Qabel ma Hu jfittex biex jirranġa xi problema fil-knisja, Ġesù jfaħħarhom kull meta jkun possibbli. Wara t-tifħira, il-Mulej jagħti korrezzjoni. X'inhu ħażin mal-knisja? Xejn ma hemm ħażin ma' żewġ knejjes. Dawn huma dak li Kristu jridhom li jkunu. Wara l-korrezzjoni, hemm mogħtija twissija. Il-knisja għandha tirranġa dak li hu ħażin. It-twissija twieġeb għall-korrezzjoni. L-ittra tagħlaq b'konsolazzjoni. Kull ittra tiġi f'konklużjoni fuq bażi għolja ħafna.

## IL-BELT TA' EFESU

L-ewwel ittra minn seba' ittri li għandna miktuba fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni, hija miktuba lill-knisja f'Efesu. Din il-belt antika ta' Efesu kienet importanti għal bosta raġunijiet imma l-aktar li kienet importanti kienet għal dawn it-tliet raġunijiet:

### Kummerċjalment

L-ewwel, Efesu kienet importanti għad-dinja antika *kummerċjalment*, għaliex din kienet daħla fil-baħar. Belt port fid-dinja l-antika kienet tagħmel lil dik il-belt salib it-toroq. Din kienet iġġib il-kummerċ u n-negozju ġewwa l-belt.

### Politikament

It-tieni, Efesu kienet sinjifikanti *politikament*. Din kienet belt Rumana ħielsa. Hija kienet tista' tkompli bin-negozju tagħha mingħajr indħil Ruman. Ruma kienet taħkem id-dinja fl-ewwel seklu normalment b'id tal-ħadid, imma jekk belt kienet tkun mogħtija l-libertà jew il-ħelsien tagħha, allura mingħajr limiti din kienet tiggverna lilha nfisha.

### Reliġjożament

It-tielet, il-belt ta' Efesu kienet importanti *reliġjożament*. F'Efesu, Diana kienet mogħtija qima. Diana (jew Artemi) kienet l-alla mara ta' l-Efesin. Diana huwa isem sabiħ, u wieħed jista' jissopponi li Diana tkun alla mara sabiħa. Iżda għal kuntrarju, Diana ta' l-Efesin kienet karattru qasir, ta' stmerrija, miksija b'ħafna isdra li kienu jenfasizzaw il-fertilità. Kien emmnut mill-Efesin li Diana waqgħet mis-sema. Hija kienet miżmuma f'tempju sabiħ li kien wieħed mis-Seba' Għeġubijiet tad-Dinja. Wara l-istatwa ta' Diana kien hemm bħal relikwarju biex fih jinżammu fiż-żgur xi affarijiet. In-nies ta' Efesu kienu jġibu l-affarijiet prezzjużi tagħhom u jaħżnuhom f'dan ir-relikwarju mingħajr xi biża' li xi ħadd se jmisshom.

It-Tempju ta' Diana kien iservi bħala post ta' kenn għal xi kriminal. Kriminali mill-partijiet kollha tad-dinja l-antika kienu jmorru f'Efesu. Meta xi wieħed kien imur fit-tempju, dan kien ikun ħieles mill-arrest u mill-persekuzzjoni.

Il-belt ta' Efesu, billi din kienet tqim lil Diana, kienet ikkaratterizzata bl-immoralità.

Fit-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu, l-appostlu Pawlu ġie f'Efesu, u f'din il-blet ta' immoralità u delitti huwa stabbilixxa l-kawża ta' Kristu. Il-knisja f'Efesu kibret biex tkun waħda mill-knejjes kbar ta' l-ewwel seklu. Waħda mill-ittri ta' Pawlu fit-Testment il-Ġdid, Efesin, kienet miktuba lil din il-knisja. Il-ktieb hu dwar il-knisja. Efesin huwa ktieb ta' inkoraġġiment kbir. Meta kien miktub, il-knisja f'Efesu kienet qed tikber, tespandi, u tagħmel ir-rieda ta' Alla. Iżda ftit snin għaddew u aħna niġu għall-ktieb ta' Rivelazzjoni. Ġesù Kristu jordna lil Ġwanni biex jikteb ittra lill-knisja f'Efesu. Il-knisja ma komplietx fil-mudell ta' kobor tagħha. Il-knisja kellha problema. Dik il-problema, sakemm ma tkunx solvuta, tkun fatali għall-knisja f'dan il-qasam metropolitan.

Immaġina li tkun qiegħed fil-laqgħa tal-knisja ta' Efesu. Kien intqal li kienet waslet ittra mill-maħbub ħuk Ġwanni, u l-knisja ltaqgħet biex tisma' l-qari ta' dik l-ittra.

## TISLIMA (2:1a)

L-ewwel kliem li nqraw huma:

> "*Lill-anġlu [messaġġier] tal-knisja ta' Efesu ikteb:*" (v. 1a).

Il-mistoqsija dwar l-identità ta' l-anġlu hija diskussa f'paġni 153-154. Din il-kongregazzjoni forsi kienet indirizzata l-ewwel minħabba li Efesu "kienet l-aktar belt importanti mis-sebat ibliet. Huwa wkoll possibbli li Efesu kienet indirizzata l-ewwel minħabba li Ġwanni kien għamel dik il-belt bħala l-bażi ta' l-operazzjonijiet tiegħu, kif Pawlu kien għamel aktar wara fejn dam kważi tliet snin jaħdem hemm (Atti 19:1-22; 20:20-31). Matul dak iż-żmien "dawk kollha li kienu jgħammru fl-Asja, sew Lhud u kemm ukoll Griegi, semgħu l-kelma tal-Mulej Ġesù" (Atti 19:10). Ħafna (jew il-biċċa l-kbira) mis-seba' knejjes probabbilment kienu mwaqqfa f'dak iż-żmien. Wara, meta Pawlu kien fi triqtu għal Ġerusalem, hu ltaqa' ma' l-anzjani minn Efesu u wissihom biex joqgħodu attenti mill-għalliema foloz li jqumu minn fosthom "jitkellmu ħwejjeġ imgħawġa, biex jiġbdu dixxipli warajhom (Atti 20:30). Efesu hija msejħa "il-ġojjel ta' l-Asja." Meta Pawlu kien fil-ħabs f'Ruma, hu kiteb ittra lill-knisja f'Efesu. Wara l-ħelsien tiegħu mill-ħabs, hu ħalla lil Tim-otju f'Efesu biex jordna "lil xi wħud biex ma jgħallmux tagħlim ieħor" (1 Timtoju 1:3). Ftit tas-snin wara, Efesu saret id-dar ta' l-appostlu Ġwanni, li għex hemm għoxrin jew tletin sena minn ħajtu.

## DESKRIZZJONI TA' KRISTU (2:1b)

Skond għall-mudell ta' dawn l-ittri, aħna introdotti l-ewwel għal Ġesù Kristu. X'jgħidu dawn l-ittri dwar Ġesù Kristu:

> *"Dak li jżomm is-seba kwiekeb f'idu l-leminija, Dak li jimxi f'nofs is-seba' kandelabri tad-deheb"* (Riv. 2:1b)

Ġesù huwa introdott lilna bħala li għandu kwiekeb f'idejh. Skond kapitlu wieħed, vers 20 ta' Rivelazzjoni, il-gandelabri huma l-knejjes. Din id-deskrizzjoni, ibbażata fuq il-viżjoni ta' kapitlu 1, irriflettiet żewġ fatti dwar Ġesù li l-knisja ta' Efesu kienet teħtieġ li tkun taf. L-ewwel fatt huwa "s-Setgħa u l-Protezzjoni Tiegħu" u t-tieni fatt huwa "l-Preżenza u l-Perċezzjoni Tiegħu."

### Is-Setgħa u l-Protezzjoni Tiegħu

L-ewwel, din id-deskrizzjoni enfasizzat li huma kienu dipendenti fuq Ġesù għas-saħħa tagħhom. Ġesù jgħid li Hu għandu l-kwiekeb f'idu l-leminija. L-id tal-Mulej tenfasizza *setgħa*. Matul l-Iskrittura l-id ta' Alla tfisser is-setgħa ta' Alla. Meta Ġesù jgħid li Hu għandu l-knejjes f'idu, Hu jkun qiegħed juri li jinsab preżenti magħhom u li huma r-reċipjenti tas-setgħa Tiegħu. Kien importanti fl-ewwel seklu għall-knejjes li jkunu jafu li kellhom is-setgħa ta' Kristu magħhom għaliex kienu opponuti minn forza qawwija. Domitjan kien ħareġ munita li kienet turi lil ibnu bħala li kien qiegħed iżomm il-kostellazzjonijiet f'idu, jimplika li hu kien responsabbli għad-des-tin ta' l-univers. L-Imperu Ruman kien qiegħed jippersegwita lill-Kristjani. Oppożizzjoni ġiet ukoll minn Lhud li ma kinux jemmnu. Konsegwentament, il-knisja tal-bidu bdiet tibża' għall-eżistenza tagħha. Satana huwa għadu b'saħħtu, u huwa juża gvernijiet u reliġjonijiet biex jopponi l-knisja. Ġesù ried lil Efesin li jkunu jafu li kien Hu li *żamm* il-kwiekeb f'Idu, mhux Domitjan jew l-eredi tiegħu. Kristu jikkontrolla l-ħwejjeġ kollha. Kemm kellu jkun ta' faraġ għall-Kristjani ta' Efesu li jkunu jafu li Kristu qiegħed *preżenti* u li Hu għandu s-setgħa li jgħinhom.

Il-kelma tradotta "jżomm" f'Rivelazzjoni 2:1 hija kelma aktar qawwija minn dik użata f'kapitlu 1:16. fejn il-kelma hija "kellu," li "turi qabda *soda*." Ġesù kellu l-knejjes miżmuma b'mod sod f'Idu. Is-*setgħa* u l-*protezzjoni* ta' Ġesù kienu enfasizzati. Illum, aħna xorta għadna dipendenti fuq Ġesù għas-saħħa tagħna, kemm bħala kongregazzjonijiet kif ukoll bħala Kristjani ndividwi.

### Il-Preżenza u l-Perċezzjoni Tiegħu

It-tieni, din id-deskrizzjoni ta' Ġesù fakkret lil l-Efesin li huma kienu responsabbli lejn Ġesù għall-azzjonijiet tagħhom. Fil-viżjoni f'kapitlu 1, Ġwanni kien ra lil Ġesù *wieqaf* "f'nofs is-seba' gandelabri" (Riv. 1:13); din id-

darba Hu kien imfisser bħala li kien *miexi* fost il-gandelabri. Kif mexa, Hu spezzjona l-knejjes, josserva s-saħħa tagħhom, jara d-dgħufijiet tagħhom, u jistudja l-kondizzjoni spiritwali tagħhom. Il-*preżenza* u l-*perċezzjoni* ta' Ġesù kienu qegħdin jiġu enfasizzati hawn.

Din l-istampa ta' Ġesù f'Rivelazzjoni kapitlu tnejn tgħidilna veritajiet dwar Kristu. Tgħidilna dwar *il-preżenz*a Tiegħu. Ġesù qiegħed mal-knejjes Tiegħu. Hu qiegħed fost il-gandelabri. 'Il Kristu ta' l-Iskrittura qatt ma Hu Mulej assenti. Għadu Ġesù jimxi fost il-knejjes tiegħu? Iva. Hu qiegħed pre-żenti l-ħin kollu. Meta Ġesù ta l-Kummissjoni l-Kbira lil l-appostli Tiegħu f'Mattew 28: 20, Hu qal,

> "*Ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem id-dinja. Amen.*"

F'Mattew 18:20 Ġesù qal,

> "*Għax fejn tnejn jew tlieta huma miġburin flimkien f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom.*"

Ġesù Kristu darba għex fid-dinja f'ġisem fiżiku. Hu kien jinsab f'kull fejn dak il-ġisem kien jinzerta li jkun. Meta Ġesù kien f'Ġerusalem, Hu ma kienx ikun fil-Galilija. Madankollu, fl-istat igglorifikat Tiegħu fil-lemin ta' Alla bħala Sultan tas-Slaten u Sid tas-sidjien, Ġesù m'huwiex maqful ġeografika-ment. Hu jista' jkun man-nies Tiegħu kull fejn huma jkunu.

Ġesù jagħmel dawriet ta' spezzjoni, jinnota s-saħħa u d-dgħufija tal-knej-jes? Iva. Meta Ġesù jżur il-kongregazzjoni fejn int u jien naduraw, x'jara Hu? Aktar importanti huwa, meta Ġesù jispezzjona qalbek u qalbi, xi jsib? Xi jsib li jagħmlu ferħan? xi jsib li jagħmlu mnikket?

Ġesù huwa l-uniku spettur tal-knisja li Hu awtorizzat mis-sema. Hu waħdu għandu d-dritt (għaliex Hu l-unika Ras tal-knisja, Efesin 1:22, 23 Kol. 1:18, 24), ir-responsabbiltà, u r-riżorsi biex jagħmel ix-xogħol sewwa. Mhux bħa-lna, Ġesù jaf x'hemm fil-persuna (Ġwanni 2:24, 25); Hu waħdu jinsab armat biex jiġġudika l-motivi. Il-Mulej jistenna minna li nimmarkaw u niddixipli-naw l-iżbalji (Riv. 2:2, 6), imma aħna għandna nirreżistu t-tentazzjoni biex nappuntaw lilna nfusna bħala spetturi ta' ħutna. Ħafna minna għandna jdej-na mimlija bid-difetti tagħna u l-bżonnijiet tal-kongregazzjoni fejn naħdmu u nqimu.

## RIKKMANDAZZJONI U TIFĦIR (2:2, 3, 6)

Wara l-introduzzjoni ta' Ġesù f'din l-ittra, hemm mogħtija tifħira jew rikkmandazzjoni. Kien hemm ħafna li kien tajjeb fil-knisja f'Efesu.

### "Jiena Naf l-Opri Tiegħek"

Ir-rikkmandazzjoni tibda bil-kliem li huma marbuta mal-frażi ta' qabel. Ġesù jgħid,

> "*Jiena naf l-opri tiegħek….*" (2:2).

Il-klema "tiegħek" hawn hi singulari biex tikkorrespondi ma' "l-anġlu" singulari (v. 1), li jirrappreżenta kongregazzjoni *waħda* (dik ta' Efesu). Il-frażi "l-opri tiegħek" tista' tirreferi għal opri tajba jew ħżiena. Il-kelma tradotta "naf" tfisser "li jkollok il-milja ta' l-għarfien, li tkun taf perfettament" (Homer Haily, *Revelation*, 120). Ċerti verżjonijiet jittraduċu dan il-vers hekk: "Jien naf dak kollu li int għamilt." Il-knisja ta' Efesu kienet teħtieġ li tkun taf li:

> "*kollox hu għeri u mikxuf quddiem għajnejn dak li miegħu għandna x'nasqmu*" (Lhud 4:13).

Aħna neħtieġu li nifhmuh dan, ukoll.

Din il-knisja kienet ikkaratterizzata bl-opri; kienet knisja *attiva*. Il-knisja f'Efesu ma kinetx toqgħod fuq l-unuri tagħha. Hija kienet involuta b'mod attiv fix-xogħol ta' Kristu.

**"Jiena Naf it-Taħbit Tiegħek"**

It-tieni, Ġesù jgħid,

> "*Jiena naf it-taħbit tiegħek.*"

Il-knisja f'Efesu mhux biss kienet attiva, imma hija *tħabtet* sal-punt tat-tbatija. Il-kelma tradotta "taħbit" tfisser "it-taħbit li jifni." Dak kien il-prezz li l-knisja ta' Efesu kienet se tħallas sabiex taqdi lil Kristu. Huma kienu taħt xi xorta ta' piż jew tagħbija tremenda. Huma kienu lesti li jagħtu dak kollu li kien meħtieġ biex jaqdu lil Kristu. Meta kien hemm ix-xogħol xi jsir, huma lkoll għamlu dak li kellhom jagħmlu, ħadmu sakemm ma kinux jifilħu jaħdmu aktar. Ukoll, meta ma waqfux milli jkomplu jaħdmu meta x-xogħol sar aktar diffikultuż.

**"Jiena Naf is-Sabar Tiegħek"**

It-tielet, Ġesù jgħid,

> "*Jiena naf is-sabar tiegħek [jew perserveranza]*"

Huma kienu qegħdin *jipperserver*aw; ma kinux lesti li jċedu. Huma ma kinux sempliċment ċedew għall-problemi tagħhom. Huma kellhom qalb kbira li biha servew. Mhijiex din il-kongregazzjoni ta' nies ta' Alla ta' min ifaħħarha? F'vers 3 Ġesù żied,

F'vers 3 Ġesù żied,

> "*u tħabatt minħabba f'ismi, u ma għejjejtx.*"

Il-frażi "u ma għejjejtx" hija mill-istess kelma Griega bħal "taħbit" ta' vers 2. Huma tħabtu għall-punt li jgħejjew mingħajr ma għejjew mix-xogħol tagħhom. Ilkoll kemm aħna neħtieġu din il-kwalità! (Ara Galatin 6:9; 2 Tessalonikin 3:13).

Ir-raba', huma kienu qawwija, sodi dottrinalment. Ġesù jgħid,

> "*Jiena naf li int ġarrabt lil dawk li jgħidu li huma appostli u m'humiex, u sibthom giddieba*" (2:2).

Pawlu kien wissa lil l-anzjani ta' Efesu,

> "*...ilpup ħorox jidħlu fostkom, u ma jaħfruhiex lill-merħla*" (Atti 20:29).

Xi wħud minn dawk "l-ilpup lebsin ta' nagħaġ" sejħu lilhom infushom "appostli" (ara 2 Korintin 11:13). Huma probabbilment għamlu impressjoni tajba għal l-ewwel, kellhom kredenzjali impressivi, u kienu kapaċi jdawwru l-ħsieb tal-massa. Il-knisja ta' Efesu, iżda, kienet imwissija minn qabel. B'żie-da għat-twissija ta' Pawlu, Ġwanni kien kiteb,

> "*Maħbubin, la temmnux kull xorta ta' spirtu, imma **sтħarrġuhom** biex taraw ikunux ġejja minn Alla: għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu barra fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1

Il-Kristjani ta' Efesu ittestjaw it-tagħlim ta' wieħed li kien għadu ġdid billi qabbluh mal-Kelma ta' Alla (Atti 17:11). Probabbilment huma sfidaw lil dawk li kienu jseħu lilhom infushom "appostli" biex jagħmlu "s-sinjali [mir-akli] ta' appostlu veru" (2 Korintin 12:12). Dawn l-hekk imsejħa "appostli" ċertament li kienu wkoll ittestjati dwar il-kwalifiki li nsibu f'Atti 1:21-22. Xi nies illum jistqarru li huma appostli jew suċċessuri għal l-appostli; dawn għandhom ikunu ittestajti bl-istess kriterju jew regola.

L-Efesin ma kinux sempliċiment ikkonċernati dwar it-tagħlim ta' l-għal-liema foloz; b'żieda, huma kienu ikkonċernati dwar l-influwenza ta' dawk l-għalliema. F'vers 6 Ġesù żied,

**Comment:** Ent ikkonċernati dwar it-tagħlim

> "*Int tobgħod **l-opri** tan-Nikolajin, li nobgħodhom jiena wkoll.*" (enfasi tiegħi.)

Id-dixxipli ta' Nikola kienu jaħsbu dwarhom infushom bħala li kienu spirti liberi. Huma taw lilhom infushom għall-pjaciri. In-Nikolajin kienu għal-liema foloz li riedu li nies oħra jgħixu l-mod ta' ħajja li huma kienu jgħixu. Fl-ittra lil Pergamu, Ġesù assoċja t-tagħlim tan-Nikolajin mad-"dottrina ta' Bagħlam," li nkorraġġew lil Iżraelin biex "jieklu ikel issagrifikat lil idoli u jaqgħu fiż-żina" (Rivelazzjoni 2:14, 15). L-Efesin opponew l-iżball, kemm jekk żball ta' dottrina jew ta' prattika. Hippolytus identifika lin-Nikolajin bħala grupp Gnostiku minn tal-bidu li pprattika l-immoralità (l-ereżija tal-Gnostiċiżmu saret aktar sħiħa fit-tieni u fit-tielet sekli, imma espressjonijiet aktar kmieni ta' din il-filosofija eżistew fl-aħħar parti ta' l-ewwel seklu u kienu ikkundannati minn Pawlu, Ġwanni, u kittieba Kristjani oħra. Il-Gnos-tiċi jgħidu li huma għandhom għarfien li mhuwiex disponibbli għal oħrajn). Biex jagħmlu d-dottrina falza tagħhom tidher aktar raġjunevoli, in-Nikolajin stqarru li huma kienu mgħallma minn Nikola, wieħed mill-ewwel "djakni"

tal-knisja (Atti 6:5). (Kemm jekk veru jew le li l-iżball tagħhom ġie minn Nikola, aħna ma nafux. Ftit kittieba mhux ispirati minn tal-bidu qalu li Nikola ċeda mill-verità, imma l-biċċa l-kbira tal-kittieba tal-bidu jiċħuh dan).

Innota l-kelma "tobgħod": Ġesù qal,

> "*Int* ***tobgħod l-opri*** *tan-Nikolajin, li* ***nobgħodhom*** *jiena wkoll*" (2:6; enfasi tiegħi).

Alla jobgħod il-ħażen (Proverbji 6:16-19), u Hu jistenna li aħna nobgħodu l-ħażen ukoll (Rumani 12:9). Iżda, wieħed għandu jifhem, li l-Efesin ma kinux jobgħodu lin-Nikolajin imma *l-opri* tagħhom. Huma kienu jobgħodu l-prattika imma ħabbew lin-nies. Kull wieħed u waħda minna għandna nobgħodu d-dnub, imma aħna għandna nħobbu lil midinbin. Tabib jobgħod il-marda kiefra li teqred il-ġisem tal-pazjent, imma hu għandu kumpassjoni għall-pazjent. Hekk ukoll aħna, nobgħodu l-marda li teqred lir-ruħ imma għandna kumpassjoni lejn il-marid spiritwalment.

Il-frażi "ma tiflaħx għalihom" probabbilment tindika li l-Efesin ma ħallewx lil l-għalliema foloz biex jibqgħu f'nofshom. Huma kixfuhom u ħarġu fil-beraħ l-iżball tagħhom u neħħew is-sħubija minn magħhom (ara 2 Tessalonikin 3:6; 1 Korintin 5:6-211; Mattew 18:17; 2 Ġwanni 9-11). Homer Hailey esprima l-attitudni tagħhom f'dan il-kliem: "Jekk huma [in-Nikolajin] ma jkunux ittrasformati, ħallihom ikunu ittrasferuti" (Hailey, 121). Aħna wkoll, bħala knisja ta' Kristu għandna dejjem inkunu attenti għal xi tagħlim falz li jista' jinġieb minn xi wħud li jiġu fil-kongregazzjoni. Dawn jistgħu jġibu tagħlim li huma jkunu tgħallmuh qabel ma saru Kristjani u mingħalihom li jkun Skritturali waqt li ma jkunx. Wara li jintqal lilhom dwar dak it-tagħlim u jkun spjegat mill-Iskrittura li huwa tagħlim falz, jekk dawn ikomplu jsostnu dak it-tagħlim allura dawn għandu ikunu mwarrba mill-kongregazzjoni.

Ċerti verżjonijiet jittraduċu "ma tiflaħx għalihom" bħala "ma tistax *tittollera*" (enfasi tiegħi). F'ħafna partijiet tad-dinja llum, stqarrija bħal din tkun iġġudikata bħala "politikament inkorretta." Tolleranza hija mfaħħra, u l-intolleranza hija ikkundannata; imma Ġesù faħħar knisja għall-intolleranza tagħha—speċifikament, għall-intolleranza tagħha tad-dnub. Aħna ninsabu f'battalja "għall-mewt" kontra d-dnub (Efesin 6:11; Rivelazzjoni 12:17); aħna ma nistgħux nagħmlu kompromess. Sfortunatament, illum ħafna huma dawk li jagħlqu għajnejhom għal ċerti dnubiet u jippruvaw jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom billi jippruvaw jagħmlu kompromess!

### "Jiena Naf is-Safa Tiegħek"

Il-ħames, Ġesù jgħid li huma kienu *safja* fil-ħajja. Hu jgħid,

> "*Int stabart u ġarrabt ħafna minħabba f'ismi.*"

Huma baqgħu fis-safa tagħhom ta' kif jgħixu.

Kieku int kellek tagħmel lista ta' rakkomandazzjonijiet għall-knisja, kif tista' ittejjeb fuq din il-lista? Hawn għandna knisja li kienet attiva, kienet mogħtija għax-xogħol, kienet soda fit-tagħlim, u kienet safja fil-ħajja.

Il-biċċa l-kbira minna jkunu ferħana li jagħmlu parti minn kongregazzjoni bil-kwalitajiet li għadna kif fissirna. Iżda, ir-rapport ta' l-ispezzjoni kien għadu ma spiċċax, iżda.

## KRITIKA U KUNDANNA (2:4)

Iżda xi ħaġa kienet ħażina mal-knisja. Ġesù jgħid,

> "*Imma għandi dan kontra tiegħek: li int ħallejt l-ewwel imħabba tiegħek*" (2:4).

X'kien dan? Ma kienx li huma ċedew. Ma kienx li huma ma kinux qegħdin jaħdmu taħt pressjoni. Ma kienx li huma ma kinux sodi jew mhux safja fil-ħajja tagħhom. Ġesù jgħid:

> "*Imma għandi dan kontra tiegħek: li int ħallejt l-ewwel imħabba tiegħek.*"

Int ħallejt, letteralment, l-imħabba ta' l-għerusija. Il-kelma Griega tradotta "ħallejt" hija "terminu qawwi; huma kienu abbandunaw kompletament l-ewwel tqanqil sabiħ ta' mħabba entużjastika" (Morris, 60). Dawn il-Kristjani kellhom inkwiet tal-qalb. Huma kienu jaħdmu u iddixiplinati, imma kellhom marda tal-qalb li jekk titħalla mhux ikkurata twassal għal inkwiet serju ħafna.

### "L-Ewwel Imħabba" Imfissra

Din il-frażi titkellem dwar l-imħabba li raġel ikollu għall-mara, li raġel ikollu fil-jum tat-tieġ tiegħu lejn martu. L-Efesin kienu ħallew l-ewwel imħabba tagħhom.

> "*Int ħallejt l-ewwwel **imħabba** tiegħek*" (enfasi tiegħi).

Il-kelma "imħabba" hija tradotta minn *agape* (imħabba mhux egoista u ta' impenn). L-imħabba *Agape* hija l-akbar u l-aqwa mill-kwalitajiet tal-Kristjan (1 Korintin 13:13; Kolossin 3:14).

### "L-Ewwel Imħabba" Spjegata

X'inhuma l-karatteristiċi ta' "*l-ewwel imħabba*"? L-ewwel, "*l-ewwel imħabba*" għandha s-sinċerità li wieħed ma jaħsibx mod ieħor. Hu ma jkollu ebda ħsibijiet għal xi ħadd ieħor ħlief għaliha. Reliġjożament, "*l-ewwel imħabba*" hija impenn għal Kristu. It-tieni, "*l-ewwel imħabba*" għandha l-eċċitament. Qalbu tħabbat aktar meta hu jaħseb dwarha. Reliġjożament, wieħed ikun eċċitat dwar ir-reliġjon ta' Ġesù Kristu. It-tielet, "*l-ewwel imħabba*" ma tfittix dak li hu tagħha. "*L-ewwel imħabba*" tkun trid li togħġob l-oġġett ta' l-imħabba tagħha. Meta knisja titlef "*l-ewwel imħabba tagħha,*" hija tibda

tfittex lilha nfisha pjuttost milli lil Kristu. Ir-raba', *"l-ewwel imħabba"* għandha l-estravaganza. Hu jagħtiha rigali u ma jistax jagħmel biżżejjed għaliha. Reliġjożament, aħna stravaganti f'li nagħmlu dak li għandna—il-ħin tagħna, it-talenti u t-teżor—għall-kawża ta' Ġesù. Il-ħames, *"l-ewwel imħabba"* għandha motiv safi. Hija tħobb għaliex hi tħobb. Aħna għandna nħobbu għaliex Hu l-ewwel ħabbna. Is-sitta, *"l-ewwel imħabba"* tfisser preżenza. *"L-ewwel imħabba"* trid li tkun fil-preżenza ta' dak li hija tħobb. Reliġjożament, aħna rridu ngħixu ħajjitna fil-preżenza ta' Kristu; aħna rridu li niltaqgħu flimkien mal-qaddisin biex naduraw. Is-seba', *"l-ewwel imħabba"* tfisser komunikazzjoni. Hu jsejħilha, jiktbilha, u jkellimha. Aħna rridu lil Kristu li jkellimna permezz tal-Kelma Tiegħu. Aħna rridu nkellmuh f'devozzjoni u fit-talb.

Il-knisja f'Efesu kellha ħafna kwalitajiet tajba, u kull min iħares lejn din il-knisja għandu jgħid, "Din hija waħda mill-aħjar knejjes li jiena qatt rajt." Imma Ġesù ma kienx kuntent għal kollox għaliex il-knisja f'Efesu kienet ħalliet:

> *"l-ewwel imħabba tagħha."*

Atti 19 jirrivela xi ħaġa dwar l-imħabba inizjali ta' l-Efesin lejn Alla u l-umanità. Huma ħarqu l-kotba kollha tagħhom tas-sħarijiet u għenu biex jinfirex l-Evanġelju f'dawk l-inħawi kollha (versi 10, 18-20; ara Efesin 1:15; 6:24).

Ir-raġuni għall-interess tal-Mulej tinsab fil-vers li ġej.

## TWISSIJA U THEDDIDA (2:5)

Ġesù ta din it-twissija:

> *"Ftakar mela minn fejn int imwaqqa', u indem, u għamel l-opri ta' qabel; inkella niġi malajr għalik, u nneħħi l-kandelabru tiegħek minn postu, jekk ma tindimx"* (v. 5).

Il-kandelabru huwa simbolu tal-kongregazzjoni nfisha (Rivelazzjoni 1:20). Is-simboliżmu ta' Ġesù jneħħi l-kandelabru jista' jfisser li l-kongregazzjoni tista' tieqaf milli tkompli teżisti. X'jiġri għall-bozza maħruqa? Din tintrema. X'jiġri għall-gandelabru mingħajr fjamma ta' mħabba? Dan ikun imwarrab fil-ġenb.

Aħna qatt ma għandna niddubitaw li kondizzjoni serja tal-qalb imħollija mingħajr ma tkun ittratta, twassal għall-mewt! Dan hu tassew rigward il-ġisem uman. Dan hu tas-sew rigward iż-żwieġ. Dan hu tassew rigward kongregazzjoni. Dan hu tassew ukoll dwar ir-ruħ tagħna.

Ġesù mhux biss ta lil l-Efesin il-pronjosi jew it-tagħrif minn qabel Tiegħu, imma tahom ukoll il-preskrizzjoni tiegħu. Ir-rimedju tiegħu għal l-inkwiet tal-qalb kien (u għadu) fi tlieta.

**Ftakar**

L-ewwel, il-*memorja* għandha tkun użata:

> "*Ftakar mela minn fejn int waqajt...*" (v. 5a).

Meta tnejn miżżewġin ikunu fl-inkwiet u xi ħadd ikellimhom biex jirraġaw is-sitwazzjoni tagħhom, l-ewwel ma jgħidilhom huwa biex isemmu l-jiem tal-bidu tar-relazzjoni tagħhom: l-ewwel darba li huma raw lil xulxin, l-ewwel appuntament tagħhom, l-ewwel bewsa, il-ħin li hu talabha biex jiżżewġu, u l-kumplament. Imbagħad il-mistoqsija li tkun tmiss tkun, "Kif intom *ħassejtukom* meta dan ġara?" Jekk ir-relazzjoni tagħhom għandha tkun miġjuba lura, huma l-ewwel għandhom *jiftakru* x'kienu huma raw f'xulxin, għaliex huma riedu li jiżżewġu lil xulxin u kemm kienu jħobbu lil xulxin f'dak il-mument. Huma għandhom jirrealizzaw kemm tilfu u kemm huwa essenzjali li huma jerġgħu jirbħu mill-ġdid l-imħabba oriġinali tagħ-hom.

Hekk ukoll, meta xi ħadd iħalli l-ewwel imħabba tiegħu spiritwalment, hu jeħtieġ li *jiftakar* l-ewwel jiem tiegħu jew tagħha bħala Kristjan. Hu jeħtieġ li *jiftakar* l-eċċitament u l-ferħ ta' dawk il-jiem. Ukoll, hu jeħtieġ li jsemmi mill-ġdid *x'għamel il-Mulej għalih* meta Hu salvah mid-dnub. Aħna għand-na dejjem inżommu l-kliem li Mosè qal lil-Lhud f'Dewteronomju 15:15,

> "*U ftakar li kont ilsier fl-art ta' l-Eġittu, u l-Mulej, Alla tiegħ-ek, fdiek...*"

Dan aħna għandna dejjem niftakruh, mhux li Hu fdiena mill-art ta' l-Eġittu imma li fdiena mill-ħakma ta' Satana (Kolossin 1:13, 14).

**Indmu**

Wara, ir-*rieda* għandha tkun involuta:

> "*...u indem...*" (v. 5a).

Il-lingwa oriġinali hawn tuża t-temp aorist, jindika ġrajja ta' waqt wieħed. L-indiema għandha tirriżulta fi ksur qawwi minn mad-dnub. Biex ikun ċert li aħna ma naqbżux dan il-kmand, il-Mulej irripetieh fit-tmiem tal-vers:

> "*Jiena...inneħħi l-kandelabru tiegħek minn postu, jekk ma tin-dimx.*"(5d).

L-indiema hija "bidla tal-moħħ [ibbażata] fuq riflessjoni." Kif nirriflettu fuq x'konna tlifna, aħna nkunu neħtieġu li nagħrfu l-bżonn tagħna li nieħdu deċiżjoni biex ninbidlu.

Indiema tassew hija bbażata fuq riflessjoni u tirriżulta f'riżoluzzjoni—f'dan il-każ, riżoluzzjoni li inti tagħmel dak kollu li tista' biex taqbad mill-ġdid l-ewwel imħabba tiegħek.

**Irripeti**

Fl-aħħar, *saħħa* u *abbiltajiet* għandhom ikunu nvoluti:

"*...u għamel l-opri li int għamilt fil-bidu*" (v. 5ċ)

Għal l-ewwel, din l-istruzzjoni tista' tinstema' stramba. Wara kollox, Ġesù kien faħħarhom għaliex huma ma kinux waqfu milli jkomplu jaħdmu Għalih (Riv. 2:2, 3). Għaliex, mela, qalilhom biex "jagħmlu l-opri"? Għal darb' oħra, il-kelma tal-qofol hija "bidu": "...u għamel l-opri li int għamilt fil-*bidu* (l-ewwel)." Huma kienu għadhom qegħdin jagħmlu l-opri, imma ma kinux qegħdin jagħmlu l-opri li huma kienu għamlu meta kkonvertew l-ewwel darba, fil-bidu tal-konverzjoni tagħhom.

Kif, mela, l-opri li kienu magħmula mill-knisja ta' Efesu kienu differenti mill-"ewwel opri" tagħhom? Forsi l-illustrazzjoni tagħna tal-miżżewġin tista' tgħin biex twieġeb il-mistoqsija: Aħseb dwar il-modi li bihom huma esprimew imħabbithom: kliem sabiħ jintqal fil-widna; telefonati f'nofs il-ġurnata sempliċiment biex tisma l-leħen tal-maħbub jew maħbuba tiegħek, bews u tgħanniq, rigali żgħar, u affarijiet oħra bħal dawn. Opri intimi bħal dawn sfortunatament huma mwarrba minn ħafna minna kif jgħaddu s-snin—u ż-żwieġ tagħna b'riżultat ta' dan ibati.

Ħalli issa napplikaw dan għar-relazzjoni tagħna mal-Mulej: Meta sirna Kristjani fil-bidu u konna kollha entużjażmu, x'għamilna li kien differenti mill-mod li bih aħna nġibu ruħna llum? Forsi aħna konna naslu kmieni għas-servizz tal-qima. Immorru ferħanin u nitkellmu ma' oħrajn dwar dak li aħna għamilna u x'għamel Ġesù għalina. Forsi aħna nħarsu għal opportunitajiet biex ngħinu—u aċċettajna kull sfida biex inservu. Issa li għadda ż-żmien, dawk "l-ewwel opri" huma biss memorja—u l-Kristjanità tagħna sofriet.

Biex jerġgħu jaqbdu l-ewwel imħabba tagħhom, il-Kristjani tal-knisja ta' Efesu kienu jeħtieġu li *jagħmlu* l-ewwel opri tagħhom. Li tagħmel l-atti ta' l-imħabba jerġa' jagħti l-ħajja lil l-attitudni ta' l-imħabba.

## TWIDDIBA U WEGĦDA (2:7)

Imbagħad hemm konsolazzjoni:

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lil min jirbaħ, nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja, li hi f'nofs il-Ġenna ta' Alla*" (Riv. 2:7).

Meta l-qarrej jilħaq dan il-punt, wieħed jista' jimmaġina li hu jbaxxi rasu u jaħseb u jgħid, "Iva, aħna neħtieġu li nħobbu aktar." Ġesù antiċipa twe-ġiba bħal din:

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (v. 7a).

Din it-twiddiba kienet favorità ma' Ġesù, per eżempju, Mattew 11:15; 13:43; Mark 4:23; Luqa 14:35. Fi kliem ieħor, Ġesù kien qiegħed jgħid, "Jien indirizzajt din l-ittra lill-kongregazzjoni, imma qiegħed tabilħaqq in-kellem

lilkom bħala individwi. Kull wieħed u waħda minnkom għandkom tagħmlu applikazzjoni *personali.*"

Il-wegħda ta' l-għaġeb li biha Ġesù jagħlaq hija:

> "*Lil min jirbaħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja, li hemm fil-Ġenna ta' Alla.*"

Ġesù wissa lill-Kristjani f'Efesu li jekk ma jinbidilx xi ħaġa, hemm tistenna mewta *spiritwali*. Hawn Ġesù kien qiegħed iwiegħedhom li jekk huma jwieġbu għall-isfida Tiegħu, *ħajja* spiritwali tkun tagħhom. Eluf ta' snin qabel, in-nies kienu tilfu d-dritt għas-siġra tal-ħajja minħabba d-dnub (Ġenesi 3:24). Ġesù indika hawn li dan kellu jkun irrestawrat għall-bnedmin. L-aħ-ħar kapitlu ta' Rivelazzjoni juri s-siġra tal-ħajja tikber fil-Ġenna ta' Alla—fis-smewwiet—u dawk salvi qegħdin igawdu l-frott tagħha li jagħti l-ħajja (Riv. 22:1, 2)! (Il-kelma "Ġenna", li fl-Ingliż hija "Paradise" hija maħsuba li hi ta' oriġini Persjan, turi l-ġonna ta' pjaċir tas-slaten u n-nobbli tal-Persja. Il-kelma hija wżata fis-Settanta, fl-Iskrittura Ebrajka tradotta għall-Grieg, biex tirifferixxi għall-Ġnien ta' Għeden. Hawn din tirriferixxi għal l-Għeden tas-smewwiet, il-qasam ta' l-istat irrestawrat tal-bniedem fil-preżenza ta' Alla). Hija sfortuna kbira li xi wħud jgħallmu li l-biċċa l-kbira tan-nies ġusti se jkomplu jgħixu fuq l-art u mhux fis-smewwiet. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk dwar dan:

> "*Dan l-Ispirtu jixhed flimkien ma' l-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla. Jekk aħna wlied, aħna wkoll* ***werrieta, werrieta*** *ta' Alla,* ***werrieta*** *ma' Kristu: għax aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati*" (Rumani 8:16-17; enfasi tiegħi).

Bħala werrieta, aħna għandna l-wegħda mill-Ispirtu s-Santu li l-wirt tagħna mhuwiex fuq l-art *imma fis-sema*. Permezz ta' l-appostlu Pietru, l-Ispirtu s-Santu jgħid:

> "*Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet* ***u għal wirt****, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef.* ***Dan il-wirt hu merfugħ għalikom fis-sema***." (1 Pietru 1:3-5; enfasi tiegħi. Ara wkoll 2 Korintin 5:1-8; Mattew 5:12; 22:30; 24:35 Ġwanni 14:2-3; Kolossin 1:5; 3:1-2; Filippin 2:20; 1 Tessalonikin 4:17; Lhud 10:34; 11:16; 2 Korintin 15:39-49).

Jekk aħna wlied Alla, aħna werrieta, skond l-Ispirtu s-Santu, u l-wirt tagħna, jgħidilna l-Ispirtu s-Santu, "*hu merfugħ għalina* ***fis-sema***." Imma l-għalliema u l-profeti foloz moderni jgħidu lis-segwaċi tagħhom li l-wirt tagħhom "*hu merfugħ għalihom* ***fuq l-art***." Dak hu kollu tagħlim ta' Satana għaliex qiegħed igiddeb mhux lill-bnedmin imma lil l-Ispirtu s-Santu Nnifsu!

Jekk l-Efesin, xi darba, kellhom jieklu mis-siġra tal-ħajja, huma kellhom iqabbdu mill-ġdid il-fjammi ta' l-imħabba. Il-kelma "jirbaħ" f'dan il-vers hija mill-forma tal-verb Grieg għall-"vittorja." (din hija kelma tal-qofol f'Rivelazzjoni kif diġa rajna fil-lezzjonijiet ta' qabel). Din tfisser li tkun vittorjuż fuq iċ-ċirkustanzi li wieħed isib lilu nnifsu fihom.

Xi ngħidu kieku l-knisja f'Efesu ma kinetx se tindem jew terġa' tagħmel l-opri tal-bidu? Il-wegħda ma tkunx tagħhom, għax il-wegħda hija kondizzjonali. Ħajja eterna hija tagħhom jekk huma jiftakru, jindmu, u jerġgħu lura. Jekk le, dik il-ħajja tkun meħuda minnhom. Hija twissija serja għal dawk minna li ġejna biex nagħrfu lil Kristu u konna ħerqana dwar li nagħmlu r-rieda Tiegħu. Ġesù jgħid,

> "*Jekk tħobbuni, żommu l-kmandamenti tiegħi*"(Ġwanni 14:15).
>
> "*Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni*" (Ġwanni 14:21).
>
> "*Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti….Min ma jħobbnix ma jħarisx kelmti*" (Ġwanni 14:15, 21, 24).

Li *tħobb* lil Kristu u li *tobdi* lil Kristu joqgħodu flimkien kif id u ngwanta jsiru ħaġa waħda flimkien. Mingħajr ubbidjenza, sottomissjoni, u ċeda, ebda mħabba ma teżisti.

## KONKLUŻJONI

Il-passaġġ li jegħleb japplika għall-Kristjani llum kif ukoll għal dawk li lilhom dan kien mitkub. Aħna nirbħu billi nagħtu widen għall-kliem tal-Mulej, l-istess kif intqal lill-Efesin biex jagħmlu. Intqal lilhom biex jiftakru, jin-dmu, u jirripetu, biex il-Mulej ma jneħħix. Il-Mulej beda u spiċċa fuq nota pożittiva. Hu l-ewwel faħħarhom, imbagħad ikkorreġihom għan-nuq-qasijiet tagħhom, u fl-aħħar spiċċa b'messaġġ ta' tama. L-akkuża kontrihom kienet serja. Huma kienu ħallew l-ewwel imħabba tagħhom; huma ma kinux qegħdin iservu lill-Mulej bl-imħabba, żelu, u entużjażmu li huma kellhom fil-bidu. Imma jekk huma jgħelbu u jmorru lura għall-ewwel opri tagħhom, imbagħad Hu jagħtihom id-dritt biex jieklu mis-siġra tal-ħajja, li hija fil-Ġenna ta' Alla. Meta l-imħabba għal Kristu tkun nieqsa, is-servizz tagħna jkun ifisser ftit. Biex nevitaw bruda bħal din ta' entużjażmu, aħna neħtieġu li niftakru f'dak kollu li Kristu kien għamel għalina. Huma kienu mwissija dwar il-bżonn li jiftakru kif kien li sservi lil Alla meta huma kienu saru Kristjani fil-bidu. Kien jeħtiġilhom li jindmu talli kienu waqgħu miż-żelu u mill-imħabba ta' qabel, u mbagħad iduru biex iservu lil Alla fi spirtu ta' mħabba. Kienu jeħtieġu li jerġgħu jiddu għal darb'oħra d-dawl ta' l-imħabba ta' Alla lejn oħrajn. Jekk huma ma kinux se jinbidlu, kienu se jkunu mixħuta fil-ġenb bħall-fanal li ma kienx baqa' aktar użu għalih.

Il-ktieb ta' Rivelazzjoni jenfasizza għal kemm il-darba li aħna għandna nirbħu fuq il-ħwejjeġ ta' din id-dinja biex inkunu vittorjużi. Lil dawk li huma fidili, il-Mulej tagħna jwiegħed li jagħtihom ikel u susteniment spiritwali. Hu jwiegħed lilhom premju *tas-sema*, l-istess kif iwiegħed lilna llum jekk aħna nkunu fidili (Mattew 5: 11-12).

Jiena nsib din l-ittra lill-knisja ta' Efesu bħala waħda l-aktar inkwetanti fost l-ittri kollha, għaliex din tisfurzani biex inħares lejn il-motivazzjonijiet tiegħi biex inservi lill-Mulej. Għaliex jiena ngħix bil-mod li qiegħed ngħix bih? Qiegħed jiena naqdi lil Alla għaliex jien ili nagħmel dan li dan sar drawwa? Nagħti qima jien għaliex huwa sens ta' dmir? Ngħin jien lil oħrajn biex innies ifaħħruni? Jew nobdi l-kmandi ta' Alla għaliex jiena nħobb Lilu u l-kawża Tiegħu?

Ebda problema spiritwali ma hija iebsa biex issibha daqs kemm hija marda tal-qalb, imma lanqas ma hija xi problema spiritwali ta' ħsara għas-saħħa spiritwali tagħna. Sakemm qalb difettuża tkun irranġata, il-mewt hija inevitabbli. L-ittra lill-knisja ta' Efesu tgħid lil kull wieħed u waħda minna: Huwa l-waqt li tmur għand it-Tabib il-Kbir għal eżami ġenerali tal-qalb!

Huwa possibbli li int ħallejt l-ewwel imħabba tiegħek? Jekk int għamilt dan, illum huwa l-jum li terġa' tibda tqabbad il-fjamma ta' l-imħabba f'qalbek—qabel ma jkun tard wisq!

Aħseb int dwar dan. Fejn qiegħed int fir-reliġjon tiegħek ma' Kristu? Tħobbu int? Qiegħed int tfittex biex tifhem u tobdi r-rieda Tiegħu? Jew int tagħti biss lil Kristu l-ħin li jkun żejjed għalik u mhux il-prijorità tiegħek hija Kristu?

# IL-KNISJA TA' ŻMIRNA

**(Rivelazzjoni 2:8-11)**

## L-ITTRA LILL-KNISJA TA' ŻMIRNA
## (Rivelazzjoni 2:8-11)

*"Lil l-anġlu tal-knisja li hemm fi Żmirna iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek Dak li hu l-ewwel u l-aħħar, li kien mejjet u raġa' ħaj: Jiena naf it-taħbit u l-faqar tiegħek, għad li inti għani; u naf kemm jinfamawk dawk li jgħidu li huma Lhud mingħajr ma huma, meta huma sinagoga tax-xitan. Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-demonju se jixħet 'il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta' taħbit. Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja. Min għandu widnejn, ħa jisma' x'jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħ ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt*" (Riv. 2:8-11).

## IL-KNISJA FQIRA LI KIENET SINJURA

Meta wrejna minn qabel l-ittri lis-seba' knejjes, aħna rajna li, bħala regola, huma għandhom seba' diviżjonijiet: (1) tislima, (2) deskrizzjoni ta' Ġesù, (3) rikkmandazzjoni tal-knisja kollha, (4) kundanna tal-knisja kollha, (5) twissija u theddida, (6) twiddiba, u (7) wegħda. Aħna għadna wasalna biss fit-tieni ittra, imma diġa għandna eċċezzjoni: L-ittra lill-knisja ta' Żmirna m'għandix kun-danna u għalhekk ma fiha ebda twissija jew theddida. Kien hemm kongregazzjoni jew knisja oħra li ma rċevietx kundanna: il-knisja ta' Filadelfja.

Dan ma jfissirx liż-żewġ knejjes kienu perfetti. Kongregazzjoni hija magħmula mill-bnedmin—u ebda bniedem ma hu perfett (Rumani 3:23; Ġakbu 3:2; 1 Ġwanni 1:8). In-nuqqas ta' kundanna ma jfissirx, iżda, li l-biċċa l-kbira (jekk mhux ilkoll) tal-membri kienu serji dwar il-Kristjanità tagħhom u li, bħala knisja sħiħa, huma kienu qegħdin jirsistu biex jogħġbu lil Alla. Biex nuża t-terminoloġija ta' 1 Ġwanni 1:7, dawn iż-żewġ kongregazzjoni-jiet kienu mimlija bil-Kristjani "jimxu fid-dawl." Dan iwassalni biex nagħ-mel il-mistoqsija: "X'kellhom il-knejjes fi Żmirna u f'Filadelfja li kongreg-azzjonijiet oħra ma kellhomx?

Qabbel iż-żewġ ittri lill-knejjes ta' Żmiran (Riv. 2:8-11) u ta' Filadelfja (Riv. 3:7-13), waqt li żomm f'moħħok din il-mistoqsija: X'kellhom komuni l-knejjes ta' Żmirna u Filadelfja, li rriżulta li ebda waħda minnhom ma kienet ikkundannata mill-Mulej? It-tweġiba ta' dik il-mistoqsija tkun fil-qalba ta' waħda mil-lezzjonijiet aktar importanti f'din il-preżentazzjoni.

Ġesù ma sab xejn ħażin mal-knisja fi Żmirna. L-ittra lil din il-knisja hija fil-qosor, fil-fatt l-iqsar waħda mill-ittri kollha, imma din hija mimlija

b'messaġġi l-aktar potenti kif ukoll hija ittra ta' inkoraġġiment kbir. Hija lill-knisja li kienet qed issofri li fiha biss tifħir u konsolazzjoni.

Il-belt l-antika ta' Żmirna kienet belt sabiħa. Din kienet ippjanata bil-għaqal u t-toroq tagħha kienu mfassla simetrikament. Dawn kienu ffurmati b'tempji lil allat pagani. Għaddejja min-nofs il-belt kien hemm "it-Triq tad-Deheb" li kienet tispiċċa fil-muntanja fejn kien hemm it-Tempju ta' Żews. Minn ħarsa umana, din kienet pittoreska.

## IL-BELT TA' ŻMIRNA

Żmirna kienet allokata madwar 64 kilometru fit-tramu-ntana ta' Efesu u kienet waħda miż-żewġ rivali ta' Efesu (ir-rival l-ieħor kienet Pergamu). Kien jidher li Żmirna kien post ideali biex tgħix fih. Iżda l-belt l-antika ta' Żmirna kellha żewġ karatteristiċi li kienu jagħmlu l-ħajja diffiċli għall-Kristjani, kienu jagħmluha diffiċli li tkun Kristjan fiha. Il-Kristjani fil-belt ta' Żmirna kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna problemi u diffikultajiet li dawk li ma kinux Kristjani ma kellhom xejn minn dan. X'kienu dawn il-problemi u diffikultajiet?

### Qima lil Ċesari

Żmirna kienet marbuta mal-*qima lil Ċesari*. Aħna ċertament li għandna diffikultà f'li nidentifikaw il-qima lil Ċesari f'dan is-seklu tagħna għaliex m'għandna xejn bħalha llum, għalkemm applikazzjonijiet jistgħu jkunu magħmula għalina.

Fl-ewwel seklu, Ruma ħakmet lid-dinja. L-ispirtu ta' Ruma daħal fid-dinja kollha tat-Testment il-Ġdid. Ruma kienet għamlet ħafna għad-dinja tagħha. Sistema ta' toroq li kienet mibnija minn Ruma rabtet lid-dinja kollha flimkien. "It-toroq kollha jwasslu għal Ruma" kien jintqal. Ruma kienet ġabet *il-Pax Romana*, "il-Paċi Rumana," lid-dinja l-antika. It-tmexxija Rumana eliminat l-istati ta' l-ibliet iż-żgħar li kontinwament kienu qegħdin jiġġieldu kontra xulxin.

In-nies kellhom tendenza li jaduraw l-ispirtu ta' Ruma, spirtu li kien immudellat mill-belt infisha. Żmirna kienet entużjastikament Rumana. Sa kmieni mis-sena 195 Q.K., tempju kien mibni lil alla mara Roma. Mitt sena wara, meta l-armata Rumana kienu neqsin mill-ilbies sħun matul il-kampanja kiesħa tax-xitwa, iċ-ċittadini ta' Żmirna neżgħu l-ħwejjeġ minn fuqhom u bagħtuhom lil l-armata. Fis-sena 26 W.K., il-belt kienet ġiet magħżula bħala s-sit għat-tempju l-ġdid għall-qima ta' l-imperatur Tiberju. Illum, Żmirna hija magħrufa bħala Iżmir u tibqa' belt importanti. Iżmir hija l-port maġġur fuq il-kosta tal-punent tat-Turkija, b'popolazzjoni ta' kważi żewġ miljun ruħ.

Kien faċli li tmur minn li tqim jew tadura l-ispirtu ta' Ruma għal li tadura l-belt ta' Ruma għal li tadura l-Imperu ta' Ruma.

Għall-ewwel il-qima lil Ċesari jew lil l-imperatur kienet sempliċment idea. "Ċesari hu mulej u alla," qalu n-nies. Kienet xorta ta' qima lil Ċesari li ma kinetx formali. Mal-mogħdija taż-żmien, iżda, din saret ifformalizzata. Fl-aħħar, saret kmand. Statwi ta' Ċesari kienu mpoġġija matul l-Imperu Ruman kollu, artali kienu mwaqqfa. Jekk wieħed kellu jieħu sehem fil-ħajja Rumana—ukoll f'li jixtri u jbiegħ fis-suq—kienet l-ordni li huwa jiġi quddiem l-istatwa ta' Ċesari, jaħraq ftit inċens fuq l-artal, u jħabbar lil Ċesari bħala mulej u alla. Hu kien jiġi mogħti ċertifikat li kien juri li huwa kien adura lil Ċesari. Dak iċ-ċertifikat kien jagħtih id-dritt li jmur fil-post tas-suq biex jixtri u biex ibiegħ, isib xogħol, u jieħu sehem fil-ħajja Rumana f'modi oħra.

Billi l-qima lil Ċesari kienet politika, wieħed kien jista' jqim lil Ċesari u mbagħad imur u jqim lil kull alla ieħor li huwa jrid. Imma dan ippreżenta problema tremenda għall-Kristjani tal-bidu. Huma ma kinux jistgħu jgħidu Ċesari hu l-mulej u alla taħt ebda ċirkustanza. Xi ħadd forsi jissuġġerixxi li l-Kristjani kienu jmorru ħdejn l-artal, jaħarqu ftit inċens, jgħidu Ċesari hu mulej u alla u ma jfissrux dak li huma jkunu qalu, u mbagħad imorru jaduraw lil veru Alla. Iżda dan kien preċiżament dak li l-Kristjani fi Żmirna ma kinux lesti li jagħmlu. Huma emmnu li ħaġa bħal din kienet midinba u ħażina.

**Persekuzzjoni Qalila**

Kien ukoll diffiċli għall-Kristjani li jgħixu fi Żmirna minħabba l-*popolazzjoni kbira Lhudija*. Sa kważi mill-bidu tal-Kristjaneżmu, il-Lhud kienu jopponu lill-Krist-jani. Kif il-Kristjaneżmu nfirex matul id-dinja Rumana hekk ukoll għamlet il-popolazzjoni Lhudija. Il-belt ta' Iżmir illum ukoll għandha numru sinjifikanti ta' Lhud. It-Testment il-Ġdid hu mimli b'eżempji tal-poplu Lhudi jopponi lill-Kristjani. Il-Lhud ukoll ippersegwitaw lill-Kristjani fi Żmirna.

Aħna nafu ħafna dwar il-belt ta' Żmirna, imma aħna illimitati fl-għarfien tagħna dwar il-knisja li kien hemm. Il-kongregazzjoni probabbilment kienet imwaqqfa meta Pawlu kien f'Efesu (Atti 19: 10). Kittieba mhux ispirati bikrin kienu rrivelaw li Polycarp, dixxiplu ta' Ġwanni, kien mexxej fost il-Kristjani fi Żmirna. (Kittieba taż-żmien preżenti jħobbu jsejħu lil Polycarp "l-isqof ta' Żmirna"; imma fis-sekli tal-bidu tal-knisja, il-kongregazzjonijiet kienu mħarsa minn *pluralità* ta' anzjani, li kienu msejħa wkoll isqfijiet jew ragħajja (Atti 20:17, 28). Polycarp seta' kien *wieħed* mill-anzjani tal-knisja fi Żmirna.)

Kien diffiċli ħafna li tkun Kristjan fil-belt l-antika ta' Żmirna. Għalkemm kienet belt sabiħa, din kienet ukoll l-għar tax-xitan. Wieħed jista' jimmaġina l-frażi "l-għar tax-xitan" xi ġġib magħha!

## DESKRIZZJONI TA' KRISTU (2:8b, ċ)

Lill-belt li eżistiet fil-belt antika tal-ġmiel, tal-qima ta' Ċesari, u ta' persekuzzjoni Lhudija, Ġesù ndirizza din l-ittra. Wara t-tislima, l-ittra għandha deskrizzjoni ta' Ġesù:

**Min Kien Hu**

> "*...L-ewwel u l-aħħar, dak li kien mejjet, u raġa' ħa l-ħajja*" (Riv. 2:8b, ċ).

F'kapitlu wieħed, meta Ġwanni ra l-"wieħed bħal bin il-bniedem" (1:13) f'nofs il-kandelabri, hu "waqa' f'riġlejh bħal raġel mejjet" (1:17a). Imbagħad Ġesù qiegħed idu l-leminija fuqu u qal,

> "*La tibżax; jiena l-ewwel u l-aħħar: jien ħaj għal dejjem ta' dejjem, u għandi l-imfietaħ tal-mewt u ta' post il-mejtin*" (1:17b, 18).

Il-parti tal-viżjoni f'kapitlu wieħed li kienet l-aktar meħtieġa minn kongregazzjoni partikulari kienet inkorporata fl-ittra ndirizzata lil dik il-kongregazzjoni. Għaliex il-knisja ta' Żmirna kienet teħtieġ li tisma' dwar li l-Mulej Hu "l-ewwel u l-aħħar, u Dak il-ħaj"? F'vers 9 Ġesù qal, "Jiena naf it-*tribulazzjoni* (tbatija) tiegħek." (enfasi tiegħi.) F'vers 10 Hu qal, "La tibża' xejn minn dawk il-ħwejjeġ li għandek *tbati*." (Enfasi tiegħi.) Ġesù kien qiegħed jikteb lill-knisja li kienet qed *tbati* u li kienet teħtieġ li tkun taf li Hu kien "l-ewwel u l-aħħar, li kien mejjet, u raġa' ħa l-ħajja."

**Il-Wieħed Li Jibqa'**

Il-frażi "l-ewwel u l-aħħar" (v. 8b) tesprimi d-divinità ta' Ġesù u mpressjonat fuq il-Kristjani l-verità li Ġesù jkun preżenti wisq aktar wara li l-Imperu Ruman ikun għadda mix-xena. Ġesù, mhux Ruma, kien fil-kontroll. Dan jurina kemm huwa falz u żbaljat it-tagħlim ta' dawk li jemmnu li Ġesù Hu maħluq! Minn dan wieħed jista' jara u jifhem b'mod l-aktar ċar li Ġesù la kellu bidu u l-anqas ma jista' jkollu tmiem!

L-ewwel, Ġesù jiddeskrivi Lilu nnifsu. F'vers tmienja Ġesù juri Lilu Nnifsu bħala "*l-ewwel u l-aħħar.*" Din il-*frażi "l-ewwel u l-aħħar*" turi l-idea ta' li ma hemm *xejn* nieqes. Jekk Ġesù Kristu Hu "*l-ewwel u l-aħħar,*" allura Hu mingħajr ebda limitu. Ġesù m'huwiex nieqes fis-*setgħa*. Il-kapitlu tal-ftuħ ta' Ġwanni jgħid li l-ħwejjeġ kollha kienu magħmula Minnu. Alla ħalaq id-dinja permezz ta' l-aġenzija ta' Kristu. Ġesù Kristu għandu s-setgħa kollha (Mattew 28:18). Jekk Hu għandu s-setgħa li jagħmel dinja, Hu għandu s-setgħa biex jgħin lill-Kristjani fi Żmirna.

It-tieni, Kristu m'huwiex nieqes mill-*għarfien*. Hu jaf kollox.

It-tielet, Kristu m'huwiex nieqes mill-*preżenza*. Hu kien jista' jgħid lid-dixxipli Tiegħu tal-bidu,

> "*Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien*" (Mattew 28:20).

’Il Kristu fl-ittra lill-knisja fi Żmirna *huwa “l-ewwel u l-aħħar”*—bla limitu—ma huwa nieqes minn xejn la mis-setgħa, la mill-kura, la mill-għarfien, jew mill-preżenza. Hu la kellu bidu, kif jippruvaw jgħallmu xi profeti u għalliema foloz moderni, imma kien minn dejjem ta’ dejjem, u lanqas ma jkollu tmiem! Jekk Ġesù kellu bidu, u għalhekk kien maħluq, allura dan il-kliem ma jista’ jkun fih ebda faraġ! Alla wkoll jgħid dwaru Nnifsu dan il-kliem (ara Isaija 43:10; 44:6; 48:12). Iffiser dan li Alla kien maħluq? ċertament li le! Hekk ukoll ifisser dan il-kliem meta jintqal għal Ġesù Kristu.

**Il-Wieħed Li Kien Imqajjem**

Ta’ sinjifikat speċjali għall-Kristjani fi Żmirna kien il-kliem:

> “*...Kont mejjet, u ara, jien issa ħaj għal dejjem*” (v. 8ċ).

Aħna nitgħallmu minn skulari Griegi li l-kliem tat-test oriġinali għandu din l-enfasi: Jiena “l-Wieħed li *attwalment* kont mejjet, u Jiena l-Wieħed li *attwalment* ġejt għall-ħajja.” Il-qassisin pagani setgħu kellhom ċerimonja ta’ mewta, difna, u qawmien mhux ġenwina għal l-alla tagħhom tan-natura, imma l-uniku Wieħed li tassew kien imqajjem mill-mewt kien Ġesù Kristu!

Ġesù jiddeskrivi Lilu Nnifsu bħala Dak li kien “*mejjet u raġa’ ħaj*.” Ġesù Kristu kien miet fuq salib Ruman, imma kien imqajjem, u Hu l-ewwel frott ta’ dawk li jorqdu.

Ġesù ried lill-Kristjani fi Żmirna li jkunu jafu li wkoll jekk huma jkunu maqtula għall-fidi tagħhom, Hu kellu s-setgħa fuq il-mewt u fuq il-post il-mejtin. Dak kollu li l-bnedmin kienu jistgħu jagħmlu lilhom, Hu kien jista’ jneħħih.

## IR-RIKKMANDAZZJONI (2:9, 10)

**X’Kien Jaf Ġesù Kristu**

Dan iġibna għar-rikkmandazzjoni, li hija l-qalba ta’ din l-ittra qasira. Wara li ntroduċa Lilu Nnifsu, Ġesù semma tliet veritajiet li Hu kien jaf .

**Tribulazzjoni (Taħbit)**

L-ewwel, Ġesù jgħid,

> “*Jien naf it-tribulazzjoni (taħbit) tiegħek*” (v. 9a).

Il-kelma “tribulazzjoni” hija tradotta minn kelma Griega li tfisser “magħfusa flimkien, jew ippressati l-isfel,” l-istess kif meta ġebla kbira taqa’ u tfarrak kull ma jkun hemm taħtha. Il-kelma tfakkarna fil-ġebla tat-tħin użata mir-Rumani biex jitħnu l-qamħ (Matt. 18: 6) jew ir-rombli kbar immens użati biex joħorġu ż-żejt miż-żebbuġġ. Il-Kristjani fi Żmirna kienu mgħaffġa taħt piż bħall-ġebla tat-tħin li tgħaffeġ l-għeneb jew il-qamħ. Huma kienu taħt pressjoni kustanti. Il-ħajja kienet qed tiġi magħsura minnhom. Kien iebes li tkun Kristjan fejn kien hemm il-qima lil Ċesari u l-persekuzzjoni.

Ġesù kien qiegħed jgħid fl-effett, "Jien nifhem it-tensjoni li tinsabu fiha. Intom qegħdin tkunu ippersegwitati, u isimkom qiegħed ikun immalafamat. Xi wħud minnkom kontu ġejtu mifruda minn mal-familji tagħkom. Xi wħud minnkom tliftu l-impjieg tagħkom, u t-tfal tagħkom jinsabu bil-ġuħ. Ħafna minnkom ikunu mitfgħuha fil-ħabs, u xi wħud maqtula. Jiena naf li l-ħajja tagħkom hija iebsa ħafna!"

L-istess kif fl-ittri kollha, il-kelma tradotta "naf" ma tirreferix għal għarfien każwali, imma għal komprensjoni. Ġesù fehem x'kienu qegħdin iħossu u x'kien ifisser li tkun ippressat b'dak il-mod. Fil-Ġnien ta' Ġetsemani ("Ġetsemani" tfisser "pressa taż-żejt"), il-pressjoni kbira fuq il-moħħ u r-ruħ ta' Ġesù ikkawżatu biex jgħid,

> "*Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi!*" (Luqa 22: 42a).

Ġesù jaf ukoll meta int u jien inbatu t-tribulazzjoni, meta nħosuna li aħna nkunu wasalna biex nitfarrku taħt il-pressjoni. Hu jaf, u Hu jifhem. Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud, jgħid,

> "*Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub*" (Lhud 4:15).

Din "il-pressjoni l-isfel" tista' tieħu ħafna forom. Fi Żmirna, din kellha żewġ espressjonijiet:

**Fqir (imma għani)**

It-tieni, Ġesù jgħid,

> "*Jien naf il-faqar tiegħek.*"

Dawn il-Kristjani kienu foqra. Huma kienu neqsin minn ħwejjeġ meħtieġa għall-ħajja. Xi wħud probabbilment kienu fqar meta saru Kristjani (1 Korintin 1:26-29). Il-bqija, li kellhom xi affarjiet tagħhom meta obdew l-Evanġelju, kienu għaddejjin minn pressjoni ekonomika tant kbira li l-possessjonijiet tagħhom ma damux ma kienu meħuda minnhom. Il-Kristjani spiss kellhom il-proprjetà tagħhom ikkonfiskata. Ukoll meta huma kienu mħollija li jżommu l-proprjetà tagħhom, huma ġeneralment ma kinux imħollija li jixtru jew ibigħu fis-suq. Ġesù kien jaf dwar il-faqar. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu*" (2 Korintin 8:9).

Ftakar li biex wieħed ikun jista' jieħu sehem fil-ħajja Rumana huwa kellu jqim lil Ċesari. Il-Kristjani ma kinux lesti li jgħidu: 'Ċesari kien Alla.'

B'riżultat ta' dan, huma ma kinux jistgħu jieħdu sehem fil-ħajja Rumana. Huma kienu fqar. Iżda innota li Ġesù jgħid,

"*Jiena naf….il-faqar tiegħek madankollu inti għani*" (v. 9b).

Huma ma kellhomx għalfejn jiddispjaċihom għalihom infushom, għaliex f'dak li tassew kien jimporta, huma kienu għonja. Huma kienu fqar materjalment, imma kienu sinjuri f'dak li kien l-aktar importanti. Huma kienu sinjuri fi ħwejjeġ spiritwali. Huma kellhom lil Ġesù Kristu. Għalkemm kien jidher li kollox u kulħadd kien kontrihom, Alla kien magħhom! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk dwar dan:

"*Jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra tagħna?*" (Rumani 8:31b)

Ġesù ried ifakkarhom li huma kellhom għana spiritwali (Ġakbu 2:5). Huma kienu salvati mid-dnubiet tal-passat (Rumani 3:25) u kellhom l-Ispirtu ta' Alla bħala don (Atti 2:38). Ġesù kien il-Medjatur tagħhom (1 Timotju 2:5), u Alla kien Missierhom (Rumani 1:7). Huma kienu fil-familja ta' Alla (Efesin 2:19) u kienu jistgħu jersqu Lejh f'kull ħin. Paċi tal-moħħ kienet tista' tkun tagħhom (Filippin 4:7), flimkien ma' l-hena li tibqa' (1 Pietru 3: 14; 4:14). It-tama tas-smewwiet kienet f'qalbhom (Kolossin 1:5). Il-Kristjani fi Żmirna kellhom prosperità li ma kinetx tista' tittieħed minn għandhom!

Aħna neħtieġu li nitgħallmu x'inhi l-għana vera. Xi wħud iddedikaw lilhom infushom f'li jakkumulaw il-flus u possessjonijiet, imma l-flus ma jistgħux jixtru dak li tabilħaqq huwa importanti: Il-flus jistgħu jixtru l-mediċina, imma ma jistgħux jixtru s-saħħa; il-flus jistgħu jixtru s-servizz, imma ma jistgħux jixtru l-ħbieb; il-flus jistgħu jixtru d-divertiment, imma ma jistgħux jixtru l-kuntentizza. Il-kittieb ta' Lhud qal,

"*Tkunux mogħtija għar-regħba tal-flus; kunu kuntenti b'dak li għandkom*" (Lhud 13:5a).

Ġesù saħaq,

"*Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu*" (Mattew 6:20).

**Ippersegwitati (imma Riżoluti)**

It-tielet, Ġesù jgħid,

"*Jiena naf…il-malafama ta' dawk li jgħidu li huma Lhud, u m'humiex, imma huma sinagoga ta' Satana*"

It-tieni forma lit-tribulazzjoni tagħhom ħadet kienet il-persekuzzjoni. Ix-xhieda disponibbli tindika li l-ħajja kienet aktar perikoluża għall-Kristjan fidil fi Żmirna milli xi mkien ieħor fl-Imperu Ruman.

Ġesù intoduċa s-suġġett tal-persekuzzjoni b'dan il-kliem:

"*Jiena naf...il-malafama ta' dawk li jgħidu li huma Lhud, u m'humiex, imma huma sinagoga ta' Satana*" (v. 9).

Din hija stqarrija qawwija ħafna. Għaliex jintqal dan? Għaliex il-Lhud bdew jopponu lin-nies ta' Alla. Kif huma kienu ħatja ta' malafama? Il-Lhud kienu qegħdin jgħidu li Ġesù ma kienx divin. Huma bdew ukoll jakkużaw lill-Kristjani. Il-Kristjani kienu akkużati li kienu kannibali għaliex kienu jgħidu li jieklu l-ġisem u jixorbu d-demm tas-Salvatur tagħhom. Huma ma fehmux il-kliem ta' Ġesù fejn Ġesù uża l-metafora l-istess kif użaha f'pos-tijiet oħra (ara bħala eżempji, Ġwanni 5:13; 6:35, 48; 7:38; 8:12; 10:7, 9, 11; 13:38, 39; 14:6; 15:5; eċċ.). Il-Kristjani kienu akkużati li qed jaqsmu l-familja. Ovvjament, f'xi familji xi wħud aċċettaw lil Kristu waqt li oħrajn m'aċċettawħx. Il-Kristjani kienu akkużati li politikament ma kinux leali għaliex ma kinux lesti li jagħtu qima lil l-Imperatur.

"Satana," huwa wieħed mill-ismijiet tax-xitan li jfisser "wieħed li jimma-lafama." Dawk li mmalafamaw lill-Kristjani fiż-żmien ta' Ġwanni kienu qegħdin jiġu immanipulati mill-malafamatur oriġinali.

Għal min Ġesù irriferixxa meta tkellem dwar "dawk li jgħidu li huma Lhud, u m'humiex"? Dawn kien Lhud fiżiċi u skond il-ġisem li ma kinux aċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija, u li b'hekk poġġew lilhom infushom barra mill-pjani u mill-iskopijiet ta' Alla. Sfortunatament, hawn ukoll xi wħud, bħall-Premillenjalisti, u oħrajn bħalhom, li jgħallmu b'mod żbaljat għal kollox, li l-Lhud fiżiċi u skond il-ġisem għadhom il-poplu speċjali ta' Alla, f'xi sens, u li Alla jkompli jagħtihom trattament preferenzjali. Fit-Testment il-Ġdid, iżda, ebda enfasi ma hija mpoġġija fuq li tkun dixxendent fiżiku ta' Abraham. Pjuttost, l-interess speċjali ta' Alla huwa ma' Iżrael *spiritwali*: dawk li poġġew lilhom infushom fil-pjanijiet u l-iskopijiet ta' Alla billi obdew l-Evanġelju (ara Galatin 3:26-29). Alla jħobb lil-Lhud l-istess kif Hu jħobb lill-bnedmin kollha, imma Hu ma jsalvahomx b'xi mod differenti milli Hu jsalva lil l-oħrajn illum. L-Ispirtu s-Santu jagħtina prova ċara ta' dan billi jgħid, permezz ta' Luqa,

"*Imbagħad Pietru fetaħ fommu, u qal: Tassew qiegħed nara li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd: Imma f'kull ġens, dak li għandu l-biża' tiegħu, u jagħmel is-sewwa, hu milqugħ minnu*" (Atti 10: 34, 35).

L-appostlu Pawlu, aktar wara kiteb:

"*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: Iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma ta' Alla*" (Rumani 2:28, 29).

Il-Lhud biex isalvaw l-uniku mod għalihom huwa li huma jemmnu f'Ġesù u jobduh (Ġwanni 8:21; Mattew 7:13, 14). Għalhekk aħna dejjem għandna nkunu attenti biex nagħżlu bejn dak li jgħid Alla u dak li jgħid il-bniedem! (Mattew 15:4, 5).

Ill-post tal-laqgħat ta' dawn il-Lhud li ma kinux jemmnu kien imsejjaħ "sinagoga ta' Satana" għaliex huma ħallew lilhom infushom li jkunu wżati minn Satana biex jippersegwitaw lill-Kristjani. Ġesù kien tkellem dwar Lhud li kienu jistqarru li huma kienu d-dixxendenti ta' Abraham imma li kienu tassew in-nisel spiritwali tax-xitan (Ġwanni 8:39-47). Ma ninsewx li Satana jista' jidher bħala "anġlu tad-dawl" (2 Korintin 11:14). Hu għandu s-sinagogi u l-knejjes tiegħu, u l-profeti u l-predikaturi tiegħu. Illum nisimgħu ħafna dwar min jiffissa dati dwar it-tmiem tad-dinja u dwar min jgħallem tagħlim żbaljat dwar saltna ta' elf sena letterali fuq l-art ta' Kristu u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Kull min jgħallem dawn il-ħwejjeġ huwa profeta u għalliem ta' Satana. Satana jista' jikkwota mill-Iskrittura meta din isservi l-iskop tiegħu (Mattew 4:6). Għalhekk, aħna għandna dejjem:

> "*naraw jekk l-ispirti humiex ġejjin minn Alla; għaliex ħarġu barra fid-dinja ħafna profeti qarrieqa*" (1 Ġwanni 4:1).

Fil-post prinċipali tal-persekuzzjoni msejjaħ Żmirna, aħna nsibu l-istess għaqda setgħana li dejqet u ħabbtet lil Ġesù u lil Pawlu: *Lhud b'influwenza kbira* li kienu kapaċi jimmanipulaw lill-*mexxejja Rumani*. Lhud iddeterminati ipperswadew lill-gvernatur Ruman biex isallab lil Ġesù. Pawlu kien sab l-akbar oppożizzjoni tiegħu fi bliet fejn il-Lhud kellhom biżżejjed influwenza politika biex iġiegħlu lil l-awtoritajiet ċivili jagħmlu dak li jridu huma.

Fi Żmirna, aspett wieħed tal-persekuzzjoni mil-Lhud kien il-malafama (v. 9). "Malafama" tirriferixxi għal "li titkellem kontra ħaddieħor fi sforz biex tagħmillu l-ħsara." Dan seta' rriferixxa għal Lhud jimmalafamaw l-isem ta' Ġesù, jew dan seta' fisser li l-Lhud kienu qegħdin jimmalafamaw l-ismijiet tal-Kristjani. Il-Lhud sejħu lil Ġesù "dak l-imdendel" (ara Galatin 3:13), u huma rredikolaw lill-Kristjani.

Il-Lhud kienu fid-direzzjoni li jħarxu l-abbuż tagħhom, għalhekk Ġesù kompla:

> "*La tibża' xejn minn dawk il-ħwejjeġ li għandek tbati. Ara, ix-xitan sa jitfa' lil xi wħud minnkom il-ħabs...*" (v. 10a, b).

Il-Lhud probabbilment ikunu dawk li jġiegħlu lil l-uffiċjali Rumani biex jitfgħu lill-Kristjani fil-ħabs, imma Ġesù ta l-kredtu lix-xitan b'dak l-att. Il-Lhud ikunu qegħdin jagħmlu x-xogħol tax-xitan.

Kif Ġesù tkellem dwar il-ħabs, Hu enfasizza l-iskop tat-tbatija:

> "*biex tkunu mġarrbin*" (v. 10b).

Valur jista' jinstab fit-tbatija (Aqra Ġakbu 1:2-4 u 1 Pietru 1:6-9). Ma kienx se jdum ma jkun jidher ta' min il-fidi kienet b'saħħitha u ta' min ma kinetx.

Ġesù qalilhom ukoll kemm kienu se jdum it-tiġrib tagħhom:

"*u tkunu mħabbtin għal għaxart ijiem*" (v. 10ċ).

F'Rivelazzjoni, kif rajna fil-lezzjonijiet ta' qabel, in-numru "għaxra" kien jissinjifika kompletezza, milja, jew qawwa. Innutajna wkoll li "għaxra" mmultiplikat bih innifsu (jipproduċi 100 jew 1,000) kien jieħu saħansitra sinjifikat akbar. Iżda, f'vers 10, in-numru "għaxra" mhuwiex immultiplikat bih innifsu; dan qiegħed waħdu. Għalhekk dan jirreferi għall-persekuzzjoni kompluta (komprensiva), imma persekuzzjoni b'limitazzjonijiet. Interpretazzjoni simbolika ta' "għaxart ijiem" hija ssuġġerita għaliex (1) mhux probabbli li xi persekuzzjoni ddum għaxart ijiem letterali, (2) mhux probabbli li xi persekuzzjoni ddum *biss* għaxart ijiem, u (3) aħna għandna ninterpretaw in-numri f'Rivelazzjoni bħala simboliċi sakemm aħna nkunu mogħtija raġunijiet speċifiċi biex neħduhom b'mod letterali. Il-kustjoni ta' jekk "l-għaxart ijiem" jirreferux għal tul speċifiku ta' żmien jew tul ġenerali ta' żmien ma taffettwax il-messaġġ ta' Rivelazzjoni 2:10. (Veduta waħda oħra ta' "l-għaxart ijiem" tista' tkun imsemmija: l-idea li din tirrappreżenta għaxar perjodi ta' persekuzzjoni. Ma hemm xejn fil-kuntest li jiġġustifika din l-interpretazzjoni.) Il-parafrasi ta' Eugene Peterson tgħid, "Din ma tibqax għal dejjem." (E.H. Peterson, 1995, p. 611). Għal iben ta' Alla, id-deni kollu huwa temporanju (Ġob 3:17) u l-problemi kollha jibqgħu biss għall-mument meta mqabbla ma' l-eternità (2 Korintin 4:17; Ġakbu 4:14).

## IL-KONSOLAZZJONI

Ġesù jagħmel tliet wegħdiet lil dawn il-Kristjani fil-Knisja fi Żmirna.

### "Intom Issofru"

L-ewwel, Ġesù jgħid, "*Int ikollok issofri.*" Kif għadna kif rajna, kien hemm l-inkwiet quddiemhom. Ġesù ma jgħidx li Hu kien se jeħlishom mill-inkwiet; Hu jeħlishom permezz ta' l-inkwiet. Huma kellhom l-inkwiet, u kienu se jkomplu li jkollhom l-inkwiet. Fi Ġwanni 16:33, Ġesù qal, "*...Fid-dinja jkollkom in-niket...*" Hija wegħda. Li timxi wara Kristu mhux dejjem huwa sodda tal-ward. Meta persuna tifhem sewwa dan, tkun tista' tagħraf aktar il-problemi li tħabbat wiċċha magħhom f'din id-dinja. Kemm nies mal-li jkollhom xi problema jaqtgħu qalbhom u jinsew lil Alla fil-ħajja tagħhom. Għalhekk għandna nifhmu dak li hemm fil-Kelma ta' Alla biex il-piż tal-ħajja jkun eħfef għalina.

## IL-PREKAWZJONI

### "Intom Żgurati"

Imbagħad Ġesù jgħid, "*Intom tirbħu.*" Fl-aħħar parti ta' vers 10, Ġesù ikkonkluda l-kummenti tiegħu dwar it-tribulazzjoni (taħbit) tagħhom b'xi kliem l-aktar familjari f'Rivelazzjoni:

> "*Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja*" (v. 10d).

Fil-kuntest, il-frażi "sal-mewt" tfisser "*ukoll jekk ikun ifisser* il-mewt tiegħek." Int għandek tibqa' leali u fidil sal-mewt—[jiġifieri,] ukoll jekk int ikollu tmut għaliha."

Ġesù jagħlaq l-ittra bil-ħaġa waħda li Hu jeħtieġ. Hu ma jeħtieġ lill-knisja fi Żmirna li tkun suċċess, imma jeħtieġ lill-knisja li tkun fidila. Ġesù jgħid,

> "*Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja.*"

**"Għall-Mewt"**

Xi kultant Rivelazzjoni 2:10—"Ibqa' fidil sal-mewt"—hija wżata biex tgħallem lezzjoni li aħna neħtieġu li nkunu fidili sakemm ngħixu. Naturalment, dan hu minnu. Imma aħna neħtieġu li naraw li f'Rivelazzjoni 2:10 Ġesù qiegħed jgħid, "Int ibqa' fidil ukoll jekk ikun ifisser li tmut għalija." Dan huwa xi ftit differenti, mhux hekk? Imma ovvjament l-applikazzjoni hija l-istess. Għall-Kristjani ta' Żmirna hekk kien ifisser.

**"Sal-Mewt"**

Ġesù qal, "Int ibqa' fidil sakemm iddum ħaj. Jekk int tgħix aktar mill-ħajja naturali tiegħek u tmut bix-xjuħija, kun int fidil f'ħajtek kollha. Iżda jekk xi ħadd jheddek ukoll li se jneħħilek ħajtek, int ibqa' fidil sal-punt li tmut għalija." Fedeltà! Din hija l-ħtieġa ta' Ġesù Kristu f'kull ġenerazzjoni. Kull darba li jiena naqra dan il-kliem, jiena nqabbel it-tbatijiet li esperjenzaw il-Kristjani tal-bidu ma' l-inkonvenjenzi minuri li xi kultant jiena nesperjenza —u nħossni nistħi dwar it-tgergir tiegħi.

Ġesù ma wiegħedx li jeħles lil dawn il-Kristjani *mill*-inkwiet; pjuttost, Hu jwassalhom fiż-żgur permezz ta' l-inkwiet tagħhom. Wieħed ma jistax jegħleb lin-nies ta' Alla. Huma jistgħu jkollhom inkwiet, imma dak l-inkwiet ikun segwit minn vittorja. Rivelazzjoni jgħallem vittorja għal ulied Alla, imma dan ma jwiegħedx vittorja barra mit-tbatija. Ġesù ried li jassigura lill-Kristjani li huma sejrin jirbħu, imma Hu riedhom li jifhmu li huma forsi jkollhom li jmutu l-ewwel!

Issa aħna ninsabu lesti biex inwieġbu l-mistoqsija li jiena għamilt fil-bidu tal-lezzjoni: X'kellhom komuni l-kongregazzjonijiet ta' Żmirna u ta' Filadelfja li rriżulta li l-ebda waħda minnhom ma kienet ikkundannata mill-Mulej? Żomm f'moħħok dak li tgħallimna dwar is-sitwazzjoni fi Żmirna hekk kif nagħtu daqqa t'għajn 'il quddiem lejn l-ittra lill-knisja ta' Filadelfja:

"*Ara, sa nġiegħel lil dawk tas-sinagoga ta' Satana, li jgħidu li huma Lhud, u mhumiex, imma jigdbu; ara, nġegħilhom jiġu u jqimu quddiem riġlejh, u jagħrfu li jien ħabbejtek. Billi int ħarist il-kelma tas-sabar tiegħi, jien ukoll inħarsek mis-siegħa tat-tiġrib, li sa tiġi fuq id-dinja kollha, biex iġarrab lil dawk li jgħammru fl-art*" (Riv. 3:9, 10).

Dak li dawn il-kongregazzjoniet kellhom komuni kien li huma kienu qegħdin jiġu *ippersegwitati,*–u mhux biss sempliċiment ippersegwitati, imma ippersegwitati minn Lhud malizzjużi li kienu jużaw kull mezz disponibbli biex jagħmlulhom ħajjithom miżerabbli.

X'konnessjoni tista' teżisti bejn il-persekuzzjoni ta' dawn iż-żewġ kongregazzjonijiet u l-fatt li l-maġġuranza tal-membri tagħhom kellhom l-approvazzjoni tal-Mulej? Hawn hija l-konnessjoni: Kif il-maltempata tqaċċat il-fergħat mejta mis-siġar, kif il-forn jaħraq il-ħmieġ tal-metalli, hekk ukoll il-persekuzzjoni issaffi l-knisja. Matul żmien ta' prova, il-ġusti tassew ikunu isseparati minn dawk li jagħmlu lilhom infushom ġusti; dawk li jikkommettu lilhom infushom għas-servizz tal-Mulej huma sseparati minn dawk ta' nofs qalb; il-fidili huma isseparati minn dawk li jibżgħu. Darba G. Campbell Morgan kiteb li "l-knisja ta' Kristu ippersegwitata hija l-knisja ta' Kristu safja. [Minn naħa l-oħra,] il-knisja ta' Kristu ippatronizzata dejjem kienet il-knisja ta' Kristu mhux safja.

Ebda wieħed ma jixtieq il-persekuzzjoni. L-appostlu Pawlu kiteb li aħna għandna nitolbu:

"*għas-slaten, u għal dawk kollha li huma fis-setgħa, biex ngħaddu ħajja kwieta u tas-sliem bit-tjieba kollha u onestà*" (1 Timotju 2:1, 2).

Imbagħad hu żied,

"*Għax dan tajjeb u jingħoġob quddiem Alla s-Salvatur tagħna*" (1 Timotju 2:3).

Fl-istess ħin, aħna għandna nifhmu li l-persekuzzjoni mhijiex l-agħar ħaġa li tista' tiġri lill-knisja. Alla jista' jużaha biex inaddaf u jsaffi l-ġisem, il-knisja.

Stqarrija oħra minn Pawlu għandha tkun ikkunsidrata:

"*Iva, u dawk kollha li jridu jgħixu tajjeb fi Kristu Ġesù* ***jkunu*** *ppersegwitati*" (2 Timtoju 3:12; enfasi tiegħi).

It-tiġrib tagħna jista' ma jkunx l-istess bħal dak tal-Kristjani fi Żmirna, imma Pawlu wissa li tiġrib jiġi fuqna jekk aħna nkunu fidili.

Li wieħed jeżamina lilu (lilha) nnifsu huwa fl-ordni. Jekk aħna ma nafu dwar ebda persekuzzjoni fil-ħajja tagħna, forsi aħna qegħdin nagħmlu kompromess mal-fidi tagħna u qegħdin naħbu l-konvinzjonijiet tagħna.

## IL-KONFORT (2:11)

### "Intom Tkunu Salvati"

It-tielet wegħda li jagħmel Ġesù hija din,

> "*Min jirbaħ ma jkollux ħsara mit-tieni mewt*" (Riv. 2:11).

L-ittra tagħlaq b'messaġġ ta' konfort (v. 11) Ġesù ma kitibx lill-Kristjani fi Żmirna sempliċiment biex jinfuramhom li kien ġej l-inkwiet. Pjuttost, Hu ried li jfarraġhom u jsaħħahom biex b'hekk huma jkunu jistgħu joħorġu rebbieħa fuq dak li kien hemm quddiemhom.

Ġesù diġa kien tahom ħafna konfort. Hu kien enfasizza li Hu kien Dak li kellu s-setgħa fuq il-mewt (2:8). Hu kien qal, fl-effett, "Jiena naf u nifhem il-problemi li għandkom intom" (ara 2:9). Hu kien enfasizza lit-tbatija tagħhom kellha limitazzjonijiet (2:10a).

Wegħda speċjali li Ġesù kien tahom kienet li jekk huma jibqgħu "fidili sal-mewt," Hu jagħtihom "il-kuruna tal-ħajja" (2:10b). Silta oħra fit-Test-ment il-Ġdid li kważi tagħmel l-istess stqarrija hija Ġakbu 1:12. (ara wkoll 1 Korintin 9:25; 2 Timotju 4:8; 1 Pietru 5: 4.) Il-kelma Griega tradotta "kuruna," hija *stephanos*. Kelma oħra għall-kuruna, il-kelma li minnha aħna nieħdu *diadema*, tirriferixxi għall-kuruna rjali, kuruna li taħkem. *Sephanos*, f'kuntrast, irreferiet għall-kuruna ta' *vittorja*. Dak it-terminu kien użat biex jiddeskrivi l-kuruna tar-rand impoġġija fuq l-irjus tar-rebbieħa fil-logħob atletiku. (Il-kuruna *sephanos* kienet użata wkoll biex tonora lil dawk li jirċevuha). Fil-wegħda ta' Ġesù, il-kuruna tikkonsisti minn *ħajja*—ħajja eterna. Qassisin pagani setgħu forsi kienu mogħtija kuruni li kienu jispiċċaw malajr, imma l-Kristjani fidili jkunu mogħtija kuruna eterna li qatt ma tispiċċa u tiġi fix-xejn!

F'vers 11 Ġesù wasal fil-quċċata tal-kliem Tiegħu ta' konfort bil-wegħda:

> "*Min jirbaħ ma jkollux ħsara mit-tieni mewt*" (v. 11b; ara 20: 6).

It-terminu "t-tieni mewt" juri 'l quddiem għat-tmiem ta' Rivelazzjoni. Wara li Ġwanni ddeskriva l-Ġudizzju, huwa nnota:

> "*U l-mewt u post l-imwiet kienu mitfugħin fil-għadira tan-nar. Din hi t-tieni mewt. U jekk xi isem ta' xi ħadd ma kienx misjub miktub fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-għadira tan-nar*" (Rivelazzjoni 20:14, 15; ara 21:8).

It-tieni mewt fil-ktieb ta' Rivelazzjoni hija l-għadira li tħeġġeġ bin-nar u kubrit (Riv. 20:6, 14; 21:8). It-tieni mewt hija l-infern, iżda l-Kristjani kienu meħlusa mill-kastig ta' dejjem. It-tieni mewt hija separazzjoni eterna minn Alla fl-infern! Il-mewt tista' tkun imfissra bħala "separazzjoni": Mewta

Fiżika hija separazzjoni ta' l-ispirtu mill-ġisem (Ġakbu 2:26; Ekkleżjażti 12: 7). Mewta spiritwali hija s-separazzjoni tal-bniedem minn Alla minħabba d-dnub (Isaija 59:1, 2). It-tieni mewt hija separazzjoni eterna minn Alla (2 Tessalonikin 1:9).

Il-Kristjani fi Żmirna ma kellhomx għalfejn ikunu nkwetati jekk huma kienu se jmutu għall-fidi tagħhom, billi Ġesù seta' u kien se jqajjimhom mill-mewt. Il-mewt li huma kellhom ikunu ikkonċernati dwarha kienet it-tieni mewt (arq Luqa 12:4-5). Jekk huma kienu jibqgħu fidili, ma kienx ikun jista' li jkollhom ħsara mit-tieni mewt (v. 11b)!

Dawk minna li qatt ma kellhom biża' għal ħajjithom minħabba l-fidi tagħna ma nistgħux napprezzaw għal kollox x'fissru l-kliem ta' Ġesù għall-Kristjani fi Żmirna. Fil-jiem diffiċli u iebsa li ġew wara l-kitba ta' Rivelazzjoni, dan il-kliem ta' Ġesù kien is-sors tas-saħħa. Biex nenfasizza kemm kienu prattiċi dawn l-ittri (u huma), jiena rrid li naqsam rakkont fil-qosor ta' minn xhix dawn il-Kristjani nġenerali kellhom jgħaddu u speċifikament x'kellu jiffaċċja wieħed mill-mexxejja tagħhom, Polycarp.

> ...dawk wieqfa madwar kienu milquta b'għaġeb, f'li jarawhom imqatta' u flaġellati, sewwasew sa demmhom u l-arterji tagħhom, biex issa l-laħam moħbi fl-aktar partijiet fil-fond ta' ġisimhom, ...[kien] mikxuf biex jidher. Imbagħad huma kienu mqiegħda fuq qxur ta' l-arzell mill-baħar, u fuq ponot u lanez jaqtgħu fuq l-art, u wara li kienu jgħaddu minn kull xorta ta' kastig u turment, fl-aħħar kienu jiġu mixħuta bħala ikel għall-bhejjem feroċi. (Eusebius *Ecclesiastical History* 3. 15.)

Matul dan iż-żmien, il-Kristjani ppruvaw jaħbu lix-xiħ Polycarp, imma tifel kien imsawwat biex jgħid fejn kien jinsab ir-raġel xiħ. Meta huma ġew għal Polycarp, hu pprepara mejda għal dawk li ġew biex jarrestawh, u waqt li huma kielu, hu talab. Fl-aħħar huma ħaduh fl-arena fejn kien hemm tistenna marmalja għatxana għad-demm—li kienet tinkludi Lhud ukoll.

Il-prokonslu ġiegħlu biex jiċħad lil Kristu, fejn qallu, "Aħlef bil-ġenju ta' Ċesari...u jiena neħilsek. Kasbar lil Kristu." Polycarp wieġeb, "Sitta-u tmenin sena jiena servejtu, u Hu qatt ma għamel xi ħaġa ħażina; u kif nista' jien issa nimmalafama lis-Sultan tiegħi li salvani?"

Meta l-prokonslu beda jipprova biex jintimidah bit-theddid tal-bhejjem feroċi u bin-nar, ir-raġel xiħ wieġeb, "Inti thedded b'nar li jaqbad għall-mument u malajr jiġi fix-xejn, għaliex int ma taf xejn dwar il-ħaqq li għandu jiġi, u n-nar tal-kastig ta' dejjem irriservat għall-ħżiena. Imma għaliex qiegħed tistenna? Agħmel dak li int tix-tieq."

Il-marmalja li bdiet tgħajjat, immexxija mil-Lhud, marret biex issib il-ħatab ħalli jaħarqu lir-raġel xiħ Kristjan. Meta l-ħuġġieġa li fuqha jinħarqu l-iġsma tal-mejtin kienet lesta, huma bdew isammru lil Polycarp ma zokk ta'

siġra, imma hu qal, "Dak li jagħtini saħħa biex nissapporti n-nar, jagħti wkoll setgħa...biex nibqa' mhux imċaqlaq fuq il-ħatab." Hu għaqqad idejh warajh madwar iz-zokk u talab. Wara l-"amen," l-esekuzzjonisti qabbdu n-nar. Polycarp miet bl-assigurazzjoni li hu "ma jkollux ħsara mit-tieni mewt." (Eusebius *Ecclesiastical History* 3. 15.)

## KONKLUŻJONI

Kif għadna kif rajna, il-kuruna (*stephanos*) hija metafora li forsi ma kinetx tkun issuġġerita fiċ-ċirkostanzi lokali, madankollu Żmirna kienet famuża għal-logħob tagħha li fihom il-premju kien girlanda. Il-kittieb seta' kellu f'moħħu l-girlanda milbusa fis-servizz tat-tempji pagani, jew fiċ-ċrieki ta' bini u torrijiet li kienu 'jinkurunaw' lil Żmirna. Il-kelma *stephanos* m'hijiex dijadema (kuruna, *diadema*) rjali imma emblema ta' festività.

Li titlef il-kuruna (Riv. 3:11) huwa li titlef "il-ħajja" (Riv. 2:10), salvazzjoni ta' dejjem, is-sehem tagħna fis-saltna. Meta Ġesù jwissi li xi ħadd jista' jieħu l-kuruna tagħna, dan, naturalment, ma jfissirx li xi ħadd se jisraqna biex ipoġġi l-kuruna fuq rasu stess. Ix-xitan, id-dinja, u l-ġisem jimmiraw biex iċaħħduna mill-kuruna tal-ħajja billi jgħaddsuna lura fil-mewt fejn ma hemmx kuruna.

Il-wegħdiet lill-knisja fi Żmirna huma wegħdiet għalina wkoll. Aħna nistgħu nistennew l-inkwiet. Nistgħu wkoll nistennew vittorja u s-smewwiet. Ġesù jgħid, "Dan hu li Jiena Neħtieġ: Ibqa' fidil." Jekk aħna għandna nkunu fidili, aħna għandna nkunu nies ta' fidi. Il-fidi hija l-ħolqa tagħna ma' Alla. L-istess għandu jintqal rigward l-ereżija li tista' tisirqilna l-kuruna. Din ittwissija hija mogħtija speċjalment lill-fidili. Aktar ma aħna nieqfu, aktar għandna nkunu attenti li ma naqgħux. Osserva li xejn inqas mill-kuruna tagħna ma huwa fil-periklu, u li din il-kuruna m'hijiex sempliċiment grad ta' glorja tas-sema iżda l-glorja nfisha.

Għal darb'oħra, Ġesù jridna li nagħmlu applikazzjoni personali. Hu jkompli jgħid,

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (2:11a).

Kull kongregazzjoni teħtieġ li tagħmel applikazzjoni personali. Il-mexxejja ta' kull knisja għandhom ikollhom il-għan li jinkorraġixxu lil *kull* membru biex jikkommetti lilu nnifsu għall-kawża ta' Kristu. Ukoll, kull individwu jeħtieġ li jagħmel applikazzjoni personali. Kull wieħed u waħda minna jeħtieġ li jistaqsi mistoqsijiet bħal dawn: "ninsab jien tassew fidil lejn il-Mulej?"; "Inkun lest jien li mmut għall-fidi tiegħi?"; "Kieku kelli mmut illum, nirċievi jien il-kuruna tal-ħajja?"

L-ittra lill-knisja fi Żmirna tenfasiżża li kull wieħed u waħda minna jista' jkun għani f'dawk il-ħwejjeġ li tassew huma ta' importanza. Jekk inti trid li

jkollok għana u ġid lid-dinja ma tistax teħodhom, iddetermina *issa* biex taqdi lil Ġesù!

# IL-KNISJA TA' PERGAMU

**(Rivelazzjoni 2:12-17)**

### IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

### L-ITTRA LILL-KNISJA TA' PERGAMU (Rivelazzjoni 2:12-17)

*"U Lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Pergamu iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek Dak li għandu x-xabla misnuna miż-żewġ naħat: Jiena naf fejn int qiegħed: qiegħed fejn hemm it-tron tax-xitan. Imma għadek iż-żomm sħiħ ma' ismi u ma ċħadx il-fidi tiegħek fija, anqas f'dawk il-jiem li fihom Antipa, ix-xhud fidil tiegħi, qatluh hemm fostkom, fejn joqgħod ix-xitan. Madankollu għan-di xi ftit ħwejjeġ kontra tiegħek, jiġifieri li hemmhekk inti għa-ndek xi wħud li qegħdin iżommu mat-tagħlim ta' Balgħam, dak li kien għallem lil Balak biex iqiegħed ġebla ta' tfixkil quddiem ulied Iżrael billi jieklu ikel issagrifikat lill-idoli u jaqgħu fiż-żina. Barra minn dan, għandek ukoll min qiegħed iżomm it-*

*tagħlim tad-dixxipli ta' Nikola. Isa, indem; inkella niġi bla telf ta' żmien, u naħbat għalihom bix-xabla ta' fommi. 'Min għandu widnejn ħa jisma' x'jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħa nagħtih mill-manna l-moħbija, u nagħtih ukoll ġebla bajda, b'isem ġdid minqux fuqha li ħadd ma jkun jafu ħlief min jirċeviha*" (Riv. 2:12-17).

## IL-KNISJA FIL-BELT TAD-DNUB

Il-ktieb ta' Rivelazzjoni huwa studju eċċitanti ħafna. Dan il-ktieb huwa miktub f'lingwa simbolika ħafna; konsegwentament, xi partijiet minnu huma diffikultużi biex tifhi-mhom. Hija sfortuna kbira, iżda, li ħafna jagħtu interpretazzjonijiet żbaljati ta' siltiet li mhumiex faċli li wieħed jinterpretahom. Imma wieħed ma jistax jonqos milli jara, ukoll jekk huwa jaqra l-ktieb fuq fuq, il-messaġġ kollu tiegħu. Il-muftieħ għall-ktieb huwa dan:

"*Is-saltna tad-dinja saret is-saltna tal-Mulej tagħna, u tal-Kristu Tiegħu; u Hu jsaltan għal dejjem ta' dejjem*" (Riv. 11:15).

## IL-BELT TA' PERGAMU

It-tielet mis-seba' ittri kienet miktuba lill-knisja f'Pergamu. Din hija introdotta b'dan il-kliem:

"*U lill-anġlu tal-knisja ta' Pergamu ikteb:*" (Riv. 2:12).

Il-knisja f'Pergamu kienet imsejħa "Il-Knisja Fidila li ma Kinetx Fidila," "Il-Knisja fil-Kwartieri ta' l-Infern," "Il-Knisja fil-Ġnien tax-Xitan," "Il-Knisja Fejn Għammar Satana", "Il-Knisja Fejn Satana Kellu t-Tron tiegħu", "Il-Knisja Ittantata", u "l-Knisja fil-Post ta' Satana." Aħna sejrin insejħula "Il-Knisja fil-Belt tad-Dnub." Sejjer inseħilha hekk għaliex id-dnub kien prominenti f'dik il-belt. Din il-belt ma kelliex il-prominenza kummerċjali li kellhom il-bliet ta' Efesu u Żmirna għaliex din kienet 24 kilometru l-ġewwa fl-art, u, għalhekk ma kinetx belt bħala port qrib il-baħar. Imma din kienet belt l-aktar importanti.

## BELT LI KELLHA BŻONN LIL KRISTU

### Belt Kapitali

Pergamu kienet il-kapitali tal-provinċja ta' l-Asja. Ruma kienet taħkem u tmexxi lil Pergamu, imma dan ma kienx għaliex Ruma kienet rebħitha. Dan kien għaliex Pergamu issottomettiet lilha nfisha lil Ruma għaliex riedet hija stess. Ruma ppremjat lill-belt billi għamlitha belt kapitali tal-provinċja ta' l-Asja Minuri.

### Belt Letterarja

Pergamu kienet importanti għaliex hija kellha waħda mill-akbar libreriji li qatt eżistew fid-dinja l-antika. Il-librerija tagħha kellha 200,000 volum. Din hi xi ħaġa ta' l-għaġeb, speċjalment meta aħna niftakru li l-kotba kollha li kienu jsiru fl-ewwel seklu kellhom ikunu pproduċuti mill-ġdid bl-idejn mingħajr l-għajnuna ta' xi xorta ta' stamperiji. Wieħed jista' jimmaġina x-xogħol u l-ħin li kienu meħtieġa biex dawk il-kotba kollha jkunu magħmula.

**Belt Storika**

Pergamu kienet importanti għaliex f'din il-belt il-parċmina kienet ivvintata. Parċmina kienet materjali għall-kitba magħmula minn ġlud ta' l-annimali. Il-manuskritti antiki kollha ta' l-Iskrittura li għandna llum huma miktuba fuq il-parċmina. Imma qabel ma kienet użata l-parċmina, il-materjal tal-kitba kien magħmul mill-qoxra tal-ġummar li kien jikber eżklussivament max-xtut tax-Xmara Nil fl-Eġittu u kien imsejjaħ papirus. L-Eġittu kellu monopolju fuq dan il-materjal għall-kitba.

Storja interessanti dwar dan il-materjal tiġi mill-istorja antika. Is-sultan ta' Pergamu stieden lil librar mil-librerija famuża Eġizzjana fl-Ixandra biex imur f'Pergamu u jkun il-librar tiegħu. Dan tant infurja lil Ptolemy li hu poġ-ġa lil librar fil-ħabs. Huwa wkoll ma ħalliex li jintbagħat aktar papirus lejn Pergamu. Hawn inħolqot kriżi f'Pergamu. Xi materjal ieħor għall-kitba kellu jsir, u l-parċmina kienet ivvintata. Kien f'Pergamu li dan il-materjal tal-kitba kien użat għall-ewwel darba.

**Belt Idolatra**

Fil-għoli fuq il-muntanja li kienet tħares fuq Pergamu kien hemm l-Artal ta' Żews. Għalhekk, il-qima ta' allat pagani kienet wisq popolari f'din il-belt. Pergamu kienet belt ta' qima lil l-imperatur kif kienu ħafna bliet oħra fl-ewwel seklu. Pergamu, flimkien ma' oħrajn, emmnet li l-ispirtu ta' Ruma kien jixraqlu li jkun imħares bħala alla. La darba l-imperatur kien meqjus bħala alla.

Aħna ma nafux meta l-knisja tal-Mulej kienet imwaqqfa f'Pergamu. Bħall-kongregazzjonijiet l-oħra fl-Asja, din probabbilment kienet imwaqqfa matul it-tliet snin ta' Pawlu f'Efesu (Atti 19:10). Aħna nafu li din il-kongregazzjoni kellha problemi speċjali. Ġesù sejjaħ lil Pergamu l-post "fejn hemm it-tron ta' Satana" u "fejn jgħammar Satana" (2:13).

F'din il-belt ta' Pergamu, Alla kellu grupp ta' nies, il-knisja li kienet tinsab f'dik il-belt, li lilhom din l-ittra kienet indirizzata u li kienu jeħtieġu b'mod iddisprat lil Kristu, biex ikomplu jimxu fit-triq tal-Mulej u ma jaqgħux għat-tagħlim falz ta' l-għalliema foloz li kienu daħlu fosthom. Illum, il-knisja ta' Kristu tinsab fl-istess sitwazzjoni fejn qegħdin jidħlu ħafna għalliema u profeti foloz li qegħdin jgħallmu ħafna tagħlim mhux Skritturali.

## DESKRIZZJONI TA' KRISTU (2:12b)

Il-Kristjani f'dak il-lokal intimidat kienu jeħtieġu li jkunu assigurati dwar is-setgħa u l-qawwa tal-Mulej. Għalhekk Ġesù iddeskriva Lilu Nnifsu bħala:

> "*Dak li għandu x-xabla misnuna miż-żewġ naħat*" (Riv. 2:12).

Din id-deskrizzjoni tfakkarna f'Lhud 4:12, fejn naqraw:

> "*Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar…*"

Billi l-Kelma ta' Alla hija rriferuta bħala xabla (Lhud 4:12; Efesin 6:17), u billi din ix-xabla ġiet minn ħalq Ġesù (Riv. 1:16; 2:16), hekk, ix-xabla misnuna b'żewġt ixfar għandha tirreferi għall-kliem li qal Ġesù, jew il-Kelma ta' Alla, li huwa l-istess ħaġa. Il-kliem Tiegħu huwa qawwi u li jippenetra. It-tieni parti ta' vers 12 ta' Lhud 4, tgħid hekk:

> "*…hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb.*"

Kull wieħed u waħda minna huwa msejjaħ minn Alla li Jista' Kollox biex jisma' dak li Hu jgħid. Waqt il-ministeru personali Tiegħu Ġesù ħa tliet dixxipli minn Tiegħu—Pietru, Ġakbu, u Ġwanni—fuq muntanja għolja u kien ittrasfigurat quddiemhom. Alla, f'dik l-okkażjoni tkellem minn ġo sħaba fejn qal,

> "*Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu*" (Mark 9:1-7).

Lhud 1:1-2 jgħid,

> "*Alla,…f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu …*"

Huwa importanti li l-knisja f'Pergamu, u aħna lkoll illum, nagħtu widen biex nisimgħu dak kollu li jgħid Ġesù.

Hawn, iżda, aħna għandna nifhmu, li din il-Kelma mhijiex l-Evanġelju, imma l-ġudizzju tal-Mulej fuq l-għedewwa Tiegħu (Isaija 49:2; Riv. 19:15, 21).

Xabla tista' tkun użata kostruttivament jew destruttivament, u l-istess huwa minnu dwar il-Kelma ta' Alla. Bħal sikkina f'idejn tabib imħarreġ se-wwa, ix-xabla (xi traduzzjonijiet jużaw il-kelma sejf) tal-Kelma tista' tespo-ni l-qalb sabiex din tkun imfejqa (Atti 2: 37; Lhud 4:12). F'sitwazzjonjiet oħra, din tista' tkun użata bħala l-istrument tal-ġustizzja ta' Alla (Ġwanni 12:48). F'Rivelazzjoni kapitlu 2 Ġesù kellu f'moħħu l-aħħar użu (v. 16).

Ġesù ried lill-Kristjani f'Pergamu li jkunu jafu lis-setgħa ta' Ruma ma kinetx akbar minn Tiegħu. Imqabbla max-xabla invinċibbli Tiegħu, ix-xwabel tar-Rumani kienu armi goffi ta' l-injam immudellati mit-tfal. Il-Kristjani ma kellhomx, mela, jħallu l-armi ta' Ruma jintimidaw-hom. Huma kellhom jibżgħu biss mix-xabla tal-ħaqq tal-Mulej (2:16).

## RIKKMANDAZZJONI

Il-bidu ta' l-ittra lill-knisja f'Pergamu jibda bit-tifħir ta' Ġesù lill-knisja f'Pergamu. Xi jsib tajjeb Ġesù f'din il-knisja?

**"Jien Naf id-Diffikultajiet Tiegħek."**

Ġesù l-ewwel assigurahom li hu kien jaf dwar l-isfida kbira u tal-biża' tagħhom. Hu jgħid,

> "*Jien naf fejn int tgħammar*" (v. 13a).

## BELT LI POĠĠIET LIL SATANA FUQ IT-TRON (2:13)

**Fejn ix-Xitan Kien Imqiegħed fuq it-tron**

Wara li assigurahom li Hu kien jaf tajjeb dwar is-sitwazzjoni li l-Kristjani ta' Pergamu kienu jinsabu fiha, Ġesù kompla jgħidilhom:

> "*Jien naf fejn int tgħammar, fejn hemm it-tron ta' Satana...fejn jgħammar Satana*" (v. 13).

Din hija frażi nteressanti għaliex titkellem dwar post permanenti ta' tagħmir. Il-kelma Griega tradotta "tgħammar" u "jgħammar" f'dan il-vers tfisser "li jkollok residenza permanenti." Il-kelma "tron" (Grieg *thronos*), tissinjifika "siġġu ta' awtorità.

Fit-talba Tiegħu sewwasew qabel il-kurċifissjoni Tiegħu, Ġesù talab għad-dixxipli Tiegħu. Hu qal,

> "*Ma nitlobx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-ħażin. Huma m'humiex tad-dinja, bħalma jiena m'iniex tad-dinja*" (Ġwanni 17:15-16).

Id-dixxipli ta' Kristu ma jappartjenux għal din id-dinja. Iċ-ċittadinanza tagħna hija fis-sema. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna* ***hi fis-sema****; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu*" (Filippin 3:20; enfasi tiegħek).

Pietru wkoll tkellem dwar il-post tagħna meta qal,

> "*Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef.* ***Dan il-wirt hu merfugħ għalikom fis-sema.***" (1 Pietru 1:3-5).

Imma aħna ngħixu u ngħammru f'din id-dinja. Aħna qegħdin fid-dinja, imma m'aħniex tad-dinja. Kristu ma talabx li aħna nkunu mneħħija mid-dinja.

Huwa fid-dinja li l-aktar xogħol importanti tagħna għandu jkun magħmul. Aħna ngħammru fid-dinja, imma aħna sseparati mid-dinja.

Ġesù kien qiegħed jgħid, "Jiena naf fejn intom tgħammru; Jiena naf intom qegħdin fid-dinja, li qegħdin tgħixu f'ċirkustanzi diffikultużi. Imma fid-dinja intom tappartjenu Lili, u intom isseparati mid-dinja."

Il-Ktieb ta' Rivelazzjoni fih ħafna kuntrasti. Kuntrast wieħed huwa bejn it-tron ta' Alla u t-tron ta' Satana. It-tron ta' Satana kien f'Pergamu. Satana uża din il-belt bħala bażi ta' operazzjoni. Kien minn Pergamu li Satana kien jista' effettivament jagħmel ix-xogħol ħażin tiegħu.

Satana hu l-għadu qawwi tal-knisja. Imma hu m'huwiex qawwi għal kollox. Ġesù Kristu ġie fid-dinja biex jeqred l-opri tax-xitan. L-appostlu Ġwanni jgħid,

> "*Min jagħmel id-dnub ġej mix-xitan; għax ix-xitan dineb sa mill-bidu. Għal din ir-raġuni deher Bin Alla, biex jeqred l-opri tax-xitan*" (1 Ġwanni 3:8).

Kull darba li persuna tikkonverti għal Kristu, Satana jitlef dixxiplu. Kristu jeqred l-opri tax-xitan. F'Mattew 12:29 Ġesù tkellem dwar il-miġja Tiegħu fid-dinja bħala li kien ġej fid-dar ta' Satana. Hu qal,

> "*Jew kif wieħed jista' jidħol fid-dar jekk qabel ma jkunx rabat lir-raġel f'saħħtu, u mbagħad ikun jista' jisraqlu daru?*"

Ġesù ġie fid-dinja biex jaqbad dak li hu ta' Satana. *Ġesù rabtu*; Satana llum jinsab marbut. Hu marbut f'dak li m'huwiex mingħajr limitu fis-setgħa. Satana huwa qawwi, imma l-qawwa tiegħu hija illimitata għaliex hu marbut minn Kristu.

Kummentaturi jieħdu paġni sħaħ biex jiddefinixxu u jiddefendu dak li huma jaħsbu x'kien "it-tron ta' Satana, imma t-terminu waħdu huwa biżżejjed biex iwerwer lil dak li jkun. Pergamu kienet belt fejn sforzi Sataniċi kienu fl-aqwa tagħhom.

Mhuwiex neċessarju biex tidentifika xi ħaġa dwar it-tron ta' Satana sabiex taqbad il-messaġġ ta' Satana, imma aħna nistgħu nibbenefikaw billi naraw l-ostakoli li l-Kristjani kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom f'Pergamu.

*Satana kien imqiegħed fuq tron politikament*. Il-belt ta' Pergamu kellha rabtiet qawwija ma' Ruma. Din kienet l-ewwel belt fil-provinċja li kienet mogħtija d-dritt biex tibni tempju mperjali. Illum, meta wieħed jieqaf fuq il-pjanura u jħares il-fuq lejn l-akropolis, l-aktar fattur dominanti huwa r-rikonstruzzjoni tal-bini kbir li kien iddedikat lil l-Imperatur Trajan. Pergamu kienet kburija li tkun magħrufa bħala 'Thrice Neokorus' (f'Atti 19:35 *neokorus* hija tradotta bħala "gwida tat-tempju"), titlu jindika li din kienet mogħtija l-privileġġ li tibni tliet tempji li jonoraw lil l-imperaturi.

Pergamu kienet il-fortizza ta' Ruma fil-lvant. Kif diġa rajna, din kienet iċ-ċentru tal-gvern provinċjali fl-Asja u kienet responsabbli għat-tisħiħ tal-qima lil l-imperatur. Kburija ċivili biss kienet pressjoni kustanti fuq kull ċitta-din li jagħraf is-sinjurija ta' l-imperatur. Fil-biċċa l-kbira ta' l-ibliet, iċ-ċittadini kellhom biss li juru l-lealtà tagħhom lejn l-imperatur darba fis-sena; f'Pergamu, il-pressjoni kienet kontinwa. Fl-ittra lill-knisja ta' *Żmirna*, il-per-sekuzzjoni kienet magħmula *mil-Lhud*, imma *f'Pergamu, Uffiċjali Rumani* kienu joħorġu t-theddida tal-persekuzzjoni.

*Satana kien imqiegħed fuq it-tron reliġjożament.* B'żieda għat-tempji ddedikati lil l-imperaturi, Pergamu kienet mimlija bi strutturi oħra reliġjużi. Tempju minnhom fl-inħawi kien iddedikat lil Demeter, l-alla mara ta' l-agri-koltura. Qrib it-tifrik ta' dak it-tempju, arkeoloġisti kienu sabu artal idde-dikat "lil Alla mhux magħruf," skrizzjoni tixbaħ lil dik imsemmija f'Atti 17: 23. Per eżempju, fattur wieħed ta' l-akropoli kien l-artal ta' Żews, li ħafna kienu jikkunsidrawh bħala li hu wieħed mis-Seba' Għeġubijiet tad-Dinja l-Antika.

Żews, li r-Rumani kienu jsejħulu Ġupiter, kien emmnut mill-Griegi u mir-Rumani li kien il-kbir ta' l-allat. Wara li kellu vittorja kbira, is-sultan ta' Pergamu kien ordna l-bini ta' artal ġgantest biex juri l-apprezzament tiegħu lejn Żews. L-istruttura kompluta kienet 36 metru tul, wiesa' 34 metru, u 6 metri għoli. (Illum, il-pedament biss baqa' ta' l-akropoli. L-artal innifsu kien mibni mill-ġdid fil-Mużew ta' Pergamu f'Berlin. Siġra kbira, li tinsab f'nofs il-pedament, tista' tidher sewwa mill-pjanura. Il-preżenza tagħha tgħin lill-viżitaturi ħalli jimmaġinaw il-viżibbiltà ta' l-artal fl-ewwel seklu. Din wieħed jista' jaraha minn ħafna kilometri l-bogħod.) Fuq il-ġnub kien hemm gwarniċ li fih kien hemm it-trijonf ta' l-allat Griegi fuq l-għedewwa tagħ-hom.

Eżempju ieħor kbir tal-qima pagana jista' jidher fil-qalba tal-belt ta' Ber-gama, kif hija msejħa llum, fejn il-fdal ta' tempju mibni għal l-allat Eġizz-jani kienu ġew ippriservati. Ħitan kbar ta' ġebel aħmar fihom aktar minn għoxrin metru għoli.

L-idolatrija l-aktar li kienet assoċjata mill-qrib ma' Satana kienet fil-kum-pless mediku, fin-nofs in-nhar tal-belt. Il-morda kienu jiġu minn kullimkien f'dan iċ-ċentru famuż biex ikunu mfejqa. It-tabib magħruf Galen (130-200 W.K.) aktar tard kellu l-prattika tiegħu hemm. Galen huwa meqjus it-tieni biss wara Hippocrates (460-377 Q. K.), li hu magħruf bħala "l-misseri tal-mediċina." Galen huwa l-aħjar magħruf għax-xogħol tiegħu fl-għalqa ta' l-anatomija tal-bniedem. Il-kotba tiegħu kienu kkunsidrati l-awtorità fuq is-suġġett għal tlettax-il seklu. It-trattament kien taħlita ta' mistiċiżmu pagan u mediċina primittiva. Skulari, jiddeskrivu t-trattament li wieħed kien jirċievi, jinkludu kliem bħal "fejqan tal-fidi" u "suġġeriment tieg-ħek innifsek." Billi ħafna mill-mard huwa psikosomatiku (mard ikkawżat minn stress mentali

jew emozzjonali), dan iċ-ċentru mediku kellhu s-sehem tiegħu ta' "kura." Ħafna "testimonjanzi" li jikkonċernaw l-effettività tat-trattament miksub jistgħu jinsabu fil-kitba antika. Ħaġa bħal din moderna tkun l-hekk imsejħa "faith healers" bil-"kuri" ippubblikati tagħhom u bit-"testimonjanzi" tagħhom. Xi trattament kien attwalment ta' benefiċċju: dieta, eżerċizzju, mistrieħ, u banjijiet sħan u kiesħa. Dan qiegħed ngħidu biex wieħed ikollu idea dwar minn fejn huma ġejjin dawn l-hekk imsejħa "faith healers" moderni!

Il-faċilitajiet kienu, u huma, milħuqa permezz ta' mogħdija twila msejħa "it-triq sagra." Dawk li kienu jfittxu l-fejqan kienu jimxu din it-triq ħafijin, fejn kienu jemmnu li kienu qegħdin iħallu l-mewt warajhom. Fl-entratura kien hemm artal iddedikat lil Aesculapius (dan huwa l-isem Latin. L-isem il-Grieg huwa "Asclepias." Iċ-ċentru medi-ku kien imsejjaħ Asclepieum), l-alla tal-fejqan Grieg u Ruman. Prominenti fuq l-artal kien hemm l-emblema ta' dan l-alla: is-serpent mibrum, (is-serpent kien is-simbolu pagan tas-saħħa għaliex hu kien jibdel ġildu u jerġa' jidher żgħir mill-ġdid. Illum għadna naraw dan is-simbolu wżat mill-professjoni medika fejn naraw serp imdawwar ma żokk), simbolu li l-biċċa l-kbira tal-Lhud u tal-Kristjani kienu jassoċjawh max-xitan (Ġenesi 3:1-24; Riv. 12: 9; 20:2). Il-qima ta' Aesculapius kienet partikolarment moqżieża għall-Kristjani tal-bidu.

*Satana kien imqiegħed fuq it-tron kulturalment.* Billi Pergamu ma kinetx belt mal-kosta, din ma kinetx tista' tikkompeti ma' Efesu u Żmirna fil-qasam tan-negozju, għalhekk din speċjalizzat fil-kultura. "Minħabba l-poeti, filosofi, xjenżati, u skulari [tagħha], ..., ir-reputazzjoni ta' Pergamu kienet tgħaddi dik ta' Ateni u l-Ixandra." (La Mar C. Berrett, 1979, 528).

Barra mit-tobba ċelebri ta' Pergamu u l-elaborazzjoni artistika ta' l-artal ta' Żews, kisba kulturali oħra kienet, kif diġa semmejt aktar qabel, il-libre-rija kbira ta' Pergamu li kellha l-fuq minn 200,000 volum.

Il-kutlura ta' Pergamu ma kinetx tappella biss għall-intelletwali. L-aktar dehra spettakulari fl-inħawi kien it-teatru b'10,000 siġġu mibni barra mill-akropoli.

Imma x'kellhom x'jaqsmu l-librerija, it-teatru, u espressjoni oħra kulturali ma' li Pergamu ssir id-dar magħrufa ta' Satana? Xogħolijiet intelletwali u artistiċi kienu invarjabilment assoċjati ma' l-imperatur, u d-divinità pagana, jew mat-tnejn. Il-wiri fit-teatru kien parti miċ-ċelebrazzjonijiet miżmuma f'unur ta' Dionysus, l-alla ta' l-inbid. Il-fdal tat-tempju ta' Dionysus għadu jista' jidher fit-tarf tal-punent tal-palk.

*Satana kien imqiegħed fuq it-tron moralment.* Immoralità—speċjalment immoralità sesswali—kienet parti ntegrali ta' l-attivitajiet politiċi, reliġjużi, u kulturali f'Pergamu. ċittadini ta' dik il-belt kienu esperti "f'opri tal-ġisem" bħal "immoralità, nuqqas ta' purità, żina,...sokor [u] xorb" (Galatin 5:19-21a).

It-tron ta' Satana probabbilment ma kienx dan l-artal *imma l-belt infisha*. Satana kien imqiegħed fuq tron fl-imħuh, fil-qlub, u fil-ħajja taċ-ċittadini ta' Pergamu.

Illum Satana għandu ċentri bħal dak ta' Pergamu li jdawwar il-ħsibijiet ta' eluf—postijiet li jiġbdu l-attrazzjoni ta' dawk bla skruplu, ċiniċi, u edonisti. Afna huma l-postijiet li jiġu f'moħħi: bliet maġġuri tad-dinja, ċentri ta' qawwa politika, inħawi ddedikati għall-pjaċiri tad-dinja, u oħrajn bħal dawn. Satana għad għandu t-tron tiegħu tas-setgħa li minnu jilħaq lid-dinja!

**Fejn id-Dixxipli Kienu fil-Periklu**

Issa aħna għandna nkunu lesti biex napprezzaw ir-rikkmandazzjoni ta' Ġesù ta' din il-knisja:

> "*Jien naf fejn tgħammar int, fejn qiegħed it-tron ta' Satana; u int iżżomm sħiħ Ismi, u ma ċħadx il-fidi Tiegħi*" (v. 13a, b).

Minkejja l-ambjent mhux simpatetiku li kienu jinsabu fih il-Kristjani f'Pergamu, huma kienu baqgħu fidili!

**"Jiena naf id-Dedikazzjoni Tiegħek"**

Ġesù jgħid,

> "*U int iżżomm sħiħ Ismi*" (2:13).

Huma kienu qabdu mhux biss mal-persuna ta' Ġesù, imma wkoll mal-preċetti ta' Ġesù. "Il-fidi tiegħi" tirreferi għall-"ġisem ta' tagħlim li jiċċentra l-fidi fuq Ġesù"—fi kliem ieħor, it-Testment il-Ġdid kollu ta' Kristu. (Xi traduzzjonijiet għandhom "il-fidi tiegħek fija" jew l-ekwivalenti, imma l-frażi "il-fidi" hija aktar wiesa' milli "sempliċiment" temmen f'Ġesù. Madankollu, id-definizzjoni mogħtija *tinkludi* fidi f'Ġesù.) Il-Kristjani ta' Pergamu emmnu f'dak kollu li Ġesù kien u f'dak kollu li Hu għallem.

L-Isem ta' Kristu jirreferi għal min Hu Ġesù. Pietru stqarr, *"Int 'il Kristu, Bin Alla l-ħaj*" (Mattew 16:16). Il-knisja f'Pergamu żammet sod fuq din il-verità. Huma ma ċaħdux Ismu. Huma emmnu li Ġesù kien l-Iben ta' Alla. F'territorju ostili wieħed jista' jippretendi li ma jkunx Kristjan. Emmieni fi Kristu li qiegħed f'territorju ostili jista' qatt ma jlissen l-isem ta' Kristu. Hu attwalment ikun jistħi Dwaru. Imma Ġesù jgħid,

> "*Kull min mela jistħi minni u minn kliemi fost dan in-nisel adulteru u midneb; Bin il-Bniedem ukoll jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru ma' l-anġli mqaddsa*" (Mark 8:38).

Aħna nistgħu niċħdu l-Isem ta' Kristu billi sempliċiment nibqgħu siekta quddiem l-għadu. Ġesù qal li l-knisja f'Pergamu ma ċaħditx l-Isem Tiegħu.

Ġesù jgħid,

> "*U [intom] ma ċħadtux il-fidi tiegħi*" (2:13).

L-appostlu Pawlu jgħid f'Filippin 2:5-8,

> "*Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: Li, għalkemm kien f'sura ta' Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla: Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin: U wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.*"

Ġesù għex fir-rieda tal-Missier. Hu qatt ma ddubita l-Missier. Ġesù ġie biex iduq il-mewt għal kull bniedem. Il-ħajja ta' Ġesù f'din id-dinja, Hu għexha bil-fidi. Alla jaċċettana fuq il-bażi tal-fidi perfetta ta' Kristu.

Stqarrija interessanti li tikkonċerna l-fidi tinsab f'Rumani 3:21-22. L-appostlu ispirat jgħid:

> "*Iżda issa, mingħajr il-liġi, il-ħaqq ta' Alla deher, billi jixhdu għalih il-liġi u l-Profeti. Il-ħaqq ta' Alla li hu bil-fidi f'Ġesù Kristu għal dawk kollha u fuq dawk kollha li jemmnu…*"

Alla jaċċettana minħabba l-fidi u l-ubbidjenza tagħna lejn ir-rieda ta' Kristu. Il-knisja f'Pergamu, qal Ġesù, kienet żammet għall-iskop Tiegħu u baqgħet parti ta' dak l-iskop.

Il-Kristjani ta' Pergamu baqgħu fidili wkoll meta kienu mhedda bil-mewt. Antipas huwa msemmi f'din l-ittra bħala l-ewwel Kristjan li kien ġie maqtul għall-fidi. Ġesù jgħid,

> "*Anqas f'dawk il-jiem li fihom Antipas, ix-xhud fidil tiegħi, qatluh hemm fostkom*" (Riv. 2: 13b).

Aħna ma nafux min kien Antipas imma l-Mulej jaf. Kull ma nafu dwar Antipas huwa li f'Pergamu hu kien il-martri fidil ta' Ġesù. Hu miet għall-Isem ta' Kristu; hu miet għall-fidi ta' Kristu. Ukoll quddiem il-martirju, il-knisja f'Pergamu żammet soda għall-Isem u l-fidi ta' Ġesù Kristu. Il-knisja fi Żmirna kienet imwissija (2:10) imma l-kbir kien għadu fil-futur għall-Kristjani fi Żmirna. Satana diġa kien għawweġ il-muskoli tiegħu f'Pergamu. F'dik il-belt, l-ewwel Kristjan kien ġie maqtul.

Hawn mela huwa l-kmandament:

> "*Int tgħammar fejn hemm it-tron ta' Satana, iżda żammejt sod l-Isem Tiegħi. Int ma ċħadx il-fidi Tiegħi. Meta Antipas miet għall-kawża Tiegħi, int kont għadek fidil.*"

## IL-KRITIKA
## BELT LI NFLUWENZAT LILL-KNISJA (2:14, 15)

Wieħed ikun jixtieq li din l-ittra tagħlaq hawn, imma xi ħaġa, kienet ħażina mal-knisja f'Pergamu. Ġesù jgħid,

*"Madankollu għandi xi ftit ħwejjeġ kontra tiegħek,...* (2:14) .

Meta Ġesù għandu "xi ftit ħwejjeġ kontra tiegħek," huwa l-waqt li ssir nervuż! Xi nies jaħsbu li billi huma jagħmlu ftit ħwejjeġ li mhumiex xierqa Alla se jagħlaq għajnejh għalihom. Imma dawn sejrin żbaljati għal kollox. Illustrazzjoni li hija tajba għal dawn in-nies hija din: Suppost li raġel imur għand it-tabib għal eżami mediku. Wara l-eżami, it-tabib jgħid lir-raġel ir-riżultati pożittivi ta' l-eżami. Imbagħad huwa jżid, "Imma jiena sibt *ftit* ħwejjeġ ħżiena: Inti għandek id-dijabete, qalb għajjiena, u tumur." Kulħadd jaf lir-raġel sejjer imut b'dawk il-ftit ħwejjeġ ħżiena, ukoll għalkemm kellu ħafna ħwejjeġ pożittivi!

Xi "ftit ħwejjeġ" kellu l-Mulej kontra l-Kristjani f'Pergamu?

> *"Inti għandek hemm dawk li qegħdin iżommu mat-tagħlim ta' Balgħam, li baqa' jgħallem lil Balak biex iqiegħed ġebla ta' tfixkil quddiem ulied Iżrael, biex jieklu ħwejjeġ issagrifikati lil l-idoli u jikkommettu atti ta' immoralità. Hekk, int għandek ukoll xi wħud li bl-istess mod qegħdin iżommu t-tagħlim tan-Nikolajin*" (2:14, 15).

Il-kelma Griega tradotta "ġebla ta' tfixkil" tindika nassa li fuqha tpoġġiet il-lixka. Meta l-lixka tittieħed, in-nassa tfaqqa, taqbad il-vittma. Pawlu kien iddiskuta l-kustjoni li tiekol laħam issagrifikat lil l-idoli (1 Korintin 8—10; Rumani 14, 15), imma d-diskussjoni tiegħu primarjament kellha x'taqsam ma' laħam l-ewwel offrut lil idolu u mbagħad mibjugħ fis-suq. Apparentament, id-dnub irreferut għalih f'Rivelazzjoni 2:14 jinvolvi parteċipazzjoni attwali f'qima lil idoli, li kienet (u għadha) ikkundannata minn Alla (2 Korintin 6:16; Galatin 5:20; 1 Ġwanni 5:21). Il-klema Griega tradotta "jikkommettu atti ta' immoralità" letteralment tfisser "li tikkommetti fornikazzjoni." Qima pagana normalment kienet tinvovli immoralità sesswali, li kienet (u għadha) ikkundannata mill-Mulej (1 Korintin 6:13-20).

Il-Kristjani f'Pergamu kienu evidentament ħallew għalliema ta' l-iżball, għalliema li kienu qegħdin jgħallmu tagħlim falz, biex jiġu fosthom u jibqgħu. Ġesù kien *irrikkmanda* l-knisja f'Efesu għall-*intolleranza* tagħha ta' l-għalliema foloz; issa Hu *ikkundanna* l-knisja f'Pergamu għat-*tolleranza* tagħha.

**Nies Li Jippriedkaw il-Kompromess**

Min kienu l-għalliema foloz li Ġesù irrefera għalihom? It-titli "It-tagħlim ta' Bagħlam" u "t-tagħlim tan-Nikolajin" probabbilment huma sempliċiment żewġ modi li tirreferi għall-istess messaġġ ta' ħażen. (Il-kelma "ukoll" f'vers 15 timplika xi relazzjoni bejn iż-żewġ pożizzjonijiet.) Il-manifatturi xi kultant jagħmlu prodott wieħed u mbagħad ipoġġu ismijiet differenti fuqu. Hekk

ukoll, Satana ipproduċa dottrina misħuta li ċċirkolat taħt diversi ismijiet differenti.

Biex nitgħallmu dwar "it-tagħlim ta' Bagħlam" aħna għandna nibdew bir-rakkont ta' Balgħam u Balak f'Numri 22—25. In-nazzjon ta' Iżrael kien ħareġ barra mill-jasar ta' l-Eġittu. Kulħadd kien qiegħed jaqa' quddiem il-poplu ta' Alla. Balak, is-sultan ta' Mowab, talab u offra premju kbir lill-profeta Balgħam jekk hu jisħet lill-poplu ta' Iżrael qabel ma hu daħħalhom fi gwerra. Balgħam ħa l-kustjoni għand Alla. Alla qal, *"Le, dawk huma l-poplu Tiegħi, u huma mbierka."* Meta Balak offra lil Balgħam rigali kbar, Balgħam mar lura għat-tieni darba u talab lil Alla jekk Hu kienx jista' jisħet lill-poplu. Biex issib x'ġara wara, int għandek tmur għall-partijiet l-oħra tal-Bibbja: Ħalli jaqla' t-teżori offruti minn Balak (2 Pietru 2:15; Ġuda 11), Bagħlam ġie bi pjan ta' ħażen. Fl-effett, hu qal lil Balak, "Jiena ma nistax nisħet lil l-Iżraelin, imma jekk int tuża lin-nisa tiegħek biex jisseduċu lil l-irġiel tagħhom għall-qima pagana u immoralità sesswali, Alla Nnifsu jisħethom." Balak segwa l-parir ta' Bagħlam, u, bħala riżultat, Alla qered 24,000 Iżraeli (Numri 25). Balgħam innifsu eventwalment miet bix-xabla (Numri 31:8). Aktar wara, Mosè kiteb li kien "*fuq il-kliem ta' Balgħam*" lin-nisa pagani "ġibdu lil ulied Iżrael biex jidinbu kontra l-Mulej" (Numri 31:16a; enfasi tiegħi). F'Pergamu, il-"Balgħamin" bla ebda dubju għallmu li kien aċċett-abbli għall-Kristjani li jinvolvu lilhom infushom fil-kultura pagana tal-belt.

Alla kien imdejjaq b'Balgħam. Il-kelma li tiddeskrivi t-tagħlim ta' Balgħ-am hija "kompromess." Dawk li kienu qegħdin iżommu "t-tagħlim ta' Bal-għam" ikkompromessaw il-verità ċara irrivelata ta' Alla u marru fi triqthom.

Dawk kollha li jżommu għat-tagħlim ta' Balgħam huma mejta. Kemm nies jagħmlu dak li jridu wkoll fid-dawl tal-verità irrivelata ta' Alla? Int ma tistax tirriġetta l-verità u tkun sewwa. Int ma tistax tkun sewwa reliġjożament jekk int qiegħed ħażin dottrinalment. Il-problema mal-knisja f'Pergamu kienet kompromess.

Aħna rajna dwar in-Nikolajin aktar qabel, fl-istudju ta-għna tal-knisja ta' Efesu (2:6; ara f'Lezzjoni 13, paġni 127-128). Kittieba Kristjani jidentifikaw lin-Nikolajin bħala grupp Gnostiku li pprattika l-immoralità. Il-kelma "Gno-stiku" ġejja mill-klema Griega għal "għarfien" (*gnosis*). Il-Gnostiċi jistqarru li għandhom għarfien u dħul bil-ħsieb u bil-fehma fil-qalba tas-suġġett li mhuwiex disponibbli għal l-oħrajn. Id-dottrina Gnostika kienet li l-iben ta' Alla jista' jidneb kemm irid u l-grazzja ta' Alla xorta tgħatti d-dnub tiegħu, kemm jekk hu jindem jew le. Huma b'hekk "biddlu l-grazzja ta' Alla f'żina" (Ġuda 4). Il-grazzja ta' Alla hija suffiċjenti għad-dnubiet tagħna, imma dan m'għandux ikun ta' inkoraġġiment għad-dnub. Ara d-diskussjoni ta' l-app-ostlu Pawlu fuq dan il-punt, li tibda f'Rumani 6:1. Indiema vera tikkawżana ħalli nippruvaw, bl'għajnuna ta' Alla, biex inneħħu d-dnub minn ħajjitna.

It-tnejn, il-Balgħamin u n-Nikolajin għallmu l-iżball, inkoraġġixxew lil ulied Alla biex jidinbu.

**Membri Li Pprattikaw il-Kompromess**

It-Testment il-Ġdid huwa ċar rigward kif l-għalliema foloz għandhom ikunu ittrattati: Pawlu qal biex ninnutaw it-tagħlim tagħhom u niskartawhom. Naqraw hekk dwar dan:

> "*Issa nitlobkom, ħuti, għassulhom lil dawk li qegħdin jikkaġunaw firda u tfixkil, kuntrarju għat-tagħlim li tgħallimtu; u warrbu minnhom*" (Rumani 16:17).

Pawlu qal lill-Kristjani,

> "*Issa nordnawlkom ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li twarrbu lilkom infuskom minn kull wieħed fostkom li jimxi fil-għażż, u mhux skond it-tagħlim li ħa minn għandna*" (2 Tessalonikin 3:6).

Ġwanni saħansitra qal li kull min jinkoraġġixxi għalliem ta' l-iżball "*ikun qiegħed jissieħeb fl-opri ħżiena tiegħu*" (2 Ġwanni 11).

Għaliex il-Kristjani f'Pergamu ma obdewx dawn id-direttivi ċari? Forsi l-għalliema foloz kellhom il-ħbieb fil-kongregazzjoni, u l-mexxejja kienu qed jibżgħu li jekk jiddixiplinawhom jistgħu jikkaġunaw problemi fil-knisja. Jista' jkun li l-membri ħasbu li kien essenzjali li tippreżenta front magħqud għal dinja ostili, ukoll jekk huma kellhom jittolleraw l-iżball biex jagħmlu dan. Forsi huma ħasbu li jekk huma kienu jħallu l-problema weħidha, din kienet tispiċċa fiha nfisha. Kien x'kien ir-raġunar tagħhom, il-pożizzjoni tagħhom dwar l-għalliema foloz ma kinetx aċċettabbli għall-Mulej!

## BELT LI ĠESÙ DLONK KIEN SE JŻUR IL-KORREZZJONI

**Possibbiltajiet perikolużi**

Twissija hija mogħtija. Ġesù jgħid,

> "*Indem, mela, jew inkella niġi għalik malajr, u nitqabad kontra tagħhom bix-xabla ta' fommi*" (v. 16).

Il-Kristjani ta' Pergamu kienu jeħtieġu li jikkonfrontaw lil dawk li kienu jgħallmu l-iżball u jippruvaw li jikkonvertuhom (Eżekjel 3:18-21). Jekk l-għalliema foloz kienu jirrifjutaw li jinbidlu, huma kellhom ikunu "mneħħija minn fosthom" (1 Korintin 5:13; ara wkoll versi 1 sa 12). Barra minn dan, azzjoni kienet teħtieġ li tittieħed *immedjatament*. L-implikazzjoni tat-twissija ta' Ġesù kienet "Jekk int ma tirrisolvix din il-kustjoni malajr, Jiena niġi malajr biex nieħu ħsiebha—u int ma tkunx kuntent meta nagħmel dan!" (Qabbel dan mat-twissija ta' Pawlu lill-knisja f'Korintu fl-1 Korintin 4:21.)

Din hija waħda minn dawk is-siltiet lil-kliem "Jiena ġej" ma jirreferux għat-Tieni Miġja fit-tmiem tad-dinja, imma pjuttost għall-Mulej jilħaq mis-smewwiet biex jikkastiga l-ħżiena wkoll f'din il-ħajja. Il-Mulej ma qalx kif Hu ppjana li juża x-xabla tal-biża' tal-ħaqq Tiegħu, imma aħna nafu li:

> "*Hi ħaġa tal-biża' li wieħed jaqa' f'idejn Alla l-ħaj*" (Lhud 10: 31).

Innota l-kuntrast bejn "int" u "huma" fit-twissija ta' Ġesù:

> "*Niġi **għalik** malajr, u nitqabad kontra **tagħhom** bix-xabla ta' fommi*" (v. 16b; enfasi tiegħi).

Il-kelma "għalik" probabbilment irreferiet għall-kongregazzjoni kollha, waqt li "għalihom" irreferiet għal dawk li kienu qegħdin ixerdu t-tagħlim żbaljat. Hemm possibbiltajiet oħra li jeżistu. Per eżempju, "għalihom" tista' tirreferi għal kull min fil-kongregazzjoni irrifjuta li jiddixiplina lil l-għalliema foloz. Il-fatt li Ġesù kien ġej biex jikkastiga lil l-għalliema foloz kellu jkun ta' interess għall-knisja għall-ġid ta' dawk li kellhom ikunu ikkastigati (Galatin 6:1). Il-knisja wkoll kellha tkun imħassba dwar is-sigurtà *tagħha stess*. Meta l-Mulej xejjer ix-xabla Tiegħu lejn il-ħżiena, dawk li naqsu milli jitbiegħdu mill-ħżiena ma ħelsuhiex ħafif (Eżekjel 3:18). Huwa bħallikieku Ġesù qal, "Jiena se nwaddab bomba fuq l-għalliema foloz; u jekk huma għadhom f'nofskom meta nagħmel dan, allura intom ukoll kunu meqruda magħhom!"

Dixxiplina korrettiva qatt ma hija faċli, imma hija essenzjali: Hija essenzjali għas-safa tal-knisja, għar-reputazzjoni tal-knisja, u biex iżżomm lil dawk salvi li jibqgħu salvi. Dixxiplina *preventiva* tinvolvi tagħlim u taħriġ, waqt li dixxiplina *korrettiva* tinvolvi korrezzjoni u kastig. Jekk aħna naħdmu aktar iebes dwar id-dixxiplina korrettiva, inqas dixxiplina korrettiva tkun meħtieġa. Madankollu, naħdmu iebes kemm naħdmu iebes dwar id-dixxiplina preventiva, xi kull tant id-dixxiplina korrettiva tkun meħtieġa. Dan hu minnu fid-dar; dan hu minnu fil-knisja. (ara 1 Korintin 5:1, 5-7 għal div-ersi skopijiet tad-dixxiplina tal-knisja).

Ġesù se jiġi u jiġġieled kontrihom bil-Kelma Tiegħu. Żball u kompromess qatt ma jistgħu jieqfu l-iskrutinju (l-istħarriġ bir-reqqa) tal-Kelma ta' Alla. Investigajt int it-twemmin li żżomm fid-dawl tal-verità? Qatt tagħmel kompromess. Qatt tibdel milli ssegwi t-triq tal-Mulej. It-twissija hija indem mill-kompromess u imxi wara l-verità. Ġesù qal,

> "*Mhux kull min jgħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 7:21-23).

## IL-KONSOLAZZJONI

**Wegħdiet Prezzjużi**

Kif hemm fl-ittri kollha, Ġesù sfida kull membru tal-knisja biex jagħmel applikazzjoni personali:

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (v. 17a)

Biex jinkorraġġihom ħalli jisimgħu u jobdu, Ġesù għamlilhom wegħda speċjali:

> "*Lil min jirbaħ nagħtih jiekol mill-manna moħbija, u nagħtih ġebla bajda, u nagħtih isem ġdid miktub fuq il-ġebla, li ħadd ma jafu ħlief minn jieħdu*" (2:17b, ċ).

L-ewwel parti tal-wegħda—ir-riferenza għall-"manna moħbija" għandha l-għeruq tagħha fit-Testment il-Qadim. Waqt il-mixja tal-Lhud fid-deżert, Alla temagħhom bil-manna (Eżodu 16:13-26; Salm 78:24). Vażett bil-man-na kien imqiegħed fl-arka tal-patt (u b'hekk kienet "moħbija") bħala li tfakkarhom il-ħin kollu li Alla kien ipprovda għall-poplu tiegħu u jkompli jipprovdi għalihom (Eżodu 16:33, 34; Lhud 9:4). Hekk ukoll, il-Mulej jipprovdi għal l-ubbidjenti f'Pergamu. Billi l-manna kienet ikel fiżiku, il-"manna moħbija" tista' tirreferi għal sosteniment tar-ruħ. Ħafna kummentaturi jorbtu din il-wegħda għall-istqarrija ta' Ġesù li Hu kien "il-ħobż tal-ħajja" (Ġwanni 6:31, 35). Il-kelma "moħbija" tista' timplika li l-barkiet ta' Kristjan huma *moħbija* mid-dinja—fis-sens lid-dinja ma tirċevihomx, ma tagħrafhomx, jew tirrispettahom.

It-tieni part tal-wegħda mhijiex ċara:

> "*U nagħtih ġebla bajda, u nagħtih isem ġdid miktub fuq il-ġebla, li ħadd ma jafu ħlief min jieħdu*" (v. 17ċ).

Ir-referenza għall-"ġebla bajda" jista' jkollha x'taqsam għall-prattika antika li tuża żewġ ċagħaqiet, waħda bajda u waħda sewda, biex tindika approvazzjoni jew diżapprovazzjoni. Li tkun mogħti "l-ġebla l-bajda" ta' Alla huwa ekwivalenti ta' li tkun approvat minn Alla!

X'kien "l-isem ġdid miktub fuq il-ġebla li ħadd ma jafu ħlief minn jieħdu"? Fil-kapitlu ta' wara Ġesù irrefera għal "isem il-ġdid *tiegħi*" (3:12; ara Filippin 2:9, 10). "L-isem il-ġdid" jista' sempliċiment ikun l-isem "Ġesù." Possibbiltà relatata hija li l-isem il-ġdid huwa "Kristjan." L-ismijiet huma sinjifikanti għal Alla. Hu jagħtina isem li jissinjifika li aħna Tiegħu. Għalhekk aħna naqraw f'Atti 11:26,

> "*Kien f'Antjokja li d-dixxipli għal l-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'.*" (ara wkoll Isaija 62:2.)

Dak kien l-isem li juri li aħna nappartjenu għal Kristu. Jista' jkun ukoll li l-isem ikun l-isem mhux magħruf imsemmi f'Rivelazzjoni 19:12, isem li jkun irrevelat lilna fis-smewwiet.

## KONKLUŻJONI

L-ittra lill-knisja ta' Pergamu tiddikjara li mhuwiex faċli li tkun Kristjan. Ġesù għadu qiegħed iħares għal dawk b'kuraġġ biżżejjed li jżommu sod, li ma jiċħdux il-fidi jkunu xi jkunu l-konsegwenzi. Hu qiegħed iħares ukoll għal dawk b'imħabba biżżejjed biex jikkonfrontaw aħwa li l-ħajja u t-tagħlim tagħhom ma jaqblux mal-Kelma divina. Il-Mulej ma jistax jittollera l-kompromess.

Għamilt int kompromess bil-verità? Fidil int sal-punt li tista' tqiegħed tal-ba għall-wegħda tal-manna moħbija u l-isem il-ġdid? 'Il Kristu tal-gandelabri jbierek u jiggwida lill-fidili Tiegħu.

Il-messaġġ lill-Kristjani f'Pergamu japplika għall-Kristjani kollha, ukoll għalina tal-lum. Aħna nistgħu nħossuna sodisfatti u spiritwali meta niltaqgħu flimkien nhar ta' Ħadd għall-qima. Iżda wara l-Ħadd jiġi t-Tnejn. Aħna mmorru lura fuq ix-xogħol jew l-iskola—barra fid-dinja b'influwenzi li l-ħin kollu jibbumbardjawna u jitolbuna biex nagħmlu kompromess bil-prinċipji tagħna f'li ngħixu għal Ġesù Kristu. Il-Mulej jaf "fejn aħna ngħixu." Hu jaf li aħna ngħixu f'dinja taħt l-influwenza ta' Satana, imma Hu jistenna minn għandna li ngħelbu dik l-influwenza—li nibqgħu fidili u mhux nagħmlu kompromess. Il-Bibbja ssejjaħ fuq il-Kristjani biex jgħixu ħajja aħjar, biex jimxu fuq art għola. Id-dottrina ta' Balgħam iġġiegħel lilna li nżommu jdej-na ma' Alla fuq naħa waħda u max-xitan fuq in-naħa l-oħra, u dan jirriżulta fil-korla ta' Alla llum l-istess kif għamel f'Pergamu.

Din l-ittra tisfida lilna lkoll ħalli nkunu "rebbieħa": ħalli nirbħu fuq il-biża' tagħna, fuq in-nuqqas ta' interess tagħna, fuq in-nuqqas ta' konvinzjo-ni tagħna biex b'hekk aħna nkunu dak li jridna li nkunu Ġesù. Jekk aħna na-għmlu dan, Hu *jagħtina* "l-manna moħbija" tal-proviżjoni u "l-ġebla bajda" ta' l-approvazzjoni.

Jekk int għandek ħtieġa spiritwali fil-ħajja tiegħek, jiena nitlob lix-xabla tal-Kelma ta' Alla tmisslek qalbek u tqanqlek biex tobdi lill-Mulej tiegħek *malajr*—biex b'hekk Hu qatt ma jkollu jiġġieled kontra tiegħek bix-xabla tal-biża' Tiegħu tal-ħaqq (Mattew 25:41)!

# IL-KNISJA TA' TIJATIRA

**(Rivelazzjoni 2:18-29)**

## IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

### IL-KNISJA F'TIJATIRA (Rivelazzjoni 2:18-29)

*"U lill-anġlu tal-knisja ta' Tijatira ikteb: Dawn il-ħwejjeġ jgħid Bin Alla, li għandu għajnejh bħal fjamma tan-nar, u riġlejh huma bħal bronż ileqq; Naf l-għemil tiegħek, u l-imħabba, u s-servizz, u l-fidi, u s-sabar tiegħek, u l-għemejjel tiegħek; u ta' l-aħħar huma aktar minn ta' l-ewwel. Madankollu għandi ħaġa żgħira kontra tiegħek, għax inti tħalli lil dik il-mara Ġeżabel, li ssejjaħ lilha nfisha profetissa, tgħallem u tħassar il-qaddejja tiegħi biex jiżnu, u jieklu ħwejjeġ issagrifikati lill-idoli. U jien tajtha ż-żmien biex tindem miż-żina tagħha; u hija ma nidmitx. Ara, jien nixħetha f'sodda, u lil dawk li jiżnu magħha f'taħbit kbir, jekk ma jindmux mill-għemil tagħhom. U noqtol bil-mewt lil uliedha; u jagħrfu l-knejjes kollha li jien hu dak li jfittex fil-ġewwieni u l-qlub: u li nagħti lil kull wieħed minnkom skond għemilkom. Imma lilkom, u lill-oħrajn li hemm Tijatira, lil dawk li m'għandhomx dat-tagħlim, u li, kif jgħidu, ma għarfux il-kobor bla tarf ta' Satana, ngħid: Ma ngħabbikomx b'tagħbija oħra. Imma dak li diġa' għandkom żommuh tajjeb*

*sakemm niġi. U dak li jirbaħ, nagħtih setgħa fuq il-ġnus: U jaħkimhom b'xettru tal-ħadid; bħal ħwejjeġ ta' fuħħari, frak jitkissru: bħalma jien ukoll ħadt mingħand Missieri. U nagħtih il-kewkba tas-sebħ. Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (Riv. 2:18-29).

Fl-istudji tagħna, aħna studjajna dwar l-aktar tlitt ibliet prominenti fl-Asja Minuri: Efesu, Żmirna, u Pergamu. Issa aħna se nidħlu ġol-qalba tal-pajjiż, nimxu lejn ix-xlokk sakemm nilħqu l-belt ta' Tijatira. Tijatira kienet belt ta' xi għana, imma fil-jiem tal-knisja tal-bidu, ħafna nies ħasbu dwarha bħala post insinjifikanti tal-mistrieħ fit-triq minn Pergamu għal Sardi. Din kienet l-inqas waħda magħrufa, l-inqas importanti, u l-inqas li tolqtok mill-bliet fejn is-seba' knejjes ta' l-Asja kienu allokati.

F'li jindirizza din il-knisja, Kristu jsejjaħ Lilu Nnifsu "Bin Alla," titlu li ma jinsab imkien aktar f'dan il-ktieb. L-ittra lill-knisja ta' Efesu fiha biss se-ba' versi. L-ittra lill-knisja ta' Żmirna fiha erba' versi, imma l-ittra lill-knisja ta' Tijatira fiha tnax-il vers.

Din l-ittra hija l-itwal u l-aktar li fiha sturzzjoni mill-ittri kollha, u ma-dankollu kienet miktuba lill-knisja li kienet tinsab fl-aktar belt insinjifikanti fost is-seba'. Probabbilment it-tul ta' l-ittra hu minħabba l-problema unika li l-ittra tittratta dwarha. Xejn ma hu magħruf dwar l-oriġini tal-knisja f'Tijati-ra, din hija msemmija hawn biss fl-Iskrittura. Tijatira forsi ma kinetx impor-tanti għall-kittieba ta' l-ewwel seklu imma din kienet importanti għal Ġesù. Din kienet knisja spiritwali bi problema sinjifikanti.

## IL-BELT TA' TIJATIRA

Kittieba bikrin ma tant qalu dwar tijatira, imma dak li huma qalu huwa li jagħti d-dawl.

Żewġ karatteristiċi ta' din il-belt kienu t-talba tagħha għall-fama.

### Għall-Fundatur Tagħha

Il-belt kienet imwaqqfa minn Alessandru l-Kbir u kienet mimlija bin-nies mill-Maċedonja. Alessandru kien il-mexxej ta' din il-parti tad-dinja. Bħala żagħżugħ, hu attwalment kien rebaħ id-dinja tat-Testment il-Qadim. Darba hu kien ġenju militari fl-istorja tad-dinja. Għalhekk, il-fatt li Alessandru l-Kbir kien il-fundatur ta' din il-belt kien ta' sinjifikat kbir f'dak iż-żmien.

### Għad Drappijiet Tagħha

It-tieni raġuni li Tijatira kienet b'xi mod importanti fl-ewwel seklu kienet l-industrija kbira tagħha tas-suf, u l-kulur vjola li kien magħmul fil-belt biex jagħti l-kulur lid-drapp. Ukoll għalkemm Tijatira ma kinetx kbira, din kie-net ċentru tal-kummerċ u negozju. Meta l-appostlu Pawlu ġie fl-Ewropa biex jippriedka l-Evanġelju għall-ewwel darba, l-ewwel persuna li kkonvertiet

kienet mara jisimha Lidja (Atti 16). Hija kienet minn Tijatira u kienet tbiegħ il-porpra; jiġifieri, kienet intrigata f'li tbiegħ id-drapp mogħti l-kulur b'dik it-taħlita vjola sabiħa minn Tijatira. Hija kienet qed tbiegħ bl-imnut matul dawk il-partijiet tad-dinja l-kulur vjola.

Tijatira kienet magħrufa speċjalment għal-għaqdiet tan-negozju tagħha. L-għadiet probabbilment kienu aktar estensivi u organizzati aħjar milli kienu f'xi belt oħra fid-dinja l-antika. Għaqdiet kienu organizzati għall-ħaddiema tal-ġlud, tas-suf, tal-metall, tal-fuħħar, tad-drapp u dawk li jagħtu l-kulur lid-drapp, ħajjata, li furnara, u kull xogħol ieħor. Dawn l-għaqdiet kienu setgħ-ana: Jekk raġel ma kienx ikun membru ta' l-għaqda, hu ma kienx ikun jista' jsibu impjieg. F'xi mod, l-għaqda tista' tkun imxebbħa ma' l-għaqdiet tal-ħaddiema tal-lum. Per eżempju, jekk hu ma kienx imsieħeb fl-għaqda tal-furnara, huwa ma kienx ikun jista' jaħdem bħala furnar.

Il-problema għall-Kristjani kienet li "kull għaqda kellha l-padrun divin tagħha stess, kellha festi, u festiġġjar staġunali li kien jinkludi attivitajiet sesswali. Laqgħat ta' dawn l-għaqdiet normalment kien jinvolvi fihom li jittiekel ikel issagrifikat lil l-idoli u xi kultant kien jinvolvi l-immoralità. Jekk aħna nħarsu ftit madwardna u naraw xi jsir fl-hekk imsejħa festi reli-ġjużi f'ċerti bliet u rħula f'pajjiżna, naħseb li ma tantx inkun qiegħed ngħid ħażin jekk ngħid li dak li naraw isir f'dawk il-festi huma kważi l-istess ħwej-jeġ li kienu jsiru fil-belt ta' Tijatira. X'ma jsirx fil-festi reliġjużi Kattoliċi ta' pajjiżna—xalar, kliem baxx, immoralità, sokor, dagħa, u ħwejjeġ oħra bħal dawn! Mat-tieni seklu, ħafna mexejja Kristjani għallmu li l-Kristjani ma ki-nux jistgħu jappartjenu għal dawk l-għaqdiet—imma meta Rivelazzjoni kien miktub, il-Kristjani kienu għadhom jitqabdu ma' dik id-dilemma. Biex wieħ-ed japprezza s-sitwazzjoni perikoluża tagħhom immaġina li int ma tkunx tista' taħdem jekk ma tkunx Musulman, Buddist, jew membru ta' xi reliġjon oħra li mhix dik Kristjana. Jekk ikun dak il-każ lest int li tikkompromessa l-fidi tiegħek biex issib impjieg u taqla' x'tiekol int u l-familja tiegħek?

Żomm dik il-mistoqsija f'moħħok hekk kif aħna nistudjaw din l-itwal ittra fost l-ittri li huma ndirizzati lis-seba' knejjes fl-Asja Minuri.

F'din il-belt li kienet imwaqqfa minn Alessandru l-Kbir u li kienet famuża għat-taħlita tal-kulur, kien hemm grupp ta' nies li l-Mulej Ġesù sejjaħlu l-knisja Tiegħu.

## TISLIMA (2:18a)

L-ittra tibda b'din it-tislima:

> "*U lill-anġlu tal-knisja ta' Tijatira....*" (v. 18a).

Aħna ma nafux jekk il-knisja kinetx stabbilita f'Tijatira. Lidja u l-familja tagħha setgħu qasmu l-fidi tagħhom meta huma marru lura f'darhom, jew din forsi bdiet meta l-appostlu Pawlu kien f'Efesu (Atti 19:10).

## DESKRIZZJONI TA' ĠESÙ (2:18b)

Kif Ġesù jiddeskrivi Lilu Nnifsu f'din l-Ittra? Ġesù uża xi termini mill-ewwel kapitlu biex jidentifika Lilu Nnifsu bħala l-Awtur—b'żieda importanti bħala "l-Iben ta' Alla." Dwar id-deskrizzjoni ta' Ġesù naraw kif ġej:

**Il-Karattru Tiegħu: "L-Iben ta' Alla"**

> "*U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Tijatira iktiblu hekk: "Dan jgħidlek l-Iben ta' Alla...*"

Din hija l-ewwel darba f'dawn l-ittri li Ġesù jiddeskrivi Lilu Nnifsu bħala "*l-Iben ta' Alla.*" Jekk forsi xi ħadd kellu xi dubju li "l-wieħed bħal bin il-Bniedem" ta' kapitlu 1:13 kienx Ġesù, dak id-dubju jispiċċa għal kollox. Din l-espressjoni titkellem dwar l-awtorità Tiegħu. F'Mattew 28:18, Ġesù qal,

> "*L-awtorità kollha ngħatat lili fis-sema u fl-art.*"

Ġesù Kristu għandu l-awtorità (is-setgħa) kollha. Ġesù Hu l-Kelliemi ta' Alla għal dan iż-żmien. Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jgħid hekk dwar dan:

> "*Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna* ***permezz ta' ibnu****, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien. Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kol-lha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn dnubiet-na, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla fil-għoli tas-smew-wiet.*" (Lhud 1:1-3).

Alla qal,

> "*Dan hu Ibni l-maħbub, li fih sibt l-għaxqa tiegħi:* ***isimgħu Lilu!***" (Mattew 17:5; enfasi tiegħi).

Fl-analiżi finali, il-kustjoni importanti fi ħwejjeġ reliġjużi m'hijiex x'naħ-seb jien jew kif inħossni. Il-mistoqsija reali hija din "X'igħid Ġesù?" Din hi-ja r-raġuni li aħna nirreferu lin-nies għat-Testment il-Ġdid fejn tinsab irreġi-strata r-rieda ta' Kristu. It-Testment il-Ġdid huwa *l-uniku post* li fih aħna nistgħu nsibu l-awtorità ta' Ġesù Kristu. In-nomina "Iben ta' Alla" tfakkarna li Hu għandu l-awtorità kollha. Sfortunatament, ħafna mexxejja reliġjużi għad-hom jikkwotaw mill-profeti tat-Testment il-Qadim bħala dak li qalu l-profeti huwa awtorità u li għad għandu jseħħ! Dak li qalu l-profeti kien ispirat minn Alla u twettaq. Din hija vjolenza kbira kontra dak li naqraw f'Lhud 1:1.

> "*Alla fl-mogħoddi kellimna permezz tal-profeti,* ***issa****, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz* ***ta' Ibnu****.*"

Dak kollu li l-profeti qalu jew bassru huwa kollu mwettaq. Issa, aħna għandna *nisimgħu* biss lil Ġesù Kristu jgħidilna Alla l-Imbierek (Mattew 17: 5) u mhux lil Ġeremija jew lil Danjel jew li Isaija jew lil Żakkarija jew lil xi profeta ieħor minn ta' l-imgħoddi! Dan jgħidu l-Ispirtu s-Santu! Kemm profeziji magħmula mill-profeti tat-Testment il-Qadim huma applikati b'mod żbaljat għall-futur li għad irid jiġi meta dawk kollha twettqu sas-sena 70 W.K. Hija ħasra li ħafna nies sinċiera jintilfu għaliex jaċċettaw dak it-tagħlim falz tal-profeti u l-għalliema foloz ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħidilna bl-aktar mod ċar li Alla issa jkellimna permezz ta' Ibnu u mhux permezz tal-profeti! Dan ifakkarni fil-kliem li l-Mulej qal lill-fariżej u lill-kittieba fejn qalilhom li "Alla jgħid" imma "intom tgħidu." (Mattew 15:4, 5). L-Istess ħaġa jiġri llum li kieku kellu jkun hawn Ġesù, Hu kien jerġa' jgħid dak l-istess kliem lil dawk li jħobbu jikkwotaw il-profeti ta' l-Antik Testment u japplikawhom għaż-żminijiet fil-futur. Billi l-Ispirtu s-Santu kien jaf dwar dan il-profeti u l-għalliema foloz, u dwar it-tagħlim falz tagħ-hom fuq x'jgħidu l-profeti tat-Testment il-Qadim, jgħidilna hekk biex jift-ħilna għajnejna u b'hekk ma nkunux imqarrqin:

> "*Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiema;* ***inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna****; hu li, flok il-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies il-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla.* ***Aħsbu mela fih****, li qagħad għal oppożizzjoni hekk kbira minnaħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom*" (Lhud 12:1-3; enfasi tiegħi).

L-Ispirtu s-Santu jgħidilna biex aħna "nżommu għajnejna merfugħa *lejn Ġesù*" mhux lejn il-profeti "*li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna.*" Il-fidi tagħna "tibda u tintemm" f'Ġesù mhux tibda mill-profeti! Il-profeti għamlu x-xogħol tagħhom u dak li huma qalu twettaq. Illum, aħna għandna lil Ġesù bħala l-Kelliem tagħna għalhekk jgħidilna l-Ispirtu s-Santu: "*Aħsbu f'Ġesù*" u mhux fil-profeti! Li kieku biss dawk li jintilfu fuq ġenealoġiji u fuq dati biex jippruvaw jiffisaw data għat-tieni miġja ta' Ġesù jaqraw dawn il-versi, ħafna mit-tagħlim żbaljat tagħhom jiġi fix-xejn! Xi wħud jirrealiz-zawh dan u jiddeċiedu li jisimgħu lil Ġesù u mhux lill-profeti. Imma sfortunatament dejjem jibqgħu dawk li jippreferu li jgħallmu l-opinjonjiet tagħhom u mhux dak li naqraw fil-Kelma ta' Alla! Minn min int lest li tisma', minn Kristu jew minn dawn il-profeti u għaliema foloz?

**L-Għarfien Tiegħu: "Għajnejh Bħal Ġamar Nar"**

Ġesù jgħid li Hu l-Iben ta' Alla li għandu għajnejn bħal ġamar jew fjamma tan-nar (2:18). Din il-frażi tfakkarna li Għajnejh qegħdin jippenetraw, li Ġesù Kristu għandu l-għarfien kollu, li Hu jaf kollox dwar il-knisja f'Tija-tira.

**Il-Ħaqq Tiegħu: "Saqajh Qishom Metall Ileqq"**

It-tielet, Ġesù jgħid li

> "*Saqajh huma qishom bronż ileqq.*"

Ġesù fakkar lill-knisja ta' Tijatira dwar tliet veritajiet qawwija li jikkoncernaw Lilu: (1) Li Hu infallibbli; Hu "l-Iben ta' Alla." (2) Li Hu omnixjenti (jagħraf kollox); Hu "għandu għajnejh bħal ġamar tan-nar." Il-vers ta' wara jibda bil-kliem: "*Jien naf.*" F'vers 23 Ġesù enfasizza,

> "*Jien hu dak li jfittex l-imħuħ u l-qlub.*"

(3) Ġesù Hu ġust; "*Saqajh qishom bronż ileqq.*" L-ewwel kapitlu kellu "*bħal bronż ileqq, qishom imnaddfin fil-forn*" (1:15). Ir-riferenza hija għall-kastig tal-ħżiena ta' Ġesù li ħadd ma jista' jaħrab minnu. Aktar wara fl-ittra, Ġesù qal li Hu kien se jixħet lill-ħżiena "fi tribulazzjoni kbira." (2:22). Hu wissa li kien se joqtol li dawk li ma jindmux "bil-mewt" (2:23).

Dawn il-ħwejjeġ imsemmija huma b'saħħithom għall-ħaqq. Kif innutjana, Ġesù għandu l-awtorità għall-ġudizzju, għall-ħaqq. Hu għandu wkoll l-għarfien kollu. Għal-hekk, il-ħaqq Tiegħu jkun eżatt u ġust.

L-Iben ta' Alla li għandu l-għarfien kollu, li għandu l-awtorità kollha, u li għandu d-dritt tal-ħaqq huwa Dak li qiegħed jindirizza lill-knisja f'Tijatira. Kif din l-ittra tagħ-mel progress, aħna naraw għaliex huwa importanti għal Ġesù li jiddeskrivi Lilu Nnifsu bħala Dak li għandu d-dritt li jiġġudika.

## IR-RIKKMANDAZZJONI (2:19)

Qabel ma Ġesù spjega għaliex l-attributi Tiegħu tal-biża' kienu meħtieġa, Hu kiteb kwalitajiet pożittivi li sab fil-knisja:

> "*Jiena naf l-opri tiegħek, u l-imħabba, u l-fidi u s-servizz, u s-sabar tiegħek, u li l-opri tiegħek ta' l-aħħar huma akbar minn ta' l-ewwel*" (v. 19).

Ġesù sab aktar xi jfaħħar f'din il-knisja minn kull knisja oħra. L-abbundanza tat-tifħir Tiegħu turi l-ħafna opri tajba tal-knisja f'Tijatira.

**Il-Knisja Kienet Impressiva**

Kienet knisja li taħdem. Ġesù qal,

> "*Jiena naf l-opri tiegħek.*"

Din ma kinetx knisja li kienet bierda. Il-Knisja ta' Tijatira kienet kongregazzjoni dinamika, ħajja, u attiva.

**Il-Knisja Kienet Knisja li Tħobb**

Ġesù jgħid,

*"Jiena naf…l-imħabba tiegħek…"*

Aħna għandna "nħobbu lil xulxin bħal aħwa" (Rumani 12: 0). Ġesù jfaħħarhom għall-imħabba tagħhom, imħabba li titkellem dwar il-karattru tagħhom. Il-knisja f'Tijatira kienet magħmula minn nies li kienu jħobbu lill-Mulej, lil Alla ta' Iżrael. Huma ħabbew ukoll oħrajn kif ħabbew lilhom infushom. Forsi hemm xi sinjifikat fil-fatt li, mis-seba' knejjes indirizzati, din kienet l-unika waħda irrikkmandata għall-imħabba tagħha.

**Il-Knisja Li Kellha l-Fidi**

Imbagħad, Ġesù jsemmi,

*"Jiena naf…il-fidi tiegħek."*

Il-fidi tagħhom kienet titkellem dwar il-fedeltà tagħhom f'li jservu lil Kristu effettivament u perpetwalment. Ma kinetx sitwazzjoni ta' "ħudha jew ħalliha" magħhom; ma kinetx relazzjoni ta' "ejja u mur." Kienet fedeltà kustanti. Ġesù kien qiegħed jgħid: "Jiena naf l-opri tiegħek, jiġifieri, l-opra ta' l-imħabba, l-opra tiegħek tal-fidi, l-opra tas-servizz, u l-opra tal-perseveranza." Minflok ma huma kienu jidependu fuq is-saħħa tagħhom stess, huma kienu tgħallmu li jiddependu fuq il-Mulej.

**Il-Knisja Ta' Servizz**

Ġesù jgħid ukoll,

*"Jiena naf…is-servizz tiegħek."*

"Servizz" jitkellem dwar l-azzjonijiet tagħhom, x'kienu qegħdin jagħmlu. Huma ma kinux nies li kienu jitkellmu biss; huma kienu jaġixxu wkoll. L-imħabba ta' din il-kongregazzjoni kienet prattika; il-membri sabu modi biex jgħinu lil l-oħrajn.

**Il-Knisja li Kienet soda**

Ġesù jgħidilhom,

*"Jiena naf…is-sabar tiegħek."*

Huma kienu jissapportu. Ma kinux lesti li jċedu. Huma sempliċiment komplew iservu. Ċertament li kien ta' qtugħ 'il qalb li tkun imdawwar b'soċjetà li ma temminx, imma l-Kristjani f'Tijatira ma ċedewx.

**Il-Knisja li Kienet Qed Tikber**

L-aktar kumment li jolqtok ta' Ġesù huwa li kienet knisja li kienet qed tiżdied fl-opri tajba: Ġesù qal,

"Jiena naf...li l-*opri tiegħek ta' l-aħħar huma aħjar minn dawk tal-bidu.*"

Il-knisja f'Tijatira kienet qed tikber. It-tendenza hija li titlef l-entużjażmu hekk kif jgħaddi ż-żmien u tagħmel inqas minflok aktar, imma l-knisja f'Ti-

jatira kienet qed tagħmel aktar għall-Mulej kull ġurnata. F'dan ir-rispett, din il-kongregazzjoni kienet l-oppost ta' bosta mill-oħrajn —speċjalment minn dik ta' Sardi (3:1).

Din il-knisja kienet ta' min iffaħħarha, mhux hekk? Wieħed jibda jiddubita jekk kienx hemm xi ħaġa ħażina f'din il-knisja. Imma xi ħaġa kienet traġikament mhux sewwa f'din il-knisja.

## IL-KUNDANNA (2:20-23)

Bħall-knejjes kollha, il-knisja ta' Tijatira mhux biss kellha s-saħħiet tagħha, imma kellha wkoll id-dgħufijiet tagħha. Ġesù kien faħħar il-virtujiet tagħha; Hu issa jikkundanna l-vizzijiet tagħha. Ġesù jgħid hekk dwar dan:

> "*Iżda kontra tiegħek għandi li int lil Ġeżabel, il-mara li tridha ta' profetissa, qiegħed tħalliha tgħallem u tqarraq bil-qaddejja tie-għi billi tħajjarhom jaqgħu fiż-żina u jieklu ikel issagrifikat lil l-idoli. Jien tajtha żmien biex tindem, iżda ma riditx terġa' lura miż-żina tagħha. Ara, lilha se nixħetha marida ġo sodda, u 'l dawk li waqgħu fiż-żina magħha nibgħat fuqhom taħbit kbir jekk ma jerġgħux lura mill-għemejjel tagħha. U lil uliedha noqtolhomlha, ħalli jkunu jafu l-knejjes kollha li jiena hu dak li jifli l-ġewwieni u l-qalb u li jagħti lil kull wieħed minnkom skond ma ħaqqu għal l-opri tiegħu*" (Riv. 2:20-23).

X'inhi l-problema f'Tijatira?

**"Profitessa" Ikkundannata**

Evidentament, il-knisja f'Tijatira kellha għalliema falza mara (xi wħud jaħsbu li l-isem "Ġeżabel" kien sempliċiment simbolu għal l-iżball mgħallem jew kien qiegħed għall-parti mill-kongregazzjoni li għallmet l-iżball. Iżda, jekk dak huwa l-każ, Ġesù probabbilment kien juża frażjoloġija tixbaħ lil dik li nsibu rigward Pergamu: "Int għandek *dawk* li jżommu t-tagħlim ta' Bagħlam" (ara Riv. 2: 14). Huwa mprobabbli li isimha kien attwalment Ġeżabel; il-ġenituri tagħha ma kinux sejrin jagħtuha dak l-isem għal l-istess raġuni li aħna llum ma nagħtux ismijiet lil uliedna bħal per eżempju, Kajjin, Ġuda, jew Barabba. L-isem fih innifsu ma fih xejn ħażin imma l-opri ħżiena li dawk il-karattri kienu għamlu jibqgħu magħhom. Ġesù probabbilment sejħilha Ġeżabel għaliex hi kienet qed timxi fuq il-passi ta' l-infami Ġeżabel fit-Testment il-Qadim.

Mela, Ġesù jsemmi l-mara Ġeżabel. Dan ifakkarna dwar ir-reġina pagana ta' Iżrael tat-Testment il-Qadim, il-mara ta' Aħab (1 Slaten 16—21 u 2 Slaten 9). Hi mhux biss wasslet lil Aħab fil-ħażen, imma ħadet lil Iżrael fl-idolatrija. Il-Ġeżabel f'Tijatira sejħet lilha nfisha profetissa, jgħid Ġesù. Hi forsi qalet li kellha xi xorta ta' rivelazzjoni ġdida.

**Tolleranti Dwar Dottrina Falza**

Tijatira forsi kellha mara ħażina attwali li kienet issej-jaħ lilha nfisha bl-isem ta' Ġeżabel u tqis lilha nfisha bħala profetissa li kienet immorali ħafna u kienet qed twassal oħrajn għall-ħażen. Iżda aktar probabbli, kif diġa rajna aktar qabel, m'hijiex *persuna* li għaliha jirreferi Ġesù imma *idea*. Forsi l-immoralità msemmija m'hijiex fiżika imma spiritwali. Forsi filosofija falza f'Tijatira kienet qed twassal lin-nies biex ma jibqgħux fidili lejn Alla. Il-Ġeżabel ta' Tijatira kienet il-personifikazzjoni ta' tagħlim jew dottrina li ħeġġet lin-nies biex jagħmlu kompromess bejn it-twemmin Kristjan tagħhom u jipparteċipaw fl-attivitajiet immorali. Mela, Ġeżabel f'Tijatira forsi kellha kwalitajiet l-istess bħal dik tat-Testment il-Qadim. Ħaġa ċerta hija, li din il-mara kienet ambizzjuża u li tipperswadi li kienet tgħid li hi profetissa.

Dak li persuna temmen huwa dottrina. *Dottrina* tfisser twemmin jew tagħlim. Dak li persuna temmen u tgħallem huwa d-dottrina tagħha. Temmen int li dottrina hija importanti? Emmen Ġesù lid-dottrina kienet importanti? Ġesù qal,

> "*Mhux kull min jgħidli: 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet!*" (Mattew 7:21-23).

Ġesù emmen lid-dottrina kienet importanti. Jekk le, allura aħna m'għand-niex bżonn il-Bibbja Mqaddsa.

Il-mistoqsija li rrid nistaqsi hija din: "Għandna aħna nkunu tolleranti jew intolleranti dwar id-dottrina tal-Bibbja?" Illum m'għadux popolari li tkun intolleranti. Illum m'huwiex kumpliment li tgħid dwar xi ħadd, "Dak hu intolleranti." Hemm lok fir-reliġjon fejn għandna nkunu *tolleranti*? Iva, hemm. Imma fejn huwa dak il-lok? Fi ħwejjeġ ta' opinjoni, ġudizzju uman, jew priferenza li aħna neħtieġu nipprattikaw it-tolleranza.

Qatt hemm xi ħin li għandna nkunu *intolleranti*? Qatt Ġesù kien intolleranti? F'okkażjoni waħda Ġesù mar fit-tempju u sab nies qegħdin iqarrqu lil dawk li kienu qegħdin jagħtu qima lil Alla. X'għamel Ġesù? Kien Hu tolleranti? Le! Ġesù għamel frosta mill-ħbula, qalbilhom l-imwejjed tagħhom u keċċihom ilkoll 'il barra mit-tempju (ara Ġwanni 2:13-16). Dan ma tantx kien tolleranti, mhux hekk? Hemm waqt għall-intolleranza. Meta Alla jitkellem, aħna għandna nkunu intolleranti. Meta Alla jgħid xi ħaġa, u jgħidha ċara, għandna naċċettawha kif inhi. Bla ebda argument, jiena għandi naċċettaha. Jiena m'għandi ebda lok għal tolleranza.

Ġesù Kristu Hu l-Iben ta' Alla. Pożizzjoni waħda biss minn tnejn tista' tkun meħuda. Int tista' taċċetta Kliemu jew tirriġettah. Jiena nagħtik id-dritt li tirriġetta min huwa Ġesù, imma jiena ma nagħtix lili nnifsi d-dritt li napprova l-pożizzjoni tiegħek. Jien intolleranti lejn dik il-pożizzjoni. Fi ħwejjeġ ta' fidi, fejn Alla tkellem, aħna għandna naċċettaw dak li Hu qal. Fi ħwejjeġ

ta' ġudizzju uman, opinjonijiet umani, u priferenza umana, aħna għandna dejjem inkunu tolleranti (Ara Rumani 14). Aħna nistgħu ma naqblux ma' opinjoni ta' xi ħadd ieħor, imma xorta għandna jkollna l-attitudni t-tajba lejh. Nistgħu nistmerru t-tagħlim, imma għandna nkomplu li nittrattaw il-persuna bħala waħda magħmula fix-xbieha ta' Alla, u l-oġġett ta' l-imħabba Tiegħu. Aħna nistgħu nkunu intolleranti lejn xi pożizzjoni, imma qatt m'għandna ninkurlaw fl-oppożizzjoni tagħna għal tagħlim billi nirrifjutaw li nittrattaw lil dik il-persuna bid-dinjità u l-konsiderazzjoni.

Il-knisja f'Tijatira ittollerat it-tagħlim ta' din il-profetissa li kien jisimha Ġeżabel. Huma ħarsu fuq it-tagħlim tagħha bħallikieku ma kienx jimporta. Aħna dejjem għandna nieqfu għall-iżball bil-Kelma ta' Alla. Ġesù sejjaħ it-tagħlim ta' Ġeżabel bħala "ħwejjeġ moħbija fil-fond *ta' Satana*" (2:24; enfasi tiegħi). Hi apparentament stqarret li kellha xi rivelazzjoni mistika dwar ir-relazzjoni Kristjana mad-dinja. Il-qalba tal-messaġġ tagħha mhuwiex iebes biex timmaġinah. "Alla kien qalli li int għandek tkun parti mill-għaqdiet biex int tkun tista' tgħin lill-familja tiegħek. Fil-fatt, Hu qal li huwa jridek li tkun suċċess fil-professjoni tiegħek—biex tkun tista' tagħti aktar lill-profetissa fidila tiegħek!"

Probabbilment li hija firxet l-ereżija tagħha f'ambjent tad-dar. Forsi hi kienet mara għanja u li kellha influwenza li kienet tistieden segwaċi prospettivi fid-dar lussuża tagħha. Forsi kienet tmur minn dar għal dar, tfittex għal segwaċi ġodda. Kien x'kien il-metodu tagħha, id-dottrina li hija xerdet ikkawżat lill-Kristjani "biex jiżnu" u jieklu ħwejjeġ issagrifikati lil idoli" (v. 20b). Billi t-tagħlim tal-Bagħalamin u n-Nikolajin kellu l-istess riżultat (2:14, 15), dan kien probabbilment l-istess prodott Sataniku b'marka differenti.

Ġeżabel kienet suċċess għaliex hija kienet tgħid dak li ħafna kienu jridu jisimgħu. Dejjem kien minnu li xi wħud:

> "*...ma jaħmlux it-tagħlim it-tajjeb imma skond ix-xewqat ħżiena tagħhom, u b'widnejhom jikluhom, jiġimgħu għalihom għalliema. U jdawwru widnejhom mil-verità, u jduru għall-ħrejjef*" (2 Timotju 4:3, 4).

Meta Ġesù ġie fid-dinja, Hu ma kienx impoġġi għall-mewt għaliex kien ġab reliġjon ġdida. Id-dinja kienet mimlija bir-reliġjonijiet. Għaliex Ġesù kien maqtul? Għaliex dak li Hu qal *jagħmel differenza*. X'naħseb jien ma tantx jimporta, iżda x'qal Ġesù jimporta ħafna. Dan huwa l-messaġġ ta' l-ittra lill-knisja f'Tijatira.

### Nies Ta' Kompromess

Ġesù ma kienx sempliċiment mhux kuntent b'Ġeżabel u s-segwaċi tagħha. Hu partikolarment ma kienx kuntent fil-knisja talli ħallietha tkompli bis-seduzzjoni sedizzjuża tagħha:

*"Madankollu għandi dan kontra tiegħek, għax inti tħalli lil dik il-mara Ġeżabel, li ssejjaħ lilha nfisha profetissa"* (v. 20a).

Pawlu kien ikkmanda,

*"U la tissiħbux fl-opri bla frott tad-dlam, iżda aktarx ikkundannawhom"* (Efesin 5: 11).

Pawlu qal li l-Kristjani:

*"...tagħmluhiex ma' min jisejjaħ ħukom u jkun hu żieni,..."* (1 Korintin 5:11).

Għaliex il-knisja ta' Tijatira ma neħħietx is-sħubija minn Ġeżabel u s-segwaċi tagħha? Kien issuġġerit li Ġeżabel kienet il-mara ta' wieħed mill-mexxejja tal-knisja. Xi manuskritti antiki għandhom "il-mara tiegħek" f'vers 20, il-mod tas-soltu fil-Grieg li tgħid "martek." (L-aħjar manuskritti, iżda, m'għandhomx dan il-qari.) Ġeżabel forsi kienet il-mara tal-predikatur jew ta' wieħed mill-anzjani. Għallinqas hija kellha influwenza li kienet tista' tikkawża l-inkwiet għal dawk li kienu jieqfulha.

Huwa possibbli wkoll li, bħal Korintu, din il-kongregazzjoni tkabbret biha nfisha bl-ispirtu tagħha li ma tiġġudikax (ara 1 Korintin 5:1, 2). Kif semmejt qabel, din kienet l-unika kongregazzjoni li kienet imfaħħra għall-imħabba tagħha. Forsi f'xi wħud mill-membri, l-imħabba daret "għal sentimentalità ħelwa li bis-skiet għalqgħu għajnejhom għad-dnub li kien hemm fosthom minħabba l-biża' li jikkawżaw l-inkwiet. Kienu x'kienu r-raġunijiet tagħhom li ttolleraw l-iżball, dawk ir-raġunijiet ma kinux aċċettabbli għal Ġesù. Hu ried lill-Kristjani f'Tijaritra li jkunu jafu illi li "tittratta ma' Ġeżabel kien l-aktar xogħol urġenti u ta' ħtieġa tal-knisja.

## TWISSIJA U THEDDIDA (2:21-25)

### X'Kienu Jistgħu Jistennew Dawk Li Ma Kinux Fidili

L-istqarrija li jmiss fl-ittra tiġi kważi bħala ħażda: Ġesù qal,

*"U jien tajtha żmien biex tindem"* (v. 21a).

Jekk aħna qatt konnha neħtieġu prova tas-sabar ta' Alla, hawn tinsab dik il-prova. Ġesù ta lil din il-mara midinba kull opportunità biex tindem u tbiddel it-triq tagħha! (Ara 2 Pietru 3:9.) Sfortunatament, meta l-Mulej jagħti lin-nies żmien biex jindmu, xi wħud jinterpretaw dan bħala prova li l-Mulej ma jimpurtahx dwar id-dnub tagħhom. Ukoll għalkemm l-popportunità biex tinbidel kienet mogħtija lil Ġeżabel, Ġesù qal,

"H*i ma tridx tindem miż-żina tagħha*" (v. 21b).

Il-knisja kienet ittollerat l-arroganza tagħha, imma Ġesù ma kienx se jagħmel dan. Hu wiegħed,

“*Ara, jien nixħetha marida f'sodda, u lil dawk li jiżnu magħha fi tribulazzjoni kbira, jekk ma jindmux mill-opri tagħha*” (v. 22).

Billi huma kienu konformi magħha, Ġesù kien qiegħed iżomm *lilhom* responsabbli għal dak kollu li għamlet Ġeżabel. F'din it-twissija, Ġesù għamel logħba bil-kliem: Ġeżabel ħajret lill-Kristjani għas-sodda biex jikkommettu l-fornikazzjoni; Ġesù kien se jixħet lilha u s-segwaċi tagħha f'sodda ta' tribulazzjoni. Aħna ma nafux eżatt x'fisser Ġesù meta qal lis-segwaċi ta' Ġeżabel kien se jixħethom f'sodda ta' mard u tribulazzjoni. Forsi Ġesù kien se juża mard *fiżiku* u mewt biex jipprova jġibhom f'sensihom. Forsi huma mfissra mewt u mard *spiritwali*. Fisser x'fisser Ġesù, ċertament li ma jkunx żmien ta' ferħ għal dawk li ma jindmux.

Innota, iżda, il-kwalifika “*Jekk ma jindmx.*” Il-Mulej tagħna dejjem iżid dak il-proviżjon.

Ġesù kompla,

“*U noqtol bil-mewt lil uliedha*” (v. 23a).

“Uliedha” huwa mod ieħor li titkellem dwar “dawk li kkommettew adulterju magħha” (v. 22). Figura rettorika Lhudija tfisser “li toqtol b'mewta ċerta u orribbli.”

Skop wieħed tal-kastig ta' Ġesù lil dawk li ma jindmux kien biex iservi bħala lezzjoni għall-poplu tiegħu. Naqraw f'vers 23b:

“*u jagħrfu l-knejjes kollha li jien hu dak li jfittex fil-ġewwieni u l-qlub*”.

Bħala Dak li jfittex fil-qlub, Ġesù jkun jaf min nidem u min ma nidimx. Għalhekk kull wieħed jirċievi dak li kien ħaqqu:

“*u li nagħti lil kull wieħed minnkom skond għemilkom*” (v. 23ċ; Ara wkoll Mattew 16:27; Rumani 2:6; 2 Korintin 5:10; 11: 15; Riv. 20:11-12).

**X'Għandhom Jagħmlu l-Fidili**

F'vers 24 it-ton ta' l-ittra f'daqqa waħda jinbidel minn ħruxija għall-ħlewwa. (Kif għedt qabel, ukoll għalkemm seba' komponenti bażiċi jagħmlu l-ittri, hemm varjazzjonijiet minn żmien għal żmien. Din hija varjazzjoni minn dawn; Ġesù waqaf biex jindirizza “l-ftit fidili” f'dik il-knisja.) Wara li Ġesù qal dwar il-kastig li kien hemm merfugħ għal dawk li ma jindmux, Hu malajr żied,

“*U jien ngħid lilkom l-oħrajn li tinsabu f'Tijatira, intom li ma qgħadtux għal dan it-tagħlim u li ma ridtux tafu bit-tagħlim moħbi fil-fond ta' Satana, kif isejħulhom huma, li fuqkom miniex se nixħet piż ieħor. Biss, stabru b'dak li ġa għandkom, sa ma niġi jien*” (versi 24, 25).

Vers 20 juri li Ġesù żamm lil xi wħud fil-knisja responsabbli talli naqsu milli jwarrbu minn Ġeżabel u l-għajjutanti tagħha, imma vers 24 iħalli l-impressjoni li kien hemm oħrajn li Ġesù ma żammhomx responsabbli. Prospetti prinċipali għal l-ewwel grupp kienu jkunu l-mexxejja tal-knisja, li apparentament ma ħadux l-inizjattiva f'li jeżerċitaw id-dixxiplina tal-knisja. Il-knisja f'Efesu kellha anzjani (jew isqfijiet) għall-ħafna snin (Atti 20:12, 28); Tijatira probabbilment kellha anzjani wkoll (Atti 14:23). L-anzjani għandhom ir-responsabblità biex "iħarsu...il-merħla kollha" (Atti 20:28a). Pawlu kien wissa lil l-anzjani li:

> "*minn fostkom stess iqumu xi rġiel, jitkellmu ħwejjeġ imgħawġa, biex jiġbdu dix-xipli warajhom*" (Atti 20:30).

Għalhekk, Pawlu ħeġġeġ,

> "*Għalhekk, għassu,...*" (Atti 20:31).

Hija responsabbiltà kbira ta' dawk li jieħdu ħsieb il-knisja li jaraw li ebda tagħlim falz ma jidħol fil-kongregazzjoni. Kienu min kienu l-mexxejja fil-knisja ta' Tijatira, dawk l-irġiel naqsu fir-responsabbiltà tagħhom. Hawn jiena ma rridx li nħalli l-impressjoni lid-dixxiplina korrettiva tal-knisja tista' tkun magħmula biss mill-anzjani. Jiena qiegħed nipprova biex nenfasizza żewġ punti: (1) Billi Alla ordna mexxejja tal-kongregazzjoni, l-anzjani (l-isqfijiet) għandhom jieħdu l-inizjattiva meta d-dixxiplina tkun teħtieġ li tkun amministrata. (2) Meta l-mexxejja tal-knisja jkunu kontra li jinqatgħu minn xi ħadd, ikun diffiċli ħafna għal dixxiplina effettiva li tkun imwettqa.

Min, mela, t-tieni grupp kellu jkun—dawk li Ġesù ma żammhomx responsabbli? Jiena nemmen li kienu membri fidili li għarfu t-theddida li kienet imponuta mis-segwaċi ta' Ġeżabel imma naqsu mill-awtorità li jagħmlu xi ħaġa dwarha bħala individwi. Lil dawn, Ġesù qalilhom,

> "*...Ma ngħabbikomx b'tagħbija oħra. Biss, dak li għandkom, żommuh tajjeb sa ma niġi*" (versi 24, 25).

"It-tagħbija" (piż jew toqol) msemmija tista' tirreferi għar-responsabbiltà. Hemm ideat li huma ftit differenti dwar x'kienet "it-tagħbija," imma l-biċċa l-kbira tal-kummentaturi jemmnu li f'xi mod din hija riferenza għar-rieda ta' Ġesù. Ħafna kittieba jiġbu l-attenzjoni għal l-użu tal-kelma "tagħbija" f'żewġ siltiet oħra: F'Mattew 11:28-30, "tagħbija" tirreferi għall-ubbidjenza lejn Kristu. F'Atti 15: 28, 29, "tagħbija" tirreferi għar-responsabbiltà tal-Kristjani Ġentili biex jobdu ċerti kmandamenti bażiċi. Xi wħud jikkonkludu li f'Rivelazzjoni 2:24 "tagħbija" tirreferi għall-bżonn li tieqaf mid-dnubiet li Ġeżabel kienet qed tħajjar lill-Kristjani biex jagħmlu. Fil-kuntest, l-istqarrija ta' Ġesù tidher li tfisser, "Jiena mhux se nqiegħed it-tagħbija li ssolvu din il-kustjoni fuq spallejkom; intom għamiltu dak li stajtu tagħmlu. Ir-responsabbiltà issa hija li żżommu tajjeb il-barkiet li jiena tajtkom u ibqgħu fidili."

Ftit taż-żmien ilu, wieħed mill-aħwa ħass li membru ieħor fil-kongregazzjoni fejn kien jattendi kien qiegħed jgħix ħajja mhux xierqa u li l-kongregazzjoni kellha ċċanfru għall-mod ta' ħajja li hu kien qiegħed jgħix bih u forsi, jinqatgħu minn miegħu wkoll. Hu kien tkellem diversi drabi ma' l-anzjani, imma huma ma għamlu xejn dwar dan. Dan il-Kristjan beda jaħseb jekk għandux iħalli dik il-kongregazzjoni u jmur f'oħra. Meta xi ħadd fis-sirlu l-ittra lill-knisja ta' Tijatira hu mhux biss mar għand l-anzjani tal-knisja fejn kien jattendi imma mar ukoll fuq ħuh li kien qiegħed jagħmel il-ħażen biex jipprova jurih "l-iżball tal-mod tiegħu" u biex "isalvalu ruħu mill-mewt" (Ġakbu 5:20). B'hekk hu għamel dak kollu li kien jista' jagħmel, b'hekk ħall lilu nnifsu mill-kustjoni (Eżekjel 3: 19). Jekk l-anzjani tal-knisja jonqsu milli jieħdu l-passi meħtieġa huma jkunu qegħdin jonqsu mir-responsabbiltà tagħhom u minħabba f'hekk ikunu jridu jagħtu kont ta' għemilhom (Lhud 13:17). Xi kultant ikun meħtieġ li wieħed iħalli l-kongregazzjoni fejn huwa jkun jattendi meta jsir kompromess dwar ix-xhieda Kristjana, imma xejn ma jindika li dan kien il-każ f'Tijatira jew fil-kongregazzjoni li semmejt fuq u aħna ma nistgħu nżidu l-ebda opinjoni tagħna ma' dak li jgħid il-Ktieb. (Rivelazzjoni 22:18-19.)

Imbagħad kien imfisser lilu dak li Ġesù qal lil "ftit fidili" f'Tijatira. Minflok ma Ġesù tahom il-parir biex jitilqgħu mill-kongregazzjoni, Kristu qalilhom,

> "*U jiena ngħidilkom,...li m'għandkomx dat-tagħlim,...ma ngħabbikomx b'tagħbija oħra. Biss, dak li għandkom, żommuh tajjeb sakemm niġi*" (versi 24, 25).

Intqal lil dak il-Kristjan li fil-mument li int tkun qiegħed tgħabbi lilek innifsek b'dak li oħrajn suppost qegħdin jagħmlu, u l-Mulej ma jridekx li titgħabba b'dik it-tagħbija, warrabha, u ikkonċentra biss fuq ir-responsabbiltajiet *tiegħek*. Żomm tajjeb sakemm jiġi!

## KONSOLAZZJONI

Kif għadna kif rajna, Ġesù jħeġġeġ lill-fidili f'Tijatira biex jibqgħu fidili. Hu jgħidilhom:

> "*Imma dak li diġa' għandkom żommuh tajjeb sakemm niġi*" (2: 25).

Dawk li jgħelbu u jżommu l-opri ta' Ġesù sat-tmiem jaqsmu fit-trijonf tal-Mulej fuq l-għedewwa Tiegħu li jkunu mkissra għal kollox u kompletament bħal reċipjenti tal-fuħħar. Dak li jegħleb jaqsam fit-trijonf glorjuż u fl-awtorità ta' Kristu, u jippossiedi lil Kristu, il-Kewkba ta' Filgħodu (Riv. 22:16), bħala teżor li ma jispiċċa qatt. Ġesù jgħidilna fil-Priedka tal-Muntanja:

> "*Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitaw lill-profeti li kienu qabilkom*" (Mattew 5: 12).

## WEGĦDA (2:26-28)

Il-parir li kien mogħti lill-Kristjan li semmejt aktar qabel ma kienx faċli, u jiena ċert li l-isfida ta' Ġesù ma kinetx faċli għall-Kristjani f'Tijatira. Huwa ta' skuraġġiment li tkun imdawwar minn dinja mħassra, minn membri mhux fidili u li jħaddnu tagħlim falz, u minn mexxejja irresponsabbli. Għal din ir-raġuni, Ġesù ta' wegħdiet speċjali biex jinkoraġixxi lil kull min isib lilu nnifsu f'sitwazzjoni bħal dik:

> "*U dak li jirbaħ, u jħares l-opri tiegħi sa l-aħħar, nagħtih setgħa fuq il-ġnus: U jaħkimhom b'xettru tal-ħadid; bħal ħwejjeġ ta' fuħħari, frak jitkissru: bħalma jien ukoll ħadt mingħand Missieri; U nagħtih il-kwekba ta' fil-għodu*" (versi 26-28).

Hawn jidher kuntrast bejn "l-opri tagħha" f'vers 22 u "l-opri tiegħi" f'vers 26. Il-Kristjani f'Tijatira ma kinux jistgħu jagħmlu l-opri ta' Ġeżabel u l-opri ta' Ġesù fl-istess ħin.

L-ewwel Ġesù wiegħed lilhom is-setgħa. Ir-riferenza għal li jaħkmu b'xettru tal-ħadid hija minn Salm 2, salm Messjaniku li jitkellem dwar l-awtorità ta' Ġesù (Ikkunsidra Salm 2:9 fil-kuntest tas-salm kollu). Ġesù kien qiegħed iwiegħed li dawk li jżommu l-opri Tiegħu (jiġifieri, jobduh), jaqsmu Miegħu fil-ħakma Tiegħu u fl-aħħar jaqsmu fil-vittorja tiegħu fuq il-ħażen.

Imbagħad Ġesù wera t-tama. "Il-kewkba ta' fil-għodu" hija "kewkba" li tiddi li tidher fuq l-orizzont sewwasew qabel ma jisbaħ. (L-aktar "kewkba ta' fil-għodu" komuni hija l-pjaneta Venere, imma okkażjonalment hija l-pjaneta Mars.) Fl-aħħar kapitlu ta' Rivelazzjoni, Ġesù identifika *Lilu Nnifsu* bħala "l-Kewkba tiddi ta' fil-għodu" (22:16), għalhekk probabbilment li Hu kien qiegħed jitkellem dwar relazzjoni speċjali mal-fidili. Ġesù ried li jagħti lill-Kristjani f'Tijatira xi ħaġa li jħarsu 'l quddiem għaliha. Kif il-kewkba ta' fil-għodu hija l-ħabbar ta' jum ġdid, il-lejl mudlam ta' bla tama ma jdumx ma jgħaddi u jum ġdid mimli bit-tama jidher fuq l-orizzont tal-ħajja tagħna.

## TWIDDIBA (2:29)

Għal darb'oħra, Ġesù inkluda t-twiddiba,

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (v. 29).

Osserva li, għal l-ewwel darba, din it-twiddiba tiġi fit-tmiem ta' l-ittra. Dan ikun il-mudell għall-kumplament tat-tliet ittri.

## KONKLUŻJONI

Ħafna veritajiet f'din l-ittra antika jistgħu jkunu applikati għalina llum. Ħalli niffokaw l-attenzjoni tagħna fuq erbgħa minnhom.

(1) *Aħna għad għandna konflitt mad-dinja; aħna ma nistgħux nagħmlu kompromess*. Kull ġenerazzjoni ġdida ta' Kristjani għandha tiffaċċja l-isfida li ħabbtet wiċċha magħha l-knisja f'Tijatira: li tkun "fid-dinja" (Ġwanni 17: 11), imma mhux "tad-dinja" (Ġwanni 17:16).

(2) *Aħna għad għandna nies influwenti li jistgħu jagħmlu l-iżball li huma attraenti; aħna m'għandniex inkunu ddiżgwidati*. Ulied Ġeżabel għadhom ħajjin u b'saħħithom illum. Ftakar li nies "attraenti, li jiġbduk, u ta' talent mhumiex neċessarjament infallibbli ntellettwalment jew moralment. Ilkoll għandhom ikunu ttestjati permezz tat-tagħlim ċar tal-Kelma ta' Alla (1 Ġwanni 4:1).

(3) *Aħna għad għandna l-għajnuna tal-Mulej f'li niffaċċjaw l-isfidi tagħna; m'għandniex niddispraw*. Kull wegħda fis-seba' knejjes titkellem dwar il-Wieħed li "jirbaħ." F'din l-ittra, Ġesù żied frażi ta' spjega:

"*Dak li jħares l-opri tiegħi sa l-aħħar*" (v. 26b).

Jekk trid li tkun "rebbieħ," int għandek iċċedi ħajtek lil Ġesù u tiddetermina li tagħmel ir-rieda Tiegħu, ma jimpurtax x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi. Jekk int iċċedi kollox Għalih, Ġesù jgħinek biex tegħleb jew tirbaħ fuq kull problema fil-ħajja.

Il-messaġġ huwa wieħed ta' saħħa u konfort lill-Kristjani tal-lum ukoll. Id-dinja tax-xogħol li ngħixu fiha llum għandha "xirki tas-sengħa" tagħha: pressjonijiet biex taqbel, li tkun diżonest, li tkun immorali, li tagħmel ġudizzji ħżiena, eċċ. Aħna għandna nibqgħu sodi kif kienu l-Kristjani f'Tijatira mħeġġa li jagħmlu, u l-premjijiet li kienu mwiegħda jkunu tagħna wkoll.

(4) *Aħna gnistgħu li nkunu fl-iżball; m'għandniex inkunu stinati*. Qatt int kont ħati li tgħallem il-kompromess mad-dinja? Din il-lezzjoni tista' tkun parti mill-pjan tal-Mulej biex jinkoraġġixxik ħalli tindem. Applika dan il-messaġġ għal qalbek, u twarrabx fil-ġenb l-opportunità li hija mogħtija lilek mill-Mulej. Biddel ħajtek ukoll illum biex b'hekk, fit-tmiem, il-Mulej ibierkek minflok ma jistħek!

Qiegħed int tittollera l-iżball? Ftakar li l-verità u l-iżball ma jistgħux jeżistu flimkien fil-paċi. Jekk inti tieqaf fidil ma' Ġesù, int għandek tieqaf mal-verità Li Hu ta mis-smewwiet.

# IL-KNISJA TA' SARDI

**(Rivelazzjoni 3:1-6)**

## IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

## L-ITTRA LILL-KNISJA TA' SARDI (Rivelazzjoni 3:1-6)

*"U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Sardi iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek Dak li għandu s-seba' spirti ta' Alla u s-seba' kwiekeb: Jien naf l-opri tiegħek, inti għandek isem li inti ħaj iżda int mejjet. Ishar, u saħħaħ il-ħwejjeġ li għad għandek u li sa jmutu: għax l-opri tiegħek ma sibthomx mitmumin quddiem Alla. Ftakar mela f'dak li lqajt, u f'dak li smajt: ħarsu, u indem. Jekk mela ma tisharx, niġi fuqek bħal ħalliel, u ma tkunx taf f'liema siegħa niġi fuqek. Int għandek xi ftit nies ukoll f'Sardis li ma ħammġux ħwejjiġhom; u dawn jimxu miegħi bi lbies abjad: għax jixirqilhom. Dak li jirbaħ, jitlibbes ħwejjeġ bojod, u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (Riv. 3:1-6).

L-istudju tagħna huwa dwar il-ħames ittra, l-ittra lill-knisja fil-belt li darba kienet magħrufa sewwa ta' Sardi. Sardi kienet allokata fix-xlokk ta' Tijatira.

Il-knisja f'Sardi, il-knisja ħajja iżda mejta, irċeviet il-ħames mis-seba' ittri lill-knejjes fl-Asja Minuri. Il-knisja ta' Sardi għandha d-distinzjoni dubbjuża li dwarha jintqal li ma kien hemm xejn tajjeb—għallinqas sakemm hija kkonċernata l-kongregazzjoni kollha. (L-oħra hija l-knisja ta' Laodikija.) Madankollu, hija kellha l-ftit fidili li kienu għadhom qegħdin jippruvaw biex jagħmlu dak li kien tajjeb (3:4). Matul il-lezzjoni tagħna aħna sejrin niffokaw fuq dawn il-Kristjani speċjali.

### DISTRETT KBURI

**(3:1a)**

L-ittra tibda,

"*U lill-anġlu [messaġġier] tal-knisja ta' Sardi, ikteb:*" (v. 1a).

Sa issa fl-istudju tagħna tas-seba' knejjes, aħna rajna li l-kongregazzjonijiet spiss kienu affettwati mill-komunitajiet li fihom huma kienu allokati—kemm negattivament jew pożittivament. Il-knisja għandha tinfluwenza lill-komunità (Mattew 5:13-16), imma ta' spiss dan kien il-kuntrarju. Wieħed mill-aħjar eżempji ta' dan hija l-knisja f'Sardi. Tliet veritajiet dwar il-metropolis antika ta' Sardi jiġbdu l-attenzjoni tagħna.

### It-Toroq Prinċipali Tagħha

Ħames toroq prinċipali li jagħtu fuq Sardi kienu jagħmlu ċentru tan-negozju. Fiż-żminijiet l-antiki, toroq bħal dawk ta' Sardi jew port kienu jassiguraw lil dik il-belt minn importanza kummerċjali. Naturalment, kummerċ jew negozju kbir kien ifisser għana kbira. Għalhekk, Sardi kienet belt sinjura.

### L-Istorja Tagħha

(1) *Sardi kellha storja ta' glorja tal-passat.* Din kienet waħda mill-aktar bliet antiki fl-Asja u kienet waħda mill-aqwa. Fis-sena 150 Q.K., taħt Croesus, (li miet fis-sena 546 Q.K., u kien l-aħħar sultan ta' Lidja) Sardi saret il-kapitali tas-saltna l-antika. Il-belt oriġinali kienet mibnija fuq il-Muntanja Tmolus. Isfel tal-muntanja kien hemm xmara mimlija b'ramel li kien fih id-deheb li kkontribwixxa għall-ġid ta' Croesus. (l-espressjoni "sinjur daqs Croesus" għadha wżata llum.) Croesus waqqaf l-ewwel sistema governat-tiva uffiċjali monetarja; fis-sens modern tad-dinja, il-flus kellhom l-oriġini tagħhom f'Sardi. Sardi kienet l-ewwel belt li ħarġet muniti standarizzati, iggarantiti fil-piż permezz ta' bolla governattiva. Meta l-mexxej Persjan Ċiru l-Kbir qabad il-belt, hu ġarr miegħu aktar minn Lm250,000,000 f'muniti tad-deheb! Sors ieħor ta' għana kien il-fatt li l-belt kienet qrib is-salib it-toroq ta' tliet ibliet ta' mal-kosta. B'hekk Sardi saret belt kummerċjali sinjura.

(2) *Sardi kellha storja ta' prużunzjoni.* Il-blet oriġinali kienet mibnija fuq fila ta' għoljiet tal-Muntanja Rmolus, li ffurmat ċittadella naturali. Il-fila ta' għoljiet li kienet għolja 456 metru 'l fuq mill-pjanura wiesa u fertili, kellha ġnub lixxi li kienet kważi perpendikulari. Aċċess għall-belt kien minn passaġġ dejjaq li kien jista' jkun iddefendut minn ftit nies. Din kienet tider bħala li kellha pożizzjoni li ma tistax tintrebaħ.

Is-sultan Croesus emmen li oraklu qallu li hu kien jista' jegħleb lil Ċiru l-Persjan (Orakli pagani kienu deliberatament vagi fl-hekk imsejjaħ tħabbir "ispirat" sabiex jipproteġihom milli jkunu ppruvati foloz.) Meta hu falla, reġa' rtira lejn il-fortifikazzjoni tiegħu "li ma kinetx tista' tintrebaħ." Ċiru offra rigal li kull min ikun jista' jsib mod kif jidħlu fil-belt barra mill-mogħ-

dija għolja. Suldat Persjan kien qiegħed iħares meta elmu ta' suldat Sardinjan waqa' u beda jitgerbeb mal-ġenb tal-muntanja. Wara ftit, is-Sardinjan deher fil-bażi ta' l-għolja biex jiġbor l-elmu. Is-suldat Persjan irraġuna li jekk is-Sardinjan kien jista' jinżel minn niżla biex jiġbor l-elmu tiegħu, huma kienu jistgħu jitilgħu 'l fuq. Huwa mmarka l-post, u dak il-lejl grupp żgħir ta' suldati Persjani xxabbtu mal-ġenb tal-muntanja. Huma sabu ċ-ċitta-della mingħajr għassiesa minħabba l-prużunzjoni tas-Sardi—u l-belt waq-għet f'idejn il-Persjani mingħajr wisq tbatija. (Dan reġa' ġara madwar mitt sena wara.)

(3) *Mat-tmiem ta' l-ewwel seklu, Sardi kienet qed tgħix fuq il-glorja tal-passat.* Wara li Ċiru qabad il-belt, is-Sardinjani ma kinux imħollija jagħmlu armi tal-gwerra. Missirijiet kienu jistgħu biss jgħallmu lil uliedhom kif idoqqu l-arpa, kif jiżfnu, u kif ikunu bejjiegħa. Aktar wara, fis-sena 17 W.K., il-belt kienet meqruda b'terremot. Din kienet mibnija mill-ġdid imma qatt aktar ma laħqet il-livell li kellha qabel. Saż-żmien li Rivelazzjoni 3:1-6 kien miktub, Sardi kienet belt tat-tielet klassi li kienet qed tgħix fil-passat.

### Id-Dekadenza Kbira Tagħha

Il-lussu tal-belt ikkontribwixxa għad-dekadenza (mawrien lura) tagħha. L-għana saret problema.

Il-karatteristika tal-belt affettwat il-kondizzjoni kollha tal-knisja. Il-knisja, tgħidilna l-Kelma ta' Alla, m'hijiex tad-dinja; madankollu qiegħdha fid-dinja. Il-knisja taffettwa lid-dinja, imma hija wkoll affettwata minn ċirkustanzi. L-għana u d-dekadenza ta' Sardi bla dubju affettwaw lill-knisja f'dik il-belt.

## DESKRIZZJONI POŻITTIVA TA' KRISTU (3:1b)

Qabel ma Ġesù għamel dijanjosi tal-mard tal-knisja f'Sardi, Hu l-ewwel identifika Lilu Nnifsu bħala Dak

> "*li għandu s-seba' Spirti ta' Alla u s-seba' kwiekeb*" (v. 1b).

Din hija l-aktar deskrizzjoni ta' konfort minn dawk kollha li jinsabu fl-ittri.

### "B'Seba' Spirti"

L-ewwel, Kristu Hu intordott lilna l-ewwel bħala li għandu s-seba' Spirti ta' Alla. Is-seba' Spirti kienu msemmija flimkien ma' Alla l-Missier u Ġesù 'l Kristu f'kapitlu wieħed. Il-frażi "is-seba' Spirti" kienet l-ewwel misjuba f'Rivelazzjoni 1:4, fejn kienet tirreferi għal l-Ispirtu s-Santu. Is-seba' Spirti għandhom jirreferu għat-tielet persuna tad-Divinità, l-Ispirtu s-Santu, "b'seba'" tfisser komplut jew perfett.

Ġesù jgħid fl-ittra lil Sardi li Hu għandu seba' Spirti ta' Alla. Hu għandu, jew jippossiedi, l-Ispirtu s-Santu. Ġwanni 3:34 jgħid li Ġesù kellu l-Ispirtu bla qies—komplut jew kollu kemm hu. Ġesù qiegħed jafferma li Hu għandu l-Ispirtu s-Santu kompletament u perfettament. "*Is-Seba' Spirti*" probabbil-

ment tissinjifika li Ġesù għandu s-setgħa divina kollha u dwar dan naqraw f'Mattew 28:18 fejn Ġesù jgħid li għandu s-setgħa kollha fis-sema u fl-art.

Billi l-Ispirtu s-Santu kien ġie mogħti lill-Kristjani biex jgħinhom u jsaħħaħhom (Atti 2:38; 5:32; Rumani 8:11, 13, 16), il-fatt li Ġesù għandu "s-seba' Spirti" jindika li Hu jinsab lest u kapaċi li jfarraġ lill-Kristjani. L-istess messaġġ kien imwassal bit-tħabbira li Hu għandu "s-seba' kwiekeb" kif sejrin naraw issa.

**"B'Seba' Kwiekeb"**

It-tieni, Ġesù jgħid li Hu għandu s-seba' kwiekeb. Is-seba' kwiekeb huma rappreżentattivi tas-seba' knejjes (1: 20). F'kapitlu wieħed, vers 16, Ġesù Hu muri bħala li qiegħed iżomm is-seba' kwiekeb f'idu l-leminija, l-id set-għana Tiegħu ta' protezzjoni. Dan jissuġġerixxi l-abbiltà Tiegħu biex iżomm u jħares in-nies tiegħu.

Aħna intordotti lil Kristu li għandu l-Ispirtu s-Santu fil-perfezzjoni Tiegħu u l-kwiekeb tal-knejjes f'Idu.

Għaliex Ġesù beda l-ittra b'dan il-messaġġ ta' konsolazzjoni ladarba l-knisja f'Sardi ma rċevietx ebda rikkmandazzjoni? Probabbilment, Hu ried li jinkoraġġixxi lil "ftit" (3:4) fil-kongregazzjoni li kienu baqgħu fidili taħt kondizzjonijiet iebsa u ta' prova.

## IL-KNISJA

Żewġ veritajiet joħorġu f'din l-ittra dwar il-knisja f'Sardi għalkemm dawn m'humiex imsemmija espressament.

**Ħielsa mid-Diffikultajiet**

L-ewwel huwa li l-knisja tidher li hija kwieta kompletament. Din ma kellha ebda problemi maġġuri. Ma kienx hemm qima lil Ċesari f'Sardi. Ma kienx hemm popolazzjoni Lhudija li tikkawża persekuzzjoni. Ma kienx hemm ereżija interna. Knejjes oħra kellhom iħabbtu wiċċhom mal-perseku-zzjoni, qima ta' Ċesari, u dottrina falza. Ebda waħda minn dawn id-diffi-kultajiet ma kienet teżisti f'Sardi. Kienet knisja fil-kwiet.

**Milquta mill-Mewt.**

Il-knisja f'Sardi probabbilment kellha l-paċi, imma din kienet il-paċi tal-mewt. Xejn ma hu aktar mixtieq minn knisja mill-paċi—paċi li tiġi għaliex il-knisja kienet waq-fet għall-verità u dik il-verità kienet imliet il-knisja. Iżda xorta ta' paċi kienet teżisti—il-paċi li tibqa' għaliex il-knisja kienet mejta. Il-paċi f'Sardi kienet il-paċi tal-mewt. Il-knisja ta' Sardi kienet saret bierda għal kollox. Huma xorta kienu jattendu għal laqgħat tal-qima, imma ma baqgħux aktar militanti fil-fidi tagħhom fil-komunità.

## RIKKMANDAZZJONI

Ebda rikkmandazzjoni jew tifħira ma tidher f'din l-ittra. Ġesù ma jsib xejn tajjeb xi jgħid dwar il-knisja. Xi traġedja! Fl-ittri kollha Ġesù jsegwi l-mudell li l-ewwel ifaħħar lill-knisja u mbagħad, juri l-korrezzjonijiet li jeħ-tieġu li jsiru. Imma Hu ma jsib xejn li għalih huwa jista' jffaħħar lill-knisja f'Sardi.

## DIJANJOSI LI TWAĠĠA' (3:1ċ, d, 2a, ċ)

Hemm ħafna x'tikkritika f'Sardi u Ġesù jmur malajr għall-punt, għas-suġġett.

**Kif Oħrajn Kienu Jafuhom**

Il-bidu ta' l-ittra jibda bl-istess kliem li Ġesù uża lill-knejjes f'Efesu u f'Tijatira:

> "*Jiena naf l-opri tiegħek,*" (v. 1ċ).

Ġesù irripeta dan il-kliem fl-ittri lill-knejjes ta' Filadelfja u Laodikija (3:8, 15). Ġesù kien faħħar lill-knejjes ta' Efesu u Tijatira. Hu kien qal lill-Kristjani f'Efesu,

> "*Jiena naf l-opri tiegħek, u t-taħbit tiegħek, u l-perseveranza tiegħek, u kif ma tiflaħx għan-nies ħżiena*" (2:2).

Ġesù faħħar lil dawk f'Tijatira, fejn qal,

> "*Jiena naf l-opri tiegħek, u l-imħabba u s-servizz, u l-fidi, u l-perseveranza tiegħek, u li l-opri tiegħek ta' l-aħħar huma aħjar minn dawk tal-bidu*" (2:19).

Żomm f'moħħok lis-seba' ittri ma ċċirkolawx separatament. Meta knisja waħda mis-seba' ltaqgħet biex tisma' l-ittra tagħha, il-membri semgħu wkoll is-sitta l-oħra. Għalhekk, qabel ma l-ittra lill-knisja f'Sardi kienet moqrija, il-Kristjani ta' Sardi semgħu t-tifħir ta' l-erba' kongregazzjonijiet l-oħra. B'żieda għal l-apprezzamenti Tiegħu lill-knejjes f'Efesu u f'Tijatira, Ġesù kien faħħar lill-knisja fi Żmirna għall-fedeltà tagħha minkejja t-tribulazzjoni u l-knisja f'Pergamu talli żammet sod l-Isem Tiegħu. Billi l-knisja f'Sardi kellha l-aktar passat imsemmi, il-membri tagħha ċertament li stennew l-aktar tifħir qawwi mingħand Ġesù. Minflok, huma semgħu stima divina li ċerta-ment ikkawżat lil kullħadd li jaqta' nifsu u lil xi wħud li jirrabjaw. Il-valu-tazzjoni ħadet biss sitt kelmiet fit-test oriġinali, imma jkun diffiċli li tim-maġina lingwa aktar iebsa li tolqot fil-laħam il-ħaj:

> "*int għandek isem li int ħaj, u int mejjet*" (3:1d).

Il-knisja f'Sardi kellha reputazzjoni tajba. Din sata' li kellha numru kbir ta' membri. M'hemmx dubju li meta n-nies kienu jitkellmu dwar il-knisja, fl-ewwel seklu, Sardi kienet fil-bidu tal-lista tal-kongregazzjonijiet li kienu mfaħħra. Ġesù jgħid li l-knisja f'Sardi kellha isem. Din kellha reputazzjoni tajba.

**Kif Rahom Ġesù**

Imma Ġesù ma jħarisx lejn l-affarijiet b'mod superfiċjali; Hu jara l-affarijiet kif tassew huma. Il-Wieħed li jara l-affarijiet kollha eżatti jgħid,

"*Inti għandek isem li inti ħaj, u int mejjet.*"

Il-kongregazzjoni kellha "isem" talli kienet "ħajja"—reputazzjoni fost l-aħwa għall-vitalità spiritwali. (Jintqal li *reputazzjoni* hija dak lin-nies jaħsbu li inti tkun, waqt li *karattru* huwa dak li tassew inti tkun.) Jekk inti tkun għamilt żjara fil-kongregazzjoni fil-jum tal-Ħadd u tkun osservajt is-servizz impressjonanti—it-talb dinjituż, il-kant eleganti, il-predikar ta' l-għaġeb, l-osservanza ta' l-Ikla tal-Mulej bl-aktar solennità, il-kontribuzzjonijiet stravaganti—probabbilment wara li titlaq inti tgħid, "Dik il-knisja hija ħajja għal Kristu!"

Alla, iżda, ma jarax kif jara l-bniedem (1 Samwel 16: 7). Il-Mulej qal li l-knisja kienet "mejta"—mejta spiritwalment, bħall-mara msemmija fl-Ewwel Timtoju 5:6, li jintqal li "hi mejta waqt li hi ħajja." Il-kelma "mewt" tista' tkun imfissra bħala "separazzjoni." Mewta fiżika hija s-*separazzjoni* tal-ġisem mill-ispirtu (ara Ġakbu 2: 26). Mewta spiritwali hija separazzjoni minn Alla (Isaija 59:1, 2). Billi r-relazzjoni tagħha mal-Mulej ma kinetx tajba, il-knisja ta' Sardi kellha reputazzjoni imma mhux realtà, forma imma mhux qawwa. X'jiswa jekk knisja għandha isem tajjeb fost in-nies jekk, fil-fatt, hija knisja mejta f'għajnejn Alla?

Biex wieħed japprezza kemm il-valutazzjoni ta' Ġesù kienet li taħsad għall-Kristjani ta' Sardi, immaġina raġel li dejjem kien jiftaħar bih innifsu fuq il-ħila fiżika tiegħu. Fiż-żogħżija tiegħu, dan ir-raġel kien atleta magħruf ħafna u għalkemm issa kiber, xorta għadu mħares bħala mudell tas-saħħa. Imma ġurnata waħda, dan ir-raġel imur għand it-tabib tiegħu biex jagħmel il-vista medika tas-soltu. Wara li sarulu t-testijiet u mar għar-riżultat, it-tabib tiegħu qallu, "Ħares, sinjur, inti raġel mejjet!" Id-dijanjosi medika ma ħasditx lil dak ir-raġel aktar milli ssopprendiet u ħasdet id-dijanjosi spiritwali ta' Ġesù lil dawk f'Sardi.

Dawn ma kinux l-ewwel jew l-aħħar li dijanjosi tagħhom kienet li huma "mejtin bil-ħtijiet u d-dnubiet" (Efesin 2:1). Darba l-Ħadd filgħodu, predikatur ħabbar li matul is-servizz ta' filgħaxija, hu kien se jippriedka l-funeral ta' membru prominenti. Dik il-lejla, l-membri li kienu mħawda sabu tebut quddiem il-bini. Meta wasal il-ħin għall-priedka tal-predikatur, hu tkellem f'termini ġenerali dwar il-mejjet. Fl-aħħar, hu qal, "Xi wħud minnkom qegħdin jitħassbu dwar min kien dak li miet. Jiena nistedinkom biex tgħaddu qrib it-tebut u taraw." Kif il-membri qagħdu wara xulxin, huma ħarsu ġot-tebut u raw...mera...bil-wiċċ tagħhom stess jirrifletti fiha! Kien il-mod mhux fin tal-predikatur li jissuġġerixxi li l-kongregazzjoni kienet teħtieġ qawmien spiritwali! (Ara Salmi 85:6; 119:25).

Jekk jintqal lilek jew lili li mewta fiżika kienet imminenti, aħna probabbilment nitolbu prova ta' dik il-pronjosi. Il-ftit versi ta' wara jsemmu jew jimplikaw erba' sintomi speċifiċi li wasslu lil Ġesù għall-konklużjoni li l-Knisja f'Sardi kellha marda terminali.

(1) *Ngħas*. Meta xi ħadd li kien enerġetiku ma jkun irid jagħmel xejn ħlief jorqod, ikun il-waqt li hu jikkonsulta t-tabib tiegħu. Ġesù qal lill-knisja f'Sardi, "*Qum...*" (v. 2a).

(2) *Ħedla*. Meta xi ħadd li kien attiv isir bla ħeġġa ta' xejn, aħna nibdew nitħassbu. Darba l-Kristjani f'Sardi kienu entużjastiċi, imma Ġesù qal,

> "*Għax ma sibtx l-opri tiegħek mitmumin quddiem Alla tiegħi*" (v. 2ċ).

Il-kelma Griega għal "mitmumin" tfisser "li jkunu pperfezzjonati" jew "kompluti." Il-frażi "Alla tiegħi" imlissna minn Ġesù tinsab biss fil-kitba ta' l-appostlu Ġwanni, prova oħra li hu kien il-kittieb għall-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Il-Kristjani ta' Sardi kienu bdew xogħol kbir imma tiflu l-interess; huma ma kienu spiċċaw xejn. Din hija silta importanti ħafna għalina dwar il-ħtieġa li nispiċċaw dak li nkunu bdejna. Huma kellhom l-*inizjattiva* imma naqsu mill-*attività li jispiċċaw dak li jkunu bdew*.

(3) *Apatija*. Meta xi ħadd li kien imkabbar fid-dehra tiegħu isir maħmuġ u ma jibqax iżommha aktar, aħna nsiru allarmanti. F'kapitlu 3:4a Ġesù qal,

> "*Imma int għandek xi ftit nies f'Sardi li ma tebbgħux ħwejjiġhom.*"

Dan jimplika li l-bqija kienu tebbgħu ħwejjiġhom. "Ħwejjiġhom" tirreferi għall-ħajjithom. Figuri rettoriċi bħal dawn jinsabu matul il-Bibbja (bħal f'Galatin 3:27; Efesin 4:22, 24; Rivelazzjoni 7:9). Il-kelma Griega tradotta "tebbgħux" ma tirreferix għal tebgħa żgħira bħal dik li tista' tirriżulta minn ftit ċaflis. Pjuttost il-kelma tirreferi għal li tkun imċappas għal kollox bil-ħmieġ, ix-xorta ta' tbajja li jirriżultaw minn meta xi ħadd jitgerbeb fit-tajn u l-ħmieġ. Ħafna mill-Kristjani f'Sardi bdew jgħixu ħajja li ma kinetx differenti minn dik tal-ġirien pagani tagħhom. Huma kienu saru ndifferenti għall-kmand biex "*iżomm lilek innifsek bla tebgħa mid-dinja*" (Ġakbu 1:27; ara Ġuda 23).

(4) *Suxxettibiltà*. Meta s-sistema immuni ta' persuna ma tibqax tajba, ir-reżistenza tiegħu titbaxxa u hija ssir suxxettibbli għall-mard. Nitkellmu spiritwalment, jidher li din kienet is-sitwazzjoni fil-knisja f'Sardi. Kif nistudjaw l-ittra lil dik il-kongregazzjoni, aħna milqutin bil-fatt li ma hemm xejn imsemmi dwar tiġrib u tribulazzjonijiet iffaċjati mill-knejjes l-oħra: huma ma kellhomx għalliema foloz biex jargumentaw magħhom (2:2, 6, 14, 15, 20). Huma ma kinux ippersegwitati minn Lhud li ma kinux jemmnu (2:9; 3:9).

Huma ma kinux se jiġu mixħuta fil-ħabs (2:10). Ebda wieħed ma miet għall-fidi (2:13). Huma kellhom il-paċi—imma din kienet il-paċi taċ-ċimiterju.

Huma kienu xorta jiltaqgħu għall-qima, imma ma baqgħux aktar jaqsmu l-fidi tagħhom fil-komunità b'mod militanti. Huma għexu konfortabbli f'eżistenza flimkien mal-ġirien tagħhom pagani. Huma kienu nies diċenti b'xhieda li kienet qed tmut u ministeru li kien qiegħed jitħassar. Probabbilment huma kienu kkunsidrati bħala "dak il-grupp reliġjuż ħelu u li ma jagħmel ebda ħsara li jiltaqa' fir-rokna." Huma kienu ffirmaw patt mhux aggressiv mad-dnub—għalhekk ix-xitan ħallihom weħidhom.

Mela, meta knisja hija mejta? Knisja l-ewwel tista' tkun *mejta jekk din ma jkolliex id-dottrina korretta*. Dott-rina hija sempliċiment dak li persuna temmen u tgħallem. Kulħadd għandu xi xorta ta' dottrina. Jekk wieħed jgħid, "Il-ħaġa t-tajba dwar din il-knisja hija li aħna m'għandna ebda dottrina," hu-wa jkun qiegħed jgħid lid-dottrina tiegħu hija "li hu m'għandu ebda dott-rina." Kulħadd għandu dottrina.

Huwa importanti għalina li jkollna d-dottrina t-tajba, id-dottrina l-korretta. Kif dan huwa possibbli? Billi nonoraw lil Ġesù, ir-Ras tal-Knisja Tiegħu (Efesin 1:22, 23; Kolossin 1:18), bħala li għandu l-awtorità kollha (Mattew 28:19), u mmorru għall-Kelma Tiegħu u nsegwu lilha biss. 1 Pietru 4:11 jgħid,

> "*Jekk xi ħadd jitkellem, ħa jitkellem qisu bi kliem Alla…*"

Jekk persuna sempliċiment qed tistqarr li timxi fuq il-Bibbja dan ma jfissirx li hi qed timxi fuq il-Bibbja. Hija ħaġa ta' l-għaġeb li ħafna nies onesti li jistqarru li jemmnu u jimxu fuq il-Bibbja jġibu ismijiet reliġjużi li huma ma jistgħux isibuhom fil-Bibbja applikati għall-knisja. X'int *int* reliġjożament? X'għedt? Tista' int taqra fil-Bibbja dwar dak li għedt? Jekk le, allura trid tagħmel xi ħaġa, trid tagħmel għażla biex tkun taqbel mal-Kelma ta' Alla.

Xi żmien ilu kont qiegħed naqra ktieb li kien miktub minn predikatur magħruf. Hu qal dwar persuna li marret tkellmu u staqsietu x'għandha tagħmel biex issalva. Il-predikatur qalilha l-istorja ta' Żakkew. L-istorja ta' Żakkew hija storja sabiħa ħafna li ġrat waqt il-ministeru personali ta' Kristu, imma jiena skantat li wieħed iwieġeb bl-istorja ta' Żakkew jekk xi ħadd jistaqsih, "X'għandi nagħmel biex insalva?" Għaliex ma tmurx għall-post fit-Testment il-Ġdid fejn il-mistoqsija hija magħmula? It-tweġiba hija mogħtija fl-Iskrittura Mqaddsa.

F'Atti l-mistoqsija "X'għandi nagħmel biex insalva?" hija magħmula tliet darbiet. Din hija magħmula f'Atti 16: 30-31 mill-għassies minn Filippi. Dan l-għassies pagan intqal lilu, "*Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek*." Iżda kif huma jistgħu jemmnu fi Kristu? Huma qatt ma kienu semgħu dwar Kristu. Il-vers ta' wara (vers 32) jgħid,

*"U ħabbrulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru."*

Għaliex dan kien importanti? Għaliex, l-appostlu ispirat jgħid,

*"Il-fidi tiġi mis-smigħ, u smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu"* (Rumani 10:17).

Jekk xi ħadd se jemmen fi Kristu, huwa essenzjali għalih li jisma' l-Kelma ta' Alla. Huma qalulu l-Kelma tal-Mulej biex hu, u l-familja tiegħu jkunu jistgħu jemmnu. L-istqarrija ta' wara tgħid,

*"Dak il-ħin stess bil-lejl, l-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi kollha"* (Atti 16:33).

Huwa dan il-frott ta' l-indiema? Hu kien sawwathom sewwasew qabel ma kienu mitfugħin fil-ħabs. Vers 33 ikompli jgħid,

*"u bla telf ta' żmien tgħammed hu u niesu kollha."*

Vers 34 jgħid,

*"…u feraħ man-nies kollha ta' daru talli emmen f'Alla."*

Kif hu wera t-twemmin tiegħu? Billi ħaslilhom il-ġrieħi tagħhom u tgħammed. Jekk xi ħadd qatt ma kien emmen, it-tweġiba għall-mistoqsija, *"X'għandi nagħmel biex in-salva?"* hija din: *"Emmen fil-Mulej Ġesù."*

L-istess mistoqsija hija magħmula f'Pentekoste ta' Atti 2. Dawn in-nies emmnu l-messaġġ ta' Kristu u staqsew, *"X'għandna nagħmlu?"* (Atti 2:37). Ma ntqalx lilhom biex jemmnu kif kien intqal lil l-għassies ta' Filippi għaliex huma kienu diġa emmnu. Intqal lilhom biex jindmu u jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom. Jekk wieħed jemmen u jistaqsi l-mistoqsija *"X'għandi nagħmel biex insalva?"* it-tweġiba tkun biex jindem.

Il-mistoqsija hija magħmula minn Sawl ta' Tarsu f'Atti 9 (ara wkoll Atti 22). Il-mistoqsija ta' Sawl kienet din: *"X'għandi nagħmel, Mulej?"* (Atti 22:10). Il-Mulej ma qallux speċifikament x'għandu jagħmel, imma qallu biex imur fil-belt u hemm jintqal lilu x'għandu jagħmel. Sawl kien jemmen u kien penitenti u kien qiegħed jitlob għal tlitt ijiem u tlitt iljieli. Imbagħad ġie l-predikatur. F'Atti 22:16, il-predikatur Ħananija ma qalx lil Sawl biex *jemmen* kif kien intqal lil l-għassies biex jagħmel, għaliex hu kien diġa emmen. Ma ntqalx lilu biex *jindem* kif kien intqal lin-nies f'Pentekoste biex jagħmlu, għaliex Sawl kien diġa nidem. Ħananija qal lil Sawl,

*"Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi sejjaħ isem il-Mulej"* (Atti 22:16).

Jekk xi ħadd jistaqsini l-mistoqsija, "X'għandi nagħmel biex insalva?" jiena ma nirreferiħx għall-istorja ta' Żakkew, għalkemm dik hija storja sabiħa ħafna. Jiena naqralu Atti fejn il-mistoqsija nfisha hija magħmula. Jekk hu

jkun għadu ma emminx, jiena mmur għall-istorja ta' l-għassies (Atti 16). Jekk hu jkun emmen f'Ġesù, jiena mmur għal Atti 2 fejn intqal lin-nies fil-Jum ta' Pentekoste biex jindmu. Jekk hu jkun obda ż-żewġ kmandi, jiġifieri, biex jemmen u jindem, jiena naqralu dwar Sawl ta' Tarsu (Atti 22) u ngħidlu,

> "*Għaliex tistenna? Qum, u tgħammed, u nħasel minn dnubietek.*"

Ħafna nies jemmnu li Ġesù Hu 'l Kristu u jistqarru li Hu għandu l-awtorità kollha. Imma meta tistaqsihom il-mistoqsija sempliċi, "*X'għandi nagħmel biex insalva?*" huma jew ma jagħtux tweġiba kompluta jew jagħtu t-tweġiba l-ħażina. Kemm huma dawk li ma jemmnux li l-magħmudija hija "għall-maħfra tad-dnubiet" u li hija meħtieġa għas-salvazzjoni? (1 Pietru 3:21). Knisja tkun mejta jekk din ikollha d-dottrina l-ħażina. Sfortunatament, denominazzjonijiet huma mejta minħabba li ma jemmnux li l-magħmudija hija prerekwiżit għas-salvazzjoni!

Knisja tkun wkoll mejta *jekk hija tieqaf milli turi nteress*. Knisja jista' jkollha d-dottrina l-korretta, imma jekk ma jkolliex l-attitudni t-tajba—jekk ma jkolliex interess—allura din tkun mejta. Il-Knisja f'Sardi kienet mejta. Jista' jkun li din kellha d-dottrina l-ħażina. Jista' jkun li ma kellha ebda interess. Imma Ġesù qal,

> "*Inti għandek isem li inti ħaj, u int mejjet.*"

## DIKJARAZZJONI APPASSJONANTI IL-KORREZZJONI (3:2a, b, 3)

Il-knisja f'Sardi forsi kienet marida b'mod terminali, imma l-Mulej ma kienx se jiffirma ċ-ċertifikat tal-mewt qabel ma Hu pprova jagħtihom il-ħajja mill-ġdid. Isma' għal l-appell ta' mħabba tiegħu:

> "*Stenbaħ, u saħħaħ il-ħwejjeġ li baqa', u li waslu biex imutu*" (3:2a).

### "Stenbaħ"

X'kienu l-membri tal-knisja f'Sardi jeħtieġu li jagħmlu? L-ewwel, intqal lilhom biex *iqumu*, *jirrealizzaw*, u *jagħrfu*. Ġesù qal, "*Stenbaħ*" (3:2). Ġesù qiegħed jgħid, "Eżaminaw id-dottrina tagħkom u ħajjitkom." Ġesù qal, "Qumu, u saħħu l-ħwejjeġ li baqa' (v. 2a). Il-frażi Griega tradotta "stenbaħ" hija fit-temp preżent, tindika azzjoni kontinwa: Huma kienu jeħtieġu mhux biss li "jqumu" imma wkoll li jgħassu l-ħin kollu. Huma kellhom "iqumu" jew jistenbħu għall-kondizzjoni spiritwali tagħhom (ara Efesin 5:14; Rumani 13:11-14), jirrealizzaw li huma kienu qegħdin jgħixu fil-glorja tal-passat, u jagħrfu l-periklu spiritwali tagħhom. Huwa mixtieq li *titgħallem mill*-passat imma huwa diżastruż li *tgħix* fil-passat.

**“Saħħaħ”**

It-tieni, Ġesù jgħid, “*Saħħaħ il-ħwejjeġ li baqa’*” huma għandhom ikomplu jagħmlu dak li hu tajjeb. Ġesù jgħid,

> “*Saħħaħ il-ħwejjeġ li baqa’, u li waslu biex imutu; għax ma sibtx l-opri tiegħek mitmumin quddiem Alla*” (2:2).

L-isfida ta’ Ġesù biex “isaħħaħ il-ħwejjeġ li *baqa’*, li kienu *waslu* biex imutu” tista’ tiġi bħala sorpriża. Kif jistgħu huma jkunu mejta u madankollu mhux mejta? Ħalli nkompli nwassa’ fuq l-illustrazzjoni tar-raġel b’saħħtu u t-tabib insensittiv: Wara lit-tabib jgħid lir-raġel, “Inti raġel mejjet!” hu jieqaf għal ftit sekondi u mbagħad jgħid lir-raġel, “Imma hemm trattament ġdid radikali....Forsi, sempliċiment forsi, dan jista’ jgħinnek.” Naturalment, din l-illustrazzjoni mhijiex perfetta, għaliex it-Tabib il-Kbir qatt ma jgħid, “*Forsi* hemm it-tama.” Minflok, Hu jgħid, “*Hemm* tama—*jekk* inti s-segwi l-istruzzjonjiet tiegħi.”

**“Ftakar”**

It-tielet, Ġesù jgħid,

> “*Ftakar mela f’dak li rċevejt u smajt.*”

Huma kienu mogħtija struzzjoni biex *jiftakru*, *iżommu*, u *jindmu*. Ġesù qal,

> “*Ftakar mela f’dak li rċevejt u smajt; u ħarsu, u indem*” (v. 3a).

Huma kienu rċevew xi ħaġa—il-Kelma ta’ Alla. Huma kienu semgħu xi ħaġa—il-Kelma ta’ Alla. Huma kellhom jiftakru l-Kelma u jimxu fuqha. Ġesù jgħid, “Ħarsuha.” Ġesù qiegħed jgħid, “Iċċedix. Tagħmel x’tagħmel, żomm dejjem ma’ l-Evanġelju.” Il-kelma Griega tradotta “ftakar” ma tfissirx sempliċiment li ssejjaħ mill-ġdid, imma li *żżomm* f’moħħok. Ukoll il-kelma “mela,” qabbel dan il-vers ma’ Rivelazzjoni 2:5. L-ittri lill-knejjes ta’ Sardi u Efesu għandhom ħafna xebħ. Il-kelma Griega tradotta “ħarsu” hija fit-temp preżent, tenfasizza li huma kienu jeħtieġu li *jkomplu* jħarsu fuq dawn il-ħwejjeġ.

**“Tnaddaf”**

Ġesù jgħid, “Indem.” Huma kienu qegħdin isejħu mill-ġdid it-tifħir li kienu rċevew meta suppost li kienu qegħdin jiftakru l-predikar li kienu sem-għu. Huma kienu jeħtieġu li jmorru lura għall-bażijiet tal-fidi u jżommu ma’ dawk il-veritajiet. Imbagħad, huma jkunu jistgħu jindmu mill-kompjaċenza tagħhom, jiġifieri, jieqfu milli jkomplu jaqdu u jogħġbu lil dwak fil-ħażen) u jagħmlu l-bidliet meħtieġa!

Ġesù jgħid, “*Indem.*” Huma għandhom jieħdu deċiżjoni. Għandhom iduru mill-mewt għall-ħajja. M’huwiex tard wisq għall-knisja f’Sardi biex tindem jekk hija tixtieq li tagħmel dan.

## IL-PREKAWZJONI (3:3)

Xi ngħidu jekk huma jinjoraw l-istruzzjonijiet tal-Mulej? Din l-ittra lill-knisja f'Sardi tagħlaq bi twissija: Jekk huma ma jindmux, iħabbtu wiċċhom mal-ġudizzju. It-twissija hija din:

> "*Jekk mela ma tistenbaħx, niġik bħal ħalliel, bla ma tkun taf is-siegħa li fiha niġik*" (3:3).

F'postijiet oħra fl-Iskrittura, l-illustrazzjoni tal-miġja mhux mistennija bħall-ħalliel hija wżata biex tenfasizza li ebda bniedem ma jaf iż-żmien tat-*Tieni Miġja* ta' Kristu (Mattew 24:42-44; Luqa 12:39-40; 1 Tessalonikin 5:2, 4; 2 Pietru 3:10). F'Rivelazzjoni 3:3 "din hija biċ-ċar *miġja llimitata* f'ġudizzju fuq midinbin li ma jridux jindmu. L-istess kif għadna aktar qabel meta l-Persjani niżlu maż-żurżieqa tal-muntanja u qabdu liċ-ċittadini ta' Sardi mhux ippreparati, hekk ukoll Ġesù jiġi meta huma ma kinux qegħdin jistennewh. Jekk il-knisja f'Sardi ma kinetx ippreparata għall-miġja tiegħu, ir-riżultat ikun diżastruż. (F'ittri ta' qabel, Ġesù kien qal x'kien se jagħmel meta jiġi (2:5, 16). Hu ma ta l-ebda dettalji lil dawk li ma nidmux f'Sardi, imma "d-destin tagħhom bla dubju huwa tal-biża' imħolli mhux imfisser.

## ID-DIXXIPLI LI PPERSEVERAW (3:4)

Billi Ġesù ħareġ fil-beraħ il-mard tal-kongregazzjoni u ppreskriva r-rimedju, Hu kien jista' jagħlaq l-ittra f'dak il-punt bil-wegħdiet għal dawk li jirbħu jew jegħlbu. Iżda qabel ma għamel hekk, Hu ried li jagħti għarfien lill-grupp speċjali fil-kongregazzjoni li jiena rriferejt għalih bħala l-"ftit fidili":

> "*Imma int għandek ftit nies f'Sardi li ma tebbgħux ilbieshom*" (v. 4a).

Alla dejjem kellu l-ftit fidili Tiegħu: F'jum ta' ħażen, Alla kellu lil Noè u l-familja tiegħu. F'jum ta' idolatrija, Alla kellu lil Abraham u n-nisel tiegħu. Ukoll f'Sodoma u Gomorra, Alla kellu lil Lot il-ġust" (2 Pietru 2:7). Ġesù qal,

> "*Għax dejjaq huwa l-bieb, u dejqa t-triq li twassal għall-ħajja, u* ***ftit*** *huma dawk li jsibuha*" (Mattew 7:14; enfasi tiegħi).

Hekk ukoll, Alla kellu ftit nies fil-kongregazzjoni ta' Sardi li kienu baqgħu fidili.

Ġesù wiegħed,

> "*Huma jimxu miegħi bi lbies abjad*" (v. 4b).

Li timxi ma' xi ħadd jindika assoċjazzjoni, sħubija u qbil (ara Għamos 3:3; Ġenesi 5:22, 24; 6:9). L-abjad huwa assoċjat mas-safa, festiġġjar, u vittorja. Billi l-ftit fidili diġa kienu safja, jiena għaqqad l-ideat ta' festiġġjar u vittorja fl-illustrazzjoni tad-daħal trijonfali. Li timxi ma' Ġesù "fl-abjad" kien li

tipparteċipa fit-trijonf Tiegħu. L-istampa hija tad-daħla trijonfali tas-Sultan rebbieħ ma' sħabu wara li l-battalja tkun mirbuħa (ara 2 Korintin 2: 14).

Imbagħad Ġesù żied,

"*Għax jistħoqqilhom*" (v. 4ċ).

Din il-frażi ma tfissirx li l-"ftit" kienu perfetti, għaliex aħna lkoll midinbin (Rumani 3:10, 13) u ħadd minna ma jistħoqqlu l-barkiet ta' Alla (ara Ġenesi 32:10; Luqa 17: 10). Il-Kelma ta' Alla tattribwixxi ċertu mertu lill-bniedem, li qatt ma huwa assolut imma dejjem relattiv. Pjuttost, il-kliem ta' Ġesù kien espressjoni ta' l-apprezzament Tiegħu għall-isforzi ta' qlubija li dawk il-ftit kienu qegħdin jagħmlu taħt ċirkustanzi iebsa. Mhuwiex faċli li tkun fidil meta dawk kollha ta' madwarna—ma jkunux fidili—ukoll Kristjani oħrajn — mhumiex fidili. Grazzi lil Alla għall-ftit fidili!

Meta l-qisien ta' din id-dinja jiddeterjoraw u "n-nies ħżiena u qarrieqa jmorru mill-ħażin għal l-agħar" (2 Timotju 3:13a), jagħlqu jdejhom u jċedu —imma l-ftit fidili dejjem ikompli sejrin. Meta, f'xi postijiet, l-istituzzjoni taż-żwieġ tkun qed titfarrak u d-dnub sesswali ikun qiegħed isir xi ħaġa komuni, ħafna jirraġunaw, "Għaliex jiena għandi nipprova?"—imma l-ftit fidili dejjem iwieġbu, "Għaliex jiena Kristjan; dak hu għaliex." Waqt li l-indifferenza u l-kompjaċenza jimlew il-pajjiż, ħafna jsibuha faċli li jaqbdu t-triq il-wiesa', it-triq l-aktar popolari—imma l-ftit fidili dejjem huma mpenjati għat-triq id-dejqa, it-triq skartata (Mattew 7:13, 14). Grazzi lil Alla għall-ftit fidili!

Kongregazzjonijiet tal-Knisja tal-Mulej ukoll għandhom il-ftit fidili: dawk li jistgħu jkunu magħduda li jkunu preżenti għal kull servizz ta' qima, dawk li jagħtu minn dak li pprovdilhom il-Mulej, dawk li jagħmlu l-biċċa l-kbira tax-xogħol, dawk li jilħqu l-maġġuranza ta' dawk li huma mgħammdin u miġjuba lura. Predikaturi xi kultant iħossuhom qalbhom maqtugħa minħab-ba li jaraw ħafna li l-Kelma ta' Alla ma tinteressahomx; huma jagħmlu aħjar jekk jinnotaw il-ftit li "huma bil-ġuħ u bil-għatx għall-ġustizzja" (Mattew 5:6). Grazzi lil Alla għall-ftit fidili!

## DIKJARAZZJONI PROMETTENTI IL-KONSLAZZJONI (3:5, 6)

Il-wegħda li tispiċċa l-ittra hija fi tlieta:

> "*Dak li jirbaħ, jitlibbes ilbies abjad; u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, imma nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (3: 5, 6).

Kien qiegħed Ġesù jgħid lis-sitwazzjoni kienet bla ebda tama għall-maġġuranza f'Sardi? Bl-ebda mod. Jekk huma kienu se "jqumu" u "jindmu" (3:2, 3), huma jkun jista' jkollhom l-istess barkiet imwiegħda lill-ftit fidili:

> "*Dak li jirbaħ, jitlibbes ilbies abjad; u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, imma nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu*" (v. 5)

Lil dawk li jegħlbu, Ġesù wiegħed *ilbies spiritwali*, li jkunu mlibbsa b'safa perfetta fid-dinja li ġejja. It-tieni, Alla għandu ktieb. Is-salvi huma mpoġġija f'dak il-ktieb. It-tielet, il-fidili jkunu mistqarra quddiem il-Missier u l-anġli. Ħalli nifhmu aktar xi jfissru dawn it-tliet wegħdiet.

**L-Ilbies Abjad Tagħhom**

Dawk li ma ħammġux ilbieshom—dawk li rebħu jew li għelbu—ikunu mlibbsa fl-abjad. Seba' darbiet f'Rivelazz-joni l-qaddisin jidhru f'ilbies bojod: Rivelazzjoni 3:6, 18; 4:4; 6:11; 7:9, 13; 19:14. Sardi kienet magħrufa għall-ilbies ikkulurit tagħha. L-arti li tagħti l-kulur lid-drapp oriġinat f'dik il-belt. L-abjad jissimbolizza s-safa u kien ukoll sinjifikanti kif il-libsa kien-et tkun milbusa mill-kuntestant rebbieħ. Is-safa jew il-purità jidher li hija hawn il-ħsieb primarju b'forsi applikazzjoni sekondarja għall-vittorja ta' dawk li jegħlbu. Dawk li żammew lilhom infushom puri mit-tniġġis tal-pag-aniżmu u l-ħwejjeġ tad-dinja jkunu fil-preżenza tal-Mulej, imlibbsa f'ilbies abjad li jirrappreżenta s-safa tagħhom. Huma kienu denji għaliex żammew lilhom infushom safja u ma kienu għamlu xejn biex jitilfu s-salvazzjoni ta-għhom.

**Isimhom fil-Ktieb tal-Ħajja**

L-ewwel introduzzjoni tagħna għal reġistru divin hija f'Eżodu 32:32, 33. Mosè talab lill-Mulej biex jaħfer lil l-Iżraelin jew inkella, qallu, ħassarni "*mill-ktieb Tiegħek li int ktibt*." Alla wieġeb li dawk biss li dinbu jkunu mħassra mill-ktieb Tiegħu. F'Salm 69:28 David talab li l-għedewwa tiegħu jkunu mħassra mill-ktieb tal-ħajja. Kien intqal lil Danjel li fi żmien ta' diqa kbira dawk kollha li isimhom ikun jinsab miktub fil-ktieb ikunu meħlusa (Danjel 12:1). "Il-ktieb" kien reġistru tan-nies ta' Alla, lista tal-fidili.

Fl-istorja ta' l-antik kienet l-użanza li tirreġistra t-twelid ta' persuna fir-reġistri tal-belt u mbagħad jitħassar dak l-isem meta dik il-persuna tmut. Jekk l-isem ta' kriminal ikun imneħħi mir-reġistru ċivili, huwa jitlef iċ-ċittadinanza tiegħu. L-istess għadu jsir illum f'ħafna pajjiżi.

Ġesù wiegħed lil dawk li jirbħu jew jegħlbu *kontinwità sinjifikanti*:

> "*Ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja*" (v. 5b).

Il-Ktieb tal-Ħajja huwa r-reġistru tal-fidili ta' Alla (Salm 69:28; Malakija 3:16; Lhud 12:23) u huwa msemmi matul l-Iskrittura kif rajna aktar qabel. Meta s-sebgħin marru lura minn vjaġġ ta' predikazzjoni, Ġesù qalilhom,

"*madankollu mhux b'dan ifirħu, li l-ispirti joqogħdu għalikom, imma ifirħu għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet*" (Luqa 10:20).

F'Filippin 4:3 Pawlu kiteb dwar sħabu

"*fix-xogħol ta' l-Evanġelju...li isimhom miktub fil-ktieb tal-ħajja.*"

Fix-xena kbira tal-ġudizzju ta' Rivelazzjoni 20, aħna naqraw:

"*U rajt il-mejtin kbar u żgħar quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniż-żla fil-kotba....Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-belliegħa tan-nar*" (Riv. 20:12-15).

L-uniċi persuni li jistgħu jidħlu fis-smewwiet huma dawk li:

"*isimhom tniżżlu fil-ktieb tal-ħajja tal-Ħaruf*" (Riv. 21:27b).

Meta aħna nkunu salvati (Mark 16:16), isimna jkunu miktuba fil-Ktieb tal-Ħajja. Aħna għandna nifhmu, iżda, li isimna jkun imħassar jekk ma nibqgħux fidili lejn il-Mulej! (Ara Ġakbu 5:19, 20. Din hija silta qawwija ħafna fuq il-possibbiltà ta' l-apostasija. Dawk li aċċettaw il-Galviniżmu għandhom diffikultà kbira b'din is-silta).

Dawk f'Sardi li kienu għamlu kompromess u li kienu mejta kienu fil-periklu li jkollhom isimhom imneħħi jew imħassar mill-ktieb tal-ħajja, ikunu mneħħija mil-lista tan-nies ta' Alla. Huma kienu se jitilfu ċ-ċittadinanza tagħhom fis-saltna ta' Alla. Il-fidili ma kinux f'periklu bħal dan. Isimhom ma kienx se jiġi mħassar; huma kienu se jżommu l-istat ta' ċittadini.

**L-Ismijiet Tagħhom Mistqarra Quddiem Alla**

Fl-aħħar, Ġesù wiegħed lir-rebbieħa *stqarrija speċjali*:

"*Jiena nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli Tiegħu*" (v. 5ċ).

L-isem tar-rebbieħ, ta' dak li jegħleb ikun mistqarr quddiem il-Missier u l-anġli Tiegħu. Fil-ministeru Tiegħu fuq l-art, Ġesù kien għamel din il-wegħda:

"*Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 10:32, 33).

X'barka kbira tkun li jkollna isimna mistqarr mill-Mulej quddiem il-Missier. Ġesù jistqarr isimna meta aħna nistqarru l-fidi tagħna Fih u nkunu mgħammdin (Atti 8:37-39; Rumani 10:9, 10), imma dan ma jeżawrixxix il-

wegħda Tiegħu. Bilkemm tgħaddi ġurnata waħda li aħna ma jkollniex l-opportunità li nistqarruh jew li niċħduh. Dan kien speċjalment tassew fl-ewwel seklu, li l-Kristjani kienu taħt pressjoni kunstanti biex jiċħdu lil Ġesù u jistqarru s-sinjurija ta' l-imperatur. Ġesù riedhom li jkunu jafu li jekk huma jkomplu jistqarruh bla ebda biża', Hu jkompli jistqarr l-ismijiet tagħ-hom fis-smewwiet!

Ġesù jgħid, "Missier, din il-persuna hija tiegħi; din hija fidila u għandha tkun aċċettata fil-preżenza Tagħna." Aħna bilkemm nistgħu nirrealizzaw is-sinjifikat ta' dan. Aħseb dwar il-barkiet ta' li tkun rebbieħ li timxi mal-Mulej f'ilbies abjad, li ismek ikun miktub fil-Ktieb tal-Ħajja, u li l-Mulej Ġesù Kristu jistqarr ismek fis-smewwiet lill-Missier Etern.

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (v. 6).

# IL-KNISJA TA' SARDI

**(Rivelazzjoni 3:1-6)**

## IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

## L-ITTRA LILL-KNISJA TA' SARDI (Rivelazzjoni 3:1-6)

"*U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Sardi iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek Dak li għandu s-seba' spirti ta' Alla u s-seba' kwiekeb: Jien naf l-opri tiegħek, inti għandek isem li inti ħaj iżda int mejjet. Ishar, u saħħaħ il-ħwejjeġ li għad għandek u li sa jmutu:*

*għax l-opri tiegħek ma sibthomx mitmumin quddiem Alla. Ftakar mela f'dak li lqajt, u f'dak li smajt: ħarsu, u indem. Jekk mela ma tisharx, niġi fuqek bħal ħalliel, u ma tkunx taf f'liema siegħa niġi fuqek. Int għandek xi ftit nies ukoll f'Sardis li ma ħammġux ħwejjiġhom; u dawn jimxu miegħi bi lbies abjad: għax jixirqilhom. Dak li jirbaħ, jitlibbes ħwejjeġ bojod, u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (Riv. 3:1-6).

L-istudju tagħna huwa dwar il-ħames ittra, l-ittra lill-knisja fil-belt li darba kienet magħrufa sewwa ta' Sardi. Sardi kienet allokata fix-xlokk ta' Tijatira.

Il-knisja f'Sardi, il-knisja ħajja iżda mejta, irċeviet il-ħames mis-seba' ittri lill-knejjes fl-Asja Minuri. Il-knisja ta' Sardi għandha d-distinzjoni dubbjuża li dwarha jintqal li ma kien hemm xejn tajjeb—għallinqas sakemm hija kkonċernata l-kongregazzjoni kollha. (L-oħra hija l-knisja ta' Laodikija.) Madankollu, hija kellha l-ftit fidili li kienu għadhom qegħdin jippruvaw biex jagħmlu dak li kien tajjeb (3:4). Matul il-lezzjoni tagħna aħna sejrin niffokaw fuq dawn il-Kristjani speċjali.

## DISTRETT KBURI
## (3:1a)

L-ittra tibda,

"*U lill-anġlu [messaġġier] tal-knisja ta' Sardi, ikteb:*" (v. 1a).

Sa issa fl-istudju tagħna tas-seba' knejjes, aħna rajna li l-kongregazzjonijiet spiss kienu affettwati mill-komunitajiet li fihom huma kienu allokati—kemm negattivament jew pożittivament. Il-knisja għandha tinfluwenza lill-komunità (Mattew 5:13-16), imma ta' spiss dan kien il-kuntrarju. Wieħed mill-aħjar eżempji ta' dan hija l-knisja f'Sardi. Tliet veritajiet dwar il-metropolis antika ta' Sardi jiġbdu l-attenzjoni tagħna.

### It-Toroq Prinċipali Tagħha

Ħames toroq prinċipali li jagħtu fuq Sardi kienu jagħmlu ċentru tan-negozju. Fiż-żminijiet l-antiki, toroq bħal dawk ta' Sardi jew port kienu jassiguraw lil dik il-belt minn importanza kummerċjali. Naturalment, kummerċ jew negozju kbir kien ifisser għana kbira. Għalhekk, Sardi kienet belt sinjura.

### L-Istorja Tagħha

(1) *Sardi kellha storja ta' glorja tal-passat.* Din kienet waħda mill-aktar bliet antiki fl-Asja u kienet waħda mill-aqwa. Fis-sena 150 Q.K., taħt Croesus, (li miet fis-sena 546 Q.K., u kien l-aħħar sultan ta' Lidja) Sardi saret il-

kapitali tas-saltna l-antika. Il-belt oriġinali kienet mibnija fuq il-Muntanja Tmolus. Isfel tal-muntanja kien hemm xmara mimlija b'ramel li kien fih id-deheb li kkontribwixxa għall-ġid ta' Croesus. (l-espressjoni "sinjur daqs Croesus" għadha wżata llum.) Croesus waqqaf l-ewwel sistema governat-tiva uffiċjali monetarja; fis-sens modern tad-dinja, il-flus kellhom l-oriġini tagħhom f'Sardi. Sardi kienet l-ewwel belt li ħarġet muniti standarizzati, iggarantiti fil-piż permezz ta' bolla governattiva. Meta l-mexxej Persjan Ċiru l-Kbir qabad il-belt, hu ġarr miegħu aktar minn Lm250,000,000 f'muniti tad-deheb! Sors ieħor ta' għana kien il-fatt li l-belt kienet qrib is-salib it-toroq ta' tliet ibliet ta' mal-kosta. B'hekk Sardi saret belt kummerċjali sinjura.

(2) *Sardi kellha storja ta' prużunzjoni*. Il-blet oriġinali kienet mibnija fuq fila ta' għoljiet tal-Muntanja Rmolus, li ffurmat ċittadella naturali. Il-fila ta' għoljiet li kienet għolja 456 metru 'l fuq mill-pjanura wiesa u fertili, kellha ġnub lixxi li kienet kważi perpendikulari. Aċċess għall-belt kien minn pas-saġġ dejjaq li kien jista' jkun iddefendut minn ftit nies. Din kienet tider bħala li kellha pożizzjoni li ma tistax tintrebaħ.

Is-sultan Croesus emmen li oraklu qallu li hu kien jista' jegħleb lil Ċiru l-Persjan (Orakli pagani kienu deliberatament vagi fl-hekk imsejjaħ tħabbir "ispirat" sabiex jipproteġihom milli jkunu ppruvati foloz.) Meta hu falla, reġa' rtira lejn il-fortifikazzjoni tiegħu "li ma kinetx tista' tintrebaħ." Ċiru offra rigal li kull min ikun jista' jsib mod kif jidħlu fil-belt barra mill-mogħ-dija għolja. Suldat Persjan kien qiegħed iħares meta elmu ta' suldat Sardin-jan waqa' u beda jitgerbeb mal-ġenb tal-muntanja. Wara ftit, is-Sardinjan deher fil-bażi ta' l-għolja biex jiġbor l-elmu. Is-suldat Persjan irraġuna li jekk is-Sardinjan kien jista' jinżel minn niżla biex jiġbor l-elmu tiegħu, huma kienu jistgħu jitilgħu 'l fuq. Huwa mmarka l-post, u dak il-lejl grupp żgħir ta' suldati Persjani xxabbtu mal-ġenb tal-muntanja. Huma sabu ċ-ċitta-della mingħajr għassiesa minħabba l-prużunzjoni tas-Sardi—u l-belt waq-għet f'idejn il-Persjani mingħajr wisq tbatija. (Dan reġa' ġara madwar mitt sena wara.)

(3) *Mat-tmiem ta' l-ewwel seklu, Sardi kienet qed tgħix fuq il-glorja tal-passat*. Wara li Ċiru qabad il-belt, is-Sardinjani ma kinux imħollija jagħmlu armi tal-gwerra. Missirijiet kienu jistgħu biss jgħallmu lil uliedhom kif idoq-qu l-arpa, kif jiżfnu, u kif ikunu bejjiegħa. Aktar wara, fis-sena 17 W.K., il-belt kienet meqruda b'terremot. Din kienet mibnija mill-ġdid imma qatt aktar ma laħqet il-livell li kellha qabel. Saż-żmien li Rivelazzjoni 3:1-6 kien miktub, Sardi kienet belt tat-tielet klassi li kienet qed tgħix fil-passat.

### Id-Dekadenza Kbira Tagħha

Il-lussu tal-belt ikkontribwixxa għad-dekadenza (mawrien lura) tagħha. L-għana saret problema.

Il-karatteristika tal-belt affettwat il-kondizzjoni kollha tal-knisja. Il-knisja, tgħidilna l-Kelma ta' Alla, m'hijiex tad-dinja; madankollu qiegħdha fid-dinja. Il-knisja taffettwa lid-dinja, imma hija wkoll affettwata minn ċirkustanzi. L-għana u d-dekadenza ta' Sardi bla dubju affettwaw lill-knisja f'dik il-belt.

## DESKRIZZJONI POŻITTIVA TA' KRISTU (3:1b)

Qabel ma Ġesù għamel dijanjosi tal-mard tal-knisja f'Sardi, Hu l-ewwel identifika Lilu Nnifsu bħala Dak

"*li għandu s-seba' Spirti ta' Alla u s-seba' kwiekeb*" (v. 1b).

Din hija l-aktar deskrizzjoni ta' konfort minn dawk kollha li jinsabu fl-ittri.

**"B'Seba' Spirti"**

L-ewwel, Kristu Hu intordott lilna l-ewwel bħala li għandu s-seba' Spirti ta' Alla. Is-seba' Spirti kienu msemmija flimkien ma' Alla l-Missier u Ġesù 'l Kristu f'kapitlu wieħed. Il-frażi "is-seba' Spirti" kienet l-ewwel misjuba f'Rivelazzjoni 1:4, fejn kienet tirreferi għal l-Ispirtu s-Santu. Is-seba' Spirti għandhom jirreferu għat-tielet persuna tad-Divinità, l-Ispirtu s-Santu, "b'seba'" tfisser komplut jew perfett.

Ġesù jgħid fl-ittra lil Sardi li Hu għandu seba' Spirti ta' Alla. Hu għandu, jew jippossiedi, l-Ispirtu s-Santu. Ġwanni 3:34 jgħid li Ġesù kellu l-Ispirtu bla qies—komplut jew kollu kemm hu. Ġesù qiegħed jafferma li Hu għandu l-Ispirtu s-Santu kompletament u perfettament. "*Is-Seba' Spirti*" probabbilment tissinjifika li Ġesù għandu s-setgħa divina kollha u dwar dan naqraw f'Mattew 28:18 fejn Ġesù jgħid li għandu s-setgħa kollha fis-sema u fl-art.

Billi l-Ispirtu s-Santu kien ġie mogħti lill-Kristjani biex jgħinhom u jsaħħaħhom (Atti 2:38; 5:32; Rumani 8:11, 13, 16), il-fatt li Ġesù għandu "s-seba' Spirti" jindika li Hu jinsab lest u kapaċi li jfarraġ lill-Kristjani. L-istess messaġġ kien imwassal bit-tħabbira li Hu għandu "s-seba' kwiekeb" kif sejrin naraw issa.

**"B'Seba' Kwiekeb"**

It-tieni, Ġesù jgħid li Hu għandu s-seba' kwiekeb. Is-seba' kwiekeb huma rappreżentattivi tas-seba' knejjes (1: 20). F'kapitlu wieħed, vers 16, Ġesù Hu muri bħala li qiegħed iżomm is-seba' kwiekeb f'idu l-leminija, l-id set-għana Tiegħu ta' protezzjoni. Dan jissuġġerixxi l-abbiltà Tiegħu biex iżomm u jħares in-nies tiegħu.

Aħna intordotti lil Kristu li għandu l-Ispirtu s-Santu fil-perfezzjoni Tiegħu u l-kwiekeb tal-knejjes f'Idu.

Għaliex Ġesù beda l-ittra b'dan il-messaġġ ta' konsolazzjoni ladarba l-knisja f'Sardi ma rċevietx ebda rikkmandazzjoni? Probabbilment, Hu ried li jinkoraġġixxi lil "ftit" (3:4) fil-kongregazzjoni li kienu baqgħu fidili taħt kondizzjonijiet iebsa u ta' prova.

## IL-KNISJA

Żewġ veritajiet joħorġu f'din l-ittra dwar il-knisja f'Sardi għalkemm dawn m'humiex imsemmija espressament.

**Ħielsa mid-Diffikultajiet**

L-ewwel huwa li l-knisja tidher li hija kwieta kompletament. Din ma kellha ebda problemi maġġuri. Ma kienx hemm qima lil Ċesari f'Sardi. Ma kienx hemm popolazzjoni Lhudija li tikkawża persekuzzjoni. Ma kienx hemm ereżija interna. Knejjes oħra kellhom iħabbtu wiċċhom mal-perseku-zzjoni, qima ta' Ċesari, u dottrina falza. Ebda waħda minn dawn id-diffi-kultajiet ma kienet teżisti f'Sardi. Kienet knisja fil-kwiet.

**Milquta mill-Mewt.**

Il-knisja f'Sardi probabbilment kellha l-paċi, imma din kienet il-paċi tal-mewt. Xejn ma hu aktar mixtieq minn knisja mill-paċi—paċi li tiġi għaliex il-knisja kienet waq-fet għall-verità u dik il-verità kienet imliet il-knisja. Iżda xorta ta' paċi kienet teżisti—il-paċi li tibqa' għaliex il-knisja kienet mejta. Il-paċi f'Sardi kienet il-paċi tal-mewt. Il-knisja ta' Sardi kienet saret bierda għal kollox. Huma xorta kienu jattendu għal laqgħat tal-qima, imma ma baqgħux aktar militanti fil-fidi tagħhom fil-komunità.

## RIKKMANDAZZJONI

Ebda rikkmandazzjoni jew tifħira ma tidher f'din l-ittra. Ġesù ma jsib xejn tajjeb xi jgħid dwar il-knisja. Xi traġedja! Fl-ittri kollha Ġesù jsegwi l-mudell li l-ewwel ifaħħar lill-knisja u mbagħad, juri l-korrezzjonijiet li jeħ-tieġu li jsiru. Imma Hu ma jsib xejn li għalih huwa jista' jffaħħar lill-knisja f'Sardi.

## DIJANJOSI LI TWAĠĠA' (3:1ċ, d, 2a, ċ)

Hemm ħafna x'tikkritika f'Sardi u Ġesù jmur malajr għall-punt, għas-suġġett.

**Kif Oħrajn Kienu Jafuhom**

Il-bidu ta' l-ittra jibda bl-istess kliem li Ġesù uża lill-knejjes f'Efesu u f'Tijatira:

> "*Jiena naf l-opri tiegħek,*" (v. 1ċ).

Ġesù irripeta dan il-kliem fl-ittri lill-knejjes ta' Filadelfja u Laodikija (3:8, 15). Ġesù kien faħħar lill-knejjes ta' Efesu u Tijatira. Hu kien qal lill-Krist-jani f'Efesu,

> "*Jiena naf l-opri tiegħek, u t-taħbit tiegħek, u l-perseveranza tiegħek, u kif ma tiflaħx għan-nies ħżiena*" (2:2).

Ġesù faħħar lil dawk f'Tijatira, fejn qal,

> *"Jiena naf l-opri tiegħek, u l-imħabba u s-servizz, u l-fidi, u l-perseveranza tiegħek, u li l-opri tiegħek ta' l-aħħar huma aħjar minn dawk tal-bidu*" (2:19).

Żomm f'moħħok lis-seba' ittri ma ċċirkolawx separatament. Meta knisja waħda mis-seba' ltaqgħet biex tisma' l-ittra tagħha, il-membri semgħu wkoll is-sitta l-oħra. Għalhekk, qabel ma l-ittra lill-knisja f'Sardi kienet moqrija, il-Kristjani ta' Sardi semgħu t-tifħir ta' l-erba' kongregazzjonijiet l-oħra. B'żieda għal l-apprezzamenti Tiegħu lill-knejjes f'Efesu u f'Tijatira, Ġesù kien faħħar lill-knisja fi Żmirna għall-fedeltà tagħha minkejja t-tribulazzjoni u l-knisja f'Pergamu talli żammet sod l-Isem Tiegħu. Billi l-knisja f'Sardi kellha l-aktar passat imsemmi, il-membri tagħha ċertament li stennew l-aktar tifħir qawwi mingħand Ġesù. Minflok, huma semgħu stima divina li ċertament ikkawżat lil kullħadd li jaqta' nifsu u lil xi wħud li jirrabjaw. Il-valutazzjoni ħadet biss sitt kelmiet fit-test oriġinali, imma jkun diffiċli li timmaġina lingwa aktar iebsa li tolqot fil-laħam il-ħaj:

> "*int għandek isem li int ħaj, u int mejjet*" (3:1d).

Il-knisja f'Sardi kellha reputazzjoni tajba. Din sata' li kellha numru kbir ta' membri. M'hemmx dubju li meta n-nies kienu jitkellmu dwar il-knisja, fl-ewwel seklu, Sardi kienet fil-bidu tal-lista tal-kongregazzjonijiet li kienu mfaħħra. Ġesù jgħid li l-knisja f'Sardi kellha isem. Din kellha reputazzjoni tajba.

**Kif Rahom Ġesù**

Imma Ġesù ma jħarisx lejn l-affarijiet b'mod superfiċjali; Hu jara l-affarijiet kif tassew huma. Il-Wieħed li jara l-affarijiet kollha eżatti jgħid,

> "*Inti għandek isem li inti ħaj, u int mejjet.*"

Il-kongregazzjoni kellha "isem" talli kienet "ħajja"—reputazzjoni fost l-aħwa għall-vitalità spiritwali. (Jintqal li *reputazzjoni* hija dak lin-nies jaħsbu li inti tkun, waqt li *karattru* huwa dak li tassew inti tkun.) Jekk inti tkun għamilt żjara fil-kongregazzjoni fil-jum tal-Ħadd u tkun osservajt is-servizz impressjonanti—it-talb dinjituż, il-kant eleganti, il-predikar ta' l-għaġeb, l-osservanza ta' l-Ikla tal-Mulej bl-aktar solennità, il-kontribuzzjonijiet stravaganti—probabbilment wara li titlaq inti tgħid, "Dik il-knisja hija ħajja għal Kristu!"

Alla, iżda, ma jarax kif jara l-bniedem (1 Samwel 16: 7). Il-Mulej qal li l-knisja kienet "mejta"—mejta spiritwalment, bħall-mara msemmija fl-Ewwel Timtoju 5:6, li jintqal li "hi mejta waqt li hi ħajja." Il-kelma "mewt" tista' tkun imfissra bħala "separazzjoni." Mewta fiżika hija s-*separazzjoni* tal-ġisem mill-ispirtu (ara Ġakbu 2: 26). Mewta spiritwali hija separazzjoni minn Alla (Isaija 59:1, 2). Billi r-relazzjoni tagħha mal-Mulej ma kinetx tajba, il-knisja ta' Sardi kellha reputazzjoni imma mhux realtà, forma imma mhux

qawwa. X'jiswa jekk knisja għandha isem tajjeb fost in-nies jekk, fil-fatt, hija knisja mejta f'għajnejn Alla?

Biex wieħed japprezza kemm il-valutazzjoni ta' Ġesù kienet li taħsad għall-Kristjani ta' Sardi, immaġina raġel li dejjem kien jiftaħar bih innifsu fuq il-ħila fiżika tiegħu. Fiż-żogħżija tiegħu, dan ir-raġel kien atleta magħruf ħafna u għalkemm issa kiber, xorta għadu mħares bħala mudell tas-saħħa. Imma ġurnata waħda, dan ir-raġel imur għand it-tabib tiegħu biex jagħmel il-vista medika tas-soltu. Wara li sarulu t-testijiet u mar għar-riżultat, it-tabib tiegħu qallu, "Ħares, sinjur, inti raġel mejjet!" Id-dijanjosi medika ma ħasditx lil dak ir-raġel aktar milli ssopprendiet u ħasdet id-dijanjosi spiritwali ta' Ġesù lil dawk f'Sardi.

Dawn ma kinux l-ewwel jew l-aħħar li dijanjosi tagħhom kienet li huma "mejtin bil-ħtijiet u d-dnubiet" (Efesin 2:1). Darba l-Ħadd filgħodu, predikatur ħabbar li matul is-servizz ta' filgħaxija, hu kien se jippriedka l-funeral ta' membru prominenti. Dik il-lejla, l-membri li kienu mħawda sabu tebut quddiem il-bini. Meta wasal il-ħin għall-priedka tal-predikatur, hu tkellem f'termini ġenerali dwar il-mejjet. Fl-aħħar, hu qal, "Xi wħud minnkom qegħdin jitħassbu dwar min kien dak li miet. Jiena nistedinkom biex tgħaddu qrib it-tebut u taraw." Kif il-membri qagħdu wara xulxin, huma ħarsu ġot-tebut u raw...mera...bil-wiċċ tagħhom stess jirrifletti fiha! Kien il-mod mhux fin tal-predikatur li jissuġġerixxi li l-kongregazzjoni kienet teħtieġ qawmien spiritwali! (Ara Salmi 85:6; 119:25).

Jekk jintqal lilek jew lili li mewta fiżika kienet imminenti, aħna probabbilment nitolbu prova ta' dik il-pronjosi. Il-ftit versi ta' wara jsemmu jew jimplikaw erba' sintomi speċifiċi li wasslu lil Ġesù għall-konklużjoni li l-Knisja f'Sardi kellha marda terminali.

(1) *Ngħas*. Meta xi ħadd li kien enerġetiku ma jkun irid jagħmel xejn ħlief jorqod, ikun il-waqt li hu jikkonsulta t-tabib tiegħu. Ġesù qal lill-knisja f'Sardi, "*Qum...*" (v. 2a).

(2) *Ħedla*. Meta xi ħadd li kien attiv isir bla ħeġġa ta' xejn, aħna nibdew nitħassbu. Darba l-Kristjani f'Sardi kienu entużjastiċi, imma Ġesù qal,

> "*Għax ma sibtx l-opri tiegħek mitmumin quddiem Alla tiegħi*" (v. 2ċ).

Il-kelma Griega għal "mitmumin" tfisser "li jkunu pperfezzjonati" jew "kompluti." Il-frażi "Alla tiegħi" imlissna minn Ġesù tinsab biss fil-kitba ta' l-appostlu Ġwanni, prova oħra li hu kien il-kittieb għall-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Il-Kristjani ta' Sardi kienu bdew xogħol kbir imma tiflu l-interess; huma ma kienu spiċċaw xejn. Din hija silta importanti ħafna għalina dwar il-ħtieġa li nispiċċaw dak li nkunu bdejna. Huma kellhom l-*inizjattiva* imma naqsu mill-*attività li jispiċċaw dak li jkunu bdew*.

(3) *Apatija*. Meta xi ħadd li kien imkabbar fid-dehra tiegħu isir maħmuġ u ma jibqax iżommha aktar, aħna nsiru allarmanti. F'kapitlu 3:4a Ġesù qal,

> "*Imma int għandek xi ftit nies f'Sardi li ma tebbgħux ħwejjiġhom.*"

Dan jimplika li l-bqija kienu tebbgħu ħwejjiġhom. "Ħwejjiġhom" tirreferi għall-ħajjithom. Figuri rettoriċi bħal dawn jinsabu matul il-Bibbja (bħal f'Galatin 3:27; Efesin 4:22, 24; Rivelazzjoni 7:9). Il-kelma Griega tradotta "tebbgħux" ma tirreferix għal tebgħa żgħira bħal dik li tista' tirriżulta minn ftit ċaflis. Pjuttost il-kelma tirreferi għal li tkun imċappas għal kollox bil-ħmieġ, ix-xorta ta' tbajja li jirriżultaw minn meta xi ħadd jitgerbeb fit-tajn u l-ħmieġ. Ħafna mill-Kristjani f'Sardi bdew jgħixu ħajja li ma kinetx differenti minn dik tal-ġirien pagani tagħhom. Huma kienu saru ndifferenti għall-kmand biex "*iżomm lilek innifsek bla tebgħa mid-dinja*" (Ġakbu 1:27; ara Ġuda 23).

(4) *Suxxettibiltà*. Meta s-sistema immuni ta' persuna ma tibqax tajba, ir-reżistenza tiegħu titbaxxa u hija ssir suxxettibbli għall-mard. Nitkellmu spiritwalment, jidher li din kienet is-sitwazzjoni fil-knisja f'Sardi. Kif nistudjaw l-ittra lil dik il-kongregazzjoni, aħna milqutin bil-fatt li ma hemm xejn imsemmi dwar tiġrib u tribulazzjonijiet iffaċjati mill-knejjes l-oħra: huma ma kellhomx għalliema foloz biex jargumentaw magħhom (2:2, 6, 14, 15, 20). Huma ma kinux ippersegwitati minn Lhud li ma kinux jemmnu (2:9; 3:9). Huma ma kinux se jiġu mixħuta fil-ħabs (2:10). Ebda wieħed ma miet għall-fidi (2:13). Huma kellhom il-paċi—imma din kienet il-paċi taċ-ċimiterju.

Huma kienu xorta jiltaqgħu għall-qima, imma ma baqgħux aktar jaqsmu l-fidi tagħhom fil-komunità b'mod militanti. Huma għexu konfortabbli f'eżistenza flimkien mal-ġirien tagħhom pagani. Huma kienu nies diċenti b'xhieda li kienet qed tmut u ministeru li kien qiegħed jitħassar. Probabbilment huma kienu kkunsidrati bħala "dak il-grupp reliġjuż ħelu u li ma jagħmel ebda ħsara li jiltaqa' fir-rokna." Huma kienu ffirmaw patt mhux aggressiv mad-dnub—għalhekk ix-xitan ħallihom weħidhom.

Mela, meta knisja hija mejta? Knisja l-ewwel tista' tkun *mejta jekk din ma jkolliex id-dottrina korretta*. Dott-rina hija sempliċiment dak li persuna temmen u tgħallem. Kulħadd għandu xi xorta ta' dottrina. Jekk wieħed jgħid, "Il-ħaġa t-tajba dwar din il-knisja hija li aħna m'għandna ebda dottrina," hu-wa jkun qiegħed jgħid lid-dottrina tiegħu hija "li hu m'għandu ebda dott-rina." Kulħadd għandu dottrina.

Huwa importanti għalina li jkollna d-dottrina t-tajba, id-dottrina l-korretta. Kif dan huwa possibbli? Billi nonoraw lil Ġesù, ir-Ras tal-Knisja Tiegħu (Efesin 1:22, 23; Kolossin 1:18), bħala li għandu l-awtorità kollha (Mattew 28:19), u mmorru għall-Kelma Tiegħu u nsegwu lilha biss. 1 Pietru 4:11 jgħid,

"*Jekk xi ħadd jitkellem, ħa jitkellem qisu bi kliem Alla…*"

Jekk persuna sempliċiment qed tistqarr li timxi fuq il-Bibbja dan ma jfissirx li hi qed timxi fuq il-Bibbja. Hija ħaġa ta' l-għaġeb li ħafna nies onesti li jistqarru li jemmnu u jimxu fuq il-Bibbja jġibu ismijiet reliġjużi li huma ma jistgħux isibuhom fil-Bibbja applikati għall-knisja. X'int *int* reliġjożament? X'għedt? Tista' int taqra fil-Bibbja dwar dak li għedt? Jekk le, allura trid tagħmel xi ħaġa, trid tagħmel għażla biex tkun taqbel mal-Kelma ta' Alla.

Xi żmien ilu kont qiegħed naqra ktieb li kien miktub minn predikatur magħruf. Hu qal dwar persuna li marret tkellmu u staqsietu x'għandha tagħmel biex issalva. Il-predikatur qalilha l-istorja ta' Żakkew. L-istorja ta' Żakkew hija storja sabiħa ħafna li ġrat waqt il-ministeru personali ta' Kristu, imma jiena skantat li wieħed iwieġeb bl-istorja ta' Żakkew jekk xi ħadd jistaqsih, "X'għandi nagħmel biex insalva?" Għaliex ma tmurx għall-post fit-Testment il-Ġdid fejn il-mistoqsija hija magħmula? It-tweġiba hija mogħtija fl-Iskrittura Mqaddsa.

F'Atti l-mistoqsija "X'għandi nagħmel biex insalva?" hija magħmula tliet darbiet. Din hija magħmula f'Atti 16: 30-31 mill-għassies minn Filippi. Dan l-għassies pagan intqal lilu, "*Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek.*" Iżda kif huma jistgħu jemmnu fi Kristu? Huma qatt ma kienu semgħu dwar Kristu. Il-vers ta' wara (vers 32) jgħid,

> "*U ħabbrulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru.*"

Għaliex dan kien importanti? Għaliex, l-appostlu ispirat jgħid,

> "*Il-fidi tiġi mis-smigħ, u smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu*" (Rumani 10:17).

Jekk xi ħadd se jemmen fi Kristu, huwa essenzjali għalih li jisma' l-Kelma ta' Alla. Huma qalulu l-Kelma tal-Mulej biex hu, u l-familja tiegħu jkunu jistgħu jemmnu. L-istqarrija ta' wara tgħid,

> "*Dak il-ħin stess bil-lejl, l-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi kollha*" (Atti 16:33).

Huwa dan il-frott ta' l-indiema? Hu kien sawwathom sewwasew qabel ma kienu mitfugħin fil-ħabs. Vers 33 ikompli jgħid,

> "*u bla telf ta' żmien tgħammed hu u niesu kollha.*"

Vers 34 jgħid,

> "*…u feraħ man-nies kollha ta' daru talli emmen f'Alla.*"

Kif hu wera t-twemmin tiegħu? Billi ħaslilhom il-ġrieħi tagħhom u tgħammed. Jekk xi ħadd qatt ma kien emmen, it-tweġiba għall-mistoqsija, "*X'għandi nagħmel biex in-salva?*" hija din: "*Emmen fil-Mulej Ġesù.*"

L-istess mistoqsija hija magħmula f'Pentekoste ta' Atti 2. Dawn in-nies emmnu l-messaġġ ta' Kristu u staqsew, "*X'għandna nagħmlu?*" (Atti 2:37). Ma ntqalx lilhom biex jemmnu kif kien intqal lil l-għassies ta' Filippi għaliex huma kienu diġa emmnu. Intqal lilhom biex jindmu u jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom. Jekk wieħed jemmen u jistaqsi l-mistoqsija "*X'għandi nagħmel biex insalva?*" it-tweġiba tkun biex jindem.

Il-mistoqsija hija magħmula minn Sawl ta' Tarsu f'Atti 9 (ara wkoll Atti 22). Il-mistoqsija ta' Sawl kienet din: "*X'għandi nagħmel, Mulej?*" (Atti 22: 10). Il-Mulej ma qallux speċifikament x'għandu jagħmel, imma qallu biex imur fil-belt u hemm jintqal lilu x'għandu jagħmel. Sawl kien jemmen u kien penitenti u kien qiegħed jitlob għal tlitt ijiem u tlitt iljieli. Imbagħad ġie l-predikatur. F'Atti 22:16, il-predikatur Ħananija ma qalx lil Sawl biex *jemmen* kif kien intqal lil l-għassies biex jagħmel, għaliex hu kien diġa emmen. Ma ntqalx lilu biex *jindem* kif kien intqal lin-nies f'Pentekoste biex jagħmlu, għaliex Sawl kien diġa nidem. Ħananija qal lil Sawl,

> "*Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi sejjaħ isem il-Mulej*" (Atti 22:16).

Jekk xi ħadd jistaqsini l-mistoqsija, "X'għandi nagħmel biex insalva?" jiena ma nirreferiħx għall-istorja ta' Żakkew, għalkemm dik hija storja sabiħa ħafna. Jiena naqralu Atti fejn il-mistoqsija nfisha hija magħmula. Jekk hu jkun għadu ma emminx, jiena mmur għall-istorja ta' l-għassies (Atti 16). Jekk hu jkun emmen f'Ġesù, jiena mmur għal Atti 2 fejn intqal lin-nies fil-Jum ta' Pentekoste biex jindmu. Jekk hu jkun obda ż-żewġ kmandi, jiġifieri, biex jemmen u jindem, jiena naqralu dwar Sawl ta' Tarsu (Atti 22) u ngħidlu,

> "*Għaliex tistenna? Qum, u tgħammed, u nħasel minn dnubietek.*"

Ħafna nies jemmnu li Ġesù Hu 'l Kristu u jistqarru li Hu għandu l-awtorità kollha. Imma meta tistaqsihom il-mistoqsija sempliċi, "*X'għandi nagħmel biex insalva?*" huma jew ma jagħtux tweġiba kompluta jew jagħtu t-tweġiba l-ħażina. Kemm huma dawk li ma jemmnux li l-magħmudija hija "għall-maħfra tad-dnubiet" u li hija meħtieġa għas-salvazzjoni? (1 Pietru 3:21). Knisja tkun mejta jekk din ikollha d-dottrina l-ħażina. Sfortunatament, denominazzjonijiet huma mejta minħabba li ma jemmnux li l-magħmudija hija prerekwiżit għas-salvazzjoni!

Knisja tkun wkoll mejta *jekk hija tieqaf milli turi nteress*. Knisja jista' jkollha d-dottrina l-korretta, imma jekk ma jkolliex l-attitudni t-tajba—jekk ma jkolliex interess—allura din tkun mejta. Il-Knisja f'Sardi kienet mejta. Jista' jkun li din kellha d-dottrina l-ħażina. Jista' jkun li ma kellha ebda interess. Imma Ġesù qal,

> "*Inti għandek isem li inti ħaj, u int mejjet.*"

## DIKJARAZZJONI APPASSJONANTI
## IL-KORREZZJONI (3:2a, b, 3)

Il-knisja f'Sardi forsi kienet marida b'mod terminali, imma l-Mulej ma kienx se jiffirma ċ-ċertifikat tal-mewt qabel ma Hu pprova jagħtihom il-ħajja mill-ġdid. Isma' għal l-appell ta' mħabba tiegħu:

> "*Stenbaħ, u saħħaħ il-ħwejjeġ li baqa', u li waslu biex imutu*" (3:2a).

**"Stenbaħ"**

X'kienu l-membri tal-knisja f'Sardi jeħtieġu li jagħmlu? L-ewwel, intqal lilhom biex *iqumu*, *jirrealizzaw*, u *jagħrfu*. Ġesù qal, "*Stenbaħ*" (3:2). Ġesù qiegħed jgħid, "Eżaminaw id-dottrina tagħkom u ħajjitkom." Ġesù qal, "Qumu, u saħħu l-ħwejjeġ li baqa' (v. 2a). Il-frażi Griega tradotta "stenbaħ" hija fit-temp preżent, tindika azzjoni kontinwa: Huma kienu jeħtieġu mhux biss li "jqumu" imma wkoll li jgħassu l-ħin kollu. Huma kellhom "iqumu" jew jistenbħu għall-kondizzjoni spiritwali tagħhom (ara Efesin 5:14; Rumani 13:11-14), jirrealizzaw li huma kienu qegħdin jgħixu fil-glorja tal-passat, u jagħrfu l-periklu spiritwali tagħhom. Huwa mixtieq li *titgħallem mill*-passat imma huwa diżastruż li *tgħix* fil-passat.

**"Saħħaħ"**

It-tieni, Ġesù jgħid, "*Saħħaħ il-ħwejjeġ li baqa'*" huma għandhom ikomplu jagħmlu dak li hu tajjeb. Ġesù jgħid,

> "*Saħħaħ il-ħwejjeġ li baqa', u li waslu biex imutu; għax ma sibtx l-opri tiegħek mitmumin quddiem Alla*" (2:2).

L-isfida ta' Ġesù biex "isaħħaħ il-ħwejjeġ li *baqa'*, li kienu *waslu* biex imutu" tista' tiġi bħala sorpriża. Kif jistgħu huma jkunu mejta u madankollu mhux mejta? Ħalli nkompli nwassa' fuq l-illustrazzjoni tar-raġel b'saħħtu u t-tabib insensittiv: Wara lit-tabib jgħid lir-raġel, "Inti raġel mejjet!" hu jieqaf għal ftit sekondi u mbagħad jgħid lir-raġel, "Imma hemm trattament ġdid radikali....Forsi, sempliċiment forsi, dan jista' jgħinnek." Naturalment, din l-illustrazzjoni mhijiex perfetta, għaliex it-Tabib il-Kbir qatt ma jgħid, "*Forsi* hemm it-tama." Minflok, Hu jgħid, "*Hemm* tama—*jekk* inti s-segwi l-istruzzjonjiet tiegħi."

**"Ftakar"**

It-tielet, Ġesù jgħid,

> "*Ftakar mela f'dak li rċevejt u smajt.*"

Huma kienu mogħtija struzzjoni biex *jiftakru*, *iżommu*, u *jindmu*. Ġesù qal,

> "*Ftakar mela f'dak li rċevejt u smajt; u ħarsu, u indem*" (v. 3a).

Huma kienu rċevew xi ħaġa—il-Kelma ta' Alla. Huma kienu semgħu xi ħaġa—il-Kelma ta' Alla. Huma kellhom jiftakru l-Kelma u jimxu fuqha. Ġesù jgħid, "Ħarsuha." Ġesù qiegħed jgħid, "Iċċedix. Tagħmel x'tagħmel, żomm dejjem ma' l-Evanġelju." Il-kelma Griega tradotta "ftakar" ma tfissirx sempliċiment li ssejjaħ mill-ġdid, imma li *żżomm* f'moħħok. Ukoll il-kelma "mela," qabbel dan il-vers ma' Rivelazzjoni 2:5. L-ittri lill-knejjes ta' Sardi u Efesu għandhom ħafna xebħ. Il-kelma Griega tradotta "ħarsu" hija fit-temp preżent, tenfasizza li huma kienu jeħtieġu li *jkomplu* jħarsu fuq dawn il-ħwejjeġ.

**"Tnaddaf"**

Ġesù jgħid, "Indem." Huma kienu qegħdin isejħu mill-ġdid it-tifħir li kienu rċevew meta suppost li kienu qegħdin jiftakru l-predikar li kienu sem-għu. Huma kienu jeħtieġu li jmorru lura għall-bażijiet tal-fidi u jżommu ma' dawk il-veritajiet. Imbagħad, huma jkunu jistgħu jindmu mill-kompjaċenza tagħhom, jiġifieri, jieqfu milli jkomplu jaqdu u jogħġbu lil dwak fil-ħażen) u jagħmlu l-bidliet meħtieġa!

Ġesù jgħid, "*Indem.*" Huma għandhom jieħdu deċiżjoni. Għandhom iduru mill-mewt għall-ħajja. M'huwiex tard wisq għall-knisja f'Sardi biex tindem jekk hija tixtieq li tagħmel dan.

## IL-PREKAWZJONI (3:3)

Xi ngħidu jekk huma jinjoraw l-istruzzjonijiet tal-Mulej? Din l-ittra lill-knisja f'Sardi tagħlaq bi twissija: Jekk huma ma jindmux, iħabbtu wiċċhom mal-ġudizzju. It-twissija hija din:

> "*Jekk mela ma tistenbaħx, niġik bħal ħalliel, bla ma tkun taf is-siegħa li fiha niġik*" (3:3).

F'postijiet oħra fl-Iskrittura, l-illustrazzjoni tal-miġja mhux mistennija bħall-ħalliel hija wżata biex tenfasizza li ebda bniedem ma jaf iż-żmien tat-*Tieni Miġja* ta' Kristu (Mattew 24:42-44; Luqa 12:39-40; 1 Tessalonikin 5:2, 4; 2 Pietru 3:10). F'Rivelazzjoni 3:3 "din hija biċ-ċar *miġja llimitata* f'ġudizzju fuq midinbin li ma jridux jindmu. L-istess kif għadna aktar qabel meta l-Persjani niżlu maż-żurżieqa tal-muntanja u qabdu liċ-ċittadini ta' Sardi mhux ippreparati, hekk ukoll Ġesù jiġi meta huma ma kinux qegħdin jistennewh. Jekk il-knisja f'Sardi ma kinetx ippreparata għall-miġja tiegħu, ir-riżultat ikun diżastruż. (F'ittri ta' qabel, Ġesù kien qal x'kien se jagħmel meta jiġi (2:5, 16). Hu ma ta l-ebda dettalji lil dawk li ma nidmux f'Sardi, imma "d-destin tagħhom bla dubju huwa tal-biża' imħolli mhux imfisser.

## ID-DIXXIPLI LI PPERSEVERAW (3:4)

Billi Ġesù ħareġ fil-beraħ il-mard tal-kongregazzjoni u ppreskriva r-rimedju, Hu kien jista' jagħlaq l-ittra f'dak il-punt bil-wegħdiet għal dawk li jirb-ħu jew jegħlbu. Iżda qabel ma għamel hekk, Hu ried li jagħti għarfien lill-grupp speċjali fil-kongregazzjoni li jiena rriferejt għalih bħala l-"ftit fidili":

"*Imma int għandek ftit nies f'Sardi li ma tebbgħux ilbieshom*" (v. 4a).

Alla dejjem kellu l-ftit fidili Tiegħu: F'jum ta' ħażen, Alla kellu lil Noè u l-familja tiegħu. F'jum ta' idolatrija, Alla kellu lil Abraham u n-nisel tiegħu. Ukoll f'Sodoma u Gomorra, Alla kellu lil Lot il-ġust" (2 Pietru 2:7). Ġesù qal,

"*Għax dejjaq huwa l-bieb, u dejqa t-triq li twassal għall-ħajja, u* ***ftit*** *huma dawk li jsibuha*" (Mattew 7:14; enfasi tiegħi).

Hekk ukoll, Alla kellu ftit nies fil-kongregazzjoni ta' Sardi li kienu baqgħu fidili.

Ġesù wiegħed,

"*Huma jimxu miegħi bi lbies abjad*" (v. 4b).

Li timxi ma' xi ħadd jindika assoċjazzjoni, sħubija u qbil (ara Għamos 3:3; Ġenesi 5:22, 24; 6:9). L-abjad huwa assoċjat mas-safa, festiġġjar, u vittorja. Billi l-ftit fidili diġa kienu safja, jiena għaqqad l-ideat ta' festiġġjar u vittorja fl-illustrazzjoni tad-daħal trijonfali. Li timxi ma' Ġesù "fl-abjad" kien li tipparteċipa fit-trijonf Tiegħu. L-istampa hija tad-daħla trijonfali tas-Sultan rebbieħ ma' sħabu wara li l-battalja tkun mirbuħa (ara 2 Korintin 2: 14).

Imbagħad Ġesù żied,

"*Għax jisthoqqilhom*" (v. 4ċ).

Din il-frażi ma tfissirx li l-"ftit" kienu perfetti, għaliex aħna lkoll midinbin (Rumani 3:10, 13) u ħadd minna ma jisthoqqlu l-barkiet ta' Alla (ara Ġenesi 32:10; Luqa 17: 10). Il-Kelma ta' Alla tattribwixxi ċertu mertu lill-bniedem, li qatt ma huwa assolut imma dejjem relattiv. Pjuttost, il-kliem ta' Ġesù kien espressjoni ta' l-apprezzament Tiegħu għall-isforzi ta' qlubija li dawk il-ftit kienu qegħdin jagħmlu taħt ċirkustanzi iebsa. Mhuwiex faċli li tkun fidil meta dawk kollha ta' madwarna—ma jkunux fidili—ukoll Kristjani oħrajn —mhumiex fidili. Grazzi lil Alla għall-ftit fidili!

Meta l-qisien ta' din id-dinja jiddeterjoraw u "n-nies ħżiena u qarrieqa jmorru mill-ħażin għal l-agħar" (2 Timotju 3:13a), jagħlqu jdejhom u jċedu —imma l-ftit fidili dejjem ikompli sejrin. Meta, f'xi postijiet, l-istituzzjoni taż-żwieġ tkun qed titfarrak u d-dnub sesswali ikun qiegħed isir xi ħaġa komuni, ħafna jirraġunaw, "Għaliex jiena għandi nipprova?"—imma l-ftit fidili dejjem iwieġbu, "Għaliex jiena Kristjan; dak hu għaliex." Waqt li l-indifferenza u l-kompjaċenza jimlew il-pajjiż, ħafna jsibuha faċli li jaqbdu t-

triq il-wiesa', it-triq l-aktar popolari—imma l-ftit fidili dejjem huma mpenjati għat-triq id-dejqa, it-triq skartata (Mattew 7:13, 14). Grazzi lil Alla għall-ftit fidili!

Kongregazzjonijiet tal-Knisja tal-Mulej ukoll għandhom il-ftit fidili: dawk li jistgħu jkunu magħduda li jkunu preżenti għal kull servizz ta' qima, dawk li jagħtu minn dak li pprovdilhom il-Mulej, dawk li jagħmlu l-biċċa l-kbira tax-xogħol, dawk li jilħqu l-maġġuranza ta' dawk li huma mgħammdin u miġjuba lura. Predikaturi xi kultant iħossuhom qalbhom maqtugħa minħab-ba li jaraw ħafna li l-Kelma ta' Alla ma tinteressahomx; huma jagħmlu aħjar jekk jinnotaw il-ftit li "huma bil-ġuħ u bil-għatx għall-ġustizzja" (Mattew 5:6). Grazzi lil Alla għall-ftit fidili!

## DIKJARAZZJONI PROMETTENTI IL-KONSLAZZJONI (3:5, 6)

Il-wegħda li tispiċċa l-ittra hija fi tlieta:

> "*Dak li jirbaħ, jitlibbes ilbies abjad; u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, imma nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (3: 5, 6).

Kien qiegħed Ġesù jgħid lis-sitwazzjoni kienet bla ebda tama għall-maġġuranza f'Sardi? Bl-ebda mod. Jekk huma kienu se "jqumu" u "jindmu" (3:2, 3), huma jkun jista' jkollhom l-istess barkiet imwiegħda lill-ftit fidili:

> "*Dak li jirbaħ, jitlibbes ilbies abjad; u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, imma nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu*" (v. 5)

Lil dawk li jegħlbu, Ġesù wiegħed *ilbies spiritwali*, li jkunu mlibbsa b'safa perfetta fid-dinja li ġejja. It-tieni, Alla għandu ktieb. Is-salvi huma mpoġġija f'dak il-ktieb. It-tielet, il-fidili jkunu mistqarra quddiem il-Missier u l-anġli. Ħalli nifhmu aktar xi jfissru dawn it-tliet wegħdiet.

### L-Ilbies Abjad Tagħhom

Dawk li ma ħammġux ilbieshom—dawk li rebħu jew li għelbu—ikunu mlibbsa fl-abjad. Seba' darbiet f'Rivelazz-joni l-qaddisin jidhru f'ilbies bojod: Rivelazzjoni 3:6, 18; 4:4; 6:11; 7:9, 13; 19:14. Sardi kienet magħrufa għall-ilbies ikkulurit tagħha. L-arti li tagħti l-kulur lid-drapp oriġinat f'dik il-belt. L-abjad jissimbolizza s-safa u kien ukoll sinjifikanti kif il-libsa kien-et tkun milbusa mill-kuntestant rebbieħ. Is-safa jew il-purità jidher li hija hawn il-ħsieb primarju b'forsi applikazzjoni sekondarja għall-vittorja ta' dawk li jegħlbu. Dawk li żammew lilhom infushom puri mit-tniġġis tal-pag-aniżmu u

l-ħwejjeġ tad-dinja jkunu fil-preżenza tal-Mulej, imlibbsa f'ilbies abjad li jirrappreżenta s-safa tagħhom. Huma kienu denji għaliex żammew lilhom infushom safja u ma kienu għamlu xejn biex jitilfu s-salvazzjoni ta-għhom.

**Isimhom fil-Ktieb tal-Ħajja**

L-ewwel introduzzjoni tagħna għal reġistru divin hija f'Eżodu 32:32, 33. Mosè talab lill-Mulej biex jaħfer lil l-Iżraelin jew inkella, qallu, ħassarni "*mill-ktieb Tiegħek li int ktibt.*" Alla wieġeb li dawk biss li dinbu jkunu mħassra mill-ktieb Tiegħu. F'Salm 69:28 David talab li l-għedewwa tiegħu jkunu mħassra mill-ktieb tal-ħajja. Kien intqal lil Danjel li fi żmien ta' diqa kbira dawk kollha li isimhom ikun jinsab miktub fil-ktieb ikunu meħlusa (Danjel 12:1). "Il-ktieb" kien reġistru tan-nies ta' Alla, lista tal-fidili.

Fl-istorja ta' l-antik kienet l-użanza li tirreġistra t-twelid ta' persuna fir-reġistri tal-belt u mbagħad jitħassar dak l-isem meta dik il-persuna tmut. Jekk l-isem ta' kriminal ikun imneħħi mir-reġistru ċivili, huwa jitlef iċ-ċittadinanza tiegħu. L-istess għadu jsir illum f'ħafna pajjiżi.

Ġesù wiegħed lil dawk li jirbħu jew jegħlbu *kontinwità sinjifikanti*:

> "*Ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja*" (v. 5b).

Il-Ktieb tal-Ħajja huwa r-reġistru tal-fidili ta' Alla (Salm 69:28; Malakija 3:16; Lhud 12:23) u huwa msemmi matul l-Iskrittura kif rajna aktar qabel. Meta s-sebgħin marru lura minn vjaġġ ta' predikazzjoni, Ġesù qalilhom,

> "*madankollu mhux b'dan ifirħu, li l-ispirti joqogħdu għalikom, imma ifirħu għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet*" (Luqa 10:20).

F'Filippin 4:3 Pawlu kiteb dwar sħabu

> "*fix-xogħol ta' l-Evanġelju...li isimhom miktub fil-ktieb tal-ħajja.*"

Fix-xena kbira tal-ġudizzju ta' Rivelazzjoni 20, aħna naqraw:

> "*U rajt il-mejtin kbar u żgħar quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniż-żla fil-kotba....Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-belliegħa tan-nar*" (Riv. 20:12-15).

L-uniċi persuni li jistgħu jidħlu fis-smewwiet huma dawk li:

> "*isimhom tniżżlu fil-ktieb tal-ħajja tal-Ħaruf*" (Riv. 21:27b).

Meta aħna nkunu salvati (Mark 16:16), isimna jkunu miktuba fil-Ktieb tal-Ħajja. Aħna għandna nifhmu, iżda, li isimna jkun imħassar jekk ma nibq-għux fidili lejn il-Mulej! (Ara Ġakbu 5:19, 20. Din hija silta qawwija ħafna

fuq il-possibbiltà ta' l-apostasija. Dawk li aċċettaw il-Galviniżmu għandhom diffikultà kbira b'din is-silta).

Dawk f'Sardi li kienu għamlu kompromess u li kienu mejta kienu fil-periklu li jkollhom isimhom imneħħi jew imħassar mill-ktieb tal-ħajja, ikunu mneħħija mil-lista tan-nies ta' Alla. Huma kienu se jitilfu ċ-ċittadinanza tagħhom fis-saltna ta' Alla. Il-fidili ma kinux f'periklu bħal dan. Isimhom ma kienx se jiġi mħassar; huma kienu se jżommu l-istat ta' ċittadini.

**L-Ismijiet Tagħhom Mistqarra Quddiem Alla**

Fl-aħħar, Ġesù wiegħed lir-rebbieħa *stqarrija speċjali*:

> "*Jiena nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli Tiegħu*" (v. 5ċ).

L-isem tar-rebbieħ, ta' dak li jegħleb ikun mistqarr quddiem il-Missier u l-anġli Tiegħu. Fil-ministeru Tiegħu fuq l-art, Ġesù kien għamel din il-wegħda:

> "*Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 10:32, 33).

X'barka kbira tkun li jkollna isimna mistqarr mill-Mulej quddiem il-Missier. Ġesù jistqarr isimna meta aħna nistqarru l-fidi tagħna Fih u nkunu mgħammdin (Atti 8:37-39; Rumani 10:9, 10), imma dan ma jeżawrixxix il-wegħda Tiegħu. Bilkemm tgħaddi ġurnata waħda li aħna ma jkollniex l-opportunità li nistqarruh jew li niċħduh. Dan kien speċjalment tassew fl-ewwel seklu, li l-Kristjani kienu taħt pressjoni kunstanti biex jiċħdu lil Ġesù u jistqarru s-sinjurija ta' l-imperatur. Ġesù riedhom li jkunu jafu li jekk huma jkomplu jistqarruh bla ebda biża', Hu jkompli jistqarr l-ismijiet tagħ-hom fis-smewwiet!

Ġesù jgħid, "Missier, din il-persuna hija tiegħi; din hija fidila u għandha tkun aċċettata fil-preżenza Tagħna." Aħna bilkemm nistgħu nirrealizzaw is-sinjifikat ta' dan. Aħseb dwar il-barkiet ta' li tkun rebbieħ li timxi mal-Mulej f'ilbies abjad, li ismek ikun miktub fil-Ktieb tal-Ħajja, u li l-Mulej Ġesù Kristu jistqarr ismek fis-smewwiet lill-Missier Etern.

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (v. 6).

## KONKLUŻJONI

Aħna ma nafux kif il-Kristjani f'Sardi rċevew iċ-ċanfira tal-Mulej. Nittamaw li l-kuxjenzi tagħhom kienu milquta u ħajjithom kienu affettwati. Ix-xhieda tissuġerixxi li l-kongregazzjoni f'Sardi għallinqas kibret fil-qies; l-istorja tgħid dwar kostruzzjoni mpressjonanti ta' bini kbir tal-knisja u mex-xejja kbar fis-snin ta' wara. Illum, iżda, il-glorja tal-passat spiċċat—kemm

għall-belt u kemm għall-knisja. Kull ma baqa' huwa tifrik tal-belt, u ma hemm ebda sinjal tal-kongregazzjoni.

Għalkemm ma nafux x'sar mill-knisja kollha ta' Sardi, imma aħna nafu x'sar mill-ftit li baqgħu fidili lejn Ġesù Kristu: Huma qegħdin jimxu ma' Ġesù "fl-abjad" (3:4)! L-isfida ta' din il-lezzjoni hija li tkun wieħed mill-"ftit fidili."

Sardi kienet knisja f'inkwiet kbir imma mhux mingħajr tama. Ukoll f'nofs maġġuranza li kienu spiritwalment mejta, il-minoranza fidila baqgħet soda. Dik il-minoranza fidila kienet imħeġġa bil-wegħdiet sbieħ għal dawk li jegħlbu. Li tkun fidil taħt pressjoni issa jfisser li l-Kristjani jkunu ppremjati bil-wisq aktar milli wieħed jista' jimmaġina fil-ħajja ta' wara li għandha tiġi.

Il-lezzjoni f'din l-ittra tista' tkun applikata f'żewġ modi. L-ewwel, kongregazzjonijiet tan-nies tal-Mulej jeħtieġu li jaraw li m'humiex qegħdin jgħixu f'reputazzjoni tal-passat minflok ma jibqgħu ħajjin spiritwalment. Dak li l-Mulej jaħseb dwarna huwa aktar importanti minn x'jaħsbu nies oħra dwarna.

It-tieni, individwi għandhom jistaqsu lilhom infushom jekk huma jinsabux fost il-ftit fidili. Għamilna aħna patt ma' Alla biex inkunu fidili wkoll jekk oħrajn ma jkunux, biex inkunu safja wkoll jekk oħrajn m'humiex, li nagħmlu dak li hu tajjeb ma jimpurtax x'jagħmlu oħrajn? Xi drabi jieħu l-kuraġġ biex tieħu deċiżjonijiet bħal dawn għaliex il-Kristjani jiffaċċjaw pressjonijiet ta' kuljum biex jikkonformaw mal-qisien tad-dinja. Aħna għandna niftakru l-wegħdiet magħmula lil dawk li jegħlbu f'Sardi u nkunu kunfidenti li l-premjijiet ikunu wisq aktar u akbar minn kull diffikultà li nħabbtu wiċċna magħha bħala riżultat ta' li nieqfu għall-Mulej.

Jinsab ismek fil-Ktieb ta' Alla? Għandek isem talli int ħaj imma mejjet? Ġesù joffri l-maħfra, imma jekk ma jkunx hemmx indiema, il-ġudizzju eventwalment jasal.

# IL-KNISJA TA' FILADELFJA

**(Rivelazzjoni 3:7-13)**

## L-ITTRA LILL-KNISJA TA' FILADELFJA (Rivelazzjoni 3:7-13)

*"U lil l-anġlu tal-knisja li hemm f'Filadelfja tiktiblu hekk: 'Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ: Jiena naf l-opri tiegħek; ara, ftaħtlek quddiemek bieb li ħadd ma jista' jagħlqu; għax għad li l-ħila tiegħek hija dgħajfa, naf li l-kelma tiegħi ħaristha u ismi ma ċħadthulix. Ara, lil xi wħud mis-sinagoga tax-xitan—li jriduha ta' Lhud iżda m'humiex ħlief giddieba!—ara, jiena se nġagħlhom jiġu jinxteħtu quddiemek f'riġlejk, ħa jkunu jafu li jiena lilek ħabbejtek. Talli int ħarist it-tagħlim tiegħi dwar is-sabar, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha biex iġġarrab lil kull min jgħammar fl-art. Dalwaqt niġi, żomm sħiħ f'dak li għandek, biex ħadd ma jeħodlok il-kuruna tiegħek. Ir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-tempju ta' Alla tiegħi, minn fejn qatt iżjed ma joħroġ u fuqu nonqox isem Alla tiegħi, isem il-belt ta' Alla tiegħi, Ġerusalem il-ġdida li nieżla mis-sema mingħand Alla tiegħi, u l-isem il-ġdid tiegħi. Min għandu widnejn, ħa jisma' x'jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.'"*

Ġesù ħalla l-aħjar u l-agħar knejjes għal l-aħħar. F'dan l-istudju aħna sejrin nistudjaw dwar l-aħjar knisja: Fila-delfja.

Rivelazzjoni kapitlu tlieta jirreġistra l-ittra lill-knisja f'Filadelfja, il-belt ta' l-imħabba ta' l-aħwa. Aħna niġu direttament għad-deskrizzjoni li jagħtiha Ġesù Nnifsu hekk kif jagħmel fil-bidu ta' kull waħda mis-seba' ittri lill-knejjes ta' l-Asja Minuri.

Filadelfja kienet tinsab fix-xlokk ta' Sardi. Din il-belt ma kinetx kbira, ta' prospett, jew magħrufa fuq il-kosta, imma din kien għad għandha bosta kwalitajiet memorabbli. Isimha onora lill-fundatur tagħha: is-sultan f'Pergamu, Attalus II Philadelphus. "Filadelfja" tgħaqqad kelma Griega għal "imħabba" (*philia*) mal-kelma għal "ħu" (*adelphos*); għalhekk din tfisser "imħabba ta' l-aħwa." Dak it-titlu kien mogħti lil Attalus minħabba l-imħabba tiegħu lejn ħuh il-kbir Eumenes.

Billi Filadelfja kienet tinsab fuq ir-rotot tan-negozju għal Misja, Lidja, u Friġja, din kienet magħrufa bħala "d-daħla għal Lvant." Filadelfja kienet imwaqqfa minn Attalus bħala belt missjunarja—biex tifrex il-lingwa Griega u l-kultura Griega f'Lidja u fi Friġja. Din ma kinetx belt kbira, imma kienet allokata f'reġjun fertili u kienet magħrufa għall-produzzjoni tagħha ta' l-

inbid. Minħabba n-numru u l-ġmiel tat-tempji tagħha u bini pubbliku, din kienet xi kultant magħrufa bħala "Ateni ż-żgħira."

Fattur ġeoloġiku tal-belt għandu jkun innutat: Filadelfja kienet mibnija fuq linja difettuża u esperjenzat terremoti aktar milli wieħed jistenna. Jintqal hekk dwar din il-belt:

> Flimkien ma'...bliet oħra fl-inħawi [inkluż Sardi], Filadelfja kienet meqruda b'terremot terribbli fis-sena 17 W.K.,... Għal numru ta' snin in-nies kienu miżmuma f'terrur permezz tat-tregħid kontinwu li ħakem l-inħawi, u minħabba din il-biża' ħafna minn nies għexu f'tined fil-kampanja barra mill-belt. (Homer Haley, *Revelation*, 149).

Għall-Mulej, l-aktar ħaġa importanti dwar il-belt kienet kongregazzjoni tan-nies Tiegħu kienet tiltaqa' hemm—knisja li kienet ittestjata severament fil-passat u kellha tif-faċċja saħansitra ħwejjeġ agħar fil-futur. (Aħna ma nafux meta din il-kongregazzjoni kienet imwaqqfa; jista' jkun li kienet imwaqqfa matul il-ministeru ta' Pawlu f'Efesu [Atti 19:1, 8-10].) L-ittra ta' Ġesù, li ma fiha ebda ċanfira, kienet miktuba biex tfarraġ lil dan il-grupp żgħir li kien prezzjuż Għalih.

## DESKRIZZJONI TA' ĠESÙ
## KONFORT MINĦABBA L-PERSUNA TIEGĦU (3:7)

Ġesù l-ewwel ikkonforta lill-membri billi fakkarhom dwar l-identità Tiegħu:

> "*U lill-anġlu [messaġġier] tal-knisja ta' Filadelfja ikteb: Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, u li jagħlaq u ħadd ma jiftaħ,...*" (3:7).

**Persekuturi Jkunu Mikxufa**

Ġesù identifika Lilu Nnifsu bħala: "Il-Qaddis il-veru."

**Hu Qaddis**

L-ewwel Karatteristika li Ġesù jagħti Dwaru Nnifsu hija li Hu Qaddis. Il-kliem Griega tradott "Qaddis" kien kliem li jfisser "il-[Wieħed] Qaddis"; it-terminu oriġinali kien irriservat għal Alla (Isaija 40:25; Ħabakuk3:3; Riv. 6:10). "Qaddis" tfisser li tkun isseparat, imwarrab, magħżul, li tkun iddedikat għal Alla Qaddis. Fit-Testment il-Qadim, it-tempju kien qaddis. Sistemi tas-sagrifiċċji kienu qaddisa. In-nies infushom kienu qaddisa. Ġesù kien qiegħed juri li Hu kien kompletament iddedikat għall-kawża li għaliha Hu ġie fid-dinja —inkluż is-salib, il-qabar vojt, u l-glorifikazzjoni Tiegħu. Ġesù afferma d-divinità Tiegħu—imma Hu għamel aktar minn hekk. Bħala Alla ta' Qdusija, Hu ma jistax u ma jittollerax id-dnub. Din id-deskrizzjoni kienet

garanzija li dawk li jagħ-mlu l-ħażen ikunu kkastigati, speċifikament dawk li kienu qegħdin jippersegwitaw lill-Kristjani.

**Hu Veru**

It-tieni, Ġesù irrefera Għalih Innifsu bħala l-Wieħed "li Hu veru" (letteral-ment, "il-veru [Wieħed]"). Hu ġenwin. Xejn ma huwa falz dwaru. Dak li Hu jgħid dwar is-seba' knejjes fl-Asja Minuri huwa assolutament eżatt. Hu jaf-hom perfettament. Filadelfja kienet mimlija b'allat foloz u saħansitra Lhud foloz (3:9), imma Ġesù kien ġenwin u ta' min joqgħod Fuqu.

Kienu kwalitajiet bħal dawn ta' konfort għall-Kristjani ppersegwitati? F'kapitlu 6, meta l-martri ndirizzaw lill-Mulej, huma irriferew Għalih bħala l-Wieħed li Hu "Qaddis u Veru" (6:10): Għaliex Hu qaddis, huma kienu jafu li Hu kien se jiġġudika d-dnub. Għaliex Hu veru, huma kienu jafu li Hu kien se jiddefendi n-nies Tiegħu.

**Hu Sultan**

It-tielet, Ġesù jgħid li Hu għandu "*l-muftieħ ta' David.*" 'Il-muftieħ ta' David' imur lura għal Isaija 22:22. Hemm Eljakin, il-qaddej fidil tas-sultan tajjeb Ħeżekija, huwa irrappreżentat bħala li għandu 'l-muftieħ għad-dar ta' David' u waħdu kellu d-dritt li jħalli jidħlu supplikanti fil-preżenza tas-sultan....Wieħed kien ikollu jgħaddi minn għandu biex jasal għand is-sultan, għaliex hu biss kellu d-dritt li jiftaħ jew jagħlaq il-bieb għad-dħul fil-pre-żenza tas-sultan. Li jkollok "Muftieħ" (jew ċavetta) jindika li wieħed għan-du awtorità. "Li jiftaħ" u "jagħlaq" huma t-tnejn fit-temp preżent, jindika azzjoni kontinwa. Il-Mulej *ikompli* li jkun involut fil-ħajja tal-knisja Tiegħu. Għalhekk, Ġesù qiegħed jafferma li Hu għandu awtorità ta' sultan. Fl-istat eżaltat Tiegħu fl-id il-leminija ta' Alla, Ġesù Hu Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien. F'Atti 2, Pietru ikkwota lil David dwar il-wegħdiet li Alla għamel permezz ta' David dwar il-miġja tal-Messija. Pietru wera lis-siltiet li tkellmu dwar il-Messija jsaltan bħala n-nisel ta' David kienu mwettqa meta Ġesù kien imqajjem mill-mewt u eżaltat fl-id il-leminija ta' Alla. Il-fatt li Ġesù għandu l-muftieħ ta' *David* huwa prova li Hu kien il-Messija li kien ġej mil-linja ta' David (2 Samwel 7:16) u li issa Hu kien qiegħed isaltan fuq it-tron ta' David (Atti 2:30-36).

Fi ħwejjeġ reliġjużi, l-awtorità ma toqgħodx mal-knisja; l-awtorità ma toqgħodx ma' xi persuna jew grupp ta' nies, kif xi reliġjużi jgħallmu li l-mexxejja tal-knisja tagħhom għandhom dik l-awtorità. L-awtorità toqgħod ma' Ġesù Kristu waħdu. Ġesù Nnifsu jgħidilna li:

> "*L-awtorità kollha hija mogħtija Lili fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

Aħna għandna nagħrfu dik l-awtorità u nirrealizzaw li Ġesù *qatt* ma ta lil xi ħadd id-dritt biex jilleġisla f'Ismu. Ebda bniedem m'għandu awtorità li

jagħmel liġijiet reli-ġjużi ġodda b'żieda ma' dawk li nsibu fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa (Ara 1 Korintin 4:6; Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-9; Riv. 22:18-19; eċċ.). Aċċess għall-palazz tas-sema u s-Sultan tiegħu huwa biss permezz ta' Kristu u ħadd aktar. Ġesù qal.

> "*Jiena hu t-Triq, u l-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi*" (Ġwanni 14:6).

**Hu Preżenti**

Xi tfisser din il-parti ta' vers 7?

> "*Hu…jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, u jagħlaq u ħadd ma jiftaħ.*"

Ġesù waħdu għandu l-pussess tal-muftieħ. Għalhekk dak li Hu fetaħ, ħadd ma jista' jagħlqu; u dak li hu jagħlaq, ħadd ma jista' jiftħu. Hu qal lill-Kristjani f'Filadelfja li Hu kien poġġa quddiemhom "bieb miftuħ, u ħadd ma jista' jagħlqu" (3:8b). Il-qawwiet ta' Satana jistgħu temporanjament jgħawġu l-pjanijiet tal-Mulej għall-knisja Tiegħu, imma fit-tmiem, l-iskopi-jiet ta' Alla jkunu mwettqa.

Dan ifisser ukoll illi Ġesù huwa involut fil-ħajja tal-knisja. Ġesù m'huw-iex imneħħi għal żmien ieħor jew għall-post ieħor. Hu għex fuq l-art f'ġisem bħal tagħna elfejn sena ilu, imma qiegħed jgħix illum. Illum Ġesù Hu intere-ssat dwar in-nies Tiegħu. Hu jagħti opportunità lin-nies Tiegħu. Hu jiftaħ u ebda bniedem ma jista' jagħlaq; Hu jagħlaq u ebda bniedem ma jista' jiftaħ. Dan ifakkarna fil-kura providenzjali tal-Mulej fil-ħajja tan-nies Tiegħu.

Kull deskrizzjoni li Ġesù jagħti Tiegħu Nnifsu fl-ittri lis-seba' knejjes iġġ-egħilna nħobbuh aktar. Li nkunu nafu li għandna Salvatur bħal dan iġegħilna nogħġbuh aktar.

## KONFORT MINĦABBA T-TIFĦIR TIEGĦU (3:8-10a)

Kulħadd iħobb li jkun apprezzat, u Ġesù wera l-apprezzament Tiegħu għal din il-knisja fidila:

> "*Jiena naf l-opri tiegħek, ara, ftaħtlek quddiemek bieb li ħadd ma jista' jagħilqu; għax int għandek saħħa żgħira; u naf li l-kelma tiegħi ħaristha u ismi ma ċħadthulix ...Talli int ħarist il-kelma tas-sabar tiegħi, jien ukoll inħarsek mis-siegħa tat-tiġrib*" (versi 8-10a).

**Dgħajjef imma Produttiv**

Ġesù tkellem dwar is-"saħħa żgħira" tal-kongregazzjoni." Forsi Ġesù kien qiegħed jirreferi għas-sħubija żgħira tagħhom, għal skarsità ta' talent, jew għall-minimu ta' riżorsi finanzjarji. Hu sata' wkoll kien qiegħed jalludi għall-mod lis-soċjetà kienet tħares lejn il-kongregazzjoni minħabba l-pożiz-zjoni soċjali ta' xi wħud mill-membri (ara 1 Korintin 1:26).

**"Is-Saħħa Tiegħek Hi Żgħira"**

Ġesù ma semmix "is-saħħa żgħira" tagħhom biex jinbarazzahom, imma biex jikkumplimentahom. Minkejja l-fatt li huma kellhom "saħħa żgħira," huma ma wżax dan bħala skuża biex ma jagħmlu xejn. Pjuttost, huma għamlu dak kollu li setgħu jagħmlu b'dak li kellhom.

Possibbilment, il-knisja f'Filadelfja kienet irriferuta bħala li kellha "saħħa żgħira" minħabba li kienet kongregazzjoni żgħira u ma kelliex wisq impatt fuq il-belt. Minkejja s-saħħa żgħira li kellha huma kienu fidili. Dan il-Mulej innutah ukoll. Kull ittra lis-seba' knejjes għandha stqarrija ta' "*Jiena naf.*" Il-Mulej jaf x'qiegħed jiġri, kemm dwar il-knisja kollettivament u kemm dwar il-Kristjani individwalment.

Ġesù kien qiegħed jgħidilhom: "*Billi* int għandek saħħa żgħira, u għamilt użu tajjeb minnha, Jien tajtek opprotunità li ħadd ma jista' jċaħdek minna."

Alla qatt ma jistenna aktar minna milli aħna nistgħu nagħmlu, imma Hu jistenna minna li nużaw ir-riżorsi li jagħtina. Kemm opportunitajiet jintilfu minn xi wħud minħabba li billi huma kongregazzjoni żgħira dawn allura ma jagħmlu xejn dwarhom! Xi wħud, kemm individwi u kemm kongregazzjonjiet għandhom il-filosofija ta' "Billi aħna żgħar, allura ma nistgħu nagħmlu xejn." Il-knisja ta' Filadelfja, minn naħa l-oħra, kienet bħall-mara li Ġesù ikkumplimenta f'Mark 14:8a, li "għamlet li setgħet."

L-ittra lill-knisja f'Filadelfja ma fiha ebda kritika. Xejn dwar din il-knisja ma jġib il-kritika minn Ġesù. M'huwiex dan xi ħaġa sabiħa? Ġesù jaf kollox dwar din il-knisja, madankollu m'għandu ebda kundanna. Wara li introduċa Lilu Nnifsu, Ġesù immedjatament jibda t-tifħir Tiegħu.

**Ippersegwitata imma li Tippersevera**

**"Int Ħarist il-Kelma Tiegħi"**

Ħaġa waħda li kienu jistgħu jagħmlu l-Kristjani—u għamlu—kienet li jibqgħu fidili. Ġesù jgħid,

> "N*af li l-kelma tiegħi ħaristha, u ma ċħadtx ismi…int ħarist il-kelma tas-sabar tiegħi*" (3:8, 10).

Huma kienu jafu li ftit kellhom setgħa, u Ġesù jfakkarhom dwar is-saħħa żgħira tagħhom. Kif diġa semmejt, apparentament, din il-knisja ma kellha xejn li bih hija kienet tista' tiftaħar rigward il-qawwa tax-xogħol bin-nies tagħha. Huma kienu leali u tassew għal dak li qal Ġesù. Kieku Ġesù kiteb ittra lilek, jista' Hu jgħid, "*Inti ħarist il-Kelma Tiegħi*"? Matul il-ministeru Tiegħu fuq l-art, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu,

> "*Jekk wieħed iħobbni, iħares kelmti*" (Ġwanni 14:23a).

F'Atti 2:37, 38, in-nies qegħdin jistaqsu, "*X'għandna nagħmlu?*" Aqra t-tweġiba ta' Pietru:

> "*Indmu, u tgħammdu f'Isem Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom.*"

Dak huwa l-mod li bih aħna nibdew. Int bdejt b'dan il-mod jew b'xi mod ieħor li huwa t-tagħlim tal-bnedmin u mhux tal-Mulej? Kif inkomplu, aħna nkunu rridu li nibqgħu fidili; aħna rridu li nagħmlu dak li Kristu jitlobna biex nagħmlu u mhux dak li jitolbuna l-bnedmin. Hawn biss, jista' mbagħad jintqal dwarna li nkunu żammejna jew ħarisna l-Kelma Tiegħu.

Il-frażijiet "ħarist il-kelma tiegħi" u "ma ċħadtx ismi" huma fit-temp aorist, jindika ġrajja ta' darba. Fil-passat, apparentament kien hemm perjodu speċifiku meta l-fidi tagħhom kienet ittestjata severament—forsi fl-istess żmien meta Antipa kien ġie maqtul (2:13). Minkejja l-pressjoni biex jiċħdu lil Ġesù u jistqarru lil l-imperatur, huma ipperseveraw.

Minkejja l-pressjoni miġjuba fuqhom, minkejja "s-saħħa żgħira" tagħhom, il-Kristjani f'Filadelfja baqgħu fidili. Il-fedeltà tagħhom tkun ippremjata. X'tifħira sabiħa jew x'kumpliment kbir lill-knisja f'Filadelfja!

**"Int Ma Ċħadtx Ismi"**

Wieħed jista' jiċħad l-isem ta' Kristu f'ħafna modi. Hu jista' jirrifjuta li jaċċetta lil Ġesù bħala l-Iben ta' Alla. Hu jista' jemmen li Ġesù Hu dak li jgħid li Hu imma qatt ma jaċċettah. Hu jista' jkun li aċċetta r-rieda Tiegħu għall-ħajtu, imma jgħix bħallikieku m'aċċettahiex. Din il-knisja ma ċaħditx l-Isem ta' Kristu.

Imma kif huma setgħu jagħmlu dan meta "s-saħħa" tagħhom kienet "żgħira"? Evidentament, bħal Pawlu, huma kienu tgħallmu biex joqgħodu fuq il-qawwa tal-Mulej:

> "*U qalli: Il-grazzja tiegħi biżżejjed għalik: għax is-setgħa tiegħi tidher kollha fin-nuqqas ta' saħħtek. Għalhekk bil-qalb kollha niftaħar bid-dgħufijiet tiegħi, biex is-setgħa ta' Kristu tistrieħ fuqi....għal Kristu; għax meta jien dgħajjef, imbagħad inkun qawwi*" (2 Korintin 12:9, 10).

Jekk jiena nkun se naqsam minn fuq pont twil li jaqsam fetħa kbira, ma nistaqsix, "Huma *riġlejja* b'saħħithom biżżejjed biex naqbeż din il-fetħa?" Imma nistaqsi lili nnifsi, "Huwa *dan il-pont* b'saħħtu biżżejjed li jiflaħni hekk kif jiena ngħaddi minn fuqu?" Hekk ukoll, meta aħna nħabbtu wiċċna mat-tiġrib tal-ħajja, il-mistoqsija m'għandix tkun, "ninsabu *aħna* b'saħħitna biżżejjed?" Imma, il-mistoqsija għandha tkun, "huwa *l-Mulej tagħna* b'saħħtu biżżejjed?" Il-knisja ta' Filadelfja kienet wieġbet il-mistoqsija b'mod sod u kunfidenti ħafna "Iva!"

## KONFORT MINĦABBA L-PROVIŻJON TIEGĦU (3:8-10b)

**Il-Potenzjal Żdied**
**"Int Għandek Opportunità"**

Ġesù jkompli jagħtihom opportunitajiet speċjali. Hu jgħid,

> "*Jiena qegħidt quddiemek bieb miftuħ, u ħadd ma jista' jagħl-qu.*" (v. 8a).

Il-frażi "ħadd ma jista' jagħlqu" timplika li xi wħud *jippruvaw* jagħlqu l-bieb. Ġesù diġa kien qal li Hu jiftaħ u ħadd ma jista' jagħlaq u jgħalaq u ħadd ma jista' jiftaħ. Lill-knisja f'Filadelfja Hu jgħid, "*Jiena qegħidt quddie-mek bieb miftuħ.*" X'kien dak il-bieb miftuħ?

Jista' li kien bieb miftuħ ta' *evanġelizzazzjoni*. Jista' jkun li Ġesù tahom opportunità biex iwasslu l-messaġġ u jaqsmu l-Aħbar it-Tajba Tiegħu ma' oħrajn. L-appostlu Pawlu uża din il-lingwa partikulari, per eżmpju, fl-Ewwel Korintin 16:9, fejn qal,

> "*Hemm bieb kbir miftuħ għalija, fejn nista' naħdem sewwa, għad li hemm ħafna kontra tiegħi.*"

Fit-Tieni Korintin 2:12, Pawlu jgħid,

> "*Meta wasalt Troas biex inxandar l-Evanġelju ta' Kristu, il-Mulej fetaħli l-bibien kollha.*"

Pawlu qal lill-Kolossin biex jitolbu għalih u għal sħabu:

> "*biex Alla jiftħilna l-bieb għall-kelma u nxandru l-ministeru ta' Kristu*"… (Kolossin 4:3).

Seta' kien opportunità biex *jikbru*. L-evanġelizzazzjoni ġġib kobor numeri-ku. Forsi Ġesù kien qiegħed jagħti lill-knisja opportunità biex tikber spirit-walment. Sata' kien opportunità għas-*servizz*.

Satana qatt ma jħalli li l-evanġelizzazzjoni tkun sempliċi. Xi ħadd kien qal li meta l-bieb ikun miftuħ jidħlu ħafna nsetti li jdejquk!

Il-figura ta' bieb miftuħ hija wżata fit-Testment il-Ġdid biex tirreferi għal opportunitajiet speċjali, speċjalment opportunitajiet għat-tifrix ta' l-Evanġel-ju (Atti 14:27; 1 Korintin 16:9; 2 Korintin 2:12; Kolossin 4:3). Għalkemm il-belt ta' Filadelfja kienet ġiet imwaqqfa minn Attalus bħala belt missjunar-ja biex tifrex il-kultura Griega, Alla kien se jużaha bħala ċentru missjunarju biex jifrex l-Evanġelju għal l-artijiet fil-lvant ta' l-Asja Minuri.

Serendipità (dan huwa benefiċċju mhux mistenni minn xi riskju) mera-viljuża li nużaw dak li għandna nagħmlu dak li nistgħu hija li l-Mulej iżid il-potenzjal tagħna. Il-muskolu li huwa eżerċitat isir aktar b'saħħtu u jista' jagħmel aktar. Żewġ talenti saru erbgħa (Mattew 25:17).

Naturalment, il-knisja jkollha tutilizza l-opportunità. Ġesù jiftaħ il-bieb u jistedinna biex nidħlu, imma Hu ma jisfurzaniex biex nidħlu minnu. Il-Krist-jani f'Filadelfja kienu għandhom iridu li jieħdu vantaġġ mis-sitwazzjoni.

Apparentament, il-Mulej kellhu ftit dubju li huma *jkomplu* jagħmlu dak li jistgħu bil-potenzjal ġdid tagħhom. Il-Mulej qatt ma jagħtina bieb miftuħ li aħna *ma nistgħux* nieħdu vantaġġ minnu. Meta l-Mulej jikkmanda, Hu jagħmel kapaċi lil dak li jkun ukoll.

Ġesù wkoll poġġa quddiemek u quddiemi bieb miftuħ. Hu tana opportunità. Qatt int staqsejt, "Għaliex jiena twelidt issa?"; "Għaliex jiena twelidt f'dan il-post?"; "Għaliex jiena kont imwieled f'dan il-pajjiż (f'Malta) fejn il-Bibbja ssibha faċilment?" Jiena ma nistax nagħti t-tweġiba, imma ladarba qiegħed hawn, u huwa issa, jiena mhux biss għandi opportunità imma responsabbiltà. Kieku kelli mmur għall-ġudizzju mhux ippreparat biex niltaqa' ma' Alla, Malta m'huwiex post tajjeb li mmur minnu. L-opportunitajiet huma tant kbar biex inkunu nafu r-rieda ta' Alla. Aħna għandna nagħtu lilna nfusna għal mhux biss li nkunu nafu imma li nagħmlu.

Kristu poġġa quddiem il-knisja f'Filadelfja bieb miftuħ; Hu tahom xi xorta ta' opportunità kbira. Hu ta lilna wkoll opportunità tremenda.

**Difiża Persistenti**

Ġesù għal darb'oħra reġa' qal li huma jkunu iddifenduti dwar il-fidi tagħhom Fih:

> "*Ara, sa nġiegħel lil dawk tas-sinagoga ta' Satana, li jgħidu li huma Lhud, u mhumiex, imma jigdbu—ara, nġagħalhom jiġu u jixteħtu quddiemek f'riġlejk, u jagħrfu li jien ħabbejtek*" (v. 9).

Aħna konna ntordotti għall-frażi "sinagoga ta' Satana" meta studjajna l-ittra lil knisja fi Żmirna (2:9). Aħna innutajna lit-terminu irrefera għal sinagoga ordinarja—grupp ta' Lhud li kienu rriġettaw lil Ġesù bħala l-Messija. L-appostlu Pawlu enfasizza li "l-veru" Lhud kienu dawk li aċċettaw lil Ġesù (Rumani 2:28, 29). Dawn kienu msejħa "sinagoga ta' Satana" għaliex huma kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol ta' Satana. Hija sfortuna kbira li wkoll il-lum hawn min qiegħed jgħallem li lil-Lhud skond il-ġisem Alla għad irid isalvahom bħala poplu u dan minħabba interpretazzjoni żbaljata għal kollox ta' Rumani 11: 26. Satana għandu s-setgħa llum kif kellu fi żmien li nkit-bet l-ittra lill-knisja ta' Filadelfja! Kull tagħlim falz li aħna nisimgħu dwaru llum, huwa kollu tagħlim ġej minn Satana! Aħna osservajna wkoll liż-żewġ kongregazzjonijiet li ma rċevew ebda kundanna —Żmirna u Filadelfja— kellhom xi ħaġa oħra komuni: It-tnejn kienu qegħdin jiġu ippersegwitati mil-Lhud. Probabbilment il-Lhud kienu qegħdin jużaw l-influwenza politika tagħhom biex jinkoraġġixxu lil l-awtoritajiet Rumani ħalli jpoġġu aktar pressjoni fuq il-Kristjani. Wara l-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K., antagoniżmu fis-sinagogi lejn il-Kristjani żdied ħafna.

Meta Ġesù kiteb lil Żmirna, Hu implika li l-kongregazzjoni tegħleb l-attakki ħorox tas-sinagoga ta' Satana. Il-wegħda Tiegħu lill-knisja ta' Filadelfja kienet wisq aktar minn hekk:

"*Jiena nġagħalhom [lil psewdo-Lhud] li jiġu u jixteħtu quddiemek f'riġlejk, u jagħrfu li jiena ħabbejtek*" (v. 9b).

Xi wħud jemmnu li din tirreferi għal Lhud f'Filadelfja jsiru Kristjani (Huma juru li d-deskrizzjoni ta' Ġesù fil-bidu ta' l-ittra enfasizzat il-kwalitajiet Messjaniċi. Huma jinnutaw ukoll li għoxrin sena wara li kien miktub Rivelazzjoni, korrispondenza għal u minn Filadelfja indikat li l-kongregazzjoni kienet mimlija b'għalliema tar-reliġjon Lhudija—jindika li xi Lhud kienu saru Kristjani. Dawk li jaħsbu hekk jitkellmu dwar "il-vittmi u r-rebbieħa jaqsmu l-istess fil-vittorja"); huma jaħsbu li dan kien parti mill-"bieb miftuħ" mogħti lill-kongregazzjoni. Oħrajn jissuġġerixxu li l-wegħda tirreferi għal l-aċċettar kontra qalbhom fuq il-parti tal-Lhud mhux penitenti li l-Kristjani kienu l-poplu speċjali ta' Alla wkoll. Hu x'inhu li l-kliem jista' jfisser, il-Bibbja tgħallem li dawk kollha li ma jemmnux *għandhom* jagħrfu li Ġesù huwa l-Iben ta' Alla (u għalhekk li dawk li mxew warajh kienu sewwa):

"*Għax hu miktub, Daqskemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, kull irkobba titlewa qud-diemi,...*" (Rumani 14:11)

"*Biex għal l-isem ta' Ġesù tiltewa kull irkobba, ta' dawk li huma fis-sema, u fuq l-art, u taħt l-art. U li kull ilsiem jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier*" (Filippin 2:10, 11).

**Protezzjoni Assigurata**

Ġesù assigura lill-knisja ta' Filadelfja dwar il-protezzjoni kontinwa Tiegħu:

"*Billi int ħarist il-kelma tas-sabar tiegħi, jien ukoll inħarsek mis-siegħa tat-tiġrib, dik is-siegħa li se tiġi fuq id-dinja kollha, biex iġġarrab lil dawk li jgħammru fuq l-art*" (v. 10).

Huma kienu ippersegwitati fil-passat, u tiġrib agħar kien qiegħed jitennihom, imma Ġesù jkun magħhom. Innota l-kliem Tiegħu: Għaliex huma ħarsu l-kliem tiegħu, Hu kien se jħarishom.

Il-frażi "is-siegħa tat-tiġrib" irreferiet għal aktar persekuzzjoni fil-futur immedjat. Hawn tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni dwar it-tagħlim falz tal-premillenjalisti fejn jgħallmu lis-"siegħa tat-tiġrib" tirreferi għat-Tribulazzjoni ta' seba' snin fuq l-art immedjatament qabel il-ħakma millenjali ta' Ġesù. Innota, iżda, li din "is-siegħa ta' tiġrib" kienet "*se tiġi* fuq id-dinja kollha." (enfasi tiegħi.) Ġesù ma kienx qiegħed jitkellem dwar perjodu ta' tribulazzjoni dsatax il-seklu l-bogħod, imma dwar problemi fil-futur immedjat. Meta wieħed jara l-Grieg isib li l-frażi "se tiġi" tfisser li mhux se ddum.

Għal eżempji dwar it-tifsira ta' din il-frażi wieħed għandu jara Atti 3:3; 18: 14; 20:3; Lhud 8:5 u oħrajn. Dak huwa l-qerq tal-profeti u l-għallie-ma foloz moderni. Kapitli 6 sa 19 jużaw varjetà ta' figuri biex jgħidu dwar dak il-perjodu terribbli ta' tiġrib. Innota li din "is-siegħa ta' tiġrib" kellha tiġi mhux biss fuq il-Kristjani biss, imma "fuq id-dinja *kollha,*" u skop wieħed ta' dan ikun biex "iġġarrab lil dawk *li jgħammru fuq l-art*." (Dan jista' jirreferi għad-dinja kollha, id-dinja popolata kollha kemm hi, jew l-Imperu Ruman. F'Rivelazzjoni l-Imperu Ruman huwa l-interess primarju.) F'Rivel-azzjoni l-kunċett ta' dawk li jgħammru fuq l-art jirreferi għal dawk li ma jemmnux (Riv. 6:10; 8:13; 11:10; 13:8, 14; 17:8). Dan il-passaġġ iħallina nkunu nafu li meta Alla jħalli l-inkwiet jaqa' fuq l-art, skop wieħed huwa biex iwassal lin-nies għal l-indiema. (Skop ieħor ta' tiġrib huwa biex jirri-vela n-natura vera ta' dak li jkun imġarrab. Hekk ukoll, dak li ma jindimx jonqos milli jgħaddi mit-tiġrib jew mill-prova u jkun mikxuf bħal dawk li jopponu l-veru Alla. Għal parallel tat-Testment il-Qadim, ħares għall-kelma "tiġrib" jiġifieri, prova, f'Dewteronomju 4: 34; 7:19; 29:2, 3.) Wieħed għan-du jinnota wkoll l-enfasi fuq il-fatt lin-nies *ma nidmux* meta ġiet it-traġedja (Riv. 9:20, 21; 16:9, 11). Żomm dan f'moħħok hekk kif inkomplu matul il-Ktieb ta' Rivelazzjoni; hija riferenza tal-qofol biex tifhem dak li Alla kien qiegħed jipprova jikseb fid-diżastri tal-biża' li huma mfissra.

Il-punt prinċipali ta' Ġesù f'vers 10 huwa li Hu jħares lill-Kristjani mis-"siegħa ta' tiġrib." "Mis" hija tradotta mill-prepożizzjoni Griega *ek*, li tfisser "barra minn." Il-prepożizzjoni tista' tirreferi jew għal "*immunità minn,* jew *...li tkun miġjub fiż-żgur matul.*" (Henry Alford, ikkwotat minn Hailey f'*Rivelazzjoni*, 152.) F'Rivelazzjoni 2: 10 tfisser din "immunità minn"? Laqqam Ġesù mirakolożament lill-Kristjani biex b'hekk huma jkunu im-muni fil-gwerra, ġuħ, u mard? Dawwarhom Hu b'barriera inviżibbli li ma kinetx tista' tkun ippenetrata bi xwabel, vleġġeġ, u mannari? Għamel hu lin-nies Tiegħu li n-nar u l-missili ma jistgħux għalihom? Inti taf li Ġesù dan ma għamlux. Qabel mat-tiġrib ikun għadda ħafna Kristjani kellhom imutu (ara 6:9; 17:6). Il-wegħda ta' Ġesù mela għandha tfisser li Hu "jgħaddihom fiż-żgur matul" it-tiġrib. Xi wħud jemmnu li Kristjani f'Filadelfja ħelsu minn xi nkwiet ta' dak iż-żmien. Huma jgħidu li Trajan baqa' l-bogħod minn Filade-lfja minħabba l-biża' tat-terremoti, u l-gzuz ta' barbari li għaddew minn Fil-adelfja minħabba li din kellha inqas teżori mill-ilbiet akbar. L-eċċezzjonijiet temporali setgħu jew ma setgħux kienu parti mill-wegħda ta' Ġesù, imma l-kumplament ta' Rivelazzjoni jenfasizza li l-protezzjoni *primarja* li Ġesù jagħti lin-nies Tiegħu hija *spiritwali* u mhux fiżika.

Bħala Kristjani, aħna ma konniex ġejna mwiegħda ħelsien mit-tiġrib, im-ma aħna mwiegħda riżorsi spiritwali biex nibqgħu ħajja (2 Korintin 12:9; 2 Timotju 3:12; 4:18; Lhud 4:16). Fattur tal-qofol fil-proviżjon ta' Ġesù huwa

attitudni ġdida (fatturi oħra huma nvoluti, bħall-wegħda tal-Mulej li qatt ma nkunu mġarrbin aktar milli nifilħu (1 Korintin 10:13)—ħarsa mibdula fuq x'jimporta u x'ma jimpurtax. Dik l-attitudni kienet murija b'eżempju mill-appostlu Pawlu u oħrajn li kienu ippersegwitati bla ħniena. Pawlu jgħid:

> "*...ma naqtgħux qalbna; għax għalkemm il-bniedem tagħna ta' barra jintemm, il-bniedem ta' ġewwa fina jiġġedded minn jum għal jum*" (2 Korintin 4:16).

> "*Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u li mmut qliegħ*" (Filippin 1:21).

Ġesù wiegħed lill-Kristjani f'Filadelfja li Hu ma kienx se jabbandunahom meta jiġi t-tiġrib. Lanqas ma Hu se jabbanduna *lilna* (Lhud 13:5).

## KONFORT MINĦABBA L-PERĊEZZJONI TIEGĦU – IL-PREKAWZJONI (3:11)

Il-proviżjon tal-Mulej jiddependi fuq il-fedeltà tal-knisja. Ġesù kien jaf x'kienu jeħtieġu biex jimmotivahom ħalli jibqgħu b'saħħithom.

### Il-Preżenza Tiegħu Iggarantita

Dawn il-Kristjani kienu jeħtieġu li jkunu assigurati mill-preżenza ta' Ġesù. Kristu ma jagħtix twissija lill-knisja f'Filadelfja. Hu jgħid,

> "*Jiena ġej malajr...*" (v. 11a).

Il-frażi "jiena ġej malajr" tista' tirreferi jew għall-miġja temporali jew għat-Tieni Miġja. It-Tieni Miġja tista' tkun maħsuba bħala "imminenti" fis-sens li Ġesù jista' jiġi f'kull ħin (ara Ġakbu 5:7, 9; Filippin 4:5), imma l-kuntest jiffavorixxi l-idea ta' miġja temporali. Ġesù kien ġej biex jipproteġihom u biex jikkastiga lil l-għedewwa tagħhom.

### Is-Sabar Tagħhom Meħtieġ

Huma kienu jeħtieġu wkoll li jkunu mħeġġa biex ma jċedux, għalhekk Hu ħeġġiġhom biex:

> "*...żomm sħiħ dak li għandek, biex ħadd ma jieħu l-kuruna tie-għek*" (3:11b).

Ġesù uża figura ta' teżor misruq minn ħalliel biex jenfasizza li l-kuruna (jiġifieri, s-salvazzjoni), tista' tintilef. Din hija silta oħra mis-siltiet numerużi f'Rivelazzjoni li tgħallem il-possibbiltà ta' l-apostasija. Wieħed għandu jif-hem, iżda, li l-figura tillustra biss dik il-verità waħda. Din *ma* tgħallimx li xi ħadd ieħor jista' jieħu s-salvazzjoni tiegħek għalih innifsu u jgawdi s-salvazzjoni *tiegħek* matul l-eternità!

Dawk li huma ta' Kristu għandhom kuruna. Il-"kuruna" hija l-istess bħal dik imsemmija f'Rivelazzjoni 2:10 —l-i*stephanos*, il-kuruna tal-vittorja.

Kuruna tal-ħajja hija merfugħa għal kull Kristjan fidil li hu ta' Kristu (ara 2 Timotju 4:6-8), imma dik il-kuruna tista' tintilef. Biex ma jħallux li dan jiġri, il-Kristjan ta' Filadelfja kellhom jibqgħu jżommu ma' dak li huma kell-hom. Hija kuruna li ma titħassarx u eterna. Fl-Ewwel Korintin 9:24 l-appost-lu Pawlu tkellem dwar dawk li jiġru għall-kuruna li tispiċċa, waqt li l-Krist-jani jiġru għall-kuruna li ma tispiċċa qatt.

Jiena għandi kuruna tal-ħajja lesta għalija. M'għandi nħalli lil ħadd li jeħo-dieli bl-ebda mod. Huwa possibbli għalija li nitlef dik il-kuruna. Imma aħna m'għandiex nitilfuha mingħajr ma nindunaw. Aħna nistgħu nagħtu l-permess tagħna; il-kuruna tista' tkun maħtufa minn għandna mix-xitan u s-segwaċi tiegħu. Ġesù ta twissija f'din l-ittra,

> "*Tħallu lil ħadd jieħu l-kuruna tagħkom*" (3:11).

Il-Kristjani ta' Filadelfja kellhom ftit—imma meta wieħed iqis dak li huwa ta' importanza, huma kellhom ħafna: Huma kellhom is-salvazzjoni, il-Kel-ma, il-fidi tagħhom fil-Mulej, is-saħħa żgħira li Alla kien tahom, opportuni-tajiet ġodda, u l-wegħdiet ta' Ġesù. Huma kellhom iżommu sodi ma' dak li Alla kien tahom u qatt, qatt ma jħalluh. Pawlu qal lill-grupp ta' Kristjani li huma jkunu salvi bl-Evanġelju,

> "***jekk*** *iżżommu sodi l-kelma li jiena ħabbartilkom*" (1 Korintin 15:2b; enfasi tiegħi).

## KONFORT MINĦABBA L-WEGĦDIET TIEGĦU IL-KONSOLAZZJONI (3:12)

Sa dan il-punt fl-ittra, il-wegħdiet ta' Ġesù prinċipalment iċċentraw fuq dak li Hu kien se jagħmel għall-fidili f'*din* il-ħajja. Qabel ma għalaq, Hu rie-dhom li jkunu jafu x'kien hemm merfugħ għalihom fil-ħajja li *kienet ġejja*.

Għalhekk, L-ittra tagħlaq b'wegħda fi tlieta. L-ewwel, lil dawk li jgħelbu, Ġesù jgħid,

> "*Min jirbaħ nagħmlu kolonna fit-tempju ta' Alla tiegħi,...*" (3:12).

### Prominenza

"Tempju" hawn tista' tfisser il-knisja (kif tfisser fl-1 Korintin 3:16; Efesin 2:21; u Riv. 11:1, 2). Billi Ġesù kien qiegħed jitkellem dwar dawk li *fl-aħħar* ikunu rebbieħa, "tempju" probabbilment tirreferi għas-smewwiet—kif din tirreferi fil-biċċa l-kbira tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni (ara 11:19; 14:17). Xi wħud joġġezzjonaw li aktar wara Ġwanni qal hu ma ra ebda tempju fis-sema (21:22). Iżda wieħed għandu jiftakar li figuri jistgħu jinbidlu matul il-ktieb u li l-konsistenza mhijiex il-fattur l-aktar importanti. Jekk, iżda, int taħseb li huma importanti li tirrikonċilja Riv. 3:12 ma' 21:22, ikkonsidra dan: Is-sema

*kollha* tkun it-tempju ta' Alla (il-post fejn aħna naduraw u nservu lil Alla); b'hekk Ġwanni mhuwa se jara ebda *edifizzju* hemm imsejjaħ "it-tempju." Ma ninsewx li l-Iskrittura titkellem dwar it-tempju *materjali* tat-Testment il-Qadim u t-tempju *spiritwali* tat-Testment il-Ġdid. Hija sfortuna kbira li l-premillenjalisti u oħrajn bħalhom għadhom jgħallmu li meta Kristu jerġa' jiġi se jsaltna minn tempju materjali f'Ġerusalem materjali fuq saltna mater-jali minn fuq tron materjali! Minħabba dan it-tagħlim żbaljat għal kollox, ħafna nies sinċiera qegħdin jintilfu għaliex huma qegħdin jaċċettaw it-tagħ-lim tal-bnedmin u mhux dak ta' Alla u b'hekk ikunu qegħdin jogħġbu lil Satana!

Aħna nifhmu l-implikazzjonijiet bażiċi tar-riferenza ta' Ġesù għall-"kolo-nna." Xi bini għandu l-kolonni, u aħna għadna nużaw espressjonijiet bħal meta ngħidu li "waqt il-kriżi, hu kien kolonna ta' saħħa" jew "hu kolonna fil-komunità." Meta nużaw il-figura ta' "kolonna," aħna nkunu qegħdin nir-referu għal xi ħaġa li tgħin u żżomm fis-sod (ara 1 Timotju 3:15) jew għall-wieħed li huwa prominenti (ara Galatin 2:9).

Fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid, il-konċett ta' "kolonna" kellu konnot-azzjonijiet addiżjonali. Kolonni kienu xi kultant imwaqqfa biex jonoraw lil xi individwi: Ismijiet kienu minquxa fuq dawk il-kolonni, flimkien ma informazzjoni dwar dawk li jkunu onorati. Illum, il-post tal-Filadelfja l-an-tika huwa l-istess għal dak tat-Tijatira l-antika: Ftit taħfir kien possibbli billi villaġġ taż-żmien modern kien ġie mibni fuq l-istess lokazzjoni. L-isem ta' dan il-villaġġ huwa Alasehir. Blokk wieħed biss minn tal-belt kien misjub fejn il-fdal ta' bini antik tal-knisja qiegħed fuq il-blokk—tifkira li fidi f'Ġesù darba kienet iffjorixxiet hawn—waqt, fuq in-naħa l-oħra tat-triq, Moskea kbira tal-Musulmani għadha fl-użu ta' kuljum illum. Imma karatte-ristika waħda ta' dik il-viċinanza hija ta' interess għall-istudju tagħna. Bosta kolonni antiki għadhom weqfin fis-sit, fejn fuqhom hemm l-ismijiet ta' l-eroj.

Probabbilment Ġesù kellu dan kollu—u aktar—f'moħħu meta qal,

> "*Min jirbaħ nagħmlu kolonna fit-tempju ta' Alla tiegħi*" (v. 12a).

F'din il-ħajja, il-Kristjani ta' Filadelfja kienu ikkunsidrati dgħajfa, imma Ġesù kien se jagħmilhom "kolonni ta' saħħa."

**Permanenza**

Inferenza importanti hija dik ta' abitazzjoni *permanenti*; għaliex Ġesù enfasizza,

> "*U ma joħroġx aktar barra minnu.*"

L-użu ta' negattiv doppju fit-test Grieg jagħmel din l-istqarrija enfatika.: "Hu *ma* jmurx barra, *bl-ebda* mod!" Ċittadini ta' Filadelfja spiss ġrew 'il barra mill-belt biex ma jkunux mgħaffġa mill-bini li jkun qiegħed jaqa', im-ma fis-smewwiet, il-kolonni tal-Mulej ikunu mwaħħlin b'mod permanenti!

Ġesù jgħid,

> "*Jiena nħarsek*"

Vers 10 jgħid,

> "*Talli int ħarist il-kelma tas-sabar tiegħi, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha,…*"

Il-Kristjan m'huwiex meħlus mit-tiġrib u t-tentazzjonijiet, imma Kristu jħarsu minn dak kollu li jiġi fuqu. L-appostlu Pawlu qal,

> "*Ebda tiġrib ma ġie fuqkom ħlief dak li jiġi fuq kull bniedem: iżda Alla fidil, u ma jħallix li intom tiġġarbu aktar milli tifilħu; u mat-tiġrib jifthilkom ukoll triq biex teħilsu, biex tkunu tifilħu għalih*" (1 Korintin 10:13).

Hu ma qalx li l-Kristjani ma jkollhomx tentazzjoni jew lit-tentazzjoni f'waqtiet tkun tagħbija tqila. Hu qal li l-Mulej ma jħallix lill-Kristjan li jkollu tagħbija tqila aktar milli jiflaħ. Hu juri t-triq kif teħles minnha. Din hija wegħda sabiħa lill-knisja u lill-Kristjani tal-lum. Xi wħud malli jiġi xi nkwiet fuqhom dawn jibdew igergru minflok ma jafdaw fil-Mulej u fil-we-għda Tiegħu. Dan juri nuqqas ta' fidi u nuqqas ta' fiduċja fil-Mulej li jista' kollox! Meta aħna għandna wegħda bħal din, m'għandiex għalfejn niddu-bitaw mill-għajnuna tal-Mulej. Bħala Kristjani għandna jkollna fiduċja sħiħa Fih!

Meta mmorru fis-sema, iż-żmien ta' tiġrib ikun spiċċa. Ir-residenza tagħna hija assigurata matul iż-żminijiet bla tmiem! Ix-xewqa ferventi tas-salmista fl-aħħar tkun irrealizzata:

> "*Ħaġa waħda xtaqt mingħand il-Mulej, u nibqa' nfittixha: li jien ngħammar fid-dar tal-Mulej il-jiem kollha ta' ħajti, biex nitgħaxxaq bis-sbuħija tal-Mulej, u nimmedita fit-tempju tiegħu*" (Salm 27:4).

"Jien nagħmlu li jkun assigurat."

**Possessjoni**

X'wiegħed Ġesù li Hu kien se jikteb fuq kull kolonna? Ġesù jgħid,

> "*...u jiena nikteb fuqu l-isem ta' Alla Tiegħi u isem il-belt ta' Alla tiegħi, li hi Ġerusalem il-ġdida, li tinżel mis-sema mingħad Alla tiegħi: u nikteb fuqu l-isem il-ġdid Tiegħi.*" (3:12).

Dawn l-ismijiet ikabbru l-valur tal-kolonni u jindikaw relazzjoni mad-divin. (Alla Hu eżaltat f'vers 12: il-frażi "Alla tiegħi" tidher erba' darbiet.)

Il-Kristjan fidil jappartjeni għal xi ħadd. Hu għandu l-isem ta' Alla. Ġesù, fl-essenza, qal, "Jiena npoġġi t-timbru Tiegħi ta' pussess fuqu." L-isem ta' Alla jkun miktub fuqna minħabba li Hu Missierna, li se jimsaħ id-dmugħ kollu minn għajnejna (7:17; 21:4).

Biex jirċievu l-wegħda, il-Kristjani għandhom ikunu fidili. Il-Kristjani għandhom jirrispettaw u jsegwu l-Kelma ta' Kristu. Ġesù introduċa Lilu Nnifsu fil-bidu ta' din l-ittra bħala Sultan. Hu għandu l-awtorità kollha. Mhux ta' skantament li Alla li Jista' Kollox qal,

"*Dan hu Ibni l-għażiż li fih sibt il-għaxqa tiegħi; Isimgħu Lilu!*" (Mattew 17:5).

"Il-Ġerusalem il-ġdida, li tinżel mis-sema mingħand Alla tiegħi" huwa isem ieħor għall-abitazzjoni tagħna tas-smewwiet (ara 21:2, 10). Billi din il-"Ġerusalem" "tinżel isfel mis-sema," xi wħud identifakawha mal-knisja fuq l-art. Xi wħud saħansitra issuġġerew li din hija "s-saltna ta' Ġesù tal-millennju." Il-biċċa l-kbira tal-kittieba jaqblu, iżda, li din tirreferi għall-knisja igglorifikata fil-qasam tas-sema u li l-frażi "tinżel mis-sema" sempliċiment tenfasizza li dan huwa l-proviżjoni ta' Alla għalina. Wieħed għandu dejjem iżomm f'moħħu li l-Kelma ta' Alla ma tikkontradixxix lilha nfisha. Alla jgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pietru li:

"*dan il-wirt hu merfugħ għalikom **fis-sema**...*" (1 Pietru 1:5; enfasi tiegħi).

Ukoll Ġesù Nnifsu qalilna li Hu kien:

"*sejjer inhejjilkom fejn toqogħdu. U meta mmur u nhejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi, **biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll***" (Ġwanni 14:2, 3; enfasi tiegħi).

Il-Ġerusalem il-qadima kienet ġiet meqruda fis-sena 70 W.K., aktar minn għoxrin sena qabel, imma l-Kristjani jistgħu jħarsu 'l quddiem għal "Ġerusalem ta' fuq" (Galatin 4:26; ara Lhud 12:22), il-belt eterna "li għandha pedamenti, li l-arkitett u l-bennej tagħha hu Alla" (Lhud 11: 10; ara wkoll Lhud 13:14). L-isem tal-"Ġerusalem il-Ġdida jkun inċiż fuqna għaliex dak ikun l-indirizz permanenti tagħna.

B'żieda, aħna nirċievu "l-isem il-ġdid" ta' Ġesù, l-istess kif għarusa tkun onorata mill-għarus meta jagħtiha ismu. Dan hu probabbilment l-istess "isem il-ġdid" imsemmi aktar qabel f'Rivelazzjoni 2:17. L-idea ta' "isem ġdid" ċertament li kellha sinjifikat speċjali għall-abitanti ta' Filadelfja għaliex dik il-belt kienet mogħtija diversi ismijiet ġodda matul is-snin. Bħala Kristjani , aħna parti mill-għarusa ta' Kristu, il-knisja (Efesin 5:23-33). Xi jum, Hu jidher biex jirċevina għalih Innifsu. Imbagħad,

"*meta jidher, aħna nkunu bħalu; għax narawh kif inhu*" (1 Ġwanni 3:2b).

## KONKLUŻJONI (3:13)

Knejjes illum għandhom jagħtu widen għal dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes l-istess kif kien intqal biex jagħmlu dawn il-knejjes ta' l-Asja. Li tkun żgħir fin-numru, jew li jkollok "ftit setgħa," m'għandux iżomm kongregazz-

joni milli tieħu vantaġġ mill-bibien li huma miftuħa għaliha. Ukoll ftit nies jista' jkollhom impatt qawwi fuq is-soċjetà jekk huma jkollhom iż-żelu u jkunu diliġenti.

Kristjani llum għandhom l-istess wegħdiet li kienu magħmula lil din il-knisja. Jekk nibqgħu fidili, aħna nkunu ġusti u vittorjużi f'għajnejn dawk li ma jemmnux; inkunu "mħarsa" matul kull tiġrib; aħna nkunu parti permanenti u soda tat-tempju tas-smewwiet u nkunu identifikati bħala wlied Alla, ċittadini tas-saltna, u aħwa ta' Kristu.

Bħal f'kull għeluq ta' kull ittra, f'din l-ittra wkoll jintqal il-kliem:

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (v. 13).

Dawk li għandhom widnejn biex jisimgħu huma lesti li jisimgħu għall-messaġġ. Għal dawn l-istedina u l-eżortazzjoni kienet biex jagħtu widen għal dak li kien intqal. Dan juri lir-rivelazzjonijiet ta' Alla huma mlissna għall-bniedem, mhux impoġġija f'qalbu permezz ta' xi qawwa misterjuża spiritwali kif jgħallmu xi wħud. Dawk li mhu-miex lesti li jisimgħu l-Kelma ta' Alla qatt ma huma se jitgħallmu l-messaġġ tal-ħajja. Dan jimplika wkoll l-abbiltà tal-bniedem biex jisma' u jifhem dak li jgħid Alla. F'kapitlu wieħed, Ġesù huwa irrappreżentat bħala li qiegħed jagħmel ir-rivelazzjoni u Ġwanni huwa ikkmandat biex jiktibha, imma hawn l-Ispirtu jintqal li qie-għed ikellem lill-knejjes. Ġesù kien qal lil l-appostli qabel il-mewt Tiegħu li l-Ispirtu s-Santu kien se jiggwidahom fil-verità kollha (Ġwanni 14:26; 16: 13-15) u jiddikjara ħwejjeġ li kellhom jiġu. Aħna nafu li l-Ispirtu iggwida lil Ġwanni x'kellu jikteb, u kien permezz tiegħu qiegħed ikellem lill-knejjes. Dan juri l-metodu wżat mill-Ispirtu s-Santu f'li jwassal il-messaġġi Tiegħu lill-bniedem. Hu jgħidhom; il-bniedem għandu jisma' u jobdi. Dawk li mhu-miex lesti u ma jridux li jisimgħu u jobdu ma jistgħux jibbenefikaw mix-xogħol ta' l-Ispirtu s-Santu.

Din l-ittra għandha messaġġ ta' valur kbir għalina lkoll. Il-kliem tagħha jsifidana. Aħna għandna nħarsu b'mod aktar iebes għall-opportunitajiet mogħtija minn Alla u nieħdu vantaġġ minnhom. Aħna għandna nġeddu l-impenn tagħna biex nobdu l-Kelma Tiegħu u qatt ma niċħduh. Aħna għandna nsaħħu l-qabda tagħna fuq dak kollu li Alla afda fil-kura tagħna, biex b'hekk ma nitilfux il-kuruna tagħna. Speċjalment, din l-ittra għandha tinkoraġġixxina. Dgħajfa kemm aħna dgħajfa, xi jum aħna nistgħu nkunu kolonna ta' saħħa u stabbilità.

Ġesù jsejjħilna lkoll, kif Hu għamel lill-knisja f'Filadelfja, għal servizz fidil Lejh. Lest int li taċċetta s-sejħa Tiegħu?

# IL-KNISJA TA’ LAODIKIJA

**(Rivelazzjoni 3:14-22)**

## IL-KTIEB TA’ RIVELAZZJONI

### L-ITTRA LILL-KNISJA F’LAODIKIJA (Rivelazzjoni 3:14-22)

*“U lil l-anġlu tal-Knisja li hemm f’Laodikija iktiblu hekk: ‘Dan jgħidlek l-Amen, ix-Xhud fidil u veru, il-bidu tal-ħolqien ta’ Alla: ‘Jiena naf l-opri tiegħek, u naf li la inti kiesaħ u lanqas sħun. Mhux li kont jew kiesaħ jew sħun! U hekk, ladarba inti biered, u la sħun u lanqas kiesaħ, jiena sa nobżqok minn ġo ħalqi. Int tgħid, “Jiena għani, jiena stagħnejt u ma jonqosni xejn”, bla ma taf li l-imsejken huwa int, ta’ min jitħassrek, fqir, agħma u għeri. Jiena nagħtik parir biex tiġi tixtri mingħandi deheb imsoffi bin-nar, ħalli tistagħna; u lbies abjad, ħalli jkollok x’tilbes u tgħatti l-għajb ta’ l-għera tiegħek; u wkoll ungwent, ħalli tidlek għajnek u tkun tista’ tara. Lil dawk li nħobb, jiena nwiddibhom u nrażżanhom. Mela tħeġġeġ u indem. Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi. Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma’ x’jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.”*

### IL-KNISJA LI ĦASBET LI KOLLOX KIEN SEW

Il-Ktieb ta’ Rivelazzjoni juri taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn Kristu u Satana. Rivelazzjoni jgħid li l-persuna li tieqaf ma’ Kristu sejra tkun vittorjuża.

L-ittri lis-seba’ knejjes juru d-diversi taqbid tal-knisja. Aħna nistgħu nsibu lilna nfusna f’waħda jew f’aktar minn dawn l-ittri.

## IL-BELT TA' LAODIKIJA

Disa' u sittin kilometru mix-xlokk ta' Filadelfja jinsabu t-tifrik estensiv ta' Laodikija. Il-belt ma kinetx imħaffra, u l-partijiet ta' fuq ta' arkati kbar u strutturi oħra joħorġu mill-art kollha ġebel qishom lapidi ġgantesti f'memorja ta' niket ta' belt imkabbra li ħasbet li "kollox kien sew għaliha" Mill-postijiet kollha li jinsabu fl-Asja Minuri, ebda wieħed ma jinsab abbandunat daqs il-post ta' Laodikija.

Din il-lezzjoni hija fuq l-aħħar "mis-seba' knejjes...fl-Asja" (Riv. 1:4a). Aħna bdejna f'Efesu u tlajna l-fuq mal-kosta għal Pergamu. Wara li mxejna l-ġewwa tal-pajjiż għal Tijatira, aħna vvjaġġajna għan-nofs inhar għal Laodikija. Minn dik il-belt, vjaġġ ta' 129 kilometru għall-punent iwassalna lura għal Efesu—u l-vjaġġ ċirkulari tagħna jkun komplut.

## IL-KARATTERISTIĊI

Tliet karatteristiċi ta' Laodikija jirrelataw direttament għall-knisja li kienet tinsab hemm:

(1) *Ħafna miċ-ċittadini kienu sinjuri.* Laodikija kienet waħda mill-aktar bliet kummerċjali sinjuri fid-dinja ta' dak iż-żmien. Il-pożizzjoni strateġika tagħha—bħala pont ta' l-aktar triq importanti għal-lvant—għen biex jagħmilha ċentru finanzjarju ma' banek kbar. Laodikija kienet belt tal-miljunarji.

Iċ-ċittadini tagħha ħasbu li "kollox kien sew" finanzjarjament. Jekk xi ħadd kien jistaqsihom, "Kif nista' ngħinek?" it-tweġiba tagħhom kienet tkun "Aħna m'għandna bżonn xejn" (ara 3:17). Meta Laodikija kienet meqruda b'terremot fis-sena 60 W.K., iċ-ċittadini rrifjutaw għajnuna minn Ruma u reġgħu bnew il-belt mill-ġdid għas-spejjeż tagħhom. Dak kien nobbli fuq il-parti tagħhom—imma dak li huwa irrakkomandat fil-finanzi mhuwiex neċessarjament xieraq fir-reliġjoni. Il-Kristjani f'Laodikija kellhom jirrealizzaw li huma ma kinux jistgħu jagħmlu dak li hu meħtieġ għas-*salvazzjoni* weħidhom.

(2) *Inġenerali, huma kienu b'saħħithom.* Ċentru mediku magħruf kien jinsab għoxrin kilometru barra mill-belt. Ungwent ta' l-għajnejn kien immanifatturat hemm. Dan l-ungwent kien mibgħut madwar id-dinja. Hjerapolis (Kolossin 4:13), bin-nixxiegħat sħan ta' l-ilma tagħha, kienet biss xi disa' kilometri barra mill-belt. Minħabba dawk in-nixxiegħat sħan din il-belt kienet tiġbed ħafna nies, kienet post iffrekwentat għas-saħħa.

(3) *Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu mlibbsa tajjeb.* Ngħaġ suwed b'suf fin mhux komuni kienu jirgħu fl'għoljiet qrib. F'ċerti pajjiżi, it-terminu "nagħ-ġa sewda" huwa wżat f'sens negattiv, bħal meta ngħidu, "Dak in-nagħġa s-sewda tal-familja," imma f'Laodikija, nagħġa sewda kienet tfisser flus. Is-suf fin u jleqq ta' dawn in-ngħaġ kien magħmul fi lbies li kien jiswa ħafna flus. Iċ-ċittadini ta' Laodikija kienu jixtru dan l-ilbies bi prezzijiet inqas

għalkemm f'pajjiżi oħra l-prezzijiet kienu wisq aktar. Għalhekk aħna naraw dawk il-karatteristiċi ta' Laodikija:

IL-BELT

GĦANJA
(fix-xogħol bankarju)
ĊENTRU MEDIKU
(jispeċjalizza fl-għajnejn)
INDUSTRIJA TAL-ĦWEJJEĠ
(suf iswed)

Mela, kif rajna, din kienet l-aħħar ittra mis-seba' lill-knisja f'Laodikija. Il-knisja f'Laodikija kienet effettwata bil-belt li fiha kienet tgħix. Waqt li l-knisja, in-nies ta' Alla, huma *fid*-dinja l-knisja qatt m'għandha tkun *tad*-dinja. Il-problema li spiss tiffaċċja l-knisja hija dik li tipprova li jkollha mpatt akbar fuq il-komunità milli l-komunità jkollha fuqha. Żewġ ideat jiddeskrivu l-belt fejn il-Kristjani ta' Laodikija kienu jgħixu.

**Ikkonċernati bis-Saħħa**

Rajna li Laodikija kienet ikkonċernata dwar is-saħħa fiżika. Skola antika tal-mediċina kienet teżisti f'Laodikija.

**Interessati fl-Għana**

Rajna wkoll li n-nies ta' Laodikija kienu ikkonċernati wkoll bl-għana finanzjarja. Nerġa' nfakkar li fis-sena 17 W.K. meta Laodikija u bliet oħra ta' l-inħawi kienu mkissra b'terremot, Ruma, li kienet taħkem id-dinja, qablet li ma tkomplix tintaxxa lil dawn l-ibliet u wkoll tagħtihom għajnuna biex jinbnew mill-ġdid iżda Laodikija irrifjutat l-għajnuna finanzjarja minn Ruma. Huma kellhom biżżejjed riżorsi tagħhom infushom biex jibnu mill-ġdid il-belt tagħhom.

Imma traġikament, in-nies emmnu li jekk huma kellhom ġisem b'saħħtu u abbundanza ta' għana, huma kienu jistgħu jsibu utopja. Kemm kienu żbaljati. Saħħa fiżika u ġid materjali qatt ma jistgħu jwasslu għal twettiq reali u kuntentizza reali.

## IL-KONGREGAZZJONI (3:14a)

> "U *lill-anġlu [messaġġier] tal-knisja ta' Laodikija ikteb*" (v. 14a).

Il-kongregazzjoni f'Laodikija probabbilment kienet imwaqqfa waqt li l-appostlu Pawlu kien f'Efesu (Atti 19:1, 8-10). Jista' jkun ukoll li apparentament kienet imwaqqfa minn Epafaras sieħeb fix-xogħol ma' Pawlu (Kolossin 1: 7; 4:12). Kien min kien, iżda, l-appostlu Pawlu kien familjari magħha u mal-membri tagħha. Meta hu kiteb lill- knisja f'Kolossin (li kienet madwar sittax-il kilometru minn Laodikija), hu qal,

> "*Għax nixtieq li tkunu tafu liema taqbida kbira għandi għalikom, u għal dawk ta' Laodikija*" (Kolossin 2:1a).

Qrib it-tmiem ta' l-ittra, hu reġa' semma l-Kristjani f'Laodikija u qal li hu kien bagħatilhom ittra:

> "*Sellu għall-aħwa li huma Laodikija, u għal Nimfas, u għall-knisja li hemm f'daru. U meta tinqara minnkom din l-epistola, qisu li tinqara fil-knisja tal-Laodikin ukoll; u li intom ukoll taqraw l-epistola ta' Laodikija*" (Kolossin 4:15, 16).

Rigward l-ittra ta' Pawlu lill-knisja ta' Laodikija , hawn huma żewġ possibbiltajiet: (1) Din kienet ippriservata għalina bħala l-ittra li aħna nsejħula "l-ittra lill-Efesin." Billi xi manuskritti antiki m'għandhomx "f'Efesin" f'Efesin 1:1, u billi Pawlu ma għalaqx l-ittra lill-Efesin bit-tislima tas-soltu tiegħu lill-membri ndividwali, xi wħud ikkonkludew li din kienet ittra ġenerika miktuba minn Pawlu u li kopji ndividwali kienu ippersonalizzati billi jżid il-lokazzjoni tal-knisja fl-ewwel waħda. (2) L-ittra lil Laodikija ma kinetx ippriservata għalina minħabba li din kienet idduplikat materjal li kien jinsab f'kotba oħra tat-Testment il-Ġdid u għalhekk ma kinetx meħtieġa. L-istess kif aħna m'għandniex kull kelma mlissna minn Ġesù (Ġwanni 20:30-31) hekk ukoll m'għandniex kull kelma mlissna minn nies ispirati—imma għan-dna dak kollu li Alla jridna li jkollna, dak kollu meħtieġ biex ihejjina għal kull ħidma tajba (2 Timotju 3:17; 2 Pietru 1:3). Saż-żmien li Rivelazzjoni kien miktub, il-knisja f'Laodikija kienet diġa fl-eżistenza għal aktar minn tletin sena.

## 'IL KRISTU (3:14b, ċ)

Għall-ewwel (u l-unika) darba fl-ittri lill-knejjes, il-biċċa l-kbira tal-frażijiet li Ġesù uża biex jidentifika Lilu Nnifsu mhumiex riflessjoni ta' termini wżati fl-ewwel kapitlu ta' Rivelazzjoni. Frażi *waħda* f'kapitlu 3:4, ("ix-Xhud fidil u veru,") tixbaħ lil dik f'kapitlu 1:5 ("ix-xhud fidil"). Kif tabib jaddatta t-trattament tiegħu għall-pazjent bi bżonnijiet speċjali, hekk ukoll Ġesù addatta l-ittri Tiegħu biex jilqgħu l-bżonnijiet ta' kongregazzjonijiet speċifiċi. Il-karatteristiċi mniżżla minn Ġesù f'din l-ittra kient f'kuntrast qawwi għall-karatteristiċi tal-knisja f'Laodikija.

Kif Ġesù introduċa u ddeskriva Lilu Nnifsu lill-Kristjani f'Laodikija? L-ewwel, għall-kongregazzjoni li kienet tafda fuq għana mhux ċerta, Ġesù identifika Lilu Nnifsu bħala:

> "*L-Amen, il-fidil u x-Xhud veru,…*" (3: 14).

### Ġesù: "L-Amen"

L-ewwel deskrizzjoni li jagħti Ġesù Dwaru hija ta' sorpriża għalina. Kristu jgħid li Hu

> "*l-Amen.*"

Dik hija l-kelma li aħna nużaw fit-tmiem tat-talb. Din hija l-unika darba li "Amen" tidher fil-Bibbja bħala isem proprju. Fit-Testment il-Qadim, "amen" hija wżata bħala *titlu* għal Alla (f'Isaija 65:16, "sewwa" jew verità hija traduzzjoni tal-kelma "amen"), imma din mhix użata bħala isem proprju. X'inhi t-tifsira ta' din il-kelma? Din tfisser "hekk ikun." Xi wħud jaħsbu dwar "amen" bħala li mhi xejn aktar minn sinjal verbali li talba ġiet fit-tmiem, imma l-kelma għandha tifsira speċjali. Din l-ewwel kienet kelma Lhudija, imbagħad kelma Griega, u issa kelma f'kull lingwa li teżisti; imma f'kull lingwa din hija affermazzjoni ta' *verità*. Meta nżidu l-"amen" tagħna għat-talba pubblika (1 Korintin 14:16), aħna nkunu qegħdin inpoġġu t-timbru tagħna ta' approvazzjoni fuq dik it-talba. Meta ngħidu "amen" għall-messaġġ tal-Bibbja (Neħemija 5: 13), aħna nkunu qegħdin ngħidu, "Dak sewwa!" "Amen" tista' tkun użata fil-bidu jew fit-tmiem ta' talba (Riv. 7: 12; 22:20, 21), jew f'*kull* ħin li fih aħna nkunu rridu li naffermaw xi ħaġa li hija tassew.

Fit-Testment il-Ġdid, Ġesù spiss jintroduċi xi wħud mill-akbar stqarrijiet bil-kelma tradotta, "*Tassew*" (ara Mattew 5:18; Ġwanni 1:51); il-kelma "tassew" hija traduzzjoni tal-kelma *amen*. Ġesù qiegħed jgħid, "Dak li jiena sejjer ngħid huwa ta' importanza kbira; huwa assolutament tassew." Meta Ġesù jgħid li *Hu "l-Amen,"* Ġesù qiegħed jgħidilna li Hu assolutament realtà u verità. Fi Ġwanni 16:6 Ġesù qal:

> "*Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.*"

Ġesù mhux biss Hu l-Wieħed li jitkellem il-verità, Ġesù Hu l-verità nfisha. F'li neżaminaw l-istampi tal-kelma dwar Kristu fit-Testment il-Ġdid, aħna qatt ma nitbiegħdu ħafna mill-awtorità ta' Kristu. Hu għandu l-awtorità kollha fi ħwejjeġ reliġjużi. Ġesù qal,

> "*L-awtorità kollha hi mogħtija lili fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

Aħna għandna nisimgħu Lilu. Aħna spiss inkunu rridu li nisimgħu lilna nfusna jew lil oħrajn. Aħna ħfief biex ngħidu li nemmnu fi Kristu u fl-awtorità Tiegħu, imma meta r-rieda tagħna tiġi f'konflitt ma' Tiegħu, x'nagħmlu? Meta ngħixu l-ħajja tagħna taħt l-awtorità ta' Kristu, ħalli nkunu ċerti li jkun xi jkun is-suġġett li nkunu qegħdin nikkunsidraw—kemm jekk ikun il-qima, il-knisja, jew is-salvazzjoni—li aħna neżaminaw dak kollu li tgħid il-Bibbja dwar dak is-suġġett. L-Ispirtu s-Santu jagħtina eżempju dwar kif għandna nagħmlu f'Atti 17:11, fejn naqraw:

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu.*"

Hekk biss ikollna l-verità fuq is-suġġett. Ġesù għandu l-awtorità kollha. Hu "*l-Amen.*"

Mela, meta t-terminu "amen" ikun marbut mal-frażi "x-Xhud fidil u veru" (Ġesù kien irriferut bħala "ix-xhud fidil" f'kapitlu 1:5. Hemm, l-enfasi kienet fuq li Ġesù kien fidil sal-mewt, jiġifieri, kien martri. Hawn, l-enfasi qiegħda fuq li jista' jkun afdat għal kollox), aħna għandna stqarrija qawwija ħafna tal-fiduċja u l-lealtà totali ta' Ġesù!

**Ġesù: "Ix-Xhud Veru"**

Ġesù jgħid li Hu "*x-Xhud fidil u veru.*" Kull ma jirrivela lilna huwa fidil u veru u jista' jkun aċċettat. Dan jiġi minn Alla Nnifsu.

**Ġesù: "Il-Bidu tal-Ħolqien"**

It-tieni, għall-kongregazzjoni li kienet tħossha li m'għandha bżonn lil ħadd, Ġesù irrefera Għalih Innifsu b'sors tal-barkiet materjali tagħhom bħala:

> "*Il-Bidu tal-ħolqien ta' Alla*" (v. 14ċ).

Ġesù jgħid li Hu "*l-Bidu tal-ħolqien.*" Iffiser Ġesù li Hu kien l-ewwel wieħed maħluq? **Le**. Meta Ġesù jgħid li Hu "l-Bidu tal-ħolqien ta' Alla," Hu m'huwiex qiegħed jitkellem dwar l-*oriġini* imma dwar is-*sors*. Hu qiegħed jitkellem Dwaru Nnifsu bħala li kien ma' Alla sa mill-bidu tal-ħolqien. Hu kien hawn qabel il-bidu tal-ħolqien. Jekk Hu kien hawn qabel il-ħolqien, Hu dejjem kien hawn. Ġesù m'huwiex kreatura maħluqa. Hu Divinità; Hu parti minn Alla Nnifsu, jew il-familja ta' Alla. Xi wħud jippruvaw jinterpretaw dan il-vers bħala li Kristu Hu maħluq imma huma żbaljati għar-raġuni li l-vers ma jgħidx, "*Il-bidu tal-ħolqien **minn** Alla*" imma, "*Il-bidu tal-ħolqien **ta'** Alla.*" Il-Grieg juri biċ-ċar li Kristu m'huwiex maħluq. Hemm żewġ kelmiet fil-Grieg li juru dan. Hemm il-kelma *arche* li nsibu f'dan il-vers u l-kelma *hupo* li hija wżata minn dawk li jridu jgħallmu li Ġesù Hu maħluq. Għal-hekk, qatt ma kien hemm żmien li Ġesù Kristu ma kienx.

"*Bidu*" mhuwiex l-aħjar għarfien tal-kelma Griega *arche*. Xi nies fid-dinja reliġjuża ħadu din is-silta flimkien ma' ftit oħra li tgħallem li Ġesù kien l-ewwel maħluq u mbagħad Hu ħalaq kollox. Din il-kelma ma tfissirx dan. *Arche* tfisser "sors jew oriġini." Ġesù, kif diġa tennejt qabel, huwa s-sors jew l-oriġini tal-ħolqien kollu. F'Kolossin 1:15-20 l-appostlu Pawlu kiteb li Ġesù Hu preeminenti fuq il-ħolqien kollu, il-ħwejjeġ kollha kienu maħluqa Fih, permezz Tiegħu, u għalih. Ġwanni jesprimi l-istess ħaġa fi Ġwanni 1:3:

> "*Il-ħwejjeġ kollha kienu maħluqa minnu, u xejn ma sar mingħajru; kull ma sar.*"

Jekk Ġesù Hu maħluq, allura dan il-vers m'huwiex korrett għaliex jew "il-ħwejjeġ ***kollha** saru bih **u xejn** ma sar mingħajru*" jew mhux il-ħwejjeġ kollha għaliex, skond it-tagħlim falz ta' xi għalliema foloz, speċjalment tax-Xhieda ta' Ġeħova, Ġesù jagħmel parti mill-ħwejjeġ **kollha** għaliex Hu ma-

ħluq! Jew ma sar **XEJN** mingħajru milli kien **maħluq** jew sar! Jekk Ġesù Hu kreatura, maħluq, allura niġu għall-assurdità li Hu kellu joħloq Lilu Nnifsu! Il-kelma Griega għall-ħwejjeġ kollha hija *pan'ta* fejn din hija wżata wkoll fl-1 Korintin 8:6 u f'Lhud 2:10 fejn jitkellemu dwar li l-ħwejjeġ kollha saru minn Alla. Imma Kolossin 1:15-20 jgħidilna li "l-ħwejjeġ kollha" saru minn Kristu! Dan juri kemm huwa falz it-tagħlim li jgħid li Ġesù Kristu Hu kreatura, maħluq! Jekk il-ħwejjeġ *kollha*, mela, kienu maħluqa Minnu, u "Hu *qabel* il-ħwejjeġ *kollha*" ma jista' jkun hemm ebda mod li Ġesù jista' jkun kreatura maħluqa.

Dan huwa Ġesù li Hu tassew, li Hu s-sors innifsu jew l-oriġini tal-ħwejjeġ kollha li Alla ħalaq, li qiegħed ilissen u jikteb dan il-kliem.

Il-vers tal-ftuħ tal-Vanġelu ta' Ġwanni jgħid,

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla u l-Kelma kienet Alla*" (Ġwanni 1:1).

Letteralment, Ġwanni qal li l-Kelma kienet wiċċ imb' wiċċ ma' Alla. Hu Nnifsu kien u Hu divin. Il-Kelma kienet *qabel* il-bidu. Ġwanni qal,

> "*Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kull ma sar*" (Ġwanni 1:3; ara wkoll Lhud 1:8, 10).

Ġesù Kristu kien l-aġent ta' Alla fil-ħolqien. Billi ***kollox*** sar Bih u mingħajru ma kien hemm ***xejn*** magħmul milli kien magħmul, Ġesù Nnifsu *ma jistax* li jkun kreatura maħluqa.

Jekk "il-ħwejjeġ *kollha* kienu maħluqa minnu," il-Laodikin kellhom jirringrazzjaw lill-Mulej għall-prosperità tagħhom minflok ma jieħdu l-kreditu għalihom infushom.

Meta Ġesù jintroduċi Lilu Nnifsu lill-knisja f'Laodikija, Hu jgħid, "Jiena l-Amen," jew "Jiena għandi l-awtorità ta' Alla"; "Jiena x-Xhud fidili u ve-ru," jew "Dak li jiena ngħid jista' jkun aċċettat mingħajr ebda mistoqsija"; Jiena l-bidu tal-ħolqien ta' Alla," jew "Jiena l-oriġinatur tal-ħolqien." Jista', mela, xi ħadd jemmen li l-Mulej ta' kulħadd Hu kreatura, maħluq?

## IL-KONDIZZJONI TAGĦHOM (3:15)

Forsi Ġesù enfasizza li wieħed għandu jafda Fih u fid-Divinità Tiegħu minħabba li l-istima Tiegħu tal-kondizzjoni tal-Laodikin kienet diffiċli għalihom li jaċċettawha. Il-knisja f'Laodikija kienet l-unika kongregazzjoni li ma rċeviet l-ebda rikkmandazzjoni. Il-knisja f'Sardi ma rċeviet l-ebda rikkmandazzjni bħala grupp, imma huma kien għad għandhom "ftit nies...li ma kinux tebbgħu l-ilbies tagħhom" (3:4). Laodikija lanqas ma kellha "l-ftit fidili." Għalhekk Ġesù beda billi jaċċerta li, huma kemm huma koroh il-kliem Tiegħu, dak kollu li Hu kien se jgħid kien veru!

Ġesù fetaħ l-evalwazzjoni Tiegħu tal-kongregazzjoni billi qal,

"*Jiena naf l-opri tiegħek*" (v. 15a).

Hu ma ċaħadx li l-knisja f'Laodikija kellha "opri"; huma kienu qegħdin jagħmlu *xi ħaġa*. Probabbilment, iżda, dak kollu li huma kienu qegħdin jagħmlu kellu x'jaqsam mal-flus u kien xi ħaġa li huma kienu jistgħu jiftaħru bih: "Aħna nibagħtu tnax-il elf xekel lill-Antijokja bħala għajuna għall-ikel! Aħna bagħtna tnax-il karru bl-ikel lejn l-Etjopja!" Meta Alla jbierek persuna materjalment, huwa possibbli għaliha li tagħti flus mingħajr qatt ma hija tkun involuta. Huwa possibbli għaliha li tikkwieta l-kuxjenza tagħha min-għajr qatt ma tkun għamelt sagrifiċċju reali!

Imbagħad Ġesù indirizza l-problema tagħhom:

"*Jiena naf...li la int kiesaħ u lanqas sħun*" (v. 15a, b).

Il-kelma Griega tradotta "sħun" hija *zestos*, il-kelma li minnha aħna nieħdu l-kelma "sħun." Din tfisser "li jkun sħun jagħli"! Billi "kiesaħ" huwa f'kuntrast ma' *zestos*, il-kelma "kiesaħ" għandha tirreferi għal li tkun kiesaħ silġ (ara Mattew 24:12). Waqt li l-Kristjani ma kinux kesħin silġ spiritwalment (jiġiferi, huma ma kinux ma jemmnux u ma kinux qegħdin jippersegwitaw lin-nies ta' Alla), lanqas ma huma kienu jaħarqu spiritwalment. (Huma ma kinux fuq in-nar għall-Mulej.) Huma kienu sempliċiment "bierda" (3: 16).

Kull kongrergazzjoni għandha l-membri bierda tagħha —membri li huma traskurati fit-talb privat, studju tal-Bibbja, u eżami tagħhom infushom; membri li qatt ma jagħmlu sagrifiċċju fl-għotja tagħhom; membri li juru ftit interess għal ħtiġijiet tal-knisja lokali; membri li rari jżuru lill-morda, jfarrġu lil imnikta, jew jgħallmu lil mitlufa; membri li "qatt ma poġġew lilhom infushom għal xi inkonvenjenza, jew abbandunaw xi konfort minħabba Kristu."

Ġesù qal lil dawk il-membri ndifferenti,

"*Xtaqtek kiesaħ jew sħun*" (v. 15ċ).

Xi predikaturi jagħmlu sommarju ta' dan hekk, billi jgħidu, "Idħol ġewwa għal kollox jew oħroġ barra għal kollox!" Predikatur wieħed żied, "Imma ieqaf milli tkompli tibqa' fil-bieb; int qiegħed tikkawża kurrent ta' riħ!"

Għall-ewwel, dak li qal Ġesù jista' jkun li jħawwad. Huwa faċli li tara għaliex Hu xtaqhom li jkunu "sħan." Il-kelma tradotta "sħun" (il-kelma Griega hawn tradotta "sħun" hija *zeo*, l-għerq tal-kelma Griega *zestos*) normalment hija murija bħala "ferventi." Per eżempju, il-kelma hija wżata f'Rumani 12:11, li tisfida lilna lkoll biex inkunu "imħeġġin [ferventi] fl-ispirtu, nservu lill-Mulej." Ċertament li aħna m'għandna l-ebda problema biex nifhmu għaliex Ġesù riedhom li jkunu bil-ħeġġa u ferventi.

Għaliex, minn naħa l-oħra, Ġesù riedhom li jkunu "kiesħa" pjuttost milli "fietla"? Xi wħud, inkwetati dwar għaliex Ġesù ipprefera li l-Laodikin ikunu kiesħa minflok fietla, issuġġerew li t-tnejn, "kiesaħ" u "sħun" huma wżati f'sens tajjeb, waqt li "fietel" biss hija wżata f'sens ħażin. Per eżempju, ħafna

minna jgawdu xarba kiesħa u xarba sħuna imma ma jistgħux iniżżlu xorb fietel. Dawk li jaċċettaw dan il-ħsieb jinnutaw li l-kelma Griega tradotta "kiesaħ" f'Rivelazzjoni 3:15, 16 hija wżata f'Mattew 10: 42 biex tirreferi għal "tazza ilma kiesħa." Il-biċċa l-kbira tal-kittieba, iżda, jemmnu li f'Rivelazzjoni 3:15, 16, "kiesaħ" tirreferi għall-kondizzjoni spiritwali mhux mixtieqa. Għalhekk hemm il-kuntrast.

Aħna nirraġunaw, "Mhuwiex aħjar li tkun Kristjan—ukoll Kristjan involut parzjalment—milli ma tkunx Kristjan? Possibbiltà oħra għal li wieħed ikun "kiesaħ" spiritwalment hija l-apostasija. Ir-raġunar tagħna, iżda, jkun korrett *jekk* l-impenn illimitat ikun stat *transitorju*, pass f'li nikbru spiritwalment. Aħna nifirħu meta tarbija fi Kristu mingħajr ebda sfond reliġjuż tibda tattendi xi wħud mis-servizzi tal-qima. Aħna nifirħu li narawh jiċċaqlaq minn li ma jagħti xejn għal li jibda jagħti xi ħaġa. *Kull* xhieda ta' progress hija iċċelebrata sakemm hu jifhem li beda jikber bħala Kristjan u għandu triq twila xi jmur.

Ħaġa bħal din ma kinetx il-każ mal-Kristjani ta' Laodikija. Il-bruda tagħhom kienet sitwazzjoni statika, mod ta' ħajja. Fil-fatt, huma kienu mkabbra bil-kondizzjoni spiritwali tagħhom (3:17). Meta npenn illimitat *ma jkunx* stat transitorju, dan m'għandux ikun ippreferut fuq li tkun kiesaħ silġ spiritwalment. Ħalli nissuġġerixxi talinqas tliet raġunijiet għaliex Ġesù forsi xtaq li huma kienu kiesħa minflok fietla:

(1) Li wieħed ikun kiesaħ silġ huwa aktar onest, għaliex dan ma jagħmel ebda stqarrija li hu Kristjan.

(2) Hemm aktar tama li tbiddel individwu li jkun kiesaħ silġ li lanqas saħansitra ma jippretendi li huwa Kristjan milli li tbiddel iben ta' Alla biered (fietel), li jkun sodisfatt u mkabbar bih innifsu (ara Lhud 6:4-6; 2 Pietru 2:20). Dan narawh ta' spiss meta nitkellmu ma nies li jippretendu li huma reliġjużi ħafna imma lanqas biss ma jafu x'tgħid il-Bibbja Mqaddsa dwar is-salvazzjoni u ħwejjeġ oħra. Huwa iebes ħafna li saħansitra tikkonvinċihom, biex jibdew jistudjaw il-Bibbja!

(3) Li jkun hemm min hu fietal iwaġġa' lill-knisja aktar milli twaġġa' l-kesħa. Jiena qatt ma kont naf lil xi ħadd li juri lejn wieħed pagan, u jgħid, "*Għalhekk* m'iniex Kristjan!" imma jiena naf dwar dawk li juru lejn membri tal-knisja nofs qalb u jgħidu, "Għaliex jiena għandi nsir Kristjan? Jiena tajjeb daqshom!"

Huwa sinjifikanti li l-ittra lil Laodikija, bħal l-ittra lil Sardi, ma ssemmi ebda persekuzzjoni—minkejja l-fatt li l-belt kellha numru mhux ħażin ta' ċittadini Lhud. Matul iż-żmien meta Laodikija kienet qed titwaqqaf, Lhud kienu qegħdin jiġu importati biex itellgħu l-ekonomija tal-belt. Matul is-snin, Lhud oħra kienu ġew f'Laodikija, miġbuda permezz ta' l-opportuni-tajiet għan-negozju u l-profitt. Mistoqsija flokha hija din: Għaliex Satana ħalla lill-

Kristjani ta' Laodikija weħidhom? Huma għoġbuh sewwasew kif kienu! Sakemm huma kienu jibqgħu jżommu s-superfiċjalità spiritwali tagħ-hom, huma kienu qegħdin jgħinu l-kawża tiegħu wisq aktar bħala nies ħielsa milli huma jkunu priġunieri ta' Ruma!

## IL-KONSEGWENZA (3:16)

Il-Loadikin setgħu kienu sodisfatti bl-istat spiritwali tagħhom, imma l-Mulej ma kienx. Hu qalilhom,

> "*Hekk mela billi int fietel, u la kiesaħ u lanqas sħun, jien nobżqok minn ġo ħalqi*" (v. 16)

Letteralment it-test jgħid, "Jien se nobżqok." Il-kelma Griega tradotta "nobżqok" hija *emeo*, il-kelma li minnha aħna nieħdu l-kelma "taqla'," aġent imfassal biex jikkawża li wieħed jivvomta. F'lingwa ċara, Ġesù qal, "Int tagħmilni li nkun irrid nivvomta." Il-kuntentizza spiritwali tagħhom bihom infushom kellha l-istess effett fuq Kristu li l-ilma fietel ikollu fuq l-istonku. Matul is-snin, l-ilma fietel kien użat bħala biex jikkawża l-ivvomtar—biex iġiegħel lin-nies jaqligħu meta huma jkunu kielu xi ħaġa li tista' tagħmel il-ħsara lis-sistema. Billi l-inħawi madwar Laodikija kien fihom nixxiegħat ta' ilma fietel, probabbilment kien hemm aktar minn vjaġġatur wieħed li bela' minn dak l-ilma tan-nixxiegħat u dardru u għamillu d-deni.

Għalhekk, meta Ġesù qal, "Jiena nobsqok minn ħalqi," Hu kien qiegħed jgħid, "Int tagħmilni marid!" Ġesù kien qiegħed ukoll jgħid, "Jekk ma tindimx mill-apatija tiegħek, int ma jistax ikollok relazzjoni mill-qrib Miegħi." Innota vers 20: Huma għalqu lil Ġesù barra minn ħajjithom.

## KUNTRAST U KRITIKA (3:17)

Din l-ittra hija pjuttost ta' niket għaliex lil din il-knisja Ġesù ma jagħti ebda rikkmandazzjoni. Fl-ittri l-oħra kollha Ġesù jfaħħar meta jista', imma lill-knisja f'Laodikija Hu ma jista' jagħti ebda tifħira.

Meta l-qarrej wasal f'dan il-punt fl-ittra, il-Laodikin probabbilment ħasbu li l-posta tagħhom kienet tħalltet ma' dik ta' xi kongregazzjoni oħra. Jiena nista' nimmaġinahom jgħidu, "Erġa' ara dak l-indirizz. Int ċert li l-ismijiet ma nbidlux b'xi mod?" Fatt wieħed huwa ċert: Huma ma rawx lilhom infushom kif rahom il-Mulej.

X'kienet il-problema mal-knisja f'Laodikija? Ġesù jagħmel kuntrast importanti.

### "Int Tgħid"

L-ewwel, Ġesù jgħid,

> "***Int** tgħid, 'Jiena għani, jiena stagħnejt u ma jonqosni xejn'*" (3:17a; enfasi tiegħi).

Hawn wieħed għandu jqabbel dak li naqraw f'Luqa 12:19 ma' dak li l-Mulej qal hawn. Laodikija kienet sinjura. Billi kellhom l-għana, huma kellhom it-tendenza li jgħidu, "*Aħna* m'għandna bżonn xejn. M'għandna bżonn lil ħadd." Kemm kienu żbaljati! Inkwantu ta' kemm persuna jkollha fil-pussess tagħha, hija dejjem teħtieġ lil Alla. Għajta toħroġ mill-qlub tan-nies għal Alla. Xi kultant aħna dan ma nagħrfuħx. Nies imorru f'diversi direzzjonijiet jippruvaw biex iwettqu din l-għajta ħierġa minn ġewwa. Huma jippruvaw iwettquha bil-ġid, pjaċiri, pożizzjoni, jew edukazzjoni. Imma b'dawn il-ħwejjeġ kollha, il-weġgħa għadha hemm.

David irrefera għal dan il-bżonn għal Alla f'Salm 42:1, fejn qal,

> "*Bħalma għażżiela mlebilba għall-ilma ġieri, hekk ruħi hi mlebilba għalik, o Alla.*"

Il-bniedem jgħajjat għal Alla. Alla waħdu jista' jissodisfa dak il-bżonn. In-nies ta' Laodikija, għalhekk, kienu żbaljati. Minflok ma huma ħassewhom mistħija dwar in-nuqqas ta' entużjażmu tagħhom, huma kienu kburin bih. Xi nies iqisu l-bruda spiritwali bħala virtù, u huma jkunu mbarazzati meta l-Kristjani jqumu fuq tagħhom.

It-test oriġinali għandu ripetizzjoni li mhijiex irriflettuta f'ħafna mit-traduzzjonijiet. It-test letteralment jaqra: "Jien għani u sirt għani u m'għandi l-ebda bżonn." Ir-ripetizzjoni kienet għall-enfasi. Huma kienu qegħdin jgħidu, "Aħna sinjuri, *sinjuri,* SINJURI!" Huma probabbilment kellhom f'moħħhom kemm l-għana fiżika kif ukoll dik spiritwali; ħafna jħarsu lejn il-ġid tad-dinja bħala approvazzjoni mis-sema (ara Mattew 19:24-25). Ġesù jridna li nkunu nafu li huwa possibbli għall-kongregazzjoni li jkollha bini sabiħ, predikatur popolari, programm ta' xogħol impressiv, u xorta tkun mejta daqs ġebla!

**"Jiena Ngħid"**

Il-Laodikin ħasbu li huma kienu għonja, imma kienu mqarrqa bihom in-fushom. F'kuntrast ma' dak li huma qalu, Ġesù għandu ħafna xi jgħid. Ġesù l-ewwel uża termini ġenerali biex juri l-kondizzjoni spiritwali tagħhom. X'jgħid Ġesù dwar in-nies ta' Laodikija? "Intom tafu li intom imsejkna." It-test oriġinali għandu "*dawk* l-imsejkna"—jindika l-*aktar* imsejkna. Il-kelma Griega tradotta "imsejkna" irreferiet għal dawk li "kienu miġjuba fix-xejn bil-għeja wara xogħol iebes, bħal dawk li kienu jaħdmu fil-barriera tal-ġeb-el, jew dawk li kienu ikkundannati għall-minjieri" (Tolle, 75). Il-ġid innifsu u l-lussu li fihom huma kienu jgħixu kienu tagħbija għalihom. Il-Mulej ma rahomx bħala miljunarji; Hu rahom bħala lsiera batuti neqsin mill-ħwejjeġ meħtieġa! Ġesù jgħid ukoll, "Intom …*miżerabbli.*" Il-kelma Griega li tintqal dwar dawk li jeħtieġu l-ħniena.

F'għajnejn il-Mulej, minflok ma kienu denji ta' tifħir, huma kienu ta' min jitħassarhom. Ġesù jgħid, "*Intom foqra.*" Huma kienu sinjuri materjalment

imma fqar fil-ħwejjeġ spiritwali. Għal darb'oħra aħna mfakkra li "Alla ma jarax kif jara l-bniedem" (1 Samwel 16:7). Jiena ċert li huma xejn ma għoġbithom id-dijanjosi ta' Ġesù! Persuna mkabbra ma tobgħod xejn aktar minn li xi ħadd jitħassarha. Dan nistgħu narawh ukoll fiż-żmien tagħna fejn ħafna nies li jaħsbu li huma qegħdin fit-triq it-tajba f'dak li huma jemmnu mhumiex lesti li jabbandunaw dak it-tagħlim żbaljat tagħhom meta huma jsibu li kienu fl-iżball minħabba s-suppervja tagħhom!

Ġesù iddeskriva l-problema spiritwali tagħhom f'termini speċifiċi:

| IL-BELT (U L-KNISJA) | IL-KONDIZZJONI (v. 17) |
|---|---|
| GĦONJA (bankiera) | FQAR |
| ĊENTRU MEDIKU (jispeċjalizza fl-għajnejn) | GĦOMJA |
| INDUSTRIJA TAL-ĦWEJJEĠ (suf iswed) | GĦARWENIN |

Huma ħasbu li kienu "għonja," imma attwalment kienu "fqar." Il-kelma tradotta "fqir" ma tfissirx "li jkollox ftit mezzi"; din tfisser "li ma jkollok *xejn*." Għalkemm huma għexu fl-aktar belt sinjura fl-Asja Minuri, huma kienu spiritwalment fqar għal kollox. Il-kongregazzjoni fi Żmirna kienet "Il-Knisja Fqira Li Kienet Sinjura," waqt li l-kongregazzjoni f'Laodikija kienet "Il-Knisja Sinjura Li Kienet Fqira."

Huma kellhom suċċess għal l-aħjar trattament ta' l-għajnejna fid-dinja, imma Ġesù jgħid, "*Intom għomja*" (ara 2 Pietru 1:9). Huma kienu jistgħu jaraw tajjeb, iżda kienu għomja għall-ġmiel ta' Kristu. (ara Ġwanni 9:40-41). Huma ma kinux kapaċi jaraw il-kondizzjoni spiritwali tagħhom u ma kinux kapaċi jaraw in-natura vera tal-Kristjaneżmu. Huma kienu jeħtieġu li jaraw li l-Kristjaneżmu huwa ta' siwi li wieħed isir eċċitat dwaru!

Ġesù jkompli jgħidilhom, "*Intom għarwenin*." L-istess bħal l-imperatur fl-istorja ta' Hans Christian Anderson, fejn l-imperatur kien ingannat f'li jaħseb li hu kien imlibbes b'libsa maestuża, magħmula minn materjal maġiku, sakemm tifel ċkejken qallu li hu kien għarwien, il-Laodikin ħasbu li huma kienu mlibbsa b'ilbies sabiħ meta fil-fatt kienu "għarwenin." Huma kellhom kollox biex jgħixu. Huma kienu jistgħu jlibbsu l-ġisem tagħhom bi ġmiel u finezza, imma l-ħajja spiritwali tagħhom kienet imneżża'. Matul l-Iskrittura kollha, li wieħed ikun għarwien huwa sinonimu ma' l-għajb (Dan japplika għal li wieħed ikun għarwien fil-publiku). Fil-pajjiżi tal-lvant, li tnażża' raġel minn ħwejjġu kien ta' għajb (ara 2 Samwel 10:4; Isaija 20:4; Eżekjel 16:37-39; Naħum 3:5). Imma li tpoġġi libsa fuq dahru kien ta' unur (ara Ġenesi

41:42; Ester 6:6-11; Danjel 5:29). Fiżikament, il-Laodikin kellhom ilbies iswed għani, imma spiritwalment, huma ma kellhomx l-ilbies abjad li l-Mulej biss jista' jipprovdi (ara Rivelazzjoni 3:18).

Huma ma kinux imlibbsa b'mod xieraq għall-preżenza ta' Kristu. Ġesù qiegħed jgħid, "*Intom tgħidu,…imma jiena ngħid.*"

**Ir-Riżultat**

Kif rajna aktar qabel, Ġesù grafikament jiddeskrivi din il-knisja:

> "*...U naf li la inti kiesaħ u lanqas sħun. Mhux li kont jew kiesaħ jew sħun!*" (3: 15).

Huma ma kinux għal kollox kontra Kristu, imma lanqas ma huma kienu għal kollox għal Kristu. Huma la riedu li jkunu Miegħu u lanqas kontra Tiegħu; Huma riedu li jkunu fin-nofs. Ġesù qal f'Mattew 12:30,

> "*Min mhux miegħi hu kontra tiegħi; u min ma jiġborx miegħi jxerred.*"

Ma hemmx lok fin-nofs ma' Ġesù, jew Miegħu jew kontrih. Kristjaneżmu biered jagħmel lil Ġesù marid. Hu jgħid,

> "*Ladarba inti biered, u la sħun u lanqas kiesaħ, jiena sa nobżqok minn ġo ħalqi*" (Rivelazzjoni 3:20).

Il-barrani jista' jkun ikkonvinċut u mirbuħ; hemm tama għalih. Imma x'jista' jsir ma' nies li huma Kristjani nominali, m'humiex kapaċi li jagħrfu li huma jeħtieġu l-indiema u li Ġesù tabilħaqq qiegħed barra minn ħajjithom? Kemm hawn nies li jippretendu li huma Kristjani meta fir-realtà lill-Mulej jagħtuh il-ħin biss li huma jkollhom żejjed! Din il-knisja kienet mifruda minn Kristu.

## IL-PREKAWZJONI (3:18)

Il-kondizzjoni spiritwali tal-kijsa f'Laodikija kienet serja, imma mhux bla tama. Ġesù jagħti twissija f'vers 18:

> "*Jiena nagħtik parir biex tixtri minn għandi deheb imsoffi bin-nar, ħalli tistagħna; u lbies abjad, ħalli jkollok x'tilbes u tgħatti l-għajb tal-għera tiegħek; kif ukoll ungwent, ħalli tidlek għaj-nejk u tkun tista' tara.*"

Ġesù jindirizza kull parti tal-problema tal-knisja tal-Laodikija, u mbagħad Hu jagħti r-rimedju. Hu jgħid it-twissija billi jgħid lil dawn il-Kristjani,

| IL-BELT (U L-KNISJA) | IL-KONDIZZJONI (v. 17) | IL-KURA (v. 18) |
|---|---|---|
| GĦONJA (bankiera) | FQAR | DEHEB IMSOFFI |

| | | |
|---|---|---|
| ĊENTRU MEDIKU (jispeċjalizza fl-għajnejn) | GĦOMJA | ILBIES ABJAD |
| INDUSTRIJA TAL-ĦWEJJEĠ (suf iswed) | GĦARWENIN | UNGWENT |

Minflok ma jafdaw fil-ġid fiżiku, huma għandhom ifittxu l-vera għana miksbua biss mill-Mulej: "deheb imsoffi bin-nar" (ara 1 Pietru 1:7), biex jagħmilhom għonja spiritwalment. (Mattew 6:19, 20). Minflok ma jaħsbu li l-ilbies sabiħ iswed tagħhom kien biżżejjed, il-qarrejja ta' Ġesù kienu jeħtieġu "ilbies abjad x'jilbsu biex b'hekk l-għajb ta' l-għera spiritwali tagħhom ma jkunx mikxuf.

Ġesù żied:

> "*Lil dawk li nħobb, jiena nwiddibhom u rrażżanhom. Mela tħeġġeġ u indem*" (3: 19; Ara wkoll Lhud 16:6).

Li tara difett f'ħaddieħor li jista' jipperikola r-ruħ tiegħu u tibqa' kwiet mhuwiex indikazzjoni ta' mħabba, imma nuqqas ta' mħabba.

## IL-KONSOLAZZJONI (3:20)

Xi tmiem addattat għal dawn is-seba' ittri! Ġesù joħroġ l-istedina Tiegħu għal kull min jeħtieġ is-salvazzjoni:

> "*Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi*" (3:20).

Ġesù ma jisfurzax it-triq Tiegħu; Hu ma jġegħilx bil-fors lil xi ħadd biex imur warajh. Hu jħabbat fuq il-bieb u jitlobna biex nifتħulu ħalli jidħol. Jiddependi minna jekk nifتħux il-bieb jew le. Aħna rridu naċċettaw li nifتħu l-bieb bil-volonta tagħna nfusna u mingħajr ebda theddida ta' xi ħadd ieħor. Jekk aħna nifتħu, Hu jidħol u jiekol magħna. Hu jidħol u jgħammar magħna. Meta naħsbu dwar Kristu fil-bieb u l-ftuħ tagħna tal-bieb biex Hu jkun jista' jidħol, aħna nistgħu nsiru sentimentali. Nistgħu ngħidu, "O, iva, aħna rridu lil Kristu jidħol ġewwa." Hu ma jidħolx ġewwa fuq it-termini tiegħek jew tiegħi. Hu jidħol biss fuq it-termini Tiegħu.

Aħna nkunu rriduh li jidħol u joqgħod fis-salott, ipoġġi, u jżid il-grazzja f'ħajjitna, imma ma nkunux irriduh idur mad-dar kollha. Jekk Hu jmur mad-dar kollha, Hu jnaddaf il-ħmieġ kollu. Hu jkollu s-sinjurija fuq id-dar kollha, fuq ħajjitna kollha, jew inkella ma jkollu xejn x'jaqsam magħna. Dik hija d-deċiżjoni li aħna msejħa biex nagħmlu. Aħna għandna niġu għall-Kelma Tiegħu u ngħidu, "X'iridni li nagħmel?" Imbagħad aħna nkunu qegħdin nagħtu dħul lil Ġesù fil-ħajja tagħna. Dan juri kemm huma żbaljati dawk li jgħallmu li wieħed ma jista' jagħmel xejn biex isalva lilu nnifsu! Ċertament

li wieħed għandu *jiftaħ* il-bieb għal Ġesù biex jidħol u mhux Ġesù jidħol bil-forza għandu!

## IL-WEGĦDA GĦAR-REBBIEĦ (3:21)

F'din l-aħħar ittra kif fis-sitta l-oħra, wegħda hija mogħtija lil dak li jirbaħ jew jegħleb. Ġesù jikkonkludi billi jgħid:

> "*Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi, l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu*" (3:21).

Kristu kien vittorjuż fuq Satana u fuq il-mewt u qagħad mal-Missier biex is-altan Miegħu. Il-Kristjan hu mwiegħed l-istess premju. Li tegħleb il-persekuzzjoni u li tegħleb lil Satana jirriżulta f'vittorja u l-opportunità biex toqgħod ma' Kristu fuq it-tron Tiegħu u ssaltan Miegħu. L-appostlu Pawlu kiteb:

> "*Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll; jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll; jekk niċħduh, jiċħadna hu wkoll*" (2 Timotju 2:11-12).

Dan juri kemm huma żbaljati dawk li jgħallmu li Ġesù mhux qiegħed fil-preżent isaltan minn fuq it-tron ta' Alla u li għad irid isaltan fil-futur. Ġesù jwiegħed lir-rebbieħ li joqgħod maġenbu fuq it-tron Tiegħu, "*l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri* ***fuq it-tron tiegħu***" Ma hemm ebda differenza bejn it-tron ta' Kristu u t-tron ta' Alla jew li l-kliem li Ġesù qiegħed isaltan *fuq il-lemin ta'* Alla jfisser li mhuwiex isaltan minn fuq it-tron ta' Alla! Dan kollu huwa logħob bil-kliem tal-profeti u għalliema foloz moderni, u huwa fatali għal min jaċċettah għaliex huwa ngann u użu ħażin tal-Klema ta' Alla. Jekk aħna tassew nemmnu li Ġesù rebaħ allura għandna nemmnu wkoll li Ġesù qiegħed isaltan **issa** minn fuq it-tron ta' Alla! Hemm biss tron wieħed! Il-fatt li l-Kristjani jsaltnu ma' Kristu huwa verità kbira fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Aħna nsaltnu Miegħu issa bħala parti mill-familja rjali (Riv. 1:6; 5:10; ara Rumani 8:17; Efesin 2:6). Dawk li jibqgħu fidili sal-mewt isaltnu Miegħu għal "dejjem" (Riv. 22:5; ara 2 Timotju 2:12). Dawk li kienu jgħixu f'Laodikija kienu jikkunsidrawha unur li tkun ċittadin ta' dik il-belt; kemm aktar hu unur li ssaltan ma' Kristu fuq it-tron Tiegħu!

Għas-seba' darba naqraw l-eżortazzjoni minn Ġesù:

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes.*" (3:22).

Il-messaġġi lill-knejjes fl-Asja ma kinux sempliċiment għalihom għaż-żmien tagħhom imma għall-knisja matul iż-żminijiet. Laodikija kellha tegħ-leb il-

kumpjaċenza, il-materjaliżmu, li tkun bierda, u d-dipendenza fuq il-ġid materjali tagħhom.

## KONKLUŻJONI

Kif niġu għal l-għeluq ta' l-istudju tagħna tas-seba' knejjes, ma nistax nimmaġina mod aħjar biex nispiċċa milli bil-kliem ta' Ġesù f'kapitlu 3:20-22. Dan il-kliem mhuwiex biss tmiem xieraq għal l-ittra lill-knisja ta' Laodikija, imma jipprovdi wkoll konklużjoni addattata għall-ittri kollha:

> "*Ara, jien qiegħed fil-bieb, u nħabbat: jekk xi ħadd jisma' leħni, u jiftaħ il-bieb, nidħol għandu, u niekol miegħu, u hu miegħi. Lil dak li jirbaħ nagħtih joqgħod miegħi fuq it-tron tiegħi, bħal ma rbaħt jien ukoll, u qgħadt bil-qiegħda ma' Missieri fuq it-tron tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.*"

L-istedina u l-wegħda ta' Ġesù mhumiex kongregazzjonali, imma individwali:

> "*Jekk **xi ħadd** jisma' leħni....lil **dak** li jirbaħ....*"

Ġesù jiftaħ idejh għal kull persuna.

Ġesù jistieden lil dawk li qatt ma kienu ħallewh jidħol f'ħajjithom. Hu

> "*jrid il-bnedmin kollha jsalvaw, u jaslu għall-għarfa tal-verità*" (1 Timotju 2:4).

Jekk għandek fidi Fih, int tista' tkun mgħammed "fi Kristu" u tlibbes lilek innifsek "bi Kristu" (Galatin 3:26, 27). Int issir parti Minnu, u Hu jkun parti minnek!

Ħadd ma jista' jiċħad li dak il-mard imarrad ukoll lill-knisja llum. Għall-knisja biex tegħleb u tkompli għar-rebħa, kull Kristjan għandu jegħleb l-attitudnijiet li jnaqqsu l-entużjażmu u jirriżulta f'nuqqas ta' ħeġġa jew ebda twettiq għall-Mulej. Aħna ma nistgħux niżbaljaw is-sejħa għall-impenn mibugħta lil kull waħda minn dawn is-seba' knejjes. L-istess sejħa għal impenn tiġi lilna wkoll. Il-premju finali jiswa s-servizz fidil, ta' ħeġġa, ta' żelu, u ta' entużjażmu ta' kull Kristjan.

M'għandiex iżda ninsew il-fatt li l-istedina ta' Ġesù f'Rivelazzjoni 3:20 hija l-ewwel u qabel kollox għal dak il-Kristjan apatetiku. Bħal dawk ta' Laodikija, dawn min-na li huma Kristjani jistgħu jagħlqu lil Kristu barra minn ħajjtina mingħajr ma saħansitra nkunu nafu. Wieħed għandu jieħu l-ħin biex iħares lejn ħajtu stess: Kont int darba aktar entużjażmat dwar il-Kristjanità? Qatt kont int aktar qrib ta' Ġesù? Fil-passat, kont int aktar konxju dwar il-preżenza Tiegħu? Illum, tħossok int biered dwar Kristu u l-knisja Tiegħu? Jiswa ħafna li tkun imħeġġeġ Għalih. Li tkun biered ma jġibx il-paċi f'qalbek jew ferħ lill-Qalb ta' Alla. Huwa possibbli li Ġesù issa jieqaf

barra mill-bieb ta' qalbek u jħabbat? Agħti lil Kristu qalbek kollha. Din il-lezzjoni tista' tkun il-mod tal-Mulej biex jiġbed l-attenzjoni tiegħek. Jekk int sirt biered fis-servizz tiegħek, jalla li issa stess tindem u tiġi lura Għandu (Atti 8:22; Ġakbu 5:16; 1 Ġwanni 1:9).

# ĦARSA LURA

F'li nħarsu lura lejn is-Seba' Knejjes ta' l-Asja, aħna nosservaw bosta fatturi li huma komuni f'kollha.

1. Kull knisja kellha anġlu jew messaġġier. Dawn il-messaġġiera kienu dawk li permezz tagħhom l-ittri kienu mibgħuta lis-seba' kongregazzjonijiet.

2. Kull knisja kellha lokal. Seba' lokalitajiet distinti kienu l-postijiet (siti) tal-knejjes. Meta l-Ispirtu jkellem lil waħda minnhom huwa "l-knisja ta' (jew fi)" u l-isem tal-post jew lokalità. Jekk aħna nfittxu għall-"ġerarkija" jew għal "xi anzjan (isqof) li jaħkem" fuq l-oħrajn kollha, aħna nfittxu għal xejn.

3. Kull knisja kienet indipendenti. Ħaġa bħal li knisja waħda kellha awtorità fuq oħra *imkien* ma tinstab, lanqas rimotament. Rivelazzjoni kapitli tnejn u tlieta fihom dak li jintqal lis-seba' knejjes. Knejjes aktar antiki u aktar b'saħħithom ma kellhom lanqas nitfa ta' kontroll fuq dawk il-knejjes iżgħar u aktar dgħajfa.

4. Il-vjaġġatur għall-post tas-Seba' Knejjes ta' l-Asja Minuri għandu jara ċar, bl-istat preżenti tagħhom, li r-Rivelazzjoni lil Ġwanni fuq il-Gżira ta' Patmos mogħtija lill-Knejjes *kienet imwettqa*. Madankollu, hemm dimensjoni oħra għal din l-istorja. L-istess kif kien fl-ewwel seklu, komunitajiet u bliet għaddejjin minn bidliet mgħaġġla ekonomiċi u politiċi. Dan jista' jwassal għat-taħsir u/jew għall-kobor tagħhom fil-maturità u saħħa.

5. Kull knisja kellha fatturi li jiddistingwuha. Hemm Messaġġ Ħaj għall-Kristjani u Kongregazzjonijiet tal-lum.

**EFESU** kienet ortodossa (normali) imma bla ebda pass-joni għal l-erwieħ. Hija sabet il-forma fin-natura. L-entużjażmu tagħha għat-tajjeb kien iffriżat. Kienet ortodossija fuq is-silġ. Nistgħu aħna nkunu bħall-Efesin? Iva, aħna bħalhom nistgħu nħallu l-ewwel imħabba tagħna. Is-sejħa għal l-indiema hija urġenti llum daqs kemm kienet fl-ewwel seklu.

**ŻMIRNA** kienet fqira fi ħwejjeġ tad-dinja, imma sinjura f'teżori spiritwali.

Iva, il-knisja tal-qaddisin ippersegwitati. Hija b'mod tajjeb tista' tkun imsejħa, il-knisja fqira sinjura. Nistgħu aħna nkunu bħalhom? Hekk għandna nkunu—għalkemm fqar fil-possessjonijiet tad-dinja, aħna nistgħu nkunu sinjuri f'valuri spiritwali. Bħall-Kristjani ta' Żmirna, aħna msejħa mill-Evanġelju biex inkunu fidili lejn Alla u lejn il-bniedem fil-ħwejjeġ tagħna ta' kuljum. Din il-knisja għandha tkun eżempju għall-knejjes kollha ta' warajha.

**PERGAMU** kienet leali fil-fidi imma falza jew nieqsa fid-dixxiplina. Għalhekk, hija kienet il-knisja tal-kompromess. Ninsabu aħna bħalhom? Kemm-il darba ppruvajna nagħmlu kompromess mal-Kelma ta' Alla? Iva, aħna wkoll ngħammru qrib fejn hemm it-tron ta' Satana, ittantati ħalli nibdlu l-fedeltà tagħna lejn Alla ma' kull xorta ta' lealtajiet li jitolbu l-attenzjoni tagħna. Ftit wisq minna żammew dan l-isem Tiegħu sod u ma ċaħdux il-fidi.
**TIJATIRA** kienet qed tikber fis-servizz imma kienet tagħlaq għajnejha għal ċertu tagħlim lejn l-iżball. Kienet il-knisja tal-mara fl-iżball. Ninsabu aħna bħal din il-knisja? Iva, aħna kkonfrontati b'ħafna twemmin falz u sistemi reliġjużi esoteriċi jittantawna biex naraw forom superjuri ta' għarfien—(hekk imsejjaħ ħsieb liberali) kif għamlu n-nies ta' Tijatira l-antika.

**SARDI** kienet il-biċċa l-kbira mejta iżda ftit kienu ħajjin għal Alla. Kienet is-sempliċiment knisja nominali, li kienet tinsab fit-territorju tal-lapida. Ninsabu aħna bħal dawk ta' Sardi? Iva, aħna ngħożżu l-passat glorjuż—imma ħafna Kristjani huma mejta spiritwalment u niġġżu l-ilbies tagħhom.

**FILADELFJA** kienet attiva iżda kellha ħafna tiġrib qalil. Din kienet il-knisja fidila. L-Evanġelju kien emmnut u onorat kullimkien. Din kienet knisja "b'bieb miftuħ." Nistgħu aħna nkunu bħal dawk ta' Filadelfja? Iva, jiena sinċerament nittama li aħna nagħrfu l-bieb miftuħ li ħadd ma jista' jgħalqu, u li dejjem jipprovdi opportunitajiet ġodda għal servizz.

**LAODIKIJA** kienet bierda u li tmarrad. Tassew, din kienet il-knisja nofs qalb! Kienet il-knisja bil-bieb magħluq. Ninsabu aħna bħalhom? Iva, jiddispjaċini ngħid li ħafna Kristjani huma bierda. Aħna ma rriġettajniex direttament il-messaġġ, imma lanqas ma naċċettawh għal kollox. Aħna nistqarru l-għana u l-prosperità li wasslu għal kburija falza u arroganza.

6. Kull knisja kellha xi ħaġa komuni ma' kongregazzjonijiet oħra. Huma kellhom xogħol komuni. Huma kienu ikkonstitwiti u ikkummissjonati biex jagħtu d-dawl. Id-dawl tagħhom kien meħud minn Kristu, jiddi daqs ix-xemx fis-sema, u huma kienu dawk li jagħtu d-dawl Tiegħu fid-dlam tad-dinja Tiegħu. Huma kellhom idawwlu d-dinja bl-evanġelizzazzjoni. Nuqqas li dan jiffunzjona issuġġetta lill-knisja għal ċanfir, ġudizzju u għal penalita-jiet.

Knisja tista' saħansitra titlef l-eżistenza tagħha (Efesu). Fedeltà għall-fiduċja kienet magħrufa bi prem-jijiet. Għalkemm knisja mietet, il-membri tagħha li kkonvertew ma jintilfux (1 Korintin 3:15). Innota l-każ f'Sardi.

7. Kull knisja kellha Wieħed li jagħti l-liġi u l-eskutur. Kristu jiddikjara n-natura divina u l-awtorità suprema Tiegħu f'termini addattati għal kull knisja. Seba' darbiet aħna nisimgħu "*Ħa jsma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes.*" Huwa ċar li ebda bniedem ma kien il-Vigarju ta' Kristu fuq l-art. L-awtorità kollha kienet fi Kristu (Mattew 28: 18), li kien l-uniku Ras tal-knisja (Kol-ossin 1:18; Efesin 1:22). Din l-awtorità kienet eżerċitata għan-nom ta' Kristu mill-Ispirtu s-Santu (u mhux minn Vigarju) jindirizza lis-seba' knejjes.

8. Is-seba' knejjes, jiffunzjonaw għal Kristu, kienu l-aġenziji li permezz tagħhom "is-saltniet ta' din id-dinja kellhom isiru s-saltna tal-Mulej." "Imp-erfezzjoni" kienet miktuba fuq il-biċċa l-kbira tal-knejjes. Huma naqsu ħafna mill-ideal, għalkemm difettużi u fallibbli kif kienu, Kristu iddependa fuq-hom bħala li jagħtu d-dawl. Hu ma kellu ebda aġenzija oħra. Huma ma kell-homx ifallu. Bil-merti tad-demm tal-Ħaruf u permezz tax-xhieda tal-Kelma Tiegħu, dawk il-knejjes li kienu militanti jsiru trijonfanti. Huma jkunu aktar minn rebbieħa, u billi nkunu fidili aħna wkoll nistgħu nkunu hekk. L-appos-tlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jgħid,

> "*Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. Għax jien żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla għalina li dehret fi Kristu Ġesù Sidna*" (Rumani 8:37-39).

Dawn is-seba' ittri jpoġġu l-pedament għall-kumplament tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni li jgħamlu rġiel u nisa ta' dak iż-żmien u taż-żmien tagħna kapaċi "li jkunu jafu lil Ġesù Kristu aktar ċar, li jħobbuh aktar bil-qalb, u li jimxu warajh aktar biċ-ċar."

Kull ktieb fil-Bibbja huwa Kbir għaliex dan ġie minn Alla. Ebda ktieb ieħor ma hu aqwa minn Rivelazzjoni. Lanqas ma Rivelazzjoni ma hu aqwa mill-ħamsa-u sittin ktieb l-ieħor. Imma jalla aħna nħallu l-lezzjonijiet tiegħu li huma addattati llum daqs kemm kienu għall-knejjes ta' l-ewwel seklu jwasslu bil-qawwa kollha u biċ-ċar il-potenzjal li ngħelbu jew il-possibbiltà ta' l-apostasija. Dawn huma realtà fis-seklu tagħna daqs kemm kienu realtà fl-ewwel seklu kemm għal individwi kif ukoll għall-kongregazzjonijiet.

Dawn is-seba' knejjes huma rappreżentattivi tal-knisja tal-Mulej illum. Kif Hu jiddeskrivina llum? X'jista' jikteb dwarna? Isibna li aħna tajbin f'kollox, jew ħżiena f'kollox? Skond il-ħajja li ngħixu, aħna niddeterminaw x'jgħid il-Mulej lilna. Ħalli ngħixu Għalih u ma nħallux lis-soċjetà tidde-termina jew

tiddetta kif aħna ngħixu. Ħalli aħna lkoll ngħixu biex b'hekk inkunu nistgħu lkoll nirċievu l-kuruna tal-ħajja u ngħixu għal dejjem ma' Alla.

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (Rivelazzjoni 3:22).

## KONKLUŻJONI

Il-Ktieb ta' Rivelazzjoni huwa ktieb ta' nkoraġġiment u ta' ferħ. Dan kien mibgħut lill-knisja ippersegwitata biex juri t-trijonf ta' Kristu u tal-knisja Tiegħu fuq Satana u l-għajjutanti tiegħu. Kienu x'kienu ċ-ċirkustanzi kemm jekk ta' tifħir jew kritika f'kull ittra kien hemm nota ta' trijonf. F'kull knisja dawk li jirbħu kienu mwiegħda barka kbira.

**F'EFESU**: "*Lir-rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja …*" (2:7).
**FI ŻMIRNA**: "*Lir-rebbieħ ebda ħsara ma hi se tgħamillu t-tieni mewt.*" (2:11).
**F'PERGAMU**: "*Lir-rebbieħ nagħtih jiekol mill-manna moħbija…*" (2:17).
**F'TIJATIRA**: "*Lir-rebbieħ…nagħtih il-kewkba ta' fil-għodu*" (2:29).
**F'SARDI**: "*Lir-rebbieħ…ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja*" (3:5).
**F'FILADELFJA**: "*Lir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-tempju ta' Alla*" (3:12).
**FIL-LAODIKIJA**: "*Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi*" (3:21).

## IS-SITI TAS-SEBA' KNEJJES TA' L-ASJA BID-DISTANZI BEJNIETHOM U L-POPOLAZZJONI TA' KULL WAĦDA

| DISTANZA | KILOMETRI |
|---|---|
| Minn ŻMIRNA għal PERGAMU | 96 |
| PERGAMU għal TIJATIRA | 87 |
| TIJATIRA għal ŻMIRNA | 100 |
| ŻMIRNA għal SARDI | 107 |
| SARDI għal FILADELFJA | 45 |
| FILADELFJA għal LAODIKIJA | 127 |
| LAODIKIJA għal HIERAPOLIS | 13 |
| HIERAPOLIS għal EFESU | 226 |
| EFESU għal KUSADASI | 19 |
| EFESU għal IŻMIR | 75 |

## IL-POPOLAZZJONI F'DAWN L-AĦĦAR SNIN

| | | |
|---|---|---|
| 1. | TIJATIRA | 60,000 |
| 2. | EFESU (SELCUK) | 10,000 |
| 3. | ŻMIRNA (IZMIR) | 2,000,000 |
| 4. | PERGAMU (BERGAMA) | 40,000 |
| 5. | SARDI (SALIHLI) | 30,000 |
| 6. | FILADELFJA (ALASEHIR) | 20,000 |
| 7. | LAODIKIJA (DENIZILI) | 80,000 |